IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA



# 2017

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

## RAPPORT ANNWALI **2017**

## L-ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA

Ħarsa lejn l-attività ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

Il-Lussemburgu, 2018

curia.europa.eu

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
2925 LUSSEMBURGU
IL-LUSSEMBURGU
TEL: +352 4303-1

IL-QORTI ĠENERALI
2925 LUSSEMBURGU
IL-LUSSEMBURGU
TEL: +352 4303-1

Il-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-internet: curia.europa.eu

*Printed by Court of Justice of the European Union in Luxembourg*

Test miktub fi Frar 2018

La l-istituzzjoni u lanqas kull persuna li taġixxi f´isem l-istituzzjoni ma hija responsabbli għall-użu li jista´ jsir mill-informazzjoni mogħtija hawn isfel.

Il-Lussemburgu: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea / Direzzjoni tal-Komunikazzjoni –
Diviżjoni tal-Pubblikazzjonijiet u tal-Mezzi Elettroniċi

© Unjoni Ewropea, 2018

Ritratti © Georges Fessy
Ritratti © Gediminas Karbauskis

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kundizzjoni li jiġi indikat is-sors

Kull użu jew riproduzzjoni ta´ ritratti jew ta´ dokumenti oħra li tagħhom l-Unjoni Ewropea mhijiex il-proprjetarja tad-drittijiet tal-awtur huwa pprojbit mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-829-2826-4 | ISSN 2467-1002 | doi: 10.2862/78436 | QD-AP-18-001-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-829-2791-5 | ISSN 2467-1231 | doi: 10.2862/995024 | QD-AP-18-001-MT-N |
| EPUB | ISBN 978-92-829-2827-1 | ISSN 2467-1231 | doi: 10.2862/78152 | QD-AP-18-001-MT-E |

# WERREJ

*Daħla minn K. Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea* 8

## KAPITOLU I / IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**A/ ŻVILUPP U ATTIVITÀ TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA FL-2017** 12

**B/ ĠURISPRUDENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA FL-2017** 14

**I.** Drittijiet fundamentali 14

**II.** Ċittadinanza tal-Unjoni 19

**III.** Dispożizzjonijiet istituzzjonali 22

**1.** Kompetenzi tal-istituzzjonijiet Ewropej 22

**2.** Atti legali tal-Unjoni 23

**2.1.** Forma legali tal-atti 23

**2.2.** Proċeduri għall-adozzjoni tal-atti 23

**3.** Aċċess għal dokumenti 25

**4.** Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni 29

**IV.** Id-dritt tal-Unjoni u d-dritt nazzjonali 30

**V.** Kawżi tal-Unjoni 33

**VI.** Agrikoltura 34

**VII.** Libertajiet ta' moviment 35

**1.** Il-libertà ta' moviment tal-ħaddiema 35

**2.** Il-libertà ta' stabbiliment 36

**3.** Il-libertà li jiġu pprovduti servizzi 37

**VIII.** Kontrolli mal-fruntieri, ażil u immigrazzjoni 39

**1.** Politika tal-ażil 39

**1.1.** L-istatus ta' refuġjati 40

**1.2.** Ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali 41

**1.3.** Protezzjoni internazzjonali fil-każ ta' kriżi migratorja 45

**2.** Politika ta' immigrazzjoni 49

**IX.** Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili 50
**1.** Ir-Regolamenti Nru 44/2001 u Nru 1215/2012 dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali 50
**2.** Ir-Regolament Nru 1259/2010 dwar il-liġi applikabbli għad-divorzju 52
**3.** Ir-Regolament Nru 650/2012 fil-qasam tas-suċċessjonijiet 53

**X.** Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali 54

**XI.** Kompetizzjoni 56
**1.** L-Artikolu 101 TFUE 56
**1.1.** Ir-responsabbiltà tal-kumpannija omm 56
**1.2.** Ftehimiet vertikali 57
**2.** L-Artikolu 102 TFUE 58
**3.** Konċentrazzjonijiet 60
**4.** Proċedura ta' applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni 61
**5.** Għajnuna mill-Istat 63

**XII.** Dispożizzjonijiet fiskali 66

**XIII.** Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet 69
**1.** Proprjetà intellettwali u industrijali 69
**2.** Protezzjoni tad-data personali 72
**3.** Telekomunikazzjonijiet 74
**4.** Kummerċ elettroniku 75
**5.** Trasferiment ta' impriżi 76
**6.** Prodotti tal-ikel 77

**XIV.** Politika ekonomika u monetarja 78

**XV.** Politika soċjali 80

**XVI.** Protezzjoni tal-konsumaturi 81

**XVII.** Ambjent 83
**1.** Responsabbiltà ambjentali 83
**2.** Skambju ta' kwoti 84
**3.** Siti protetti 85
**4.** Il-Konvenzjoni ta' Aarhus 86

**XVIII.** Politika kummerċjali komuni 87

**XIX.** Ftehimiet internazzjonali 90

**XX.** Politika estera u ta' sigurtà komuni 94

**C/ L-ATTIVITÀ TAR-REĠISTRU TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA FL-2017** 100

**D/ STATISTIKA TAL-ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA** 104

**E/ KOMPOŻIZZJONI TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA** 132

**1.** Bidla fil-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2017 133

**2.** Ordnijiet protokollari 134

**3.** Ex membri tal-Qorti tal-Ġustizzja 136

## KAPITOLU II / IL-QORTI ĠENERALI

**A/ ATTIVITÀ TAL-QORTI ĠENERALI FL-2017** 142

**B/ ĠURISPRUDENZA TAL-QORTI ĠENERALI FL-2017** 144

Tendenzi fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali fl-2017 144

**I.** Proċedura ġudizzjarja 146

**1.** Ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni 146

**2.** Kunċett ta' att li jista' jiġi kkontestat 147

**3.** Rappreżentanza minn avukat li ma għandux il-kwalità ta' terz 148

**II.** Dritt istituzzjonali 149

**III.** Regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi 152

**1.** Kontribuzzjonijiet fil-qasam tal-Artikoli 101 u 102 TFUE 152

**2.** Kontribuzzjonijiet fil-qasam tal-konċentrazzjonijiet 155

**IV.** Għajnuna mill-Istat 158

**1.** Ammissibbiltà 158

**2.** Proċedura amministrattiva 158

**3.** Servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali 160

**V.** Proprjetà intellettwali 161

**1.** Kompożizzjoni tal-Bordijiet tal-Appell wara rinviju 161

**2.** Trade mark tal-Unjoni Ewropea 162

**a.** Il-portata u n-natura tal-istħarriġ eżerċitat mill-Bordijiet tal-Appell 162

**b.** Responsabbiltà mhux kuntrattwali 164

**c.** Motivi assoluti għal rifjut 164

**d.** Motivi relattivi għal rifjut 166

**3.** Disinni 168

**4.** Varjetajiet tal-pjanti 169

**VI.** Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi 170

**1.** L-Ukraina 170

**2.** Ir-Repubblika Tuneżina 173

**VII.** Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali 174

**VIII.** Protezzjoni tas-saħħa 176

**IX. Unjoni Doganali** 177

**X.** Dumping 178

**XI.** Superviżjoni tas-settur finanzjarju 180

**XII.** Kuntratti pubbliċi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni 183

**XIII.** Klawżola ta' arbitraġġ 184

**XIV.** Aċċess għal dokumenti tal-istituzzjonijiet 185

**1.** Dokumenti li jinsabu fil-fajl amministrattiv ta' proċedura relatata ma' abbuż minn pożizzjoni dominanti 185

**2.** Dokumenti redatti minn Stat Membru fil-kuntest ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu 186

**3.** Dokumenti miżmuma mill-ECHA fil-kuntest ta' proċedura dwar applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-użu ta' sustanza kimika 187

**4.** Dokumenti marbuta mat-talbiet sabiex jiġu sottomessi offerti dwar il-lottijiet kollha koperti minn sejħa għal offerti 188

**XV.** Servizz pubbliku 189

**XVI.** Kawżi għad-danni 195

**XVII.** Appelli 198

**XVIII.** Talbiet għal miżuri provviżorji 200

**C/ ATTIVITÀ TAR-REĠISTRU TAL-QORTI ĠENERALI FL-2017** 204

**I.** Effetti organizzattivi tad-dħul fis-servizz ta' żewġ imħallfin ġodda 205

**II.** Kompitu tal-assistenza ġudizzjarja 205

**III.** Kompitu ta' assistenza amministrattiva 209

**D/ STATISTIKA ĠUDIZZJARJA TAL-QORTI ĠENERAL** 212

**E/ KOMPOŻIZZJONI TAL-QORTI ĠENERALI** 238

**1.** Bidliet fil-kompożizzjoni tal-Qorti Ġenerali fl-2017 239

**2.** Ordnijiet protokollari 240

**3.** Ex membri tal-Qorti Ġenerali 243



**Koen LENAERTS**
President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Trasparenza u kooperazzjoni kienu l-kliem ewlenin matul is-sena 2017.

Fil-fatt, f'April ta' din is-sena, b'estensjoni tal-Forum tal-Membri tal-Ġudikatura li, xahar qabel, kien laqqa', fl-okkażjoni tas-sittin anniversarju tat-Trattat ta' Ruma, il-Membri tal-Istituzzjoni u l-Presidenti tal-qrati kostituzzjonali u supremi tal-Istati Membri madwar it-tema "In-netwerk tal-ġustizzja Ewropea: garanzija ta' ġustizzja ta' kwalità", tnieda n-"Netwerk Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea" ("Réseau judiciaire de l'Union européenne" (RJUE)), taħt il-patroċinju tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dan in-Netwerk, li beda jopera fit-3 ta' Jannar 2018, huwa intiż li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali permezz ta' pjattaforma multilingwi li tippermettilhom jikkondividu, f'ambjent ta' sigurtà kompleta, sensiela ta' informazzjoni u ta' dokumenti li huma mistennija jiffavorixxu l-għarfien reċiproku tal-ġurisprudenza tal-Unjoni u ta' dik tal-Istati Membri kif ukoll japprofondixxu d-djalogu fil-qasam tar-rinviji għal deċiżjoni preliminari bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali.

Nixtieq nieħu din l-opportunità sabiex nirringrazzja b'mod partikolari lid-dipartimenti tat-teknoloġiji tal-informazzjoni, tar-riċerka u tad-dokumentazzjoni, tal-komunikazzjoni u tat-traduzzjoni, li l-impenn u l-effiċjenza tagħhom kienu ta' kontribut kbir għall-interess u għall-entużjażmu maħluqa minn din l-inizjattiva fost is-67 qorti kostituzzjonali u supremi parteċipanti.

Mill-aspett istituzzjonali, l-ewwel tnejn mit-tliet fażijiet tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni, adottata mill-istanzi leġiżlattivi Ewropej f'Diċembru 2015, huma prattikament lesti. Għalkemm għadha mistennija l-aħħar ħatra sabiex tiġi ffinalizzata l-ewwel fażi li tinvolvi l-irdoppjar tan-numru tal-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali sal-2019, it-tieni fażi ta' din ir-riforma, għall-kuntrarju, ġiet konkluża permezz tad-dħul fil-kariga ta' żewġ Imħallfin supplimentari f'Ġunju u f'Ottubru 2017, rispettivament.

Fl-istess ħin, u filwaqt li t-tnaqqis kunsiderevoli fit-tul tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali huwa riflessjoni tal-ewwel riżultati tanġibbli ta' din ir-riforma importanti, il-Qorti tal-Ġustizzja, bi tweġiba għall-istedina magħmula mil-leġiżlatur tal-Unjoni, bagħtet lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, fl-14 ta' Diċembru li għadda, rapport li jikkonkludi li, f'dan l-istadju, ma hemmx lok li jkun hemm trasferiment parzjali ta' kompetenza preliminari lill-Qorti Ġenerali filwaqt li jħabbar riflessjoni iktar estiża dwar it-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari fil-qasam tar-rikorsi diretti, kif ukoll dwar it-trattament tal-appelli mill-Qorti tal-Ġustizzja.

Fuq livell intern, is-sena 2017 kienet ikkaratterizzata wkoll minn riorganizzazzjoni tad-dipartimenti amministrattivi tal-Istituzzjoni li hija intiża, f'kuntest baġitarju restrittiv u f'ambjent ikkaratterizzat minn żieda kostanti fil-volum ta' xogħol u minn żvilupp mgħaġġel fit-teknoloġiji, li jinkisbu sinerġiji importanti u li d-dipartimenti jitressqu dejjem eqreb lejn il-ħtiġijiet tal-attività ġudizzjarja. L-għan ta' din ir-ristrutturazzjoni, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2018, huwa wkoll li tippermetti lill-Istituzzjoni tħaddan approċċ ta' trasparenza u ta' kooperazzjoni msaħħa mad-diversi interlokutori tagħha, b'mod partikolari dawk nazzjonali.

B'mod konkret, l-istruttura amministrattiva tal-Istituzzjoni issa hija mibnija madwar tliet direttorati ġenerali – minflok erbgħa bħalma kienet sa issa –, jiġifieri Direttorat Ġenerali tal-Amministrazzjoni, Direttorat Ġenerali tal-Multilingwiżmu – l-ewwel wieħed fost l-istituzzjonijiet Ewropej – u Direttorat Ġenerali tal-Informazzjoni, filwaqt li d-Direttorat tar-Riċerka u tad-Dokumentazzjoni kif ukoll id-Diviżjoni "Proġetti u Koordinazzjoni Terminoloġiċi" jaqgħu direttament taħt ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Mill-aspett tal-istatistika, ir-ritmu tas-sena li għaddiet baqa' għoli ħafna. In-numru globali ta' kawżi mressqa quddiem il-qrati li jikkostitwixxu l-Istituzzjoni (1656) jirrappreżenta żieda fil-konfront ta' dak tal-2016 (1604). Din iż-żieda tgħodd, b'mod partikolari, għall-Qorti tal-Ġustizzja li quddiemha s-sena li għaddiet tressqu numru rekord ta' kawżi (739). Min-naħa tiegħu, in-numru ta' kawżi magħluqa fl-2017 baqa' f'livell ferm rispettabbli (1594, meta fl-2016 kien 1628).

Dan ir-rapport jagħti lill-qarrej preżentazzjoni sħiħa tal-evoluzzjoni u tal-attività tal-Istituzzjoni matul is-sena 2017. Bħal fis-snin preċedenti, parti sostanzjali hija ddedikata għall-preżentazzjonijiet qosra iżda eżawrjenti tal-attività ġudizzjarja fil-veru sens tal-kelma tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali. Din l-analiżi mbagħad hija kkompletata permezz ta' data fil-forma ta' statistika speċifika għal kull qorti, li hija ppreċeduta b'introduzzjoni qasira.

Nieħu din l-opportunità sabiex nirringrazzja minn qalbi lill-kollegi tiegħi u lill-membri kollha tal-persunal għad-dedikazzjoni tagħhom u għax-xogħol notevoli tagħhom fis-servizz tal-Istituzzjoni tagħna u, permezz tagħha, tal-proġett Ewropew. L-għoti, f'Ottubru 2017, tal-premju "Concorde" mill-Fundación Princesa de Asturias lill-Unjoni Ewropea għall-"mudell uniku ta' integrazzjoni supranazzjonali" tagħha li "ppermetta l-itwal perijodu ta' paċi fl-Ewropa moderna" u t-tixrid universali ta' "valuri bħal-libertà, id-drittijiet tal-bniedem u s-solidarjetà" ifakkarna, f'kuntest li għadu kkaratterizzat mit-terroriżmu, mill-kriżi migratorja u mill-iżolament minn persuni differenti, fil-ħtieġa li nsostnu kontinwament l-importanza ta' dawn il-valuri bażiċi u li nikkonfermaw l-impenn mingħajr riżervi tagħna lejn dawn il-valuri.





# KAPITOLU I

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

# A/ ŻVILUPP U ATTIVITÀ TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA FL-2017

Mill-President Koen LENAERTS

Dan l-ewwel kapitolu jippreżenta b'mod qasir l-attivitajiet tal-Qorti tal-Ġustizzja matul is-sena 2017. Dan il-kapitolu jagħti, fl-ewwel parti (A), ħarsa ġenerali lejn l-iżvilupp tal-qorti matul is-sena li għaddiet u lejn l-attività ġudizzjarja tagħha. It-tieni parti (B) tippreżenta, bħal kull sena, l-iżviluppi prinċipali fil-ġurisprudenza, ikklassifikati skont is-suġġett, filwaqt li t-tielet u r-raba' parti jiddeskrivu l-attività tar-Reġistru matul il-perijodu ta' riferiment (C) kif ukoll l-istatistika dwar is-sena ġudizzjarja li għaddiet (D). Finalment, il-ħames parti (E) tippreżenta l-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja matul din l-istess sena.

**1.1.** Is-sena 2017 kienet ikkaratterizzata minn stabbiltà perfetta fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-qorti, kemm fir-rigward tal-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja u kemm fir-rigward tal-Avukati Ġenerali, sa fejn fil-fatt matul din is-sena ma kien hemm ebda tluq ġdid u ebda dħul fil-kariga ġdid.

**1.2.** Fir-rigward tal-funzjonament istituzzjonali, matul is-sena li għaddiet kompliet tiġi implimentata r-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni li tirriżulta mir-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 341, p. 14), riforma li għandha twassal għall-irdoppjar tan-numru tal-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali sal-2019. Għalkemm għad fadal ħatra waħda sabiex tiġi ffinalizzata l-ewwel fażi ta' din ir-riforma, it-tieni fażi tagħha ntemmet bid-dħul fil-kariga ta' żewġ Imħallfin supplimentari, li daħlu fil-kariga tagħhom fil-kuntest ta' udjenzi solenni li nżammu fit-8 ta' Ġunju u fl-4 ta' Ottubru 2017.

**2.** Fir-rigward tal-istatistika, filwaqt li l-qarrej jintalab jirreferi għall-kummenti magħmula, bħala introduzzjoni tal-parti C ta' dan il-kapitolu tar-Rapport Annwali, dwar id-data marbuta mas-sena li għaddiet, hawnhekk ser jiġu deskritti biss, fil-qosor, it-tendenzi ewlenin li jistgħu jiġu identifikati fuq il-bażi ta' din id-data.

L-ewwel element notevoli huwa marbut man-numru ta' kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fl-2017. Fil-fatt, matul is-sena li għaddiet tressqu 739 kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li huwa rekord ġdid fl-istorja tal-Istituzzjoni filwaqt li jegħleb ir-rekord tal-2015 (713). Dan in-numru rekord huwa dovut b'mod partikolari għaż-żieda fin-numru ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari (533, jiġifieri +13 % meta mqabbla mar-rekord preċedenti tal-2016), żieda li fil-parti l-kbira tagħha hija dovuta għat-tressiq ta' sensiela ta' kawżi simili (43) dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 261/2004, dwar il-kumpens għall-passiġġieri tal-ajru [1]. Fl-istess waqt, kompliet it-tendenza ta' żieda fin-numru ta' rikorsi għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu (41 fl-2017, li kienu 31 fl-2016). Min-naħa tiegħu, in-numru ta' appelli ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fl-2017 (141) huwa inqas minn dak tal-appelli ppreżentati fis-sentejn preċedenti (206 fl-2015 u 168 fl-2016).

Statistika notevoli oħra tas-sena li għaddiet tikkonċerna n-numru globali ta' kawżi magħluqa mill-Qorti tal-Ġustizzja: b'699 kawża magħluqa, il-Qorti tal-Ġustizzja laħqet, fl-2017, livell ta' produttività prattikament ekwivalenti għal dak tas-sena preċedenti (704). Meta jittieħed inkunsiderazzjoni t-tgħaqqid tal-kawżi "dwar il-passiġġieri tal-ajru" msemmija iktar 'il fuq, il-bilanċ għas-sena 2017 huwa wieħed ekwilibrat (b'697 kawża mressqa u 699 kawża magħluqa).

1/ Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

Fir-rigward tat-tul medju tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, it-tul tat-trattament tal-kawżi preliminari, għalkemm żdied ftit meta mqabbel mal-2016 (15-il xahar, li jikkostitwixxi perijodu ta' żmien storikament baxx), baqa' ta' inqas minn 16-il xahar (15.7 xhur), li jibqa' tul ferm rispettabbli fid-dawl tal-kumplessità ta' ċerti leġiżlazzjonijiet reċentement imressqa għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Iż-żieda hija iktar notevoli fir-rigward tat-trattament tal-appelli (17.1 xahar meta fl-2016 kien ta' 12.9 xhur). Din iż-żieda hija dovuta, fil-parti l-kbira tagħha, għall-għeluq, matul is-sena li għaddiet, ta' kawżi kumplessi fil-qasam tal-kompetizzjoni, fosthom 14-il proċedura ta' appell fi proċess voluminuż ta' akkordji bejn fabbrikanti ta' installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju.

# B/ ĠURISPRUDENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA FL-2017

## I. DRITTIJIET FUNDAMENTALI

Matul is-sena 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja tat diversi deċiżjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni Ewropea. Uħud minn dawn id-deċiżjonijiet mogħtija dwar dan is-suġġett qed jiġu ppreżentati f'dan ir-rapport [1]. L-***Opinjoni 1/15*** kif ukoll is-sentenzi ***G4S Secure Solutions*** (C-157/15), ***Bougnaoui u ADDH*** (C-188/15), ***Florescu*** (C-258/14) u ***Jyske Finans*** (C-668/15) għandhom jiġu ppreżentati b'mod partikolari f'din it-taqsima.

Fl-***Opinjoni 1/15*** (EU:C:2017:592) tas-26 ta' Lulju 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni *dwar il-kompatibbiltà mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati u, għall-ewwel darba, ma' dawk tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") ta' ftehim internazzjonali, jiġifieri l-ftehim innegozjat bejn il-Kanada u l-Unjoni dwar it-trasferiment u l-ipproċessar ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri, li ġie ffirmat fl-2014*. Il-ftehim previst jippermetti t-trasferiment sistematiku u kontinwu tad-data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (data PNR) tal-passiġġieri tal-ajru kollha li jkunu qegħdin jivvjaġġaw bejn il-Kanada u l-Unjoni lill-awtorità kompetenti Kanadiża sabiex tintuża u tinżamm kif ukoll sabiex eventwalment tingħadda lil awtoritajiet oħra u lil pajjiżi terzi oħra, bil-għan li jiġu miġġielda t-terroriżmu u l-forom serji ta' kriminalità transnazzjonali.

Fid-dawl tad-diversi istanzi ta' ppro ċessar li tagħhom id-data PNR tista' tkun is-suġġett skont il-ftehim previst, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li dawn jaffettwaw id-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata, iggarantit mill-Artikolu 7 tal-Karta, u li jaqgħu wkoll taħt l-Artikolu 8 tal-imsemmija karta, minħabba li jikkostitwixxu istanzi ta' pproċessar ta' data personali fis-sens ta' dan l-artikolu. Fir-rigward ta' eventwali ġustifikazzjoni għal dan l-indħil, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-għan imfittex mill-ftehim previst, jiġifieri li tiġi żgurata s-sigurtà pubblika permezz ta' trasferiment tad-data PNR lejn il-Kanada u permezz tal-użu tagħha fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transnazzjonali serja, jikkostitwixxi għan ta' interess ġenerali tal-Unjoni li jista' jiġġustifika ndħil, anki serju, fid-drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, bil-kundizzjoni li dan l-indħil jitwettaq fil-limiti ta' dak li jkun strettament neċessarju.

Issa, fir-rigward tal-possibbiltà ta' trasferiment lejn il-Kanada ta' data sensittiva, bħall-oriġini tar-razza jew etnika, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija f'sindakat, l-istat tas-saħħa jew il-ħajja sesswali tal-passiġġier, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fid-dawl tar-riskju ta' pproċessar kuntrarju għall-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni stabbilita fl-Artikolu 21 tal-Karta, trasferiment ta' din id-data jeħtieġ ġustifikazzjoni preċiża u partikolarment issostanzjata, ibbażata fuq raġunijiet differenti mill-protezzjoni tas-sigurtà pubblika kontra

1/ Is-sentenzi ppreżentati huma s-segwenti: is-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2017, ***Florescu et*** (C-258/14, EU:C:2017:448), ippreżentata fit-Taqsima I, "Drittijiet fundamentali"; is-sentenza tal-10 ta' Mejju 2017, ***Chavez-Vilchez et*** (C-133/15, EU:C:2017:354), ippreżentata fit-Taqsima II, "Ċittadinanza tal-Unjoni"; is-sentenzi tas-16 ta' Frar 2017, ***C. K. et*** (C-578/16 PPU, EU:C:2017:127); tas-7 ta' Marzu 2017, ***X u X*** (C-638/16 PPU, EU:C:2017:173); tal-15 ta' Marzu 2017, ***Al Chodor et*** (C-528/15, EU:C:2017:213); tal-25 ta' Ottubru 2017, ***Shiri*** (C-201/16, EU:C:2017:805); tas-26 ta' Lulju 2017, ***Jafari*** (C-646/16, EU:C:2017:586), u tas-6 ta' Settembru 2017, ***Is-Slovakkja u L-Ungerija vs Il-Kunsill*** (C-643/15 u C-647/15, EU:C:2017:631), ippreżentati fit-Taqsima VIII.1, "Il-politika tal-ażil"; is-sentenzi tas-7 ta' Marzu 2017, ***RPO*** (C-390/15, EU:C:2017:174), u tas-16 ta' Mejju 2017, ***Berlioz Investment Fund*** (C-682/15, EU:C:2017:373), ippreżentati fit-Taqsima XII, "Dispożizzjonijiet fiskali"; is-sentenza tad-29 ta' Novembru 2017, ***King*** (C-214/16, EU:C:2017:914), ippreżentata fit-Taqsima XV, "Politika soċjali"; is-sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, ***Protect Natur-, Arten- und Landschaftsschutz Umweltorganisation*** (C-664/15, EU:C:2017:987), ippreżentata fit-Taqsima XVII.4, "Il-Konvenzjoni ta' Aarhus", u s-sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, ***Rosneft*** (C-72/15, EU:C:2017:236), ippreżentata fit-Taqsima XX, "Politika estera u ta' sigurtà komuni".

t-terroriżmu u l-kriminalità transnazzjonali serja. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, f'dan il-każ, ma kienx hemm tali ġustifikazzjoni. Minn dan hija kkonkludiet li d-dispożizzjonijiet tal-ftehim dwar it-trasferiment ta' din id-data kif ukoll dwar l-ipproċessar u ż-żamma ta' din id-data kienu inkompatibbli mad-drittijiet fundamentali.

Mill-banda l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, fir-rigward ta' data differenti mid-data sensittiva, id-dispożizzjonijiet tal-ftehim previst ma jaqbżux il-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju sa fejn jippermettu t-trasferiment tad-data PNR tal-passiġġieri tal-ajru kollha lejn il-Kanada. Fil-fatt, l-analiżi awtomatizzata tad-data PNR hija intiża li tidentifika r-riskju għas-sigurtà pubblika li jistgħu eventwalment jippreżentaw persuni li ma humiex magħrufa mid-dipartimenti kompetenti u li, minħabba f'dan ir-riskju, jistgħu jiġu suġġetti għal eżami bir-reqqa mal-fruntieri. Dan l-ipproċessar tad-data jiffaċilita u jħaffef il-kontrolli ta' sigurtà li għalihom, skont l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ta' Chicago [2], huma suġġetti l-passiġġieri tal-ajru kollha li jixtiequ jidħlu fil-Kanada jew joħorġu minn dan il-pajjiż, liema passiġġieri huma obbligati josservaw il-kundizzjonijiet għad-dħul u għall-ħruġ stabbiliti mid-dritt Kanadiż fis-seħħ. Għall-istess raġunijiet, sakemm il-passiġġieri jkunu jinsabu fil-Kanada jew ikunu ser jitilqu minn dan il-pajjiż terz, teżisti r-rabta neċessarja bejn din id-data u l-għan imfittex minn dan il-ftehim, b'tali mod li dan tal-aħħar ma jaqbiżx il-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju minħabba s-sempliċi fatt li jippermetti ż-żamma u l-użu sistematiċi tad-data PNR tagħhom.

Madankollu, fir-rigward tal-użu tad-data PNR matul is-soġġorn tal-passaġġieri tal-ajru fil-Kanada, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, peress li, wara verifika tad-data PNR tagħhom, il-passiġġieri tal-ajru jkunu ġew ammessi għad-dħul fit-territorju ta' dan il-pajjiż terz, l-użu ta' din id-data matul is-soġġorn tagħhom fil-Kanada għandu jkun ibbażat fuq ċirkustanzi ġodda li jiġġustifikaw dan l-użu. Dan għalhekk jeħtieġ regoli li jipprevedu l-kundizzjonijiet sostantivi u proċedurali li jirregolaw tali użu sabiex, b'mod partikolari, tiġi protetta d-data kkonċernata kontra r-riskji ta' abbuż. Tali regoli għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi sabiex jiġu ddefiniti ċ-ċirkustanzi u l-kundizzjonijiet li fihom l-awtoritajiet Kanadiżi kkonċernati mill-ftehim previst ikunu awtorizzati jużawha. Sabiex tiġi żgurata, fil-prattika, l-osservanza sħiħa ta' dawn il-kundizzjonijiet, l-użu matul is-soġġorn tal-passiġġieri tal-ajru fil-Kanada tad-data PNR miżmuma għandu, bħala prinċipju u ħlief f'każijiet ta' urġenza debitament iġġustifikati, ikun suġġett għal stħarriġ minn qabel imwettaq minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti, u d-deċiżjoni ta' din il-qorti jew ta' din l-entità għandha tingħata fuq talba motivata tal-awtoritajiet kompetenti, imressqa, b'mod partikolari, fil-kuntest ta' proċeduri ta' prevenzjoni, ta' skoperta jew ta' prosekuzzjoni kriminali.

Barra minn hekk, il-ħażna kontinwa tad-data PNR tal-passiġġieri tal-ajru kollha li jippermetti l-ftehim previst, wara t-tluq tagħhom mill-Kanada, ma tikkostitwixxix indħil limitat għal dak li huwa strettament neċessarju. Fil-fatt, fir-rigward tal-passiġġieri tal-ajru li fir-rigward tagħhom ma jkunx ġie identifikat riskju marbut mat-terroriżmu jew mal-kriminalità transnazzjonali serja mal-wasla tagħhom fil-Kanada u sat-tluq tagħhom minn dan il-pajjiż, ma jidhirx, ladarba jkunu telqu, li teżisti relazzjoni, imqar waħda indiretta, bejn id-data PNR tagħhom u l-għan imfittex mill-ftehim previst, li tista' tiġġustifika ż-żamma ta' din id-data. Mill-banda l-oħra, ħażna tad-data PNR tal-passiġġieri tal-ajru li fir-rigward tagħhom jiġu identifikati elementi oġġettivi li jippermettu li jitqies li, anki wara t-tluq tagħhom mill-Kanada, jistgħu jippreżentaw tali riskju hija ammissibbli lil hinn mis-soġġorn tagħhom f'dan il-pajjiż, u saħansitra għal tul ta' ħames snin.

Peress li mhux kull indħil li jimplika l-ftehim previst huwa limitat għal dak li huwa strettament neċessarju u għalhekk ma huwiex iġġustifikat f'kull każ, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-ftehim previst ma jistax jiġi konkluż fil-forma attwali tiegħu.

**2/** Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, iffirmata f'Chicago fis-7 ta' Diċembru 1944 (*Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti* Vol. 15, Nru 102).

Fil-kawżi li taw lok għas-sentenzi ***G4S Secure Solutions*** (C-157/15, EU:C:2017:203) u ***Bougnaoui u ADDH*** (C-188/15, EU:C:2017:204), mogħtija fl-14 ta' Marzu 2017, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tagħti deċiżjoni *dwar il-kompatibbiltà mad-Direttiva 2000/78* [3] *tal-projbizzjoni, mill-persuna li timpjega, tal-ilbies viżibbli ta' sinjali reliġjużi fuq il-post tax-xogħol*. F'dawn is-sentenzi, l-imsemmija direttiva ġiet interpretata, b'mod partikolari, fid-dawl tal-Artikolu 10(1) tal-Karta, li jistabbilixxi d-dritt għal-libertà tal-kuxjenza u tar-reliġjon.

L-ewwel kawża kienet tikkonċerna ħaddiema li kienet tkeċċiet għaliex, minkejja regola interna tal-impriża tagħha li tipprojbixxi l-ilbies viżibbli ta' kull sinjal politiku, filosofiku jew reliġjuż fuq il-post tax-xogħol, hija kienet indikat diversi drabi li xtaqet tilbes il-velu Iżlamiku matul il-ħinijiet tax-xogħol. Fit-tieni kawża, ħaddiema kienet tkeċċiet wara li l-persuna li timpjegaha, fuq il-bażi ta' lment minn klijent li miegħu kienet assenjata l-ħaddiema, talbitha ma tibqax tilbes il-velu sabiex tosserva l-prinċipju ta' newtralità neċessarja fir-rigward tal-klijentela tagħha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li d-dritt għal-libertà tal-kuxjenza u tar-reliġjon iggarantit fl-Artikolu 10(1) tal-Karta jikkorrispondi għad-dritt iggarantit fl-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB) u li, skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta, huwa għandu l-istess sens u l-istess portata bħal dan. Sa fejn il-KEDB u, għalhekk, il-Karta, jagħtu sens wiesa' lill-kunċett ta' "reliġjon", sa fejn jinkludu f'dan il-kunċett il-libertà tal-persuni li jimmanifestaw ir-reliġjon tagħhom, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li dan il-kunċett għandu jiġi interpretat fis-sens tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2000/78 bħala li jkopri kemm l-aspett intern, jiġifieri li wieħed ikollu twemmin, kif ukoll l-aspett estern, jiġifieri l-manifestazzjoni fil-pubbliku tal-fidi reliġjuża.

Fl-ewwel kawża, sa fejn ir-regola interna inkwistjoni tirreferi għall-ilbies ta' sinjali viżibbli ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż u tkopri għaldaqstant mingħajr distinzjoni kwalunkwe manifestazzjoni ta' tali twemmin, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din ir-regola għandha, għaldaqstant, titqies li tittratta b'mod identiku lill-ħaddiema kollha tal-impriża, billi timponi fuqhom, b'mod ġenerali u mingħajr distinzjoni, b'mod partikolari newtralità fl-ilbies li tipprekludi l-ilbies ta' tali sinjali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett iddeċidiet li l-projbizzjoni li jintlibes il-velu Iżlamiku li tirriżulta minn tali regola interna ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni diretta bbażata fuq ir-reliġjon jew fuq it-twemmin fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/78. Mill-banda l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li din l-istess regola interna tista' tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) ta' din id-direttiva jekk jiġi stabbilit li l-obbligu apparentament newtrali li hija tipprevedi jwassal, fil-fatt, għal żvantaġġ partikolari għall-persuni affiljati ma' reliġjon jew twemmin partikolari, sakemm ma tkunx iġġustifikata oġġettivament minn għan leġittimu, bħall-fatt li l-persuna li timpjega ssegwi, fir-relazzjonijiet tagħha mal-klijenti tagħha, politika ta' newtralità politika, filosofika kif ukoll reliġjuża, u sakemm il-mezzi sabiex jintlaħaq dan l-għan ikunu xierqa u neċessarji, punt dan li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

Fit-tieni kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja, barra minn hekk, enfasizzat li huwa biss f'kundizzjonijiet limitati ħafna li karatteristika marbuta, b'mod partikolari, mar-reliġjon tista' tikkostitwixxi rekwiżit professjonali essenzjali u determinanti. Fil-fatt, dan il-kunċett jirreferi għal rekwiżit oġġettivament mitlub min-natura jew mill-kundizzjonijiet tal-eżerċizzju ta' attività professjonali u ma jkoprix kunsiderazzjonijiet suġġettivi, bħar-rieda tal-persuna li timpjega li tieħu inkunsiderazzjoni xewqat partikolari tal-klijent. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li r-rieda ta' persuna li timpjega li tieħu inkunsiderazzjoni x-xewqat tal-klijent li s-servizzi tal-imsemmija persuna li timpjega ma jibqgħux jiġu pprovduti minn ħaddiema li tkun liebsa velu Iżlamiku ma tistax titqies li hija rekwiżit professjonali essenzjali u determinanti fis-sens tad-Direttiva.

**3/** Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

Fis-sentenza ***Jyske Finans*** (C-668/15, EU:C:2017:278), mogħtija fis-6 ta' April 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar *il-projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni diretta jew indiretta bbażata fuq l-oriġini etnika* prevista fl-Artikolu 2(2)(a) u (b) tad-Direttiva 2000/43 [4]. F'dan il-każ, l-individwu kkonċernat, imwieled fil-Bosnja-Ħerzegovina, kien jirrisjedi fid-Danimarka, pajjiż li tiegħu kien kiseb in-nazzjonalità fl-2000. Fil-kuntest tal-akkwist, permezz ta' self, flimkien mas-sieħba Daniża tiegħu, ta' karozza użata, il-kumpannija tal-kreditu kienet talbitu, minħabba li l-liċenzja tas-sewqan tiegħu kienet issemmi pajjiż ta' twelid li ma huwiex Stat Membru tal-Unjoni jew tal-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles (EFTA), prova ta' identifikazzjoni addizzjonali billi jippreżenta kopja tal-passaport tiegħu jew tal-permess ta' residenza tiegħu. Tali talba ma saritx lis-sieħba tiegħu, li kienet twieldet fid-Danimarka. Peress li qies li din il-prassi tal-kumpannija ta' kreditu kienet diskriminatorja, l-individwu kkonċernat ressaq il-każ quddiem il-Kummissjoni Daniża għall-Ugwaljanza fit-Trattament, li tatu kumpens għal diskriminazzjoni indiretta. Peress li qieset li kienet osservat l-obbligi tagħha taħt il-leġiżlazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus [5], il-kumpannija ta' kreditu, li kienet ir-rikorrenti quddiem il-qorti tar-rinviju, ikkontestat il-klassifikazzjoni ta' din il-prassi bħala waħda diskriminatorja.

Fl-ewwel lok, filwaqt li eżaminat jekk il-prassi inkwistjoni kinitx tikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta bbażata fuq l-oriġini etnika, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk il-pajjiż tat-twelid kellux jitqies bħala marbut b'mod dirett jew li ma jistax jiġi sseparat ma' oriġini etnika speċifika. Hija osservat li oriġini etnika ma tistax tiġi ddeterminata abbażi ta' kriterju wieħed biss, iżda għandha, għall-kuntrarju, tkun ibbażata fuq sensiela sħiħa ta' elementi, li xi wħud minnhom huma ta' natura oġġettiva u oħrajn huma ta' natura suġġettiva, bħalma huma, b'mod partikolari, in-nazzjonalità, il-fidi reliġjuża, il-lingwa, l-oriġini kulturali u tradizzjonali u l-ambjent ta' għajxien komuni. Għaldaqstant, hija ddeċidiet li l-pajjiż tat-twelid ma jistax, waħdu, jiġġustifika preżunzjoni ġenerali ta' appartenenza għal grupp etniku speċifiku ta' natura li tistabbilixxi l-eżistenza ta' rabta diretta jew li ma tistax tiġi sseparata bejn dawn iż-żewġ kunċetti. Għalhekk, ma jistax jitqies li r-rekwiżit ta' identifikazzjoni addizzjonali inkwistjoni huwa bbażat direttament fuq l-oriġini etnika u, għaldaqstant, li din il-prassi timplika differenza fit-trattament ibbażata direttament fuq l-oriġini etnika.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk il-prassi inkwistjoni, għalkemm ifformulata b'mod newtrali, tikkostitwixxix diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq l-oriġini etnika li tista' twassal għal żvantaġġ partikolari għall-persuni ta' razza jew ta' oriġini etnika partikolari meta mqabbla ma' persuni oħra. F'dan ir-rigward, hija indikat li l-eżistenza ta' trattament sfavorevoli ma tistax tiġi kkunsidrata b'mod ġenerali u astratt iżda b'mod speċifiku u konkret, fid-dawl tat-trattament favorevoli inkwistjoni. B'hekk, hija kkonkludiet billi ċaħdet l-argument li l-użu tal-kriterju inkwistjoni fil-kawża prinċipali, marbut mal-pajjiż tat-twelid, ser jaffettwa l-iktar probabbilment, b'mod ġenerali, lill-persuni ta' "oriġini etnika partikolari" meta mqabbla ma' "persuni oħra". Hija għalhekk ċaħdet, fl-istess sens, l-argument li l-użu ta' dan il-kriterju jisfavorixxi lill-persuni li l-oriġini etnika tagħhom hija dik ta' pajjiż li ma huwiex Stat Membru tal-Unjoni jew tal-EFTA.

Peress li l-prassi inkwistjoni fil-kawża prinċipali la kienet marbuta direttament u lanqas indirettament mal-oriġini etnika tal-persuna kkonċernata, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li din il-prassi ma kinitx prekluża mill-Artikolu 2(2)(a) u (b) tad-Direttiva 2000/43.

Fit-13 ta' Ġunju 2017, fis-sentenza ***Florescu et*** (C-258/14, EU:C:2017:448), l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni *dwar l-interpretazzjoni tal-Memorandum ta' Ftehim konkluż fl-2009 bejn il-Komunità Ewropea u r-Rumanija* li jipprevedi, fil-punt 5 tiegħu, li l-ħlas ta' kull parti tal-għajnuna finanzjarja mogħtija mill-Unjoni lir-Rumanija għandu

**4/** Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 20, Vol. 1, p. 23).

**5/** Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU 2005, L 309, p. 15).

jkun suġġett għall-implementazzjoni sodisfaċenti ta' riformi strutturali tal-finanzi pubbliċi, kif ukoll dwar *diversi dispożizzjonijiet tad-dritt primarju tal-Unjoni, b'mod partikolari dwar l-Artikolu 17 tal-Karta*. It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tikkonċerna *leġiżlazzjoni Rumena li tipprevedi l-projbizzjoni li l-pensjoni tal-irtirar netta fis-settur pubbliku tiġi akkumulata mad-dħul minn attivitajiet imwettqa ma' istituzzjonijiet pubbliċi jekk l-ammont tagħha jaqbeż ċertu livell*. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kienu eżerċitaw, fl-istess ħin mal-professjoni tagħhom ta' membri tal-ġudikatura, attività bħala lecturers universitarji. Meta rtiraw mill-pożizzjoni tagħhom bħala membri tal-ġudikatura, huma setgħu, inizjalment, jakkumulaw il-pensjoni tal-irtirar tagħhom mad-dħul miksub mill-attività tagħhom bħala lecturers universitarji. Issa, tali kumulu kien ġie pprojbit wara l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni. Għalhekk, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali sostnew, quddiem qorti nazzjonali, li din il-leġiżlazzjoni kienet tmur kontra d-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (Trattat UE) u tal-Karta, minkejja l-fatt li din il-leġiżlazzjoni kienet ġiet adottata sabiex tiġi żgurata konformità mal-Memorandum ta' Ftehim imsemmi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-bażi legali tal-Memorandum ta' Ftehim hija l-Artikolu 143 TFUE, li jagħti lill-Unjoni l-kompetenza sabiex tagħti għajnuna reċiproka lil Stat Membru li l-munita tiegħu ma hijiex l-euro u li jkollu diffikultajiet jew ikun mhedded b'mod serju b'diffikultajiet dwar il-bilanċ tal-pagamenti tiegħu. Hija għalhekk iddeċidiet li, peress li jikkonkretizza impenn bejn l-Unjoni u Stat Membru dwar programm ekonomiku, dan il-memorandum ta' ftehim għandu jitqies li huwa att adottat minn istituzzjoni tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, li jista', għaldaqstant, ikun suġġett għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. F'dan ir-rigward, hija osservat li, filwaqt li ma għandux natura vinkolanti, l-imsemmi memorandum ta' ftehim ma fih ebda dispożizzjoni speċifika li timponi l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni. Għaldaqstant, kienu l-awtoritajiet nazzjonali, fil-limiti tal-kriterji stabbiliti fil-Memorandum ta' Ftehim, li kellhom jiddeċiedu l-aħjar miżuri sabiex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi eżaminat il-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni mal-Artikolu 6 TUE kif ukoll mal-Artikolu 17 tal-Karta, dwar id-dritt għall-proprjetà. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet, fl-ewwel lok, li din il-leġiżlazzjoni hija intiża li timplementa l-impenji aċċettati mir-Rumanija fil-Memorandum ta' Ftehim, b'tali mod li l-Karta, b'mod partikolari l-Artikolu 17 tagħha, hija applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali. Madankollu, hija osservat li l-imsemmija leġiżlazzjoni għandha natura eċċezzjonali u hija intiża li tkun temporanja. Hija barra minn hekk osservat li din il-leġiżlazzjoni ma ddaħħalx inkwistjoni d-dritt għall-pensjoni bħala prinċipju iżda tillimita l-eżerċizzju ta' dan id-dritt f'ċirkustanzi ddefiniti u ddelimitati sew. B'hekk, l-imsemmija leġiżlazzjoni tosserva l-kontenut essenzjali tad-dritt għall-proprjetà li minnu jgawdu r-rikorrenti fir-rigward tal-pensjonijiet tagħhom. Fit-tieni lok, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-għanijiet ta' din il-leġiżlazzjoni, li jikkonsistu fit-tnaqqis tal-ispejjeż salarjali tas-settur pubbliku u fir-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet f'kuntest eċċezzjonali ta' kriżi finanzjarja u ekonomika fir-Rumanija, jikkostitwixxu għanijiet ta' interess ġenerali. Fir-rigward tal-adegwatezza u tan-neċessità tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, fl-aħħar lok, osservat li, fid-dawl tal-kuntest ekonomiku partikolari, l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' meta jadottaw deċiżjonijiet fil-qasam ekonomiku u li huma jinsabu fl-aħjar pożizzjoni sabiex jiddefinixxu l-miżuri li jistgħu jwasslu sabiex jintlaħaq l-għan imfittex. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet, għaldaqstant, li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni.

# II. ĊITTADINANZA TAL-UNJONI

Fir-rigward taċ-ċittadinanza Ewropea, jistħoqqilhom jissemmew tliet sentenzi. L-ewwel waħda tikkonċerna l-kundizzjonijiet li fihom ċittadin jista' jkun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' tneħħija min-naħa ta' Stat Membru li ma jkunx l-Istat ta' oriġini, filwaqt li t-tieni u t-tielet waħda jikkonċernaw id-dritt ta' residenza dderivat favur ċittadin ta' Stat terz li jkun membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni.

Fis-sentenza ***Petrea*** (C-184/16, EU:C:2017:684), mogħtija fl-14 ta' Settembru 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar *l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38* [6] *fil-każ li persuna li tkun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' projbizzjoni mit-territorju tmur lura fl-Istat Membru kkonċernat bi ksur ta' din id-deċiżjoni*. F'dan il-każ, l-amministrazzjoni Griega kienet ħadet, fl-2011, deċiżjoni ta' tneħħija, li kienet tinkludi projbizzjoni mit-territorju, fil-konfront ta' ċittadin Rumen għar-raġuni li dan tal-aħħar kien jikkostitwixxi theddida gravi għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà pubblika. Fl-2013, l-individwu kkonċernat reġa' mar lura fil-Greċja u ppreżenta hemmhekk applikazzjoni għal ċertifikat ta' reġistrazzjoni bħala ċittadin tal-Unjoni, li nħariġlu. Wara li skoprew li kien għadu suġġett għal projbizzjoni mit-territorju, l-awtoritajiet Griegi ddeċiedew li jirtirawlu dan iċ-ċertifikat u li jordnaw, għal darba oħra, ir-ritorn tiegħu lejn ir-Rumanija. Din id-deċiżjoni kienet ġiet ikkontestata mill-individwu kkonċernat.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-ħruġ ta' permess ta' residenza lil ċittadin ta' Stat Membru ma għandux jitqies li huwa att li jikkostitwixxi drittijiet, iżda bħala att maħsub sabiex jikkonstata, min-naħa ta' Stat Membru, is-sitwazzjoni individwali ta' ċittadin ta' Stat Membru ieħor fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, tali ċertifikat ta' reġistrazzjoni għandu biss natura dikjaratorja, b'tali mod li l-ħruġ tiegħu ma jistax, fih innifsu, jistabbilixxi l-aspettattiva leġittima tal-individwu kkonċernat li għandu dritt jirrisjedi fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà, prevista fl-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2004/38, li jillimitaw il-libertà ta' moviment u ta' residenza ta' ċittadin tal-Unjoni jew ta' membru tal-familja tiegħu, irrispettivament min-nazzjonalità tiegħu, għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà pubblika jew ta' saħħa pubblika. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, min-natura stess ta' miżura ta' projbizzjoni mit-territorju jirriżulta li din tibqa' fis-seħħ sakemm ma tiġix irtirata. Għaldaqstant, is-sempliċi konstatazzjoni tal-ksur tagħha tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jieħdu deċiżjoni ġdida ta' tneħħija. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk ikkonkludiet li la d-Direttiva 2004/38 u lanqas il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ma jipprekludu l-irtirar tal-permess ta' residenza tal-individwu kkonċernat, bħalma lanqas ma jipprekludu t-teħid ta' deċiżjoni ta' tneħħija ġdida fil-konfront tiegħu fiċ-ċirkustanzi tal-każ ineżami.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' jekk il-prinċipju ta' effettività jipprekludix prassi ġudizzjarja li permezz tagħha ċittadin ta' Stat Membru li jkun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn ma jistax jinvoka, insostenn ta' rikors kontra din id-deċiżjoni, l-illegalità tad-deċiżjoni ta' projbizzjoni mit-territorju meħuda kontrih preċedentement. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni, huma l-Istati Membri li għandhom jirregolaw il-modalitajiet proċedurali tar-rimedji ġudizzjarji, mingħajr dawn il-modalitajiet ma jkunu ta' natura li jagħmlu l-eżerċizzju fil-prattika ta' dawn id-drittijiet impossibbli jew eċċessivament diffiċli. F'dan il-każ, id-dritt tal-Unjoni bl-ebda mod ma jipprekludi li d-dritt nazzjonali ma jippermettix li tiġi invokata, kontra att individwali, bħalma hija deċiżjoni ta' ritorn, l-illegalità ta' deċiżjoni ta' projbizzjoni mit-territorju li tkun saret definittiva, jew minħabba li t-terminu għall-preżentata ta' rikors kontra din tal-aħħar skada, jew minħabba

**6/** Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

li r-rikors li ġie ppreżentat kontriha ġie miċħud. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-individwu kkonċernat għandu jkollu l-possibbiltà effettiva li jikkontesta f'terminu stabbilit din id-deċiżjoni tal-aħħar fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/38.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-kwistjoni jekk l-Artikolu 30 tad-Direttiva 2004/38 jirrikjedix li deċiżjoni adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 27(1) ta' din id-direttiva tiġi kkomunikata lill-individwu kkonċernat f'lingwa li jifhem, anki jekk ma jkunx ressaq talba f'dan is-sens, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex l-individwu kkonċernat jifhem il-kontenut u l-effetti ta' deċiżjoni li tillimita d-dritt ta' dħul u ta' residenza tiegħu għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà pubblika jew ta' saħħa pubblika. Madankollu, ma jistax ikun meħtieġ li tali deċiżjoni tiġi kkomunikata lilu f'lingwa li jifhem jew li jista' raġonevolment ikun mistenni li jifhem, u dan anki jekk ma jkunx ressaq talba f'dan is-sens.

Fl-10 ta' Mejju 2017, permezz tas-sentenza ***Chavez-Vilchez et*** (C-133/15, EU:C:2017:354), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, għamlet numru ta' preċiżazzjonijiet dwar *id-dritt ta' residenza dderivat li jista' jiġi invokat, fuq il-bażi tal-Artikolu 20 TFUE, minn ċittadin ta' pajjiż terz fil-kwalità tiegħu ta' ġenitur ta' wild minuri li jkollu ċ-ċittadinanza Ewropea*. Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari kien jikkonċerna s-sitwazzjoni ta' diversi ċittadini ta' pajjiżi terzi, ommijiet ta' wild wieħed jew iktar ta' nazzjonalità Olandiża, li l-missier tagħhom huwa wkoll ta' nazzjonalità Olandiża. Dawn l-ulied kienu jgħixu fil-Pajjiżi l-Baxxi prinċipalment, jekk mhux ukoll esklużivament, mal-omm tagħhom. Il-persuni kkonċernati kienu ppreżentaw applikazzjonijiet għall-għajnuna soċjali u għall-allowances tal-familja, li kienu ġew miċħuda mill-awtoritajiet Olandiżi kompetenti għar-raġuni li ma kellhomx dritt ta' residenza fil-Pajjiżi l-Baxxi. Adita b'kawżi dwar iċ-ċaħda tal-imsemmija applikazzjonijiet, qorti Olandiża għamlet domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk ir-rikorrenti setgħux, bħala ommijiet ta' wild li huwa ċittadin tal-Unjoni, jisiltu dritt ta' residenza mill-Artikolu 20 TFUE.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-ġurisprudenza tagħha fis-sens li l-Artikolu 20 TFUE jipprekludi miżuri nazzjonali, inklużi deċiżjonijiet li jiċħdu d-dritt ta' residenza lill-membri tal-familja, li jkunu ċittadini ta' pajjiż terz, ta' ċittadin tal-Unjoni, li jkollhom l-effett li jċaħħdu lil dan iċ-ċittadin mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija mill-istatus tiegħu [7]. F'dan il-każ, l-eventwali obbligu għall-ommijiet li jitilqu mit-territorju tal-Unjoni jista' joħloq ir-riskju li l-ulied tagħhom ikunu mċaħħda mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal ta' dawn id-drittijiet billi jobbligahom jitilqu mit-territorju tal-Unjoni, punt dan li għandu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali. Sabiex jiġi evalwat dan ir-riskju, għandu jiġi ddeterminat liema ġenitur jassumi l-kustodja effettiva tal-wild u jekk hemmx relazzjoni ta' dipendenza effettiva bejn il-wild u l-ġenitur li huwa ċittadin ta' pajjiż terz. F'dan il-kuntest, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni d-dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta kif ukoll l-aħjar interess tal-wild irrikonoxxut fl-Artikolu 24(4) tal-imsemmija karta.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-fatt li l-ġenitur l-ieħor, ċittadin tal-Unjoni, huwa fil-fatt kapaċi u lest li jassumi waħdu r-responsabbiltà ta' kuljum u effettiva għall-wild jikkostitwixxi element rilevanti, iżda li ma huwiex fih innifsu suffiċjenti sabiex ikun jista' jiġi kkonstatat li ma hemmx, bejn il-ġenitur li huwa ċittadin ta' pajjiż terz u l-wild, relazzjoni ta' dipendenza tali li dan tal-aħħar ser ikun imġiegħel jitlaq mit-territorju tal-Unjoni jekk dritt ta' residenza jiġi miċħud lil dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz. Fil-fatt, tali konstatazzjoni għandha tkun ibbażata fuq it-teħid inkunsiderazzjoni, fl-aħjar interess tal-wild ikkonċernat, taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, b'mod partikolari tal-età tiegħu, tal-iżvilupp fiżiku u emotiv tiegħu, tal-livell tar-relazzjoni affettiva tiegħu kemm mal-ġenitur li huwa ċittadin tal-Unjoni kif ukoll mal-ġenitur li huwa ċittadin ta' pajjiż terz, kif ukoll tar-riskju li toħloq is-separazzjoni tiegħu minn ma' dan tal-aħħar għall-ekwilibriju tal-wild. Fir-rigward tal-oneru tal-prova, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset

**7/** Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Marzu 2011, ***Ruiz Zambrano*** (C-34/09, EU:C:2011:124), u tas-6 ta' Diċembru 2012, ***O. u S.*** (C-356/11 u C-357/11, EU:C:2012:776).

li huwa l-ġenitur li huwa ċittadin ta' pajjiż terz li għandu jippreżenta l-elementi li jippermettu li jiġi evalwat jekk deċiżjoni li tiċħadlu dritt ta' residenza hijiex ser iċċaħħad lill-wild tiegħu mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet marbuta mal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni billi tobbligah jitlaq mit-territorju tal-Unjoni. Madankollu, hija enfasizzat li l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-oneru tal-prova ma tkunx ta' natura tali li tista' tikkompromettì l-effett utli tal-Artikolu 20 TFUE.

Fl-14 ta' Novembru 2017, permezz tas-sentenza ***Lounes*** (C-165/16, EU:C:2017:862), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni dwar *id-dritt ta' residenza dderivat li jista' jinvoka, fuq il-bażi tal-Artikolu 21 TFUE, ċittadin ta' pajjiż terz għall-Unjoni, fil-kwalità tiegħu ta' membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, fl-Istat Membru li fih dan iċ-ċittadin irrisjeda qabel kiseb in-nazzjonalità tiegħu filwaqt li żamm in-nazzjonalità ta' oriġini tiegħu*. F'dan il-każ, ir-rikorrent, ta' nazzjonalità Alġerina, kien daħal fir-Renju Unit b'viża ta' viżitatur għal perijodu ta' sitt xhur u kien baqa' fir-Renju Unit b'mod illegali wara dan il-perijodu. Hemmhekk huwa ltaqa' ma' ċittadina Spanjola li kienet kisbet iċ-ċittadinanza Brittanika permezz ta' naturalizzazzjoni, filwaqt li żammet ukoll in-nazzjonalità Spanjola tagħha. Wara li żżewġu, ir-rikorrent ressaq applikazzjoni sabiex jingħata permess ta' residenza fir-Renju Unit bħala membru tal-familja ta' ċittadin taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE). L-awtoritajiet Brittaniċi ċaħdu din l-applikazzjoni fuq il-bażi tal-fatt li, skont il-liġi Brittanika li tittrasponi d-Direttiva 2004/38 [8], il-konjuġi tiegħu ma kinitx baqgħet meqjusa li hija "ċittadin taż-ŻEE" minn meta kisbet iċ-ċittadinanza Brittanika, u li, għalhekk, ir-rikorrent ma setax ikun intitolat għal permess ta' residenza bħala membru tal-familja ta' ċittadin taż-ŻEE. Adita b'rikors ippreżentat mir-rikorrent kontra din id-deċiżjoni ta' ċaħda, qorti Brittanika għamlet domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà ta' din id-deċiżjoni u tal-leġiżlazzjoni Brittanika mad-dritt tal-Unjoni.

Fl-ewwel lok, fid-dawl tad-Direttiva 2004/38, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li din id-direttiva, li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tad-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni li jiċċaqilqu u li jirrisjedu liberament fit-territorju tal-Istati Membri, ma hijiex maħsuba sabiex tirregola r-residenza taċ-ċittadini tal-Unjoni fl-Istat Membru li tiegħu jkollhom in-nazzjonalità peress li dawn igawdu, f'dan l-Istat Membru, minn dritt ta' residenza inkundizzjonat bis-saħħa ta' prinċipju tad-dritt internazzjonali. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li minn meta l-konjuġi tar-rikorrent kisbet iċ-ċittadinanza Brittanika, id-Direttiva 2004/38 ma baqgħetx tirregola r-residenza tagħha fir-Renju Unit. Għaldaqstant, ir-raġel tagħha, ir-rikorrent, ma jistax jibbenefika minn dritt ta' residenza dderivat fir-Renju Unit fuq il-bażi ta' din id-direttiva.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kwistjoni ta' jekk ir-rikorrent setax jiġi rrikonoxxut li għandu dritt ta' residenza dderivat f'dan l-Istat Membru fuq il-bażi tal-Artikolu 21(1) TFUE, li jipprevedi li kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt li jiċċaqlaq u li jirrisjedi liberament fit-territorju tal-Istati Membri. F'dan ir-rigward, hija ddikjarat li l-effett utli tad-drittijiet mogħtija liċ-ċittadini tal-Unjoni permezz ta' din id-dispożizzjoni, b'mod partikolari d-dritt għal ħajja tal-familja normali fl-Istat Membru ospitanti, filwaqt li jibbenefikaw hemmhekk mill-preżenza, flimkien magħhom, tal-membri tal-familja tagħhom, jeżiġi li ċittadin, f'sitwazzjoni bħal dik tal-konjuġi tar-rikorrent, għandu jkun jista' jibqa' jgawdi minn dan id-dritt fl-Istat Membru ospitanti wara li jkun kiseb in-nazzjonalità ta' dan l-Istat minbarra n-nazzjonalità ta' oriġini tiegħu u għandu jkun jista' jiżviluppa ħajja tal-familja mal-konjuġi tiegħu li jkun ċittadin ta' Stat terz. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ċittadin ta' Stat terz għall-Unjoni, fis-sitwazzjoni tar-rikorrent, jista' jibbenefika minn dritt ta' residenza dderivat, fl-Istat Membru ospitanti, bis-saħħa tal-Artikolu 21(1) TFUE, f'kundizzjonijiet li ma għandhomx ikunu iktar stretti minn dawk previsti fid-Direttiva 2004/38 fir-rigward tal-għoti tal-imsemmi dritt lil ċittadin ta' Stat terz li jkun membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li eżerċita d-dritt ta' moviment liberu tiegħu billi stabbilixxa ruħu fi Stat Membru differenti minn dak li tiegħu jkollu n-nazzjonalità.

**8/** Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6.

# III. DISPOŻIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI

## 1. KOMPETENZI TAL-ISTITUZZJONIJIET EWROPEJ

Permezz tas-sentenza tagħha tas-26 ta' Lulju 2017, ***Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni*** (C-696/15 P, EU:C:2017:595), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat, fl-appell, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali [9] li tiċħad żewġ rikorsi għal annullament ippreżentati kontra r-Regolamenti ta' Delega Nru 885/2013 [10] u Nru 886/2013 [11] li jikkompletaw id-Direttiva 2010/40 [12], adottati fil-kuntest tal-politika tat-trasport. Fir-rikorsi tagħha, ir-Repubblika Ċeka kienet sostniet b'mod partikolari li, bl-adozzjoni tar-regolamenti kontenzjużi, *il-Kummissjoni kienet marret lil hinn mill-kompetenzi ddelegati tagħha* meta obbligat lill-Istati Membri joħolqu organi ta' kontroll li l-missjoni tagħhom tkun li jevalwaw l-osservanza tar-rekwiżiti stabbiliti f'dawn ir-regolamenti. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, minn naħa tagħha, kienet qieset li l-Kummissjoni kienet osservat kemm il-limiti tal-kompetenza tagħha prevista fl-Artikolu 290 TFUE u kemm il-limiti tad-delega stabbiliti permezz tad-Direttiva 2010/40.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li delega ta' setgħa, taħt l-Artikolu 290 TFUE, tippermetti lill-Kummissjoni tikkompleta jew temenda elementi mhux essenzjali ta' att leġiżlattiv. Din id-dispożizzjoni teżiġi, madankollu, li l-att leġiżlattiv inkwistjoni għandu jiddelimita espliċitament mhux biss l-għanjiet, iżda wkoll il-kontenut, il-kamp ta' applikazzjoni u t-tul tad-delega ta' setgħa, mingħajr ma l-qorti tal-Unjoni ma tista' tirrimedja għall-assenza tal-limiti meħtieġa mill-imsemmija dispożizzjoni. Fir-rigward tad-determinazzjoni tal-elementi tal-att leġiżlattiv li għandhom jiġu kklassifikati bħala "essenzjali", il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li din id-determinazzjoni ma taqax biss taħt id-diskrezzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni, iżda għandha tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi li jistgħu jkunu s-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju. B'hekk, element ikun ta' natura essenzjali b'mod partikolari jekk l-adozzjoni tiegħu tkun teħtieġ għażliet politiċi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltajiet stess tal-leġiżlatur tal-Unjoni jew jekk din l-adozzjoni tippermetti ndħil fid-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati ta' importanza tali li l-intervent tal-leġiżlatur tal-Unjoni jkun neċessarju.

B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi kkonfermat li, f'dan il-każ, id-Direttiva 2010/40 kienet tagħti lill-Kummissjoni bażi legali suffiċjenti sabiex jiġu stabbiliti l-korpi nazzjonali ta' kontroll ikkontestati u li l-ħolqien tagħhom lanqas ma kien jikkostitwixxi element essenzjali tal-qasam ikkonċernat.

**9/** Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Ottubru 2015, ***Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni*** (T-659/13 u T-660/13, EU:T:2015:771).

**10/** Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 885/2013 tal-15 ta' Mejju 2013 li jissuplimenta d-Direttiva ITS 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni għal postijiet tal-parkeġġ sikuri u siguri għat-trakkijiet u l-vetturi kummerċjali (ĠU 2013, L 247, p. 1).

**11/** Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 886/2013 tal-15 ta' Mejju 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-dejta u l-proċeduri għall-forniment, fejn possibbli, ta' informazzjoni minima universali dwar it-traffiku stradali marbuta mas-sikurezza b'xejn lill-utenti (ĠU 2013, L 247, p. 6).

**12/** Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport (ĠU 2010, L 207, p. 1).

# 2. ATTI LEGALI TAL-UNJONI

## 2.1. Forma legali tal-atti

Fis-sentenza ***Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (WRC-15)*** (C-687/15, EU:C:2017:803), tal-25 ta' Ottubru 2017, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet rikors għal annullament ippreżentat mill-Kummissjoni kontra l-konklużjonijiet tal-Kunsill, adottati fis-26 ta' Ottubru 2015, dwar il-Konferenza Dinjija tar-Radjukomunikazzjoni tal-2015 (WRC-15) tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (ITU), għar-raġuni li l-Kunsill ma osservax ir-rekwiżiti formali essenzjali meħtieġa mill-Artikolu 218(9) TFUE.

Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-forma tal-att ikkontestat, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikolu 13(2) TUE jipprovdi li kull istituzzjoni tal-Unjoni għandha taġixxi fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lilha mit-Trattati, konformement mal-proċeduri, mal-kundizzjonijiet u mal-għanijiet previsti minnhom. F'dan id-dawl, hija ddeċidiet li r-regoli dwar il-mod kif l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jaslu għad-deċiżjonijiet tagħhom huma stabbiliti mit-Trattati u la jaqgħu fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri u lanqas tal-istituzzjonijiet stess, u għalhekk it-Trattati biss jistgħu, f'każijiet partikolari, jawtorizzaw lil istituzzjoni temenda proċedura deċiżjonali li huma jistabbilixxu. Fir-rigward tal-forma legali tal-atti li għandhom jiġu adottati taħt l-Artikolu 218(9) TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-fatt li istituzzjoni tal-Unjoni tidderoga mill-forma legali prevista mit-Trattati (f'dan il-każ, l-adozzjoni ta' deċiżjoni) jikkostitwixxi ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali ta' natura li jwassal għall-annullament tal-att inkwistjoni, peress li din id-deroga tista' toħloq inċertezzi fir-rigward tan-natura ta' dan l-att jew tal-proċedura li għandha tiġi segwita għall-adozzjoni tiegħu, u b'hekk tikkomprometti ċ-ċertezza legali, bi ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali meħtieġa minn din id-dispożizzjoni.

Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-fatt li l-att ikkontestat ma jsemmix il-bażi legali li huwa bbażat fuqha, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-ġurisprudenza tagħha li minnha jirriżulta li l-għażla tal-bażi legali xierqa għandha importanza ta' natura kostituzzjonali peress li l-Unjoni, li għandha biss kompetenzi attribwiti, għandha torbot l-atti li hija tadotta mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Trattat FUE) li effettivament jagħtuha s-setgħa għal dan il-għan. B'hekk, id-deroga mill-forma legali prevista fl-Artikolu 218(9) TFUE u l-ommissjoni tal-indikazzjoni tal-bażi legali jikkawżaw konfużjoni fir-rigward tan-natura u tal-portata legali tal-att ikkontestat kif ukoll fir-rigward tal-proċedura li kellha tiġi segwita għall-adozzjoni tiegħu, liema konfużjoni setgħet iddgħajjef lill-Unjoni fid-difiża tal-pożizzjoni tagħha fil-Konferenza Dinjija tar-Radjukomunikazzjoni tal-2015.

## 2.2. Proċeduri għall-adozzjoni tal-atti

Tliet sentenzi għandhom jissemmew taħt dan it-titolu. L-ewwel waħda tikkonċerna l-obbligu li l-Parlament Ewropew jiġi kkonsultat fil-proċess leġiżlattiv tal-Unjoni. It-tieni waħda tikkonċerna proposta ta' inizjattiva Ewropea taċ-ċittadini. It-tielet waħda hija s-sentenza ***Is-Slovakkja u L-Ungerija vs Il-Kunsill*** (C-643/15 u C-647/15, EU:C:2017:631) dwar miżuri provviżorji ta' rilokalizzazzjoni obbligatorja ta' applikanti għall-ażil [13].

13/ Din is-sentenza hija ppreżentata fit-Taqsima VIII.1, "Il-politika tal-ażil".

Fis-sentenza ***RPO*** tagħha (C-390/15, EU:C:2017:174), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ikkonfermat *il-validità tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112* [14] *li jippermettu lill-Istati Membri jissuġġettaw il-bejgħ ta' pubblikazzjonijiet stampati bħalma huma kotba, ġurnali u rivisti, għal rata mnaqqsa tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), filwaqt li jeskludu l-pubblikazzjonijiet diġitali mill-benefiċċju ta' din ir-regola speċifika, bl-eċċezzjoni tal-kotba diġitali pprovduti fuq mezz fiżiku.* Fit-tilwima fil-kawża prinċipali, il-Qorti Kostituzzjonali Pollakka, adita b'rikors intiż li jiġi kkonstatat in-nuqqas ta' konformità mal-Kostituzzjoni Pollakka ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jeskludu l-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa tal-VAT għall-provvista ta' pubblikazzjonijiet diġitali, kellha dubju dwar il-validità tad-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-Direttiva 2006/112, kif emendata bid-Direttiva 2009/47 [15]. Hija għamlet domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, dwar il-kwistjoni ta' jekk il-Parlament kienx involut suffiċjentement fil-proċess leġiżlattiv li wassal għall-adozzjoni tad-Direttiva 2009/47, li emendat id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112 li jippermettu l-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa tal-VAT għall-pubblikazzjonijiet stampati, u, min-naħa l-oħra, dwar l-eventwali nuqqas ta' osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament mid-dispożizzjonijiet ikkonċernati tad-Direttiva 2006/112 [16].

Fir-rigward tal-proċess leġiżlattiv li wassal għall-adozzjoni tad-Direttiva 2009/47, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li kkonstatat li l-verżjoni finali ta' din id-direttiva kienet tinkludi emendi meta mqabbla mal-proposta li fuq il-bażi tagħha l-Parlament kien ġie kkonsultat, fakkret li l-konsultazzjoni regolari mal-Parlament, fil-każijiet previsti mit-Trattati, tikkostitwixxi formalità sostanzjali li n-nuqqas ta' osservanza tagħha jwassal għan-nullità tal-att ikkonċernat. Dan l-obbligu ta' konsultazzjoni mal-Parlament jimplika li dan għandu jiġi kkonsultat mill-ġdid kull darba li t-test finalment adottat, ikkunsidrat fl-intier tiegħu, jitbiegħed, fis-sustanza stess tiegħu, minn dak li dwaru l-Parlament ikun diġà ġie kkonsultat, bl-eċċezzjoni tal-każijiet fejn l-emendi jikkorrispondu, essenzjalment, għal xewqa espressa mill-Parlament stess. Madankollu, sa fejn il-verżjoni finali tad-dispożizzjoni kontenzjuża tad-Direttiva 2009/47 kienet biss semplifikazzjoni redazzjonali tat-test li kien jinsab fil-proposta għal direttiva li dwarha l-Parlament kien ġie kkonsultat u li s-sustanza tiegħu kienet inżammet kollha kemm hi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Kunsill ma kienx meħtieġ jikkonsulta mill-ġdid mal-Parlament qabel l-adozzjoni ta' din id-direttiva.

Fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Settembru 2017, ***Anagnostakis vs Il-Kummissjoni*** (C-589/15 P, EU:C:2017:663), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni dwar l-appell ippreżentat mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali [17] li ċaħdet ir-rikors għal annullament kontra *deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta li tirreġistra proposta ta' inizjattiva Ewropea taċ-ċittadini (IEĊ)*, ippreżentata fuq il-bażi tal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 211/2011 [18]. B'mod iktar partikolari, din il-proposta kienet intiża sabiex jiġi stabbilit, fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-"prinċipju tal-istat ta' neċessità", li bis-saħħa tiegħu jkun jista' jitħassar id-dejn pubbliku tal-pajjiżi li l-eżistenza finanzjarja u politika tagħhom tkun mheddha minħabba dan l-istess dejn.

Fir-rigward tal-obbligu tal-Kummissjoni li tinforma lill-organizzaturi ta' din l-inizjattiva taċ-ċittadini bir-raġunijiet tar-rifjut tar-reġistrazzjoni tal-proposta tagħhom, kif previst fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 211/2011, il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, enfasizzat li, fid-dawl tal-importanza tal-inizjattiva Ewropea taċ-ċittadini bħala mezz

**14/** Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2009/47/KE tal-5 ta' Mejju 2009 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar rati mnaqqsa tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2009, L 116, p. 18).

**15/** Direttiva tal-Kunsill 2009/47/KE tal-5 ta' Mejju 2009 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar rati mnaqqsa tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2009, L 116, p. 18).

**16/** Ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għal din it-tieni domanda hija ppreżentata fit-Taqsima XII "Dispożizzjonijiet fiskali".

**17/** Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Settembru 2015, ***Anagnostakis vs Il-Kummissjoni*** (T-450/12, EU:T:2105:739).

**18/** Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (ĠU 2011, L 65, p. 1, rettifika fil-ĠU 2012, L 94, p. 49).

għaċ-ċittadini sabiex jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tagħti motivazzjoni ċara għal tali rifjut. Madankollu, fid-dawl tan-natura qasira ħafna u tan-nuqqas ta' ċarezza tal-proposta ta' inizjattiva inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali fis-sens li d-deċiżjoni ta' rifjut tal-Kummissjoni kienet, f'dan il-każ, suffiċjentement motivata.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li d-deċiżjoni dwar ir-reġistrazzjoni ta' proposta ta' IEĊ għandha tittieħed konformement mal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, li miegħu huwa marbut, b'mod partikolari, l-obbligu tal-istituzzjoni kompetenti li twettaq eżami diliġenti u imparzjali li jieħu inkunsiderazzjoni l-elementi rilevanti kollha tal-każ inkwistjoni. Il-kundizzjoni għar-reġistrazzjoni tal-proposti ta' inizjattiva Ewropea taċ-ċittadini prevista fl-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 211/2011, li teħtieġ li l-proposta ma għandhiex taqa' manifestament barra mill-qafas tal-kompetenzi tal-Kummissjoni sabiex tipproponi att legali, għandha tiġi interpretata u applikata mill-Kummissjoni b'mod li tiżgura aċċessibbiltà faċli għal dan l-istrument. Għaldaqstant, huwa biss jekk proposta ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropea, fid-dawl tas-suġġett tagħha u tal-għanijiet tagħha, tkun taqa' manifestament barra mill-qafas tal-kompetenzi tal-Kummissjoni li din tista' tirrifjuta r-reġistrazzjoni tagħha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu kkonfermat li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE invokati f'dan il-każ mill-organizzatur tal-inizjattiva taċ-ċittadini insostenn tar-rikors għal annullament tiegħu, jiġifieri l-Artikoli 122(1) u (2) TFUE u 136(1) TFUE, ma setgħux, fil-fatt, iservu ta' bażi legali għall-adozzjoni tal-"prinċipju tal-istat ta' neċessità" li huwa s-suġġett ta' din il-proposta.

## 3. AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI

Fl-2017, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità tagħti diversi sentenzi importanti fil-qasam tal-aċċess għal dokumenti. Permezz ta' din il-ġurisprudenza, il-Qorti tal-Ġustizzja setgħet, b'mod partikolari, tagħmel preċiżazzjonijiet ġodda dwar il-kunċett ta' dokument eżistenti fis-sens tar-Regolament Nru 1049/2001 [19] fil-kuntest ta' databases elettroniċi, dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament għan-noti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja, dwar l-applikazzjoni tal-preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità għal dokumenti marbuta ma' proċedura EU Pilot u, fl-aħħar nett, dwar il-kunċett ta' attività ta' investigazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja tat ukoll deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 1049/2001 fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus [20].

L-ewwel nett, fis-sentenza ***Typke vs Il-Kummissjoni*** (C-491/15 P, EU:C:2017:5), mogħtija fil-11 ta' Jannar 2017, li tikkonferma s-sentenza appellata tal-Qorti Ġenerali [21], il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar *il-kunċett ta' dokument eżistenti f'databases elettroniċi*. F'dan il-każ, l-appellant kien talab lill-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) aċċess għal "tabella" li kienet tinkludi sensiela ta' data li kienet tinsab f'diversi dokumenti miżmuma mill-EPSO f'format elettroniku u li ma setgħetx tinstilet mid-database tiegħu billi titwettaq tfittxija normali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li għalkemm huwa minnu li database elettronika tista' tippermetti l-estrazzjoni ta' kull informazzjoni li tinsab fiha, il-possibbiltà li dokument jinħoloq minn tali database ma tippermettix madankollu li jiġi konkluż li dan id-dokument jeżisti fis-sens tar-Regolament Nru 1049/2001. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret

**19/** Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

**20/** Ara wkoll it-Taqsima XVII.4, "Il-Konvenzjoni ta' Aarhus".

**21/** Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Lulju 2015, ***Typke vs Il-Kummissjoni*** (T-214/13, EU:T:2015:448).

li d-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet jikkonċerna biss id-dokumenti eżistenti li jkunu fil-pussess tal-istituzzjoni kkonċernata, u li għalhekk ir-Regolament Nru 1049/2001 ma jistax jiġi invokat sabiex istituzzjoni tiġi obbligata toħloq dokument li ma jeżistix.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li għandha tiġi kklassifikata bħala dokument eżistenti l-informazzjoni kollha li tista' tiġi estratta minn database elettronika fil-kuntest tal-użu normali tagħha bl-għajnuna tal-għodod ta' tfittxija pprogrammati minn qabel, anki jekk din l-informazzjoni ma tkunx għadha ntweriet taħt din il-forma jew qatt ma kienet is-suġġett ta' tfittxija mill-membri tal-persunal tal-istituzzjonijiet. B'hekk, sabiex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti tar-Regolament Nru 1049/2001, l-istituzzjonijiet jistgħu jkunu meħtieġa jfasslu dokument minn informazzjoni li tinsab f'database billi jużaw l-għodod ta' tfittxija eżistenti. Mill-banda l-oħra, għandha titqies li hija dokument ġdid kull informazzjoni li l-estrazzjoni tagħha minn database teħtieġ investiment sostanzjali. Minn dan isegwi li kull informazzjoni li l-kisba tagħha teħtieġ modifika tal-organizzazzjoni ta' database elettronika jew tal-għodod ta' tfittxija attwalment disponibbli għall-estrazzjoni tal-informazzjoni għandha tiġi kklassifikata bħala dokument ġdid.

It-tieni nett, fis-sentenza ***Il-Kummissjoni vs Breyer*** (C-213/15 P, EU:C:2017:563), mogħtija fit-18 ta' Lulju 2017, li tikkonferma s-sentenza appellata tal-Qorti Ġenerali [22], il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' jekk applikazzjoni indirizzata lil istituzzjoni, li tkun parti fi proċedura, għal aċċess għan-noti ppreżentati minn Stat Membru fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja, taqax taħt l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1049/2001. F'dan il-każ, f'Marzu 2011, l-appellat kien talab lill-Kummissjoni tagħtih aċċess għan-noti li r-Repubblika tal-Awstrija kienet ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu miftuħa kontra dan l-Istat Membru minħabba nuqqas ta' traspożizzjoni ta' direttiva. Din il-proċedura ġudizzjarja kienet ingħalqet permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2010. Il-Kummissjoni rrifjutat l-aċċess għal dawn in-noti, li tagħhom kellha kopja, għar-raġuni li, fil-fehma tagħha, ma kinux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1049/2001. Adita b'rikors għal annullament, il-Qorti Ġenerali kienet annullat id-deċiżjoni ta' rifjut tal-Kummissjoni.

Fl-ewwel lok, filwaqt li indirizzat il-kwistjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1049/2001, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li dan huwa ddefinit b'riferiment għall-istituzzjonijiet elenkati minnu, u mhux b'riferiment għal kategoriji ta' dokumenti speċifiċi jew b'riferiment għall-awtur tad-dokument miżmum minn xi waħda minn dawn l-istituzzjonijiet. B'hekk, il-fatt li d-dokumenti miżmuma minn waħda mill-istituzzjonijiet koperti mir-Regolament Nru 1049/2001 kienu redatti minn Stat Membru u huma marbuta ma' proċeduri ġudizzjarji ma huwiex ta' natura li jeskludi tali dokumenti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fatt li la l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u lanqas ir-regoli proċedurali tal-qrati tal-Unjoni ma jipprevedu dritt ta' aċċess minn terzi għan-noti ppreżentati fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji, ma jistax iwassal għall-inapplikabbiltà tal-imsemmi regolament għat-talbiet ta' aċċess għan-noti li jkunu redatti minn Stat Membru fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja quddiem il-qorti tal-Unjoni u li jkunu fil-pussess ta' istituzzjoni. Hija għalhekk qieset li n-noti kontenzjużi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1049/2001, bħala dokumenti miżmuma minn istituzzjoni suġġetta għall-imsemmi regolament.

Fit-tieni lok, filwaqt li eżaminat l-istruttura ġenerali u l-għanijiet tal-Artikolu 15(3) TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-fatt li r-regoli dwar l-aċċess għal dokumenti ma japplikawx għall-Qorti tal-Ġustizzja meta din teżerċita funzjonijiet ġudizzjarji, kif previst fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 15(3) TFUE, ma jipprekludix li dawn ir-regoli japplikaw għal dokumenti ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja. Barra minn hekk, fid-dawl tal-fatt li r-Regolament Nru 1049/2001 jippermetti li, jekk ikun il-każ, jiġi rrifjutat l-aċċess għal dokumenti marbuta mal-proċeduri quddiem il-qrati tal-Unjoni sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-proċeduri

**22/** Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Frar 2015, ***Breyer vs Il-Kummissjoni*** (T-188/12, EU:T:2015:124).

ġudizzjarji, ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 15(3) TFUE ma jeħtieġx interpretazzjoni li teskludi n-noti kontenzjużi kollha mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1049/2001. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Qorti Ġenerali kellha raġun meta ddeċidiet li l-imsemmija noti ma jaqgħux, bħalma lanqas ma jaqgħu dawk tal-Kummissjoni stess, taħt l-esklużjoni mid-dritt ta' aċċess għal dokumenti prevista fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 15(3) TFUE.

Barra minn hekk, permezz tas-sentenza ***L-Isvezja vs Il-Kummissjoni*** (C-562/14 P, EU:C:2017:356), tal-11 ta' Mejju 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat, fl-appell, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali [23] li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali kienet ċaħdet ir-rikors ta' diversi ċittadini intiż għall-annullament *ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta li tagħtihom aċċess, skont ir-Regolament Nru 1049/2001, għal żewġ talbiet għal informazzjoni indirizzati minn din l-istituzzjoni lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fil-kuntest ta' proċedura EU Pilot li l-funzjoni tagħha hija li tipprepara jew li tevita proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra Stat Membru*.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, sakemm, matul il-fażi prekontenzjuża ta' investigazzjoni magħmula fil-kuntest ta' proċedura EU Pilot, jeżisti riskju li n-natura u l-iżvolġiment tal-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jiġu mibdula, jew li l-għanijiet ta' din il-proċedura jiġu ppreġudikati, l-applikazzjoni tal-preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità għad-dokumenti skambjati bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat hija ġġustifikata. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li dan ir-riskju jeżisti sal-mument tal-għeluq tal-proċedura EU Pilot u sal-mument li jiġi definittivament deċiż li l-proċedura formali għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra l-Istat Membru ma hijiex ser tinfetaħ. Għaldaqstant, matul dan il-perijodu, il-Kummissjoni tista' tibbaża ruħha fuq preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità sabiex tirrifjuta l-aċċess, mingħajr ma twettaq eżami konkret u individwali tad-dokumenti mitluba. Madankollu, din il-preżunzjoni ġenerali ma teskludix il-possibbiltà li jintwera li dokument partikolari, li jintalab l-iżvelar tiegħu, ma huwiex kopert mill-imsemmija preżunzjoni jew li, skont l-aħħar parti tas-sentenza tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001, hemm interess pubbliku superjuri li jiġġustifika l-iżvelar tad-dokument inkwistjoni.

Fis-sentenza ***Franza vs Schlyter*** (C-331/15 P, EU:C:2017:639), mogħtija fis-7 ta' Settembru 2017 u li tikkonferma s-sentenza appellata tal-Qorti Ġenerali [24], il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar *il-kwistjoni ta' jekk opinjoni ddettaljata maħruġa mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' informazzjoni dwar ir-regolamenti tekniċi, prevista fid-Direttiva 98/34* [25]*, taqax jew le taħt attività ta' investigazzjoni, fis-sens tat-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001*.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li proċedura strutturata u fformalizzata tal-Kummissjoni li jkollha l-għan li tinġabar u tiġi analizzata informazzjoni bil-għan li din l-istituzzjoni tkun tista' tadotta pożizzjoni fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha previsti mit-Trattati UE u FUE tikkostitwixxi attività ta' investigazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, minn naħa, din il-proċedura ma għandhiex neċessarjament tkun intiża sabiex tiskopri jew tinvestiga ksur jew irregolarità iżda li l-kunċett ta' "investigazzjoni" jista' jkopri wkoll l-attività tal-Kummissjoni maħsuba sabiex tikkonstata fatti bil-għan li tevalwa sitwazzjoni partikolari. Min-naħa l-oħra, ma

**23/** Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Settembru 2014, ***Spirlea vs Il-Kummissjoni*** (T-306/12, EU:T:2014:816).

**24/** Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' April 2015, ***Schlyter vs Il-Kummissjoni*** (T-402/12, EU:T:2015:209).

**25/** Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà ta' l-Informatika (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 337), kif emendata bid-Direttiva 98/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 1998 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 21, p. 8).

huwiex indispensabbli li l-pożizzjoni adottata mill-Kummissjoni sabiex twettaq il-funzjonijiet tagħha tkun koperta mill-forma ta' deċiżjoni fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE. Tali pożizzjoni tista' tkun fil-forma, b'mod partikolari, ta' rapport jew ta' rakkomandazzjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, f'dan il-każ, l-opinjoni ddettaljata maħruġa mill-Kummissjoni, sa fejn tikkostitwixxi miżura uffiċjali li tispeċifika l-pożizzjoni legali ta' din l-istituzzjoni fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-abbozz ta' regolament tekniku kkomunikat minn Stat Membru, b'mod partikolari, mal-moviment liberu tal-merkanzija u mal-libertà ta' stabbiliment tal-operaturi, taqa' taħt proċedura ta' "investigazzjoni".

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, peress li ebda dispożizzjoni tad-Direttiva 98/34 ma tipprevedi l-kunfidenzjalità tal-opinjonijiet iddettaljati maħruġa skont l-Artikolu 9(2) tagħha, ir-rekwiżit ta' trasparenza li fuqu hija msejsa l-imsemmija direttiva japplika, normalment, għal dawn l-opinjonijiet iddettaljati. Barra minn hekk, hija speċifikat li dan ir-rekwiżit ta' trasparenza ma jeskludix, madankollu, il-possibbiltà li l-Kummissjoni tista', skont iċ-ċirkustanzi tal-każ ineżami, tibbaża ruħha fuq it-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 sabiex tirrifjuta l-aċċess għal opinjoni ddettaljata maħruġa skont l-Artikolu 9(2) ta' din id-direttiva, bil-kundizzjoni li l-Kummissjoni turi li l-aċċess għall-opinjoni ddettaljata inkwistjoni jippreġudika b'mod konkret u effettiv l-għan li tiġi evitata l-adozzjoni ta' regolament tekniku inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

Fl-aħħar nett, fis-sentenza ***Saint-Gobain Glass Deutschland vs Il-Kummissjoni*** (C-60/15 P, EU:C:2017:540), mogħtija fit-13 ta' Lulju 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet l-appell ippreżentat minn Saint-Gobain Glass Deutschland mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali [26] li ċaħdet ir-rikors tagħha għall-annullament tad-*deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta l-aċċess sħiħ għal dokument li kien intbagħtilha mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja* fil-kuntest tal-proċedura għall-allokazzjoni ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra prevista fl-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87 [27]. Din id-deċiżjoni ta' rifjut kienet ibbażata fuq l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001 [28] li jipprovdi li l-aċċess għal dokument għandu jiġi rrifjutat jekk l-iżvelar tiegħu jippreġudika serjament proċess deċiżjonali pendenti.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza appellata għaliex qieset li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tagħha tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001. Hija annullat ukoll id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta aċċess għal dokumenti. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-eċċezzjoni dwar il-"proċess deċiżjonali", prevista f'din id-dispożizzjoni, għandha tiġi interpretata b'mod strett, fid-dawl tal-interess pubbliku li għandu l-iżvelar tad-dokumenti kkonċernati u tal-fatt li l-informazzjoni mitluba hija konnessa ma' emissjonijiet fl-ambjent. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li din l-eċċezzjoni għandha tinftiehem fis-sens li tirreferi għat-teħid ta' deċiżjoni, mingħajr ma tkopri l-proċedura amministrattiva kollha li tkun wasslet għal din tal-aħħar. Għalhekk, fir-rigward ta' dokumenti marbuta direttament mal-kwistjonijiet ittrattati fi proċedura amministrattiva, is-sempliċi riferiment għal riskju ta' riperkussjonijiet negattivi tal-iżvelar tagħhom u għall-possibbiltà li l-persuni kkonċernati jistgħu jeżerċitaw influwenza fuq il-proċedura ma jistax ikun suffiċjenti sabiex jipprova li l-iżvelar ta' dokumenti interni ser jippreġudika serjament il-proċess deċiżjonali pendenti.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li r-rekwiżit ta' interpretazzjoni stretta tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001 huwa iktar u iktar oneruż fid-dawl tal-fatt li d-dokumenti li ntalbet il-komunikazzjoni tagħhom jinkludu informazzjoni ambjentali. Madankollu, fl-Artikolu 4(4)(a) tagħha, il-Konvenzjoni

**26/** Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Diċembru 2014, ***Saint-Gobain Glass Deutschland vs Il-Kummissjoni*** (T-476/12, EU:T:2014:1059).

**27/** Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 631).

**28/** Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

ta' Aarhus tipprovdi li talba għal informazzjoni dwar l-ambjent tista' tiġi miċħuda fil-każ li l-iżvelar ta' din l-informazzjoni jkun ser ikollu konsegwenzi sfavorevoli fuq is-sigriet tad-deliberazzjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi, meta dan is-sigriet ikun previst fid-dritt nazzjonali, u mhux fuq il-proċedura amministrattiva kollha li fit-tmiem tagħha dawn l-awtoritajiet jiddeliberaw. Għalhekk, il-fatt li l-proċedura amministrattiva tkun għadha ma ngħalqitx fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża ma jippermettix, fih innifsu, li jintwera li l-iżvelar tad-dokumenti mitluba kien ser jippreġudika serjament il-proċess deċiżjonali tal-Kummissjoni.

## 4. RESPONSABBILTÀ MHUX KUNTRATTWALI TAL-UNJONI

Fis-sentenza tagħha tal-4 ta' April 2017, ***L-Ombudsman vs Staelen*** (C-337/15 P, EU:C:2017:256), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni, fil-kuntest ta' appell, dwar *ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni minħabba ksur tal-obbligu ta' diliġenza mill-Ombudsman Ewropew fil-kuntest tat-trattament min-naħa tiegħu ta' lment*. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kienet iddeċidiet, fis-sentenza appellata [29], li ċerti nuqqasijiet mid-dmir ta' diliġenza, imwettqa mill-Ombudsman fil-kuntest tat-trattament ta' lment dwar il-ġestjoni mill-Parlament Ewropew ta' lista ta' kandidati xierqa stabbilita wara kompetizzjoni ġenerali, jikkostitwixxu, fihom infushom, ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-ġurisprudenza li fiha ġew speċifikati l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni. Bħala riżultat ta' dan il-ksur, il-Qorti Ġenerali kienet tat lill-persuna li ressqet l-ilment, li kienet waħda mill-kandidati inklużi fil-lista ta' kandidati xierqa, EUR 7 000 bħala kumpens għat-telf ta' fiduċja min-naħa tagħha fl-istituzzjoni tal-Ombudsman u għas-sentiment ta' telf ta' żmien u ta' enerġija.

Wara li fakkret il-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-Ombudsman, il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li "sempliċi" ksur tal-prinċipju ta' diliġenza mill-Ombudsman jikkostitwixxi ksur suffiċjentement serju li jista' jagħti lok għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiġi konkluż li hemm tali ksur, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit li, billi ma aġixxiex bil-kura u bil-prudenza kollha neċessarja, l-Ombudsman kiser b'mod serju u manifest il-limiti imposti fuq is-setgħa diskrezzjonali tiegħu fil-kuntest tal-eżerċizzju tas-setgħat ta' investigazzjoni tiegħu. Fir-rigward tad-dannu li l-eżistenza tiegħu kienet ġiet irrikonoxxuta mill-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kklassifikat it-telf ta' fiduċja fl-istituzzjoni tal-Ombudsman allegat mill-persuna li ressqet l-ilment bħala dannu morali reparabbli. Għaldaqtant, peress li d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali li tikkundanna lill-Ombudsman iħallas kumpens ma kellhiex bażi legali, din id-deċiżjoni ġiet annullata mill-Qorti tal-Ġustizzja.

Madankollu, peress li t-tilwima kienet fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi kkonstatat li mill-fatti fil-proċess tal-kawża kien jirriżulta li l-Ombudsman kien, fil-fatt, wettaq diversi istanzi ta' ksur suffiċjentement serju tal-obbligu ta' diliġenza tiegħu fil-kuntest tat-tmexxija tal-investigazzjonijiet tiegħu, u b'hekk kien ikkawża dannu morali reali u ċert lill-persuna li ressqet l-ilment. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkundannat mill-ġdid lill-Ombudsman iħallas is-somma ta' EUR 7 000 bħala kumpens għall-imsemmi dannu morali li kien marbut, essenzjalment, mas-sentiment ta' "ħsara psikoloġika" li ġarrbet il-persuna li ressqet l-ilment minħabba l-mod kif kien ġie ttrattat l-ilment tagħha.

Fis-sentenza ***Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill*** (C-45/15 P, EU:C:2017:402), mogħtija fit-30 ta' Mejju 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni dwar *id-dritt għal kumpens għad-danni kkawżati minn deċiżjoni ta' ffriżar ta' fondi adottata fil-kuntest tal-politika estera u ta' sigurtà komuni*. Permezz ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-appelli ppreżentati mill-kumpannija Iranjana Safa Nicu Sepahan u mill-Kunsill kontra

**29/** Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' April 2015, ***Staelen vs L-Ombudsman*** (T-217/11, EU:T:2015:238).

s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Novembru 2014 [30], li, wara li annullat il-miżuri restrittivi ta' ffriżar ta' fondi li għalihom kienet suġġetta r-rikorrenti fl-ewwel istanza [31], tat lil din il-kumpannija kumpens fl-ammont ta' EUR 50 000 għad-dannu immaterjali mġarrab minħabba l-miżuri annullati, filwaqt li ċaħdet it-talbiet tagħha għal kumpens għad-dannu materjali allegatament imġarrab. Fl-appell tagħha, Safa Nicu Sepahan ikkontestat kemm iċ-ċaħda tat-talbiet tagħha għal kumpens għad-dannu materjali u kemm l-ammont tal-kumpens mogħti għad-danni immaterjali.

Fir-rigward tal-kumpens mogħti għad-dannu immaterjali mġarrab, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Qorti Ġenerali kellha raġun meta qieset li l-ksur għal perijodu ta' kważi tliet snin mill-Kunsill tal-obbligu tiegħu li jagħti lil Safa Nicu Sepahan l-informazzjoni u l-provi li jissostanzjaw ir-raġunijiet tal-adozzjoni fil-konfront tagħha tal-miżuri restrittivi inkwistjoni kien jikkostitwixxi ksur suffiċjentement serju, li jista' jistabbilixxi r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE. Issa, filwaqt li l-annullament ta' miżuri restrittivi illegali huwa ta' natura li jikkostitwixxi forma ta' kumpens għad-dannu immaterjali, dan ma jfissirx madankollu li din il-forma ta' kumpens hija neċessarjament biżżejjed, fil-każijiet kollha, sabiex jiġi żgurat il-kumpens integrali ta' dan id-dannu. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Qorti Ġenerali kellha raġun meta stmat ex aequo et bono l-ammont, kif stabbilit, tal-kumpens għad-dannu immaterjali li għalih kienet intitolata Safa Nico Sepahan.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-assenza ta' rikonoxximent mill-Qorti Ġenerali ta' responsabbiltà tal-Unjoni fir-rigward tad-dannu materjali allegatament imġarrab, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li kull dannu li jintalab kumpens għalih taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE għandu jkun reali u ċert u li dan id-dannu għandu jirriżulta b'mod suffiċjentement dirett mill-aġir illegali tal-istituzzjonijiet. Peress li, barra minn hekk, hija l-parti li tinvoka r-responsabbiltà tal-Unjoni li għandha tipproduċi provi konklużivi kemm tal-eżistenza tad-dannu invokat, kemm tal-portata tiegħu u kemm tar-rabta kawżali bejn id-dannu u l-miżuri restrittivi adottati, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Qorti Ġenerali kellha raġun meta kkonkludiet li l-allegazzjonijiet ta' Safa Nico Sepahan ma kinux suffiċjentement issostanzjati.

# IV. ID-DRITT TAL-UNJONI U D-DRITT NAZZJONALI

Fl-10 ta' Ottubru 2017, fis-sentenza ***Farrell*** (C-413/15, EU:C:2017:745), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, għamlet numru ta' preċiżazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet li fihom, fil-konfront ta' organu rregolat mid-dritt privat, li jkun ġie fdat minn Stat Membru bil-missjoni prevista fl-Artikolu 1(4) tat-Tieni Direttiva 84/5 [32], jiġifieri li jikkumpensa d-danni materjali jew korporali kkawżati minn vettura li ma tkunx identifikata jew li fir-rigward tagħha ma jkunx ġie ssodisfatt l-obbligu ta' assigurazzjoni obbligatorja tar-responsabbiltà ċivili tal-vetturi bil-

**30/** Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Novembru 2014, ***Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill*** (T-384/11, EU:T:2014:986).

**31/** Dawn il-miżuri restrittivi kienu ġew adottati mill-Kunsill kontra l-Iran bil-għan li titwaqqaf il-proliferazzjoni nukleari, bis-saħħa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 503/2011 tat-23 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 961/2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2011, L 136, p. 26) u bis-saħħa tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU 2012, L 88, p. 1).

**32/** It-Tieni Direttiva tal-Kunsill 84/5/KEE tat-30 ta' Diċembru 1983 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi bil-mutur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 3), kif emendata bit-Tielet Direttiva tal-Kunsill 90/232/KEE tal-14 ta' Mejju 1990 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 249).

mutur, ikunu jistgħu jiġu invokati d-dispożizzjonijiet tat-Tielet Direttiva 90/232 [33] li jista' jkollhom effett dirett. It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tikkonċerna *l-kumpens, mill-organu nazzjonali kompetenti (il-"Motor Insurers Bureau of Irelands"), tad-danni korporali mġarrba mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali fil-kuntest ta' inċident tat-traffiku.*

Din is-sentenza hija s-segwitu ta' sentenza inizjali Farrell tad-19 ta' April 2007 [34], li kellha l-oriġini tagħha fl-istess tilwima fil-kawża prinċipali u li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 1 tat-Tielet Direttiva 90/232, minn naħa, jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-assigurazzjoni obbligatorja tar-responsabbiltà ċivili marbuta mal-użu ta' vetturi bil-mutur ma tkoprix ir-responsabbiltà għal danni korporali kkawżati lill-persuni li jkunu qegħdin jivvjaġġaw f'parti ta' vettura bil-mutur li la kienet maħsuba u lanqas ma kienet mgħammra b'siġġijiet għall-passiġġieri u, min-naħa l-oħra, li dan l-artikolu jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ikollu effett dirett u, għalhekk, jagħti drittijiet li l-individwi jistgħu jinvokaw direttament quddiem il-qrati nazzjonali. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, f'din is-sentenza, li kien il-kompitu tal-qorti nazzjonali li tivverifika jekk din id-dispożizzjoni setgħetx tiġi invokata fil-konfront ta' organu bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

Sussegwentement għal din is-sentenza, il-qorti tar-rinviju inizjali qieset li l-organu nazzjonali kompetenti inkwistjoni kien emanazzjoni tal-Istat u li, għaldaqstant, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali setgħet tikseb kumpens mingħandu. L-imsemmi organu għalhekk ippreżenta appell minn din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju fil-kawża ineżami, fejn sostna li ma kienx emanazzjoni tal-Istat u li, għalhekk, fil-konfront tiegħu ma setgħux jiġu invokati d-dispożizzjonijiet, anki jekk ikollhom effett dirett, ta' direttiva li ma kinux ġew trasposti fid-dritt nazzjonali. Kien f'dan il-kuntest li l-Qorti tal-Ġustizzja reġa' sarilha rinviju għal deċiżjoni preliminari sabiex tikkjarifika l-kriterji stabbiliti fis-sentenza Foster et [35] għall-finijiet tad-determinazzjoni tat-tipi ta' organi li jistgħu jitqiesu li huma emanazzjoni tal-Istat.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-imsemmija kriterji, li jipprovdu li dispożizzjonijiet inkundizzjonati u suffiċjentement preċiżi ta' direttiva jistgħu jiġu invokati minn individwu fil-konfront ta' organu jew ta' entità li jkunu suġġetti għall-awtorità jew għall-kontroll tal-Istat jew li jkollhom setgħat eżorbitanti meta mqabbla ma' dawk li jirriżultaw mir-regoli applikabbli għar-relazzjonijiet bejn individwi, ma jistax ikollhom natura kumulattiva. L-Artikolu 288 TFUE, dwar l-atti legali tal-Unjoni, għandu, għaldaqstant, jiġi interpretat fis-sens li ma jeskludix li fil-konfront ta' entità li ma tissodisfax il-kriterji kollha stabbiliti fis-sentenza Foster et, iċċitata iktar 'il fuq, ikunu jistgħu jiġu invokati d-dispożizzjonijiet ta' direttiva li jista' jkollhom effett dirett.

Wara li eżaminat il-kwistjoni ta' jekk dan huwiex il-każ fir-rigward tal-organu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dispożizzjonijiet ta' direttiva li jista' jkollhom effett dirett jistgħu jiġu invokati fil-konfront ta' organu rregolat mid-dritt privat li jkun ingħata minn Stat Membru missjoni ta' interess pubbliku, bħal dik li jikkumpensa d-danni materjali jew korporali kkawżati minn vettura li ma tkunx identifikata jew li fir-rigward tagħha ma jkunx ġie ssodisfatt l-obbligu ta' assigurazzjoni obbligatorja tar-responsabbiltà ċivili tal-vetturi bil-mutur, u li, għal dan il-għan, ikollu, skont il-liġi, setgħat eżorbitanti, bħalma hija s-setgħa li jobbliga lill-assiguraturi jeżerċitaw attività ta' assigurazzjoni ta' vetturi bil-mutur fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jissieħbu fih u jiffinanzjawh.

**33/** It-Tielet Direttiva tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 1990 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi bil-mutur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 249).

**34/** Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' April 2007, ***Farrell*** (C-356/05, EU:C:2007:229).

**35/** Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Lulju 1990, ***Foster et*** (C-188/89, EU:C:1990:313).

Fil-5 ta' Diċembru 2017, fis-sentenza ***M.A.S. u M.B.*** (C-42/17, EU:C:2017:936), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni dwar talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Qorti Kostituzzjonali Taljana intiża sabiex tinkiseb *preċiżazzjoni dwar il-portata tal-obbligu, stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Taricco et (C-105/14, EU:C:2015:555)* [36], *tal-qrati nazzjonali li jħallu mhux applikati, fil-każ ta' konstatazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 325 TFUE, id-dispożizzjonijiet nazzjonali fil-qasam tal-preskrizzjoni.*

Fil-kawża ***Taricco et,*** il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ikkonstatat li r-regoli tal-preskrizzjoni Taljani applikabbli fil-qasam tal-prosekuzzjonijiet kriminali, li jipprevedu li t-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli għar-reati fiskali fil-qasam tal-VAT jiġi estiż, fil-każ ta' interruzzjoni, bi kwart biss tat-tul inizjali tiegħu, jistgħu jiksru l-obbligi imposti fuq l-Istati Membri permezz tal-Artikolu 325(1) u (2) TFUE fil-każ li l-imsemmija regoli nazzjonali jipprekludu l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet effettivi u dissważivi f'numru kunsiderevoli ta' każijiet ta' frodi gravi li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jew jipprevedu, għall-każijiet ta' frodi li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Istat Membru kkonċernat, termini ta' preskrizzjoni itwal minn dawk għall-każijiet ta' frodi li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet għalhekk li l-qorti nazzjonali, f'tali każijiet, għandha tagħti effett sħiħ lill-Artikolu 325(1) u (2) TFUE billi, jekk ikun il-każ, tħalli mhux applikati d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali.

Permezz tar-rinviju tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qajmet il-kwistjoni ta' eventwali ksur tal-prinċipju ta' nullum crimen, nulla poena sine lege li jista' jirriżulta mill-osservanza ta' dan l-obbligu mill-qrati nazzjonali. F'dan ir-rigward, hija għamlet riferiment, l-ewwel nett, għan-natura sostantiva tar-regoli ta' preskrizzjoni previsti fl-ordinament ġuridiku Taljan, li timplika li dawn ir-regoli għandhom ikunu raġonevolment prevedibbli għall-individwi fil-mument tat-twettiq tar-reati inkwistjoni mingħajr ma jkunu jistgħu jiġu emendati in pejus b'mod retroattiv, u, it-tieni nett, għar-rekwiżit li kull leġiżlazzjoni nazzjonali dwar is-sistema ta' inkriminazzjoni għandha tkun ibbażata fuq bażi legali suffiċjentement preċiża sabiex ikunu jistgħu jiġu stabbiliti l-qafas u l-orjentament li għandha ssegwi l-evalwazzjoni tal-qorti nazzjonali.

F'dan id-dawl, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, filwaqt li għamlet riferiment għall-punt 53 tas-sentenza Taricco et, li l-qrati nazzjonali kompetenti, meta jkollhom jiddeċiedu li jħallu mhux applikati d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni, huma obbligati jiżguraw li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali tal-persuni akkużati bit-twettiq ta' reat kriminali, inklużi, fir-rigward tal-impożizzjoni ta' sanzjonijiet kriminali, id-drittijiet tal-akkużati li joħorġu mill-prinċipju ta' nullum crimen, nulla poena sine lege.

Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet, fl-ewwel lok, li l-prinċipju ta' nullum crimen, nulla poena sine lege, li huwa stabbilit fl-Artikolu 49 tal-Karta u li jagħmel parti mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, japplika għall-Istati Membri meta jimplementaw id-dritt tal-Unjoni, li huwa l-każ meta jipprevedu, fil-kuntest tal-obbligi imposti fuqhom permezz tal-Artikolu 325 TFUE, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet kriminali fir-rigward tal-ksur fil-qasam tal-VAT. Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li d-dritt iggarantit fl-Artikolu 49 tal-Karta għandu l-istess tifsira u l-istess portata bħad-dritt iggarantit mill-KEDB, kif interpretat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li stabbilixxiet, fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mill-prinċipju ta' nullum crimen, nulla poena sine lege, li d-dispożizzjonijiet kriminali għandhom josservaw ċerti rekwiżiti ta' aċċessibbiltà u ta' prevedibbiltà kemm fir-rigward tad-definizzjoni tar-reat u kemm fir-rigward tad-determinazzjoni tal-piena. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-rekwiżit ta' preċiżjoni tal-liġi applikabbli jimplika li l-liġi għandha tiddefinixxi b'mod ċar ir-reati u l-pieni li jissanzjonawhom u li l-prinċipju ta' natura mhux retroattiva tad-dritt kriminali jipprekludi b'mod partikolari li qorti tkun tista', matul proċedura kriminali, tissanzjona kriminalment aġir li ma jkunx ipprojbit minn regola nazzjonali adottata qabel it-twettiq tar-reat li jkun is-suġġett tal-akkuża jew taggrava r-regoli dwar ir-responsabbiltà kriminali tal-persuni li jkunu s-suġġett ta' tali proċedura.

**36/** Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2015, ***Taricco et*** (C-105/14, EU:C:2015:555).

Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi speċifikat li, jekk il-qorti nazzjonali tasal sabiex tqis li l-obbligu li jitħallew mhux applikati d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali inkwistjoni jmur kontra l-prinċipju ta' nullum crimen, nulla poena sine lege, hija ma tkunx marbuta li tikkonforma ruħha ma' dan l-obbligu, u dan anki jekk l-osservanza ta' dan l-obbligu tippermetti li tiġi rrimedjata sitwazzjoni nazzjonali inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. F'tali sitwazzjoni huwa l-leġiżlatur nazzjonali li għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jipprevedi regoli ta' preskrizzjoni li jippermettu li jiġu ssodisfatti l-obbligi li joħorġu mill-Artikolu 325 TFUE.

# V. KAWŻI TAL-UNJONI

Fir-rigward tal-kawżi tal-Unjoni, għandha tiġi indikata sentenza dwar il-projbizzjoni għall-qorti tal-Unjoni li tiddeċiedi ultra petita. Barra minn hekk, is-sentenzi ***A et*** (C-158/14) u ***Rosneft*** (C-72/15), li jikkonċernaw b'mod partikolari l-ammissibbiltà ta' talba għal deċiżjoni preliminari dwar il-validità ta' miżuri adottati fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni, jistħoqqilhom jissemmew [37].

Permezz tas-sentenza ***British Airways vs Il-Kummissjoni*** (C-122/16 P, EU:C:2017:861), mogħtija fl-14 ta' Novembru 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, intalbet tispeċifika l-portata tal-*projbizzjoni għall-qorti tal-Unjoni li tiddeċiedi ultra petita*. Fis-sentenza appellata [38], mogħtija fil-kuntest ta' tilwima bejn il-kumpannija tal-ajru British Airways u l-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali kienet qajmet ex officio motiv ta' ordni pubbliku bbażat fuq difett fil-motivazzjoni li vvizzja d-deċiżjoni kontenzjuża [39]. Skont il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni kienet, fil-fatt, fil-motivazzjoni, semmiet ksur uniku u kontinwu wieħed tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-KE u l-Isvizzera. Mill-banda l-oħra, id-dispożittiv ta' din id-deċiżjoni kien ikkonstata l-eżistenza ta' ksur uniku u kontinwu distint għal kull wieħed minn dawn l-artikoli. Madankollu, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li din il-konstatazzjoni ma setgħetx twassal għall-annullament totali tad-deċiżjoni kontenzjuża peress li hija ma setgħetx tmur lil hinn mit-talbiet magħmula fir-rikors promotur, li kienu jirreferu biss għal annullament parzjali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali. Hija fakkret li, peress li l-qorti tal-Unjoni ma tistax tiddeċiedi *ultra petita*, l-annullament iddikjarat minnha ma jistax imur lil hinn minn dak mitlub mir-rikorrent. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li għalkemm l-awtorità assoluta ta' *res judicata* li tgawdi minnha sentenza ta' annullament tapplika kemm għad-dispożittiv tas-sentenza u kemm għar-raġunijiet li jikkostitwixxu l-bażi neċessarja ta' dan id-dispożittiv, din l-awtorità ma tistax timplika l-annullament ta' att, jew ta' parti ta' att, li ma jkunux tressqu għall-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni u li jkunu vvizzjati bl-istess illegalità. Barra minn hekk, il-kompetenza tal-qorti li tistħarreġ il-legalità sabiex tqajjem *ex officio* motiv ta' ordni pubbliku ma timplikax madankollu li l-qorti tista' temenda *ex officio* t-talbiet imressqa mir-rikorrent. Fil-fatt, għalkemm il-motivi mressqa mir-rikorrent jikkostitwixxu l-bażi neċessarja għat-talbiet li jkunu jinsabu f'rikors, il-motivi huma distinti mit-talbiet, li jiddefinixxu l-limiti tat-tilwima mressqa quddiem il-qorti tal-Unjoni.

**37/** Dawn iż-żewġ sentenzi huma ppreżentati fit-Taqsima XX, "Politika estera u ta' sigurtà komuni".

**38/** Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Diċembru 2015, ***British Airways vs Il-Kummissjoni*** (T-48/11, EU:T:2015:988).

**39/** Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 7694 final,tad-9 ta' Novembru 2010 dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-trasport bl-ajru (Każ COMP/39258 – Trasport ta' merkanzija bl-ajru).

Minn dan isegwi li, meta tqajjem *ex officio* motiv ta' ordni pubbliku li, bħala prinċipju, ma jkunx ġie invokat mill-partijiet, il-qorti tal-Unjoni ma toħroġx mill-kuntest tat-tilwima li jkollha quddiemha u bl-ebda mod ma tikser ir-regoli proċedurali dwar il-preżentazzjoni tas-suġġett tat-tilwima u tal-motivi fir-rikors. Ikun mod ieħor jekk, wara l-eżami tal-mertu tal-att imressaq għall-istħarriġ tagħha, il-qorti tiddikjara, abbażi ta' motiv imqajjem *ex officio*, annullament li jmur lil hinn minn dak li kien mitlub fit-talbiet imressqa b'mod regolari quddiemha, għar-raġuni li tali annullament huwa neċessarju sabiex jikkoreġi l-illegalità kkonstatata *ex officio* fil-kuntest tal-imsemmija analiżi.

Filwaqt li osservat li ma kienx ikkontestat li d-difett ta' motivazzjoni kkonstatat mill-Qorti Ġenerali f'dan il-każ kien kiser id-drittijiet tad-difiża ta' British Airways, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-assenza ta' stħarriġ *ex officio* tad-deċiżjoni kontenzjuża kollha kemm hi ma tiksirx il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva previst fl-Artikolu 47 tal-Karta. Fil-fatt, għalkemm l-istħarriġ tal-legalità previst fl-Artikolu 263 TFUE, ikkompletat bil-ġurisdizzjoni sħiħa fir-rigward tal-ammont tal-multa, prevista fl-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 [40], jimplika li l-qorti tal-Unjoni teżerċita stħarriġ kemm ta' liġi kif ukoll ta' fatt u li għandha s-setgħa li tevalwa l-provi, li tannulla d-deċiżjoni kkontestata u li temenda l-ammont tal-multi, l-fatt li l-istħarriġ tal-legalità mwettaq mill-qorti jkun limitat mit-talbiet tal-partijiet kif ifformulati fit-talbiet tal-atti proċedurali tagħhom ma jmurx kontra l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, prinċipju dan li barra minn hekk ma jeħtieġx li l-qorti għandha testendi l-istħarriġ tagħha għall-elementi ta' deċiżjoni li ma jkunux jaqgħu fil-portata tat-tilwima li tkun tressqet quddiemha.

# VI. AGRIKOLTURA

Is-sentenza ***APVE et*** (C-671/15, EU:C:2017:860), mogħtija fl-14 ta' Novembru 2017, tat l-opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tagħti deċiżjoni dwar *ir-relazzjoni bejn il-politika agrikola komuni (PAK) u d-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni*. Fil-kawża prinċipali kienet inkwistjoni deċiżjoni tal-awtorità Franċiża tal-kompetizzjoni li kienet qieset li huma antikompetittivi, u li kienet issanzjonat finanzjarjament, il-prattiki implementati b'mod partikolari minn organizzazzjonijiet ta' produtturi (OP) u minn assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi (AOP) fis-settur tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-indivji. Adita b'appell fil-kassazzjoni mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell li bidlet din id-deċiżjoni, il-Qorti tal-Kassazzjoni għamlet domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk l-Artikolu 101 TFUE, moqri flimkien ma' ċerti dispożizzjonijiet speċifiċi tad-dritt idderivat adottat fil-qasam tal-PAK [41], kellux jiġi interpretat fis-sens li prattiki li permezz tagħhom l-OP, l-AOP u l-organizzazzjonijiet l-oħra kkonċernati fil-kawża prinċipali jipproċedu għall-iffissar kollettiv ta' prezzijiet minimi ta' bejgħ, jiftiehmu fuq il-kwantitajiet imqiegħda fis-suq u jiskambjaw informazzjoni strateġika, huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni tal-akkordji prevista f'dan l-artikolu.

**40/** Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 u 102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

**41/** Ara l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 26 tal–4 ta' April 1962 li japplika ċerti regoli tal-kompetizzjoni għall-produzzjoni u għall-kummerċ ta' prodotti agrikoli (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 1, p. 6), l-Artikolu 11(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat–28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħxejjex (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 20, p. 55), l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 tal–24 ta' Lulju 2006 li japplika ċerti regoli ta' kompetizzjoni għall-produzzjoni ta', u l-kummerċ fi, prodotti agrikoli (ĠU 2008, L 352M, p. 463), l-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1182/2007 tas–26 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi regoli speċifiċi rigward is-settur tal-frott u l-ħxejjex (ĠU 2007, L 273, p. 1), kif ukoll l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 122, u l-Artikoli 175 u 176 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU 2007, L 299, p. 1).

Il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, fakkret li, fit-tfittxija tal-għanijiet marbuta mat-twaqqif tal-PAK u mal-istabbiliment ta' sistema ta' kompetizzjoni mhux distorta, l-Artikolu 42 TFUE jirrikonoxxi s-supremazija tal-PAK fil-konfront tal-għanijiet tat-Trattat fil-qasam tal-kompetizzjoni, kif ukoll is-setgħa tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni ċerti prattiki li, li kieku seħħew f'settur differenti minn dak tal-PAK, kien ikollhom jiġu kklassifikati bħala prattiki antikompetittivi. B'mod partikolari, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar is-settur tal-frott u tal-ħaxix, il-prattiki li huma neċessarji sabiex l-OP u l-AOP jilħqu wieħed jew iktar mill-għanijiet mogħtija lilhom mill-PAK (jiġifieri li jiżguraw li l-produzzjoni tkun ippjanata u aġġustata skont it-talba, li l-provvista tkun ikkonċentrata u li l-produzzjoni titqiegħed fis-suq, li jitnaqqsu kemm jista' jkun l-ispejjeż tal-produzzjoni u li jiġu rregolarizzati l-prezzijiet tal-produzzjoni) ma humiex koperti mill-projbizzjoni fir-rigward tal-akkordji prevista fl-Artikolu 101(1) TFUE. Madankollu, il-portata ta' dawn l-esklużjonijiet għandha tiġi interpretata b'mod strett u l-organizzazzjonijiet komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli ma jikkostitwixxux żona mingħajr kompetizzjoni. Barra minn hekk, il-prattiki li jsegwu l-għanijiet tal-PAK huma suġġetti għall-prinċipju ta' proporzjonalità.

Fir-rigward tal-prattiki miftiehma bejn il-produtturi membri tal-istess OP jew tal-istess AOP irrikonoxxuta minn Stat Membru fil-kuntest tal-implementazzjoni tal-PAK, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li huma biss il-forom ta' koordinazzjoni jew ta' ftehim bejn il-membri tal-istess OP jew tal-istess AOP, li effettivament u strettament jagħmlu parti mit-tfittxija tal-għanijiet mogħtija lill-OP jew lill-AOP ikkonċernata, li jistgħu jaħarbu l-projbizzjoni fir-rigward tal-akkordji. Dan jista' jkun il-każ b'mod partikolari fir-rigward tal-iskambji ta' informazzjoni strateġika, tal-koordinazzjoni tal-volumi ta' prodotti agrikoli mqiegħda fis-suq kif ukoll tal-koordinazzjoni tal-politika tariffarja tal-produtturi agrikoli individwali, meta dawn il-prattiki jkunu effettivament intiżi li jintlaħqu dawn l-għanijiet u jkunu strettament proporzjonati fil-konfront tagħhom. Mill-banda l-oħra, l-iffissar kollettiv ta' prezzijiet minimi tal-bejgħ fi ħdan OP jew AOP ma jistax jitqies li huwa neċessarju għall-funzjonament tajjeb tal-organizzazzjoni komuni tas-suq ikkonċernat, u lanqas ma jista' jitqies li huwa proporzjonat fil-konfront tal-għanijiet tar-regolarizzazzjoni tal-prezzijiet jew tal-konċentrazzjoni tal-offerta, peress li ma jippermettix lill-produtturi li jbigħu huma stess il-produzzjoni tagħhom japplikaw prezz inqas mill-prezzijiet minimi u peress li għandu l-effett li jdgħajjef il-livell diġà limitat ta' kompetizzjoni eżistenti fis-suq ta' prodotti agrikoli.

# VII. LIBERTAJIET TA' MOVIMENT

## 1. IL-LIBERTÀ TA' MOVIMENT TAL-ĦADDIEMA

Fis-sentenza ***Erzberger*** (C-566/15, EU:C:2017:562), mogħtija fit-18 ta' Lulju 2017, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar *il-kompatibbiltà mal-moviment liberu tal-ħaddiema, iggarantit fl-Artikolu 45 TFUE, ta' ċerti restrizzjonijiet għall-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fil-bord ta' sorveljanza ta' kumpannija previsti fil-liġi Ġermaniża dwar il-parteċipazzjoni tal-impjegati fit-tmexxija*. B'mod iktar partikolari, billi tillimita d-dritt tal-vot u d-dritt li joħorġu għall-imsemmija elezzjonijiet għall-ħaddiema impjegati fl-istabbilimenti ta' grupp li jinsabu fit-territorju nazzjonali biss, din il-liġi ċċaħħad mill-imsemmija drittijiet lill-impjegati li, b'mod partikolari, jitilqu mill-impjieg tagħhom fi stabbiliment li jinsab fil-Ġermanja sabiex jiġu impjegati minn sussidjarja li tappartjeni għall-istess grupp stabbilita fi Stat Membru ieħor, jiġifieri ħaddiema li jeżerċitaw id-dritt iggarantit lilhom mill-Artikolu 45 TFUE.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-telf tad-drittijiet imsemmija, imġarrab minn dawn il-ħaddiema, ma jistax jitqies li jikkostitwixxi ostakolu għall-moviment liberu tal-ħaddiema. Fil-fatt, id-dritt primarju tal-Unjoni ma jistax jiggarantixxi lil ħaddiem li ċaqliq lejn Stat Membru li ma huwiex l-Istat Membru ta' oriġini tiegħu ma huwiex ser ikollu impatt fil-qasam soċjali, billi dan iċ-ċaqliq, fid-dawl tad-differenzi li jeżistu bejn is-sistemi u l-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri, jista', skont il-każ, ikun iktar jew inqas vantaġġuż għall-persuna kkonċernata f'dan il-qasam.

B'hekk, il-moviment liberu tal-ħaddiema ma jagħtix lill-imsemmi ħaddiem id-dritt li jinvoka, fl-Istat Membru ospitanti, il-kundizzjonijiet tax-xogħol li minnhom kien jibbenefika fl-Istat Membru ta' oriġini skont il-leġiżlazzjoni ta' dan l-aħħar Stat. Għaldaqstant, id-dritt tal-Unjoni lanqas ma jipprekludi, fil-qasam tar-rappreżentanza u taddifiża kollettiva tal-interessi tal-ħaddiema fil-korpi ta' tmexxija jew ta' sorveljanza ta' kumpannija rregolata mid-dritt nazzjonali – qasam li, sal-lum, ma kienx is-suġġett ta' armonizzazzjoni jew ta' koordinazzjoni fuq il-livell tal-Unjoni –, li Stat Membru jipprevedi li r-regoli li jadotta jkunu japplikaw biss għall-ħaddiema impjegati minn stabbilimenti li jinsabu fit-territorju nazzjonali tiegħu.

## 2. IL-LIBERTÀ TA' STABBILIMENT

Fl-14 ta' Settembru 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja tat is-sentenza ***Trustees of the P Panayi Accumulation & Maintenance Settlements*** (C-646/15, EU:C:2017:682), fejn iddeċidiet li *d-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertà ta' stabbiliment jipprekludu t-tassazzjoni, kif prevista mid-dritt tar-Renju Unit fil-kawża prinċipali, tal-qligħ kapitali moħbi relatat mal-assi miżmuma fi trust meta l-maġġoranza tat-trustees jittrasferixxu l-post ta' residenza tagħhom fi Stat Membru ieħor.*

F'dan il-każ, ċittadin Ċiprijott kien waqqaf, fl-1992, trusts irregolati mid-dritt tar-Renju Unit favur uliedu u membri oħra tal-familja tiegħu. Fil-mument tal-ħolqien tal-imsemmija trusts, iċ-ċittadin Ċiprijott kien jirrisjedi flimkien mal-familja tiegħu fir-Renju Unit, kif kien il-każ ukoll għat-trustees oriġinali. Fl-2004, iċ-ċittadin Ċiprijott u l-konjuġi tiegħu rriżenjaw mill-funzjonijiet tagħhom bħala trustee u ħatru minflokhom tliet trustees ġodda, li kienu jirrisjedu kollha Ċipru. Peress li b'hekk il-maġġoranza tat-trustees ma kinux baqgħu residenti fir-Renju Unit, l-amministrazzoni fiskali Brittanika qieset li l-amministrazzjoni tat-trusts kienet iċċaqalqet lejn Ċipru. Skont l-amministazzjoni, tali ċaqliq kien ekwivalenti għal trasferiment immedjat, qabel id-data taċ-ċaqliq, tal-assi li jikkostitwixxu l-attiv tat-trust u l-akkwist mill-ġdid immedjat tagħhom bil-prezz tas-suq, li seta' jagħti lok għat-tassazzjoni tal-qligħ kapitali moħbi.

Fir-rigward tal-konformità ta' tali tassazzjoni mad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, ikkonfermat li t-trusts inkwistjoni jistgħu jinvokaw il-libertà ta' stabbiliment sa fejn jaqgħu taħt il-kunċett ta' "persuni ġuridiċi oħra" fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 TFUE. Barra minn hekk, wara li kkonfermat li l-libertà ta' stabbiliment tapplika fil-każ li Stat Membru jintaxxa l-qligħ kapitali marbut mal-beni miżmuma fi trust minħabba t-trasferiment tas-sede tal-amministrazzjoni tat-trust lejn Stat Membru ieħor, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk it-tassazzjoni kontenzjuża kinitx kompatibbli ma' din il-libertà. F'dan ir-rigward, hija bdiet billi kkonstatat l-eżistenza ta' ostakolu għal-libertà ta' stabbiliment sa fejn id-differenza fit-tassazzjoni bejn it-trusts li jżommu s-sede ta' amministrazzjoni tagħhom fir-Renju Unit u t-trusts li s-sede ta' amministrazzjoni tagħhom jiġi ttrasferit lejn Stat Membru ieħor hija, b'mod partikolari, ta' natura li tiddisswadi tali trasferimenti tas-sede. Fir-rigward ta' eventwali ġustifikazzjoni għal dan l-ostakolu minħabba raġunijiet ta' interess ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi qieset li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni, filwaqt li hija adegwata sabiex tiġi żgurata ż-żamma tat-tqassim tal-kompetenza fiskali bejn l-Istati Membri, xorta waħda tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinżamm dan it-tqassim tal-kompetenzi fiskali nazzjonali sa fejn tipprevedi biss il-ħlas immedjat tat-taxxa inkwistjoni. Għaldaqstant, l-imsemmija leġiżlazzjoni tqieset li tikkostitwixxi ostakolu mhux iġġustifikat għal-libertà ta' stabbiliment.

Fis-sentenza ***Polbud-Wykonawstwo*** (C-106/16, EU:C:2017:804), mogħtija fil-25 ta' Ottubru 2017, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li *l-Artikoli 49 u 54 TFUE japplikaw għat-trasferiment tal-uffiċċju rreġistrat biss ta' kumpannija inkorporata skont id-dritt ta' Stat Membru lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor, anki meta din il-kumpannija teżerċita l-parti essenzjali tal-attivitajiet ekonomiċi tagħha kollha, jekk mhux ukoll l-attivitajiet ekonomiċi kollha tagħha, u żżomm l-uffiċċju reali tagħha fl-ewwel Stat Membru.* Il-kwistjoni fil-kawża prinċipali kienet tikkonċerna d-deċiżjoni li tiċħad l-applikazzjoni għat-tħassir mir-reġistru tal-kummerċ Pollakk, imressqa minn Polbud-Wykonawstwo (iktar 'il quddiem "Polbud"), kumpannija b'responsabbiltà limitata rregolata mid-dritt Pollakk, wara t-trasferiment tal-uffiċċju rreġistrat tagħha lejn il-Lussemburgu. Fil-fatt, il-leġiżlazzjoni Pollakka tipprevedi l-istralċ obbligatorju

tal-kumpannija nazzjonali meta l-uffiċċju rreġistrat tagħha jiġi ttrasferit barra mill-pajjiż. Għalhekk, it-tħassir ta' Polbud mir-reġistru tal-kummerċ Pollakk kien ġie rrifjutat minħabba li ma kinux ġew ippreżentati d-dokumenti marbuta mal-istralċ tagħha. Polbud ikkontestat din id-deċiżjoni ta' ċaħda filwaqt li sostniet li hija ma kinitx tilfet il-personalità ġuridika tagħha u li hija kienet baqgħet teżisti bħala kumpannija rregolata mid-dritt Lussemburgiż. F'dan il-kuntest, il-Qorti Suprema tal-Polonja għamlet domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, dwar l-applikabbiltà tal-libertà ta' stabbiliment għall-każ ineżami u, min-naħa l-oħra, dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Pollakka mad-dritt tal-Unjoni.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Artikoli 49 u 54 TFUE jagħtu l-benefiċċju tal-libertà ta' stabbiliment lill-kumpanniji inkorporati konformement mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom, it-tmexxija ċentrali tagħhom jew l-istabbiliment prinċipali tagħhom ġewwa l-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li din il-libertà fundamentali tinkludi d-dritt għal kumpannija, bħal Polbud, inkorporata konformement mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, li tiġi kkonvertita f'kumpannija rregolata mid-dritt ta' Stat Membru ieħor, sakemm ikunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru ieħor u, b'mod partikolari, il-kriterju adottat minn dan tal-aħħar għall-finijiet tar-rabta ta' kumpannija mal-ordinament ġuridiku nazzjonali tiegħu.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 49 u 54 TFUE jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża ineżami, li tissuġġetta t-trasferiment tal-uffiċċju rreġistrat ta' kumpannija għall-istralċ obbligatorju tagħha. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali leġiżlazzjoni hija ta' natura li tostakola, jekk mhux ukoll tipprekludi, il-konverżjoni transkonfinali ta' kumpannija u tikkostitwixxi għalhekk restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li tali restrizzjoni tista', bħala prinċipju, tkun iġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali. Madankollu, hija qieset li l-leġiżlazzjoni Pollakka tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' protezzjoni tal-interessi tal-kredituri, tal-azzjonisti minoritarji u tal-impjegati. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li din il-leġiżlazzjoni tipprevedi, b'mod ġenerali, obbligu ta' stralċ, mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni r-riskju reali li dawn l-interessi jiġu ppreġudikati u mingħajr ma huwa possibbli li jintgħażlu miżuri inqas restrittivi li jistgħu jipproteġu l-imsemmija interessi.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet il-ġustifikazzjoni bbażata fuq l-għan tal-ġlieda kontra l-prattiki abbużivi. Hija fil-fatt qieset li l-fatt li l-uffiċċju, irreġistrat jew reali, ta' kumpannija jiġi stabbilit konformement mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru bil-għan li jittieħed vantaġġ minn leġiżlazzjoni iktar vantaġġuża ma jikkostitwixxix, fih innifsu, abbuż. Barra minn hekk, is-sempliċi fatt li kumpannija tittrasferixxi l-uffiċċju tagħha minn Stat Membru lejn ieħor ma jistax iservi ta' bażi għal preżunzjoni ġenerali ta' frodi u lanqas ma jista' jiġġustifika miżura li tippreġudika l-eżerċizzju ta' libertà fundamentali ggarantita mit-Trattat. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-obbligu ġenerali li tiġi implementata proċedura ta' stralċ jimplika tali preżunzjoni u, għaldaqstant, qieset li l-leġiżlazzjoni nazzjonali hija sproporzjonata fil-konfront ta' dan l-għan.

## 3. IL-LIBERTÀ LI JIĠU PPROVDUTI SERVIZZI

Fit-13 ta' Ġunju 2017, fis-sentenza tal-Awla Manja ***The Gibraltar Betting and Gaming Association*** (C-591/15, EU:C:2017:449), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 56 TFUE u tal-punt 3 tal-Artikolu 355 TFUE. Din is-sentenza ngħatat fil-kuntest ta' tilwima li fiha assoċjazzjoni professjonali ta' operaturi ta' logħob tal-ażżard stabbiliti f'Ġibiltà kienet ikkontestat il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mad-dispożizzjonijiet dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, tas-sistema fiskali ġdida adottata mir-Renju Unit li tikkonċerna, b'mod partikolari, il-logħob tal-ażżard mill-bogħod. Sabiex ikun magħruf jekk l-Artikolu 56 TFUE setax

jiġi invokat jew le f'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tiddetermina *jekk il-provvista, minn operaturi stabbiliti f'Ġibiltà, ta' servizzi ta' logħob tal-ażżard lil klijenti fir-Renju Unit tikkonċernax, fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, "sitwazzjoni purament interna"*.

Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett osservat li Ġibiltà tikkostitwixxi territorju Ewropew li Stat Membru, jiġifieri r-Renju Unit, jassumi r-relazzjonijiet esterni tiegħu. Id-dritt tal-Unjoni japplika għal dan it-territorju bis-saħħa tal-punt 3 tal-Artikolu 355 TFUE, bla ħsara għall-esklużjonijiet previsti espliċitament fl-Att ta' Adeżjoni tal-1972, li madankollu ma jikkonċernawx il-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kwistjoni ta' jekk il-provvista ta' servizzi inkwistjoni tikkostitwixxix "sitwazzjoni purament interna", jiġifieri sitwazzjoni li l-elementi kollha tagħha huma limitati fi ħdan Stat Membru wieħed. F'dan ir-rigward, hija qieset li, għalkemm huwa minnu li Ġibiltà ma tagħmilx parti mir-Renju Unit, dan il-fatt ma jistax ikun deċiżiv għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' jekk żewġ territorji għandhomx ikunu, għall-finijiet tal-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet dwar il-libertajiet fundamentali, assimilati ma' Stat Membru wieħed. Barra minn hekk, jekk il-kummerċ bejn Ġibiltà u r-Renju Unit jiġi assimilat mal-kummerċ bejn Stati Membri, dan ifisser li tkun qiegħda tiġi nnegata l-konnessjoni rrikonoxxuta fil-punt 3 tal-Artikolu 355 TFUE bejn dan it-territorju u dan l-Istat Membru. Minn dan isegwi, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-provvista ta' servizzi minn operaturi stabbiliti f'Ġibiltà lil persuni stabbiliti fir-Renju Unit tikkostitwixxi, fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, sitwazzjoni purament interna, li għaliha d-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi ma humiex intiżi li japplikaw.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li din l-interpretazzjoni tal-punt 3 tal-Artikolu 355 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 56 TFUE, ma għandha l-ebda effett fuq l-istatus tat-territorju ta' Ġibiltà fid-dritt internazzjonali u, għaldaqstant, ma għandhiex tinftiehem fis-sens li qiegħda tippreġudika l-istatus separat u distint ta' Ġibiltà.

Fis-sentenza ***Asociación Profesional Elite Taxi*** (C-434/15, EU:C:2017:981), mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2017, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' jekk *servizz ta' intermedjazzjoni li jkollu bħala għan li, permezz ta' applikazzjoni għal smartphones u bi ħlas, idaħħal f'kuntatt xufiera mhux professjonali li jużaw il-vettura tagħhom stess ma' persuni li jixtiequ jwettqu vjaġġ urban jaqax taħt l-Artikolu 56 TFUE, dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, kif ukoll taħt id-Direttivi 2006/123* [42] *u 2000/31* [43]. F'dan il-każ, assoċjazzjoni professjonali ta' sewwieqa ta' taxis kienet ippreżentat rikors sabiex jiġi kkonstatat, minn qorti Spanjola, li l-attivitajiet tal-kumpannija Uber Systems Spain SL (iktar 'il quddiem "Uber") kienu jiksru l-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tal-kompetizzjoni żleali. Peress li qieset li l-prattiki ta' Uber ma setgħux jitqiesu li huma żleali jekk l-attività tagħha taqa' taħt id-Direttiva 2006/123 jew taħt id-Direttiva 98/34 [44], dik il-qorti ddeċidiet li tagħmel domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-klassifikazzjoni tal-attività ta' Uber inkwistjoni fil-kawża prinċipali fid-dawl tal-imsemmija direttivi kif ukoll tal-Artikolu 56 TFUE.

Qabel kollox, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li din l-attività ma hijiex sempliċi servizz ta' intermedjazzjoni li jikkonsisti fi tqegħid f'kuntatt, permezz ta' applikazzjoni għal smartphones, ta' sewwieq mhux professjonist li juża l-vettura tiegħu stess ma' persuna li tixtieq twettaq vjaġġ urban. Fil-fatt, il-fornitur ta' dan is-servizz ta' intermedjazzjoni joħloq, fl-istess ħin, offerta ta' servizzi ta' trasport urban, li huwa jagħmel aċċessibbli b'mod partikolari permezz ta' għodda informatika u li tagħha jorganizza l-funzjonament ġenerali favur persuni li jkunu jixtiequ jirrikorru

**42/** Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU 2006, L 376, p. 36).

**43/** Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399).

**44/** Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura dwar l-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u r-regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà ta' l-Informatika (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 337), kif emendata mid-Direttiva 98/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 1998 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 21, p. 8).

għaliha. L-imsemmi servizz huwa bbażat fuq is-selezzjoni ta' sewwieqa mhux professjonali, li lilhom Uber tagħti applikazzjoni li mingħajrha, minn naħa, dawn is-sewwieqa ma jkunux jistgħu jipprovdu servizzi ta' trasport u, min-naħa l-oħra, il-persuni li jkunu jixtiequ jwettqu vjaġġ urban ma jkunux jistgħu jirrikorru għas-servizzi tal-imsemmija sewwieqa. Barra minn hekk, Uber teżerċita influwenza deċiżiva fuq il-kundizzjonijiet tal-provvista tas-servizz minn dawn tal-aħħar, b'mod partikolari, fuq il-prezz massimu tal-vjaġġ kif ukoll fuq il-kwalità tal-vetturi u tas-sewwieqa tagħhom.

Għaldaqstant, is-servizz ta' intermedjazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandu jitqies li jagħmel parti integrali minn servizz globali li l-element prinċipali tiegħu huwa servizz ta' trasport. Minn dan isegwi, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, li dan is-servizz ma jikkostitwixxix "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni", fis-sens tad-Direttiva 98/34, li għaliha tirreferi d-Direttiva 2000/31, iżda "servizz fil-qasam tat-trasport", fis-sens tal-Artikolu 58(1) TFUE, li jipprovdi li l-moviment liberu ta' tali servizzi huwa rregolat mid-dispożizzjonijiet tat-Titolu dwar it-trasport, kif ukoll fis-sens tal-Artikolu 2(2)(d) tad-Direttiva 2006/123, li jipprevedi li din id-direttiva ma tapplikax għas-servizzi fil-qasam tat-trasport. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li tali servizz ta' intermedjazzjoni għandu jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 56 TFUE, tad-Direttiva 2006/123 u tad-Direttiva 2000/31.

Minn dan isegwi wkoll li, sa fejn il-leġiżlatur tal-Unjoni ma adottax, fuq il-bażi tat-Titolu dwar it-trasport, regoli komuni dwar is-servizzi ta' trasport urban mhux kollettiv kif ukoll dwar is-servizzi li huma marbuta b'mod inseparabbli magħhom, bħalma huwa s-servizz ta' intermedjazzjoni inkwistjoni, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, huma l-Istati Membri li għandhom jirregolaw il-kundizzjonijiet għall-provvista ta' tali servizzi ta' intermedjazzjoni b'osservanza tar-regoli ġenerali tat-Trattat FUE.

# VIII. KONTROLLI MAL-FRUNTIERI, AŻIL U IMMIGRAZZJONI

## 1. POLITIKA TAL-AŻIL

Minħabba l-portata wiesgħa tal-kriżi migratorja li ilha taffettwa d-dinja kollha għal numru ta' snin u, għaldaqstant, minħabba l-wasla ta' numru eċċezzjonalment għoli ta' persuni li talbu protezzjoni internazzjonali fi ħdan l-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha titratta numru kbir ta' kawżi marbuta mal-politika tal-ażil tal-Unjoni. Fost dawn il-kawżi għandhom jissemmew disgħa, fejn waħda tikkonċerna d-Direttiva 2004/83 [45] filwaqt li t-tmienja l-oħra jikkonċernaw ir-Regolament Nru 604/2013 [46] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Dublin III"). B'mod iktar speċifiku, is-sentenza li tinterpreta d-Direttiva 2004/83 tikkonċerna l-klawżola ta' esklużjoni tal-istatus ta' refuġjat minħabba aġir li jmur kontra l-għanijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti. Fir-rigward tas-sentenzi li jinterpretaw ir-Regolament Dublin III, l-ewwel waħda tikkonċerna l-kwistjoni tal-eżistenza ta' obbligu, għal Stat Membru, li joħroġ viża għal raġunijiet umanitarji, sabiex imbagħad tiġi ppreżentata applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fit-territorju tiegħu.

**45/** Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 96).

**46/** Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU 2013, L 180, p. 31).

F'sitt kawżi oħra, persuni li talbu protezzjoni internazzjonali kienu qegħdin jipprovaw jikkontestaw, għal diversi raġunijiet, id-deċiżjoni tal-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru li jiġu ttrasferiti lejn Stat Membru ieħor, sabiex l-eżami tal-applikazzjoni tagħhom għal protezzjoni internazzjonali tiġi eżaminata minn dan tal-aħħar. Id-disa' kawża tikkonċerna l-legalità tal-miżuri provviżorji adottati mill-Kunsill sabiex jiġu rrilokalizzati applikanti għal ażil f'sitwazzjoni mingħajr preċedent.

## 1.1. L-istatus ta' refuġjati

Fis-sentenza ***Lounani*** (C-573/14, EU:C:2017:71), tal-31 ta' Jannar 2017, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat, fid-dawl tal-Artikolu 12(2)(ċ) u (3) tad-Direttiva 2004/83, *il-kundizzjonijiet li fihom applikant jista' jiġi eskluż mill-istatus ta' refuġjat minħabba aġir li jmur kontra l-għanijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti*. Fil-kawża prinċipali, ċittadin Marokkin kien ġie kkundannat fil-Belġju minħabba l-parteċipazzjoni tiegħu fl-attivitajiet ta' grupp terroristiku, bħala membru mexxej tiegħu. Din il-kundanna kienet ibbażata b'mod partikolari fuq il-fatt li, għalkemm huwa minnu li ma kienx wettaq, ipprova jwettaq jew hedded li jwettaq huwa stess att ta' terroriżmu, l-individwu kkonċernat kien madankollu pprovda lil dan il-grupp għajnuna loġistika u kien ipparteċipa b'mod attiv fl-organizzazzjoni ta' mogħdija sabiex jintbagħtu volontiera fl-Iraq. Wara din il-kundanna, l-individwu kkonċernat ippreżenta applikazzjoni għal ażil fejn invoka l-biża' li jsofri persekuzzjoni jekk jintbagħat lura fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu minħabba r-riskju li issa jitqies mill-awtoritajiet Marokkini bħala Iżlamist radikali u ġiħadist. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju għamlet domanda dwar jekk il-klawżola ta' esklużjoni tal-istatus ta' refuġjat, prevista fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2004/83, setgħetx tapplika għal tali applikant għal ażil.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett qieset li l-kunċett ta' "aġir li jmur kontra l-għanijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti" ma huwiex limitat għat-twettiq ta' atti ta' terroriżmu. Fil-fatt, dan il-kunċett huwa ppreċiżat, fost oħrajn, fir-Riżoluzzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-miżuri intiżi li jiġi eliminat it-terroriżmu internazzjonali u, skont dawn ir-riżoluzzjonijiet, l-applikazzjoni tal-esklużjoni tal-istatus ta' refuġjat minħabba tali aġir tista' tapplika wkoll għall-individwi li jwettqu attivitajiet ta' reklutaġġ, ta' organizzazzjoni, ta' trasport jew ta' provvista ta' tagħmir favur persuni li jmorru fi Stat li ma jkunx l-Istat ta' residenza jew ta' nazzjonalità tagħhom bil-ħsieb, b'mod partikolari, li jwettqu, li jorganizzaw jew li jippreparaw atti ta' terroriżmu. Barra minn hekk, ma huwiex meħtieġ li l-persuna li titlob protezzjoni internazzjonali tkun ġiet ikkundannata għal wieħed mir-reati terroristiċi previsti fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/475 [47], li hija intiża li tapprossimizza, fl-Istati Membri kollha, id-definizzjoni tar-reati terroristiċi.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-evalwazzjoni finali tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, suġġetti għall-istħarriġ tal-qorti nazzjonali, u li dawn l-awtoritajiet għandhom iwettqu, għal kull każ individwali, evalwazzjoni tal-fatti preċiżi li jkollhom għarfien tagħhom sabiex jiddeterminaw jekk hemmx raġunijiet serji li jagħtu x'jifhem li l-atti mwettqa mill-persuna li talbet protezzjoni internazzjonali jaqgħux taħt dan il-każ ta' esklużjoni. Bħala indikazzjonijiet li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni f'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li l-individwu kkonċernat kien membru mexxej ta' grupp terroristiku b'portata internazzjonali. Il-fatt li dan il-grupp ma kienx wettaq att ta' terroriżmu ma huwiex rilevanti f'dan ir-rigward. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat l-importanza partikolari tal-eżistenza ta' kundanna definittiva mill-qrati ta' Stat Membru minħabba l-parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' grupp terroristiku.

**47/** Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 18).

Bħala konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li atti bħal dawk li fir-rigward tagħhom ġie kkundannat l-individwu kkonċernat jistgħu jiġġustifikaw l-esklużjoni tal-istatus ta' refuġjat, anki jekk ma jkunx stabbilit li huwa wettaq, ipprova jwettaq jew hedded li jwettaq huwa stess att ta' terroriżmu.

## 1.2. Ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali

Fis-sentenza ***C. K. et*** (C-578/16 PPU, EU:C:2017:127), mogħtija fis-16 ta' Frar 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet numru ta' preċiżazzjonijiet *dwar il-klawżola diskrezzjonali, prevista fl-Artikolu 17 tar-Regolament Dublin III, li, bħala deroga, tippermetti lil Stat Membru jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li tkun ippreżentata lilu, anki jekk skont il-kriterji stabbiliti fl-imsemmi regolament dan l-eżami ma jkunx jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu*. F'dan il-każ, ċittadina Sirjana u ċittadin Eġizzjan kienu daħlu fit-territorju tal-Unjoni permezz ta' viża maħruġa mill-Kroazja, qabel ma ppreżentaw applikazzjoni għall-ażil fis-Slovenja. L-awtoritajiet Sloveni għalhekk talbu lill-awtoritajiet Kroati jieħdu inkarigu għal dawn iż-żewġ individwi peress li l-Kroazja kienet, skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament Dublin III, l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjonijiet tagħhom għal protezzjoni internazzjonali. Il-Kroazja laqgħat din it-talba. Madankollu, peress li ċ-ċittadina Sirjana kienet tqila, it-trasferiment tal-individwi kkonċernati kellu jiġi pospost sat-twelid tal-wild. Sussegwentement, l-individwi kkonċernati oġġezzjonaw għat-traferiment tagħhom lejn il-Kroazja għaliex sostnew li dan kien ser ikollu konsegwenzi negattivi fuq l-istat tas-saħħa taċ-ċittadina Sirjana (li kellha tqala riskjuża u li minn meta welldet kienet qiegħda ġġarrab diffikultajiet ta' natura psikjatrika), li setgħu jaffettwaw ukoll il-benesseri tat-tarbija, kif ukoll li huma kienu vittmi ta' kummenti u ta' vjolenza ta' natura razzjali fil-Kroazja. Fid-dawl, b'mod partikolari, tal-istat tas-saħħa taċ-ċittadina Sirjana, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fil-kuntest tal-proċedura b'urġenza.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, iddikjarat li l-kwistjoni tal-applikazzjoni, minn Stat Membru, tal-klawżola diskrezzjonali ma hijiex biss kwistjoni tad-dritt nazzjonali u tal-interpretazzjoni mogħtija lil dan id-dritt mill-qorti kostituzzjonali ta' dan l-Istat Membru, iżda hija kwistjoni ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE.

Bi żvilupp tal-ġurisprudenza ***N. S. et*** [48] tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li anki fl-assenza ta' raġunijiet serji li jagħtu x'jifhem li hemm nuqqasijiet sistematiċi fl-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għall-ażil, it-trasferiment ta' applikant jista' jitwettaq biss f'kundizzjonijiet li jeskludu li dan it-trasferiment jimplika riskju reali u kkonfermat li l-individwu kkonċernat ser iġarrab trattament inuman jew degradanti, trattament dan li huwa pprojbit mill-Artikolu 4 tal-Karta. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li jikkostitwixxi tali trattament it-trasferiment ta' applikant għall-ażil li jkollu kundizzjoni mentali jew fiżika partikolarment gravi, jekk dan it-trasferiment jimplika riskju reali u kkonfermat ta' deterjorament sinjifikattiv u irrimedjabbli tal-istat tas-saħħa tal-individwu kkonċernat. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-awtoritajiet tal-Istat Membru li għandu jwettaq it-trasferiment u, jekk ikun il-każ, il-qrati tiegħu, għandhom, għalhekk, jeliminaw kull dubju serju dwar l-impatt tat-trasferiment fuq l-istat tas-saħħa tal-individwu kkonċernat, billi jieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji sabiex it-trasferiment tiegħu jitwettaq f'kundizzjonijiet li jippermettu li jiġi protett b'mod adegwat u suffiċjenti dan l-istat tas-saħħa. Fil-każ li, fid-dawl tal-gravità partikolari tal-kundizzjoni tal-applikant għall-ażil ikkonċernat, il-prekawzjonijiet meħuda f'dan is-sens ma jkunux ser ikunu biżżejjed sabiex jiġi żgurat li t-trasferiment tiegħu ma huwiex ser jimplika riskju reali ta' aggravazzjoni sinjifikattiva u irrimedjabbli tal-istat tas-saħħa tiegħu, l-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat għandhom jissospendu l-eżekuzzjoni tat-trasferiment tal-individwu kkonċernat, u dan sakemm l-istat tiegħu jippermettilu jkun is-suġġett ta' tali trasferiment. Barra minn hekk, jekk l-Istat Membru jqis li l-istat tas-saħħa tal-applikant għall-ażil ikkonċernat ma huwiex ser jitjieb fi żmien qasir, jew li s-sospensjoni estiża tal-proċedura tista' taggrava l-istat tas-saħħa tal-

**48/** Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Diċembru 2011, ***N. S. et*** (C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865).

individwu kkonċernat, huwa jista' jagħżel li jeżamina huwa stess l-applikazzjoni tiegħu billi juża l-"klawżola diskrezzjonali". Madankollu, f'dan ir-rigward il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 17(1) tar-Regolament Dublin III, moqri fid-dawl tal-Artikolu 4 tal-Karta, ma jistax jiġi interpretat, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fis-sens li jimplika l-obbligu għal dan l-Istat Membru li japplika dan l-artikolu b'dan il-mod. B'dan premess, fil-każ li l-istat tas-saħħa tal-applikant għall-ażil ikkonċernat ma jippermettix lill-Istat Membru rikjedenti jwettaq it-trasferiment tiegħu qabel l-iskadenza tat-terminu ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 29(1) tar-Regolament Dublin III, l-Istat Membru responsabbli jinħeles, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, mill-obbligu tiegħu li jieħu l-inkarigu għall-individwu kkonċernat u r-responsabbiltà b'hekk tiġi ttrasferita lill-ewwel Stat Membru.

Fis-sentenza ***X u X*** (C-638/16 PPU, EU:C:2017:173), mogħtija fis-7 ta' Marzu 2017, fil-kuntest ta' proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat *l-obbligi ta' Stat Membru meta ssirlu applikazzjoni għal viża, ippreżentata fuq il-bażi tal-Artikolu 25(1)(a) tal-Kodiċi dwar il-Viżi* [49], *f'rappreżentanza diplomatika li tinsab fit-territorju ta' pajjiż terz, bl-intenzjoni li, mal-wasla f'dan l-Istat Membru, tintalab protezzjoni internazzjonali.* F'dan il-każ, koppja ta' ċittadini Sirjani u t-tliet ulied minuri tagħhom, li kienu jgħixu fis-Sirja, ippreżentaw applikazzjonijiet għal viżi umanitarji fl-ambaxxata tal-Belġju fil-Libanu, qabel ma marru lura fis-Sirja. L-għan wara dawn l-applikazzjonijiet kien li jinkisbu viżi b'validità territorjali limitata, sabiex b'hekk il-familja tkun tista' titlaq mis-Sirja u mbagħad tippreżenta applikazzjoni għall-ażil fil-Belġju. Ir-rikorrenti kienu qegħdin jinsistu b'mod partikolari fuq id-degradazzjoni tas-sitwazzjoni tas-sigurtà fis-Sirja, kif ukoll fuq il-fatt li kien hemm ir-riskju li jiġu ppersegwitati minħabba r-reliġjon Kristjana Ortodossa tagħhom. L-applikazzjonijiet tagħhom kienu ġew miċħuda u l-qorti tar-rinviju, adita b'rikors kontra din iċ-ċaħda, kellha dubju dwar il-portata tal-marġni ta' diskrezzjoni mogħti lill-Istati Membri f'dan il-kuntest, b'mod partikolari fid-dawl tal-obbligi li jirriżultaw mill-Karta, b'mod partikolari mill-Artikoli 4 u 18 tagħha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett fakkret li l-Kodiċi dwar il-Viżi kien maħsub sabiex jinħarġu viżi għal soġġorni fit-territorju tal-Istati Membri li ma jkunux ta' iktar minn 90 jum fuq kull perijodu ta' 180 jum. Issa, huwa evidenti li l-applikazzjonijiet għal viżi tal-familja Sirjana kellhom għan differenti minn dak ta' viża għal perijodu qasir, peress li l-intenzjoni ta' din il-familja kienet li titlob l-ażil fil-Belġju mal-wasla tagħha f'dan l-Istat Membru u li tikseb permess ta' residenza li l-perijodu ta' validità tiegħu ma jkunx limitat għal 90 jum. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li tali applikazzjonijiet, għalkemm ippreżentati formalment fuq il-bażi tal-Kodiċi dwar il-Viżi, ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, peress li, sal-lum, ebda att ma ġie adottat mil-leġiżlatur tal-Unjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-ħruġ, mill-Istati Membri ta' viżi jew ta' permessi ta' residenza għal perijodu twil lil ċittadini ta' pajjiżi terzi għal raġunijiet umanitarji, tali applikazzjonijiet huma rregolati esklużivament mid-dritt nazzjonali. Għaldaqstant, peress li din is-sitwazzjoni ma hijiex irregolata mid-dritt tal-Unjoni, id-dispożizzjonijiet tal-Karta ma japplikawx għaliha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li konklużjoni kuntrarja tkun tfisser li ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu awtorizzati jippreżentaw applikazzjonijiet għal viża bil-għan li jiksbu l-benefiċċju ta' protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru tal-għażla tagħhom, sitwazzjoni li timmina l-istruttura ġenerali tas-sistema stabbilita permezz tar-Regolament Dublin III. Barra minn hekk, konklużjoni kuntrarja tkun timplika wkoll li l-Istati Membri huma obbligati, abbażi tal-Kodiċi dwar il-Viżi, jippermettu li tali ċittadini jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fir-rappreżentanzi diplomatiċi tal-Istati Membri li jinsabu fit-territorju ta' pajjiż terz. Issa, l-atti tal-Unjoni li jirregolaw il-proċeduri applikabbli għall-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali ma jipprevedux tali obbligu u, għall-kuntrarju, jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni tagħhom l-applikazzjonijiet ippreżentati fir-rappreżentanzi tal-Istati Membri.

**49/** Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU 2009, L 243, p. 1), kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 610/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 (ĠU 2013, L 182, p. 1).

Is-sentenza ***Al Chodor et*** (C-528/15, EU:C:2017:213), mogħtija fil-15 ta' Marzu 2017, tikkonċerna *l-kunċett ta' kriterji oġġettivi li fuqhom għandhom ikunu bbażati r-raġunijiet sabiex wieħed jaħseb li l-applikant għal protezzjoni internazzjonali li huwa s-suġġett ta' proċedura ta' trasferiment jista' jaħrab*. Dan il-kunċett jissemma fl-Artikolu 2(n) tar-Regolament Dublin III, li jiddefinixxi r-"riskju ta' ħarba". Skont l-Artikolu 28(2) tal-imsemmi regolament, l-eżistenza ta' riskju sinjifikattiv ta' ħarba tawtorizza t-tqegħid taħt detenzjoni ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali, iżda dan fuq il-bażi ta' evalwazzjoni individwali u biss sa fejn it-tqegħid taħt detenzjoni jkun proporzjonali u jekk ma jkunx hemm miżuri inqas restrittivi oħra li jkunu jistgħu jiġu effettivament applikati.

F'dan il-każ, żewġ ċittadini Iraqini kienu s-suġġett ta' kontroll mill-pulizija fir-Repubblika Ċeka li minnu rriżulta, wara konsultazzjoni fid-database Eurodac, li dawn kienu ppreżentaw applikazzjoni għall-ażil fl-Ungerija. Fl-istennija tat-trasferiment tagħhom lejn dan l-Istat Membru, l-individwi kkonċernati kienu tqiegħdu taħt detenzjoni minħabba li kien hemm riskju li jaħarbu. Madankollu, dan it-tqegħid tqies li kien illegali għaliex il-leġiżlazzjoni Ċeka ma kinitx tiddefinixxi kriterji oġġettivi għall-finijiet tal-evalwazzjoni tar-riskju ta' ħarba.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, għalkemm ir-regolamenti għandhom, bħala regola ġenerali, effett immedjat fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali, uħud mid-dispożizzjonijiet tagħhom jistgħu madankollu jeħtieġu, għall-implementazzjoni tagħhom, l-adozzjoni ta' miżuri ta' applikazzjoni mill-Istati Membri. Dan huwa l-każ tal-Artikolu 2(n) tar-Regolament Dublin III, li jeżiġi speċifikament li l-kriterji oġġettivi inkwistjoni għandhom ikunu "[i]ddefiniti mil-liġi". Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk iddeċidiet li l-formulazzjoni ta' dawn il-kriterji taqa' taħt id-dritt nazzjonali, fejn l-imsemmija kriterji għandhom jiġu stabbiliti f'dispożizzjoni vinkolanti ta' portata ġenerali, u li l-assenza ta' tali dispożizzjoni timplika l-inapplikabbiltà tal-Artikolu 28(2) ta' dan ir-regolament. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-eżistenza ta' ġurisprudenza stabbilita, li tissanzjona prassi amministrattiva kostanti, ma tistax tkun suffiċjenti.

Sabiex waslet għal din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari enfasizzat li d-detenzjoni ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali tikkostitwixxi ndħil serju fid-dritt għal-libertà tagħhom, li huwa stabbilit fl-Artikolu 6 tal-Karta. Għaldaqstant, din id-detenzjoni għandha tkun suġġetta għall-osservanza ta' garanziji stretti, jiġifieri l-eżistenza ta' bażi legali, iċ-ċarezza, il-prevedibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-protezzjoni kontra l-arbitrarjetà. Issa, hija biss dispożizzjoni ta' portata ġenerali li tista' tissodisfa dawn ir-rekwiżiti. Fil-fatt, tali dispożizzjoni tirregola b'mod vinkolanti u magħruf bil-quddiem il-marġni ta' manuvra tal-awtoritajiet nazzjonali fl-evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi ta' kull każ konkret. Barra minn hekk, kriterji stabbiliti f'dispożizzjoni vinkolanti huma l-iktar xierqa għall-istħarriġ estern tas-setgħa diskrezzjonali tal-awtoritajiet imsemmija, sabiex l-applikanti jkunu protetti kontra ċaħdiet arbitrarji ta' libertà.

Fis-sentenzi ***Mengesteab*** (C-670/16, EU:C:2017:587) u ***Shiri*** (C-201/16, EU:C:2017:805), l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, minn naħa, li l-proċeduri ta' teħid inkarigu u ta' teħid lura tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali għandhom jitmexxew b'osservanza ta' sensiela ta' termini imperattivi u, min-naħa l-oħra, li dawn it-termini huma intiżi sabiex jirregolaw dawn il-proċeduri iżda jikkontribwixxu wkoll sabiex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tagħhom, b'tali mod li l-osservanza tagħhom għandha tkun tista' tkun suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju.

B'mod iktar speċifiku, fl-ewwel kawża, suġġetta għall-proċedura mħaffa, li tat lok, fis-26 ta' Lulju 2017, għas-sentenza *Mengesteab*, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet numru ta' preċiżazzjonijiet *dwar it-termini previsti fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament Dublin III, li jirregolaw it-tressiq ta' talba għall-finijiet ta' teħid inkarigu*. Dan l-artikolu jipprevedi li, jekk tali talba ma titressaqx f'terminu ta' tliet xhur mid-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew, fil-każ ta' riżultat pożittiv fis-sistema Eurodac, f'terminu ta' xahrejn minn meta jasal dan ir-riżultat pożittiv, ir-responsabbiltà għall-eżami tal-applikazzjoni taqa' fuq l-Istat Membru fejn tkun ġiet ippreżentata. F'dan il-każ, f'Settembru 2015, ċittadin Eritrew talab l-ażil quddiem l-awtoritajiet Ġermaniżi, li għalhekk ħarġulu ċertifikat ta' reġistrazzjoni. F'dan ir-rigward għandu jiġi ppreċiżat li d-dritt Ġermaniż jagħmel distinzjoni bejn il-fatt li jintalab

l-ażil, li jagħti lok għall-ħruġ ta' tali ċertifikat, u l-preżentata ta' applikazzjoni formali għall-ażil. Iċ-ċertifikat tar-rikorrent, kopja tiegħu jew l-informazzjoni prinċipali indikata fuq dan iċ-ċertifikat kienu ġew irċevuti, sa mhux iktar tard minn Jannar 2016, mill-awtoritajiet Ġermaniżi kompetenti u, f'Lulju 2016, l-individwu kkonċernat seta' finalment jippreżenta applikazzjoni formali għall-ażil. Madankollu, peress li minn tfittxija fis-sistema Eurodac irriżulta li l-marki tas-swaba' tiegħu kienu ttieħdu fl-Italja, l-awtoritajiet Ġermaniżi, f'Awwissu 2016, talbu lill-awtoritajiet Taljani jieħdu l-inkarigu fir-rigward ta' dan l-individwu. B'hekk, filwaqt li ċ-ċertifikat tar-rikorrent kien wasal għand l-awtorità kompetenti iktar minn tliet xhur qabel saret it-talba għall-finijiet tat-teħid inkarigu tiegħu, il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni formali għall-ażil tiegħu kienet saret, għall-kuntrarju, inqas minn tliet xhur qabel. Finalment, f'Novembru 2016, ġie ordnat it-trasferiment tar-rikorrent lejn l-Italja.

L-ewwel nett, fir-rigward tal-konsegwenzi tan-nuqqas ta' osservanza tat-termini previsti fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament Dublin III, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li deċiżjoni ta' trasferiment lejn Stat Membru li ma jkunx dak li fih tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ma tistax tiġi adottata b'mod validu ladarba jkunu skadew dawn it-termini. Hija mbagħad iddeċidiet li applikant għal protezzjoni internazzjonali jista' jinvoka, fil-kuntest ta' rikors ippreżentat kontra deċiżjoni ta' trasferiment meħuda fil-konfront tiegħu, l-iskadenza ta' terminu stabbilit f'dan l-artikolu, u dan anki jekk l-Istat Membru rikjest ikun lest jieħu l-inkarigu għalih. B'hekk, il-qorti adita bir-rikors tista' tiżgura li d-deċiżjoni ta' trasferiment ikkontestata kienet adottata wara applikazzjoni korretta tal-proċedura ta' teħid inkarigu.

It-tieni nett, fir-rigward tar-relazzjoni bejn iż-żewġ termini previsti fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi tal-Artikolu 21(1) tar-Regolament Dublin III, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li talba għall-finijiet ta' teħid inkarigu ma tistax titressaq b'mod validu iktar minn tliet xhur wara l-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, anki jekk din it-talba titressaq inqas minn xahrejn wara li jkun wasal riżultat pożittiv fis-sistema Eurodac. Fil-fatt, il-wasla ta' dan ir-riżultat tal-aħħar ma hijiex ta' natura li tippermetti li jinqabeż it-terminu ta' tliet xhur għat-tressiq ta' talba għal teħid inkarigu wara l-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

It-tielet nett, fir-rigward tal-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' tliet xhur, jiġifieri d-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fis-sens tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament Dublin III, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tali applikazzjoni hija preżunta li ġiet introdotta meta dokument miktub, li jkun redatt minn awtorità pubblika u li jiċċertifika li ċittadin ta' pajjiż terz talab il-protezzjoni internazzjonali, jasal quddiem l-awtorità inkarigata mill-eżekuzzjoni tal-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-regolament u, jekk ikun il-każ, meta tkun biss l-informazzjoni prinċipali li tidher f'tali dokument li tasal quddiem din l-awtorità. Fil-fatt, sabiex tkun tista' tibda b'mod effettiv il-proċess għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, l-awtorità kompetenti għandha bżonn li tiġi informata, b'mod ċert, bil-fatt li ċittadin ta' pajjiż terz talab protezzjoni internazzjonali, mingħajr ma jkun neċessarju li d-dokument bil-miktub ippreparat b'dan il-għan ikollu forma preċiżament stabbilita jew li jinkludi elementi supplimentari rilevanti għall-applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti minn dan ir-regolament jew, *a fortiori*, għall-eżami fuq il-mertu tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. Lanqas ma huwa neċessarju, f'dan l-istadju tal-proċedura, li tkun diġà ġiet organizzata intervista individwali.

Fit-tieni kawża, li wasslet għas-sentenza ***Shiri*** tal-25 ta' Ottubru 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet numru ta' preċiżazzjonijiet dwar it-termini previsti fl-Artikolu 29(1) u (2) tar-Regolament Dublin III, li jirregolaw id-deċiżjoni ta' trasferiment ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali. Dan l-artikolu jipprevedi b'mod partikolari li, jekk tali trasferiment ma jitwettaqx f'terminu ta' sitt xhur minn meta tintlaqa' t-talba għall-finijiet tat-teħid inkarigu jew ta' teħid lura tal-persuna kkonċernata, jew mid-deċiżjoni definittiva dwar eventwali rikors li jkollu effett sospensiv, ir-responsabbiltà f'tali każ tiġi ttrasferita lill-Istat Membru rikjedenti. Fil-kuntest tat-tilwima fil-kawża prinċipali, ċittadin Iranjan kien qiegħed joġġezzjona għaċ-ċaħda tal-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali fl-Awstrija u għat-trasferiment tiegħu lejn il-Bulgarija, fejn kien diġà ppreżenta tali applikazzjoni. F'Marzu 2015, l-awtoritajiet Awstrijaċi kienu ressqu talba għat-teħid lura tal-individwu kkonċernat quddiem l-awtoritajiet Bulgari,

li kienu aċċettaw din it-talba. It-trasferiment lejn il-Bulgarija ġie ordnat f'Lulju 2015. Madankollu, dan it-trasferiment ma twettaqx fit-terminu ta' sitt xhur u fuq il-bażi ta' dan l-individwu kkonċernat argumenta li r-Repubblika tal-Awstrija kienet saret l-Istat Membru responsabbli.

Id-domanda tal-qorti tar-rinviju kienet dwar jekk l-iskadenza tat-terminu ta' sitt xhur kinitx biżżejjed, waħedha, sabiex timplika tali trasferiment ta' responsabbiltà bejn Stati Membri. Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li, jekk it-trasferiment tal-applikant ma jitwettaqx f'dan it-terminu, ir-responsabbiltà għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tiġi ttrasferita *ipso jure* lill-Istat Membru rikjedenti, mingħajr ma jkun meħtieġ li l-Istat Membru responsabbli jirrifjuta li jieħu inkarigu jew li jieħu lura l-persuna kkonċernata.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li applikant għal protezzjoni internazzjonali għandu jkollu rimedju ġudizzjarju effettiv u rapidu li jippermettilu jinvoka l-iskadenza ta' dan it-terminu ta' sitt xhur, irrispettivament mill-kwistjoni ta' jekk dan it-terminu skadiex qabel jew wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment. Fil-fatt, b'differenza mit-termini li jirregolaw il-preżentazzjoni tat-talba għall-finijiet ta' teħid inkarigu (li kienu inkwistjoni fil-kawża *Mengesteab*), it-termini stabbiliti fl-Artikolu 29 tar-Regolament Dublin III għandhom l-għan li jipprovdu qafas mhux biss għall-adozzjoni iżda wkoll għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment. Għaldaqstant, dawn it-termini jistgħu jiskadu wara l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni. F'dan il-każ, id-dritt, previst fil-leġiżlazzjoni Awstrijaka, li jiġu invokati ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment, fil-kuntest ta' rikors ippreżentat kontriha, jissodisfa l-obbligu li jiġi previst rimedju ġudizzjarju effettiv u rapidu, previst b'mod partikolari fl-Artikolu 47 tal-Karta.

## 1.3. Protezzjoni internazzjonali fil-każ ta' kriżi migratorja

Fis-sentenzi ***Jafari*** (C-646/16, EU:C:2017:586) u ***A.S.*** (C-490/16, EU:C:2017:585), mogħtija fis-26 ta' Lulju 2017, l-ewwel waħda fil-kuntest ta' proċedura mħaffa u t-tieni waħda fil-kuntest ta' trattament bi prijorità, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddetermina *jekk il-wasla ta' numru eċċezzjonalment għoli ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jixtiequ jiksbu protezzjoni internazzjonali kellhiex impatt fuq ir-regoli dwar il-ħruġ ta' viżi u dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali.* Fil-kuntest tat-tilwimiet fil-kawżi prinċipali, il-membri ta' familja Afgana u ċittadin Sirjan kienu qasmu l-fruntiera bejn is-Serbja u l-Kroazja. L-awtoritajiet Kroati kienu mbagħad organizzaw it-trasport tagħhom sal-fruntiera Slovena, bil-għan li jgħinuhom jaslu fi Stati Membri oħra sabiex jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali hemmhekk. B'dan il-mod, il-familja Afgana kienet ippreżentat applikazzjoni fl-Awstrija filwaqt li ċ-ċittadin Sirjan kien għamel dan fis-Slovenja. Madankollu, l-awtoritajiet Sloveni kienu talbu lill-awtoritajiet Kroati jieħdu inkarigu liċ-ċittadin Sirjan sa fejn, skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III, ir-responsabbiltà taqa' fuq l-Istat Membru li l-fruntiera esterna tiegħu tkun inqasmet b'mod irregolari. L-awtoritajiet Awstrijaċi, min-naħa tagħhom, ressqu talba għat-teħid inkarigu tal-familja Afgana quddiem l-awtoritajiet Kroati fuq il-bażi tal-Artikolu 21 tal-istess regolament. Peress li l-familja Afgana u ċ-ċittadin Sirjan ikkontestaw iċ-ċaħda tal-applikazzjonijiet tagħhom għal protezzjoni internazzjonali u d-deċiżjoni li jiġu ttrasferiti lejn il-Kroazja, il-qrati tar-rinviju kkonċernati għamlu domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-relazzjoni interna bejn id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Dublin III.

Fis-sentenza ***Jafari,*** il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett indirizzat il-kwistjoni ta' jekk il-fatt li l-awtoritajiet Kroati ttolleraw id-dħul fit-territorju tagħhom ta' persuni li xtaqu jgħaddu minn dan l-Istat Membru sabiex jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor kienx ekwivalenti għall-ħruġ ta' viża, fis-sens tal-Artikolu 12 tar-Regolament Dublin III. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, mid-definizzjoni tagħha stess, viża hija "awtorizzazzjoni jew deċiżjoni ta' Stat Membru" li hija "rekwiżita għal transitu jew għal soġġorn" fit-territorju ta' dan l-Istat Membru jew ta' diversi Stati Membri. B'hekk, minn naħa, il-kunċett ta' "viża" jagħmel riferiment għal att adottat formalment minn amministrazzjoni nazzjonali, u mhux għal sempliċi tolleranza, u, min-naħa l-oħra, il-viża għandha tiġi distinta mill-ammissjoni fit-territorju ta' Stat Membru, għaliex il-viża hija

meħtieġa preċiżament sabiex din l-ammissjoni tiġi permessa. Għaldaqstant, ammissjoni fit-territorju ta' Stat Membru, jekk ikun il-każ sempliċement ittollerata mill-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru, ma tikkostitwixxix "viża". Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li l-fatt li din l-ammissjoni sseħħ f'sitwazzjoni kkaratterizzata mill-wasla ta' numru eċċezzjonalment għoli ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu jixtiequ jiksbu protezzjoni internazzjonali ma huwiex ta' natura li jibdel din il-konklużjoni.

It-tieni nett, dejjem fis-sentenza *Jafari,* kif ukoll fis-sentenza *A.S.*, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-kunċett ta' "qsim irregolari", użat (mingħajr ma huwa ddefinit) fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III. Hija indikat li din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li ċittadin ta' pajjiż terz ammess fit-territorju tal-ewwel Stat Membru, mingħajr ma jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dħul meħtieġa bħala prinċipju f'dan l-Istat Membru, sabiex jaqsam lejn Stat Membru ieħor sabiex hemmhekk jippreżenta applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, għandu jitqies li "qasam b'mod irregolari" l-fruntiera ta' dan l-ewwel Stat Membru. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li dan il-qsim ġie ttollerat jew awtorizzat bi ksur tar-regoli applikabbli jew li ġie awtorizzat fuq il-bażi ta' raġunijiet umanitarji u b'deroga mill-kundizzjonijiet ta' dħul bħala prinċipju imposti fuq iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ma jistax iwassal sabiex jagħmel l-imsemmi qsim regolari. Fil-fatt, l-Istat Membru li jkun iddeċieda li jawtorizza, billi jinvoka raġunijiet umanitarji, id-dħul fit-territorju tiegħu ta' ċittadin ta' pajjiż terz mingħajr viża u li ma jgawdix minn eżenzjoni minn viża, ma jistax jiġi eżentat mir-responsabbiltà tiegħu fil-konfront ta' din il-persuna mingħajr ma tiddaħħal inkwistjoni l-istruttura ġenerali tar-Regolament Dublin III. Barra minn hekk, kif diġà ntqal, il-fatt li l-qsim tal-fruntiera jkun seħħ f'sitwazzjoni kkaratterizzata mill-wasla ta' numru eċċezzjonalment għoli ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi huwa irrilevanti. Fuq dan il-punt tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat b'mod partikolari li l-leġiżlatur tal-Unjoni ħa inkunsiderazzjoni r-riskju li tqum tali sitwazzjoni u, konsegwentement, qiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri għodod sabiex ikunu jistgħu jwieġbu għaliha b'mod xieraq, mingħajr madankollu ma ppreveda l-applikazzjoni, f'din is-sitwazzjoni, ta' sistema speċifika sabiex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli. Dan japplika, b'mod partikolari, għall-possibbiltà għal Stat Membru, prevista fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament Dublin III, li jiddeċiedi li jeżamina applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali anki jekk dan l-eżami ma jkunx ir-responsabbiltà tiegħu skont il-kriterji stabbiliti b'dan ir-regolament (klawżola diskrezzjonali). Bħal fis-sentenza ***C. K. et*** (C-578/16 PPU) tagħha [50], il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu fakkret li t-trasferiment ta' applikant għall-protezzjoni internazzjonali ma għandux jitwettaq meta dan it-trasferiment jimplika riskju reali li l-persuna kkonċernata ssofri trattamenti inumani jew degradanti li jmorru kontra l-Artikolu 4 tal-Karta. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet il-possibbiltà li, wara l-wasla ta' numru eċċezzjonalment għoli ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jixtiequ jiksbu protezzjoni internazzjonali, ikun hemm tali riskju fl-Istat Membru responsabbli, b'tali mod li trasferiment lejn dan l-Istat Membru ma jkunx jista' jitwettaq.

Fis-sentenza ***A.S.,*** il-Qorti tal-Ġustizzja applikat il-prinċipji żviluppati fis-sentenza *Jafari*. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex jikkontesta deċiżjoni ta' trasferiment, applikant għall-protezzjoni internazzjonali jista' jinvoka, fil-kuntest tar-rimedji ġudizzjarji previsti fl-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III, l-applikazzjoni żbaljata tal-kriterju ta' responsabbiltà dwar il-qsim irregolari tal-fruntiera ta' Stat Membru, stabbilit fl-Artikolu 13(1) tal-istess regolament. Filwaqt li bbażat ruħha fuq is-sentenza *Ghezelbash* [51] *tagħha*, fejn iddeċidiet li tali applikant, bis-saħħa tad-dritt tiegħu għal rimedju ġudizzjarju effettiv, jista' jinvoka l-applikazzjoni żbaljata tal-kriterju dwar il-ħruġ ta' viża, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li r-raġunijiet li hija kienet żviluppat f'dik is-sentenza kienu jgħoddu wkoll għall-kriterju stabbilit fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III.

**50/** Din is-sentenza hija ppreżentata f'dan ir-rapport fit-Taqsima VIII.1.2, "Ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali".

**51/** Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ġunju 2016, ***Ghezelbash*** (C-63/15, EU:C:2016:409).

Fl-aħħar nett, dejjem fis-sentenza A.S., il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kwistjoni tal-konsegwenzi tal-preżentata ta' rikors kontra deċiżjoni ta' trasferiment fuq il-kalkolu tat-termini previsti, minn naħa, fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III u, min-naħa l-oħra, fl-Artikolu 29(2) tal-istess regolament. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom, it-tnejn li huma, l-għan li jillimitaw ratione temporis ir-responsabbiltà ta' Stat Membru taħt ir-Regolament Dublin III. Skont l-imsemmi Artikolu 13(1), ir-responsabbiltà ta' Stat Membru bbażata fuq il-kriterju dwar il-qsim irregolari tal-fruntiera tintemm tnax-il xahar wara d-data ta' dan il-qsim u, skont l-imsemmi Artikolu 29, it-trasferiment ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali għandu jitwettaq f'terminu ta' sitt xhur mill-aċċettazzjoni mill-Istat Membru responsabbli jew mid-deċiżjoni definittiva dwar ir-rikors jew ir-reviżjoni fil-każ ta' effett sospensiv mogħti konformement mal-Artikolu 27(3) tar-Regolament Dublin III.

Minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-preżentata ta' rikors kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment ma għandhiex effett fuq il-kalkolu tat-terminu previst fl-imsemmi Artikolu 13(1), li jikkostitwixxi kundizzjoni għall-applikazzjoni tal-kriterju stabbilit f'dan l-artikolu. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-terminu stabbilit fl-Artikolu 29(1) u (2) jibda jiddekorri biss b'effett mid-deċiżjoni definittiva dwar dan ir-rikors, inkluż meta l-qorti adita tiddeċiedi li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, sakemm l-imsemmi rikors ikollu effett sospensiv. Fil-fatt, dan it-tieni terminu huwa marbut mal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment u jista' jiġi applikat biss ladarba t-trasferiment ikun stabbilit bħala prinċipju, jiġifieri mhux iktar kmieni minn meta l-Istat Membru rikjest jaċċetta t-talba għall-finijiet tal-inkarigu jew tat-teħid lura.

Dejjem fil-kuntest tal-kriżi migratorja, fis-6 ta' Settembru 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat, fil-kawża ***Is-Slovakkja u L-Ungerija vs Il-Kunsill*** (C-643/15 u C-647/15, EU:C:2017:631), sentenza li permezz tagħha *ċaħdet, fl-intier tagħhom, ir-rikorsi għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/1601, li tistabbilixxi miżuri provviżorji għar-rilokalizzazzjoni obbligatorja tal-applikanti għall-ażil* [52]. Sabiex jgħin lill-Italja u lill-Greċja jaffrontaw l-influss massiv ta' migranti matul is-sajf tal-2015, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kien adotta, fuq il-bażi tal-Artikolu 78(3) TFUE, id-deċiżjoni kkontestata li kienet tipprevedi r-rilokalizzazzjoni, minn dawn iż-żewġ Stati Membri, lejn l-Istati Membri l-oħra, fuq perijodu ta' sentejn, ta' kważi 120 000 persuna li manifestament kellhom bżonn protezzjoni internazzjonali. Is-Slovakkja u l-Ungerija, li kienu vvotaw kontra l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni fi ħdan il-Kunsill, talbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla l-imsemmija deċiżjoni filwaqt li invokaw, minn naħa, motivi maħsuba sabiex juru li l-adozzjoni tagħha kienet ivvizzjata bi żbalji ta' natura proċedurali jew kienet ibbażata fuq bażi legali inadegwata u, min-naħa l-oħra, li la kienet xierqa bħala risposta għall-kriżi migratorja u lanqas ma kienet meħtieġa għal dan il-għan.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, għalkemm jipprevedi li l-Kunsill għandu jadotta l-miżuri provviżorji msemmija fih fuq proposta tal-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Parlament, l-Artikolu 78(3) TFUE ma fih ebda riferiment espress għall-proċedura leġiżlattiva. Għaldaqstant, id-Deċiżjoni 2015/1601 setgħet tiġi adottata b'mod validu skont proċedura mhux leġiżlattiva u tikkostitwixxi, għalhekk, att mhux leġiżlattiv. Minn dan isegwi li, għall-kuntrarju ta' dak li sostnew l-Istati Membri rikorrenti, l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata ma kinitx suġġetta għar-rekwiżiti marbuta mal-parteċipazzjoni tal-parlamenti nazzjonali u man-natura pubblika tad-deliberazzjonijiet u tal-voti fil-Kunsill, sa fejn dawn ir-rekwiżiti japplikaw biss għall-atti leġiżlattivi. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Kunsill ma kienx meħtieġ jadotta d-deċiżjoni kkontestata b'mod unanimu minkejja li, sabiex jiġu adottati ċerti emendi, huwa kellu jitbiegħed mill-proposta inizjali tal-Kummissjoni. Fil-fatt, il-proposta emendata kienet ġiet approvata mill-Kummissjoni permezz ta' tnejn mill-Membri tagħha li kienu awtorizzati mill-kulleġġ għal dan il-għan, b'tali mod li kien osservat l-għan tal-Artikolu 293(2) TFUE, jiġifieri li tiġi protetta s-setgħa ta' inizjattiva tal-Kummissjoni.

**52/** Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1601 tat-22 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja (ĠU 2015, L 248, p. 80).

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, għalkemm huwa minnu li l-miżuri provviżorji adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 78(3) TFUE jistgħu bħala prinċipju jidderogaw minn dispożizzjonijiet ta' atti leġiżlattivi, il-limiti ta' tali derogi għandhom madankollu jkunu ddefiniti fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni kemm ratione materiae u kemm *ratione temporis* tagħhom, b'tali mod li jkunu limitati sabiex jindirizzaw b'mod mgħaġġel u effettiv, permezz ta' dispożittiv provviżorju, sitwazzjoni ta' kriżi preċiża. Dan jeskludi li dawn il-miżuri jistgħu jkollhom bħala għan jew effett li jissostitwixxu jew li jemendaw b'mod permanenti u ġenerali dawn l-atti leġiżlattivi, b'mod li tiġi evitata l-proċedura leġiżlattivi ordinarja prevista fl-Artikolu 78(2) TFUE. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li d-derogi previsti fid-deċiżjoni kkontestata jissodisfaw dan ir-rekwiżit, minn naħa, peress li japplikaw biss għal perijodu ta' sentejn (bla ħsara għal eventwali estensjoni) u, min-naħa l-oħra, peress li jikkonċernaw numru limitat ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali fil-Greċja u fl-Italja, li jkollhom waħda min-nazzjonalitajiet imsemmija f'din id-deċiżjoni u li jkunu waslu, jew li ser jaslu, fl-imsemmija Stati Membri matul perijodu partikolari.

Fir-rigward tal-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa meta jadottaw miżuri f'oqsma li jinvolvu għażliet min-naħa tagħhom, b'mod partikolari għażliet ta' natura politika, u evalwazzjonijiet kumplessi. Għaldaqstant, hija biss in-natura manifestament inadegwata ta' miżura adottata f'wieħed minn dawn l-oqsma, meta mqabbla mal-għan li dawn l-istituzzjonijiet jixtiequ jilħqu, li tista' taffettwa l-legalità ta' tali miżura. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-mekkaniżmu ta' rilokalizzazzjoni previst fid-deċiżjoni kkontestata ma huwiex miżura li hija manifestament inadegwata sabiex tikkontribwixxi għall-għan tagħha, jiġifieri li jiġu mgħejjuna s-sistemi tal-ażil tal-Italja u tal-Greċja li kienu affettwati serjament mill-influssi massivi ta' refuġjati fl-2015. B'hekk, il-Kunsill seta' jqis ġustament, fil-kuntest tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li għandha tiġi rrikonoxxuta lilu f'dan ir-rigward, li n-natura vinkolanti tat-tqassim tal-persuni rrilokalizzati kienet meħtieġa fid-dawl tas-sitwazzjoni urġenti partikolari li fiha kellha tiġi adottata d-deċiżjoni kkontestata. Fi kwalunkwe każ, il-validità tad-deċiżjoni ma tistax tiġi kkontestata fuq il-bażi ta' evalwazzjonijiet retrospettivi dwar il-livell ta' effikaċja tagħha, bħan-numru limitat ta' rilokalizzazzjonijiet imwettqa fuq il-bażi tad-deċiżjoni, peress li dan jista' jkun dovut għal numru ta' elementi li l-Kunsill ma setax jipprevedi fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni, fosthom, b'mod partikolari, in-nuqqas ta' kooperazzjoni minn ċerti Stati Membri.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, meta adotta d-deċiżjoni kkontestata, il-Kunsill kien meħtieġ jimplementa l-prinċipju ta' solidarjetà u ta' tqassim ġust tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri, inkluż mill-aspett finanzjarju, prinċipju applikabbli, skont l-Artikolu 80 TFUE, meta tiġi implementata l-politika komuni tal-Unjoni fil-qasam tal-ażil. Għaldaqstant, il-Kunsill ma wettaqx żball manifest ta' evalwazzjoni meta qies li kellu jieħu, fid-dawl tal-urġenza speċifika tas-sitwazzjoni, fuq il-bażi tal-Artikolu 78(3) TFUE, moqri fid-dawl tal-Artikolu 80 TFUE, miżuri provviżorji li kienu jinvolvu l-impożizzjoni ta' mekkaniżmu ta' rilokalizzazzjoni obbligatorja.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li jekk, skont l-argumenti mressqa minn wieħed mill-Istati Membri intervenjenti, ir-rilokalizzazzjoni f'dan il-każ kellha tkun suġġetta b'mod strett għall-eżistenza ta' rabtiet kulturali jew lingwistiċi bejn kull applikant għal protezzjoni internazzjonali u l-Istat Membru ta' rilokalizzazzjoni, dan iwassal sabiex ikunu impossibbli t-tqassim ta' dawn l-applikanti bejn l-Istati Membri kollha, b'osservanza tal-prinċipju ta' solidarjetà stabbilit fl-Artikolu 80 TFUE, u, għaldaqstant, l-adozzjoni ta' mekkaniżmu ta' rilokalizzazzjoni obbligatorja. Fi kwalunkwe każ, kunsiderazzjonijiet marbuta mal-oriġini etnika tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni sa fejn ikunu, manifestament, kuntrarji għad-dritt tal-Unjoni u b'mod partikolari għall-Artikolu 21 tal-Karta. Fil-fatt, is-sistema stabbilita mir-Regolament Dublin III hija bbażata fuq kriterji oġġettivi u mhux fuq l-espressjoni ta' preferenza mill-applikant għal protezzjoni internazzjonali.

## 2. POLITIKA TA' IMMIGRAZZJONI

Fis-sentenza ***Fahimian*** (C-544/15, EU:C:2017:255), mogħtija fl-4 ta' April 2017, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet *tinterpreta l-kunċett ta' "theddida għas-sigurtà pubblika" fis-sens tal-Artikolu 6(1)(d) tad-Direttiva 2004/114 dwar il-kundizzjonijiet għall-ammissjoni ta' cittadini ta' pajjiżi terzi għal finijiet ta' studju* [53] *u tispeċifika l-portata tad-diskrezzjoni mogħtija lill-Istati Membri għal dan il-għan*. Skont din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri għandhom jivverifikaw jekk hemmx raġunijiet marbuta mal-eżistenza ta' theddida għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-saħħa pubblika li jistgħu jiġġustifikaw ir-rifjut ta' ammissjoni ta' tali ċittadin. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, ta' nazzjonalità Iranjana, kellha Master fix-xjenzi tat-teknoloġiji tal-informatika, mogħti minn università li kienet is-suġġett ta' miżuri restrittivi min-naħa tal-Unjoni minħabba l-appoġġ li tagħti lill-Gvern Iranjan, b'mod partikolari fil-qasam militari. Il-persuna kkonċernata kienet kisbet borża ta' studju minn università Ġermaniża sabiex tkompli l-istudji għal dottorat fil-qasam tas-sigurtà tas-sistemi ċellulari, iżda l-viża għal finijiet ta' studju kienet ġiet irrifjutata. Hija għalhekk ikkontestat dan ir-rifjut quddiem il-qorti tar-rinviju Ġermaniża. L-awtoritajiet Ġermaniżi ġġustifikaw dan ir-rifjut fuq il-bażi tal-biża' li l-konoxxenzi li l-persuna kkonċernata setgħet tikseb matul ir-riċerki tagħha setgħu sussegwentement jintużaw fl-Iran għal skopijiet abbużivi (bħall-ġbir ta' informazzjoni kunfidenzjali fil-pajjiżi tal-Punent, ir-ripressjoni interna jew, b'mod iktar ġenerali, inkonnessjoni ma' vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem).

Mitluba tinterpreta d-Direttiva 2004/114, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, meta jirċievu applikazzjoni għal viża għal finijiet ta' studju minn ċittadin ta' pajjiż terz, għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' sabiex jivverifikaw, fid-dawl tal-elementi rilevanti kollha li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni ta' dan iċ-ċittadin, jekk dan tal-aħħar jirrappreżentax theddida, anki potenzjali, għas-sigurtà pubblika. Din l-evalwazzjoni għaldaqstant tista' tieħu inkunsiderazzjoni mhux biss l-aġir personali tal-applikant, iżda wkoll elementi oħra relatati, b'mod partikolari, mal-karriera professjonali tiegħu.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-Artikolu 6(1)(d) tad-Direttiva 2004/114 ma jipprekludix lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti milli jirrifjutaw l-ammissjoni fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat ta' ċittadin ta' pajjiż terz li ggradwa minn università li hija suġġetta għal miżuri restrittivi tal-Unjoni minħabba l-livell sinjifikattiv tal-involviment tagħha mal-Gvern Iranjan, fil-qasam militari jew f'oqsma marbuta ma' dan il-qasam, u li għandu l-ħsieb li jwettaq, f'dan l-Istat Membru, riċerka f'qasam sensittiv għas-sigurtà pubblika, jekk l-elementi li jkollhom dawn l-awtoritajiet jiġġustifikaw il-biża' li l-konoxxenzi li ser tikseb din il-persuna waqt ir-riċerka tagħha jistgħu sussegwentement jintużaw għal finijiet li jmorru kontra s-sigurtà pubblika. Fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-marġni ta' diskrezzjoni li għandhom l-awtoritajiet nazzjonali f'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, għalkemm dan l-istħarriġ huwa limitat, fir-rigward tal-mertu, għall-assenza ta' żball manifest, dan l-istħarriġ għandu madankollu jkopri wkoll l-osservanza tal-garanziji proċedurali. B'hekk, il-qorti nazzjonali għandha tivverifika li d-deċiżjoni li tirrifjuta l-ammissjoni hija bbażata fuq motivazzjoni suffiċjenti u fuq bażi fattwali suffiċjentement soda.

**53/** Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar il-kondizzjonijiet ta' ammissjoni ta' cittadini ta' pajjiżi terzi għal skopijiet ta' studju, skambju ta' studenti, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju (ĠU 2006, L 153M, p. 330).

# IX. KOOPERAZZJONI ĠUDIZZJARJA F'MATERJI ĊIVILI

## 1. IR-REGOLAMENTI NRU 44/2001 U NRU 1215/2012 DWAR IL-ĠURISDIZZJONI, IR-RIKONOXXIMENT U L-EŻEKUZZJONI TA' SENTENZI FI KWISTJONIJIET ĊIVILI U KUMMERĊJALI

Fis-sentenza ***Nogueira et*** (C-168/16 u C-169/16, EU:C:2017:688), mogħtija fl-14 ta' Settembru 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tinterpreta *l-kunċett ta' "post fejn l-impjegat abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu", fis-sens tal-punt 2(a) tal-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 44/2001* [54]*, bil-għan li jiġi ddeterminat liema qrati jistgħu jiġu aditi mill-ekwipaġġ ta' kumpannija tal-ajru*. Is-sitt rikorrenti fil-kawża prinċipali kienu membri tal-ekwipaġġ tal-kabina rreklutati minn jew imqiegħda għad-dispożizzjoni ta' Ryanair, kumpannija stabbilita fl-Irlanda. Il-kuntratti ta' xogħol tagħhom kienu kollha redatti bl-Ingliż, kienu rregolati mid-dritt Irlandiż u kellhom klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni lill-qrati Irlandiżi. F'dawn il-kuntratti kien stipulat li l-prestazzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema kkonċernati kienu meqjusa li huma mwettqa fl-Irlanda peress li l-funzjonijiet tagħhom kienu eżerċitati abbord ajruplani rreġistrati f'dan l-Istat Membru. Madankollu, dawn l-istess kuntratti kienu jindikaw l-ajruport ta' Charleroi (il-Belġju) bħala l-"bażi ta' assenjazzjoni" tal-ħaddiema. Dawn tal-aħħar kienu jibdew u jispiċċaw il-ġurnata ta' xogħol tagħhom f'dan l-ajruport, u kienu obbligati kuntrattwalment li jirrisjedu inqas minn siegħa bogħod mill-"bażi ta' assenjazzjoni" tagħhom. Sabiex tivverifika l-ġurisdizzjoni tagħha sabiex taqta' l-kawżi prinċipali, il-qorti Belġjana adita mir-rikorrenti għamlet domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata, f'tali ċirkustanzi, lill-kunċett ta' "post fejn l-impjegat abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu", fis-sens tar-Regolament Nru 44/2001. B'mod iktar partikolari, hija staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk dan il-kunċett setax jiġi assimilat mal-kunċett ta' "bażi ta' assenjazzjoni", fis-sens tar-Regolament Nru 3922/91 [55], fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili. F'dan ir-regolament l-imsemmi kunċett huwa ddefinit bħala l-post minn fejn l-ekwipaġġ sistematikament jibda u jispiċċa l-ġurnata tax-xogħol tiegħu filwaqt li jorganizza x-xogħol ta' kuljum tiegħu hemmhekk u li, fil-viċinanza tiegħu, l-impjegati jkunu stabbilixxew, matul il-perijodu tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt tax-xogħol tagħhom, ir-residenza tagħha u jkunu għad-dispożizzjoni tat-trasportatur tal-ajru.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, fir-rigward tat-tilwim dwar il-kuntratt tax-xogħol, ir-regoli tal-Unjoni dwar il-ġurisdizzjoni huma intiżi li jipproteġu lill-iktar parti kontraenti dgħajfa billi jippermettu lill-impjegat iressaq lill-persuna li timpjegah quddiem il-qorti li huwa jqis li hija l-eqreb lejn l-interessi tiegħu. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, meta qorti nazzjonali ma tkunx tista' tiddetermina mingħajr ambigwità l-"post fejn il-ħaddiem iwettaq abitwalment ix-xogħol tiegħu", hija għandha, sabiex tivverifika l-ġurisdizzjoni tagħha, tidentifika l-"post li minnu" dan l-impjegat iwettaq prinċipalment l-obbligi tiegħu fil-konfront tal-persuna li timpjegah. Sabiex tiddetermina b'mod konkret dan il-post, il-qorti nazzjonali għandha tirreferi għal sensiela ta' indizji (metodu ċirkustanzjali), li jinkludu l-post fejn ikunu stazzjonati l-ajruplani li fuqhom abitwalment jitwettaq ix-xogħol. Għaldaqstant, il-kunċett ta' "post fejn, jew li minnu, l-impjegat iwettaq abitwalment ix-xogħol tiegħu" ma jista' jiġi assimilat ma' ebda kunċett ieħor li jinsab f'att tad-dritt tal-Unjoni differenti mir-Regolament Nru 44/2001, u, b'mod partikolari, fir-rigward tal-membri tal-ekwipaġġ ta' kumpannija tal-ajru jew imqiegħda għad-dispożizzjoni tagħha, mal-kunċett ta' "bażi

**54/** Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

**55/** Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 348), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1899/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 (ĠU 2006, L 377, p. 1).

ta' assenjazzjoni", fis-sens tar-Regolament Nru 3922/91. Fil-fatt, ir-Regolament Nru 44/2001 la jagħmel riferiment għar-Regolament Nru 3922/91 u lanqas ma jsegwi l-istess għanijiet sa fejn dan tal-aħħar huwa intiż li jarmonizza r-regoli tekniċi u l-proċeduri amministrattivi fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili.

B'dan premess, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-kunċett ta' "bażi ta' assenjazzjoni" jikkostitwixxi madankollu indizju sinjifikattiv sabiex jiġi ddeterminat il-"post fejn l-impjegat abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu". Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, huwa biss fil-każ li, fid-dawl tal-fatti ta' kull każ ineżami, il-kawża jkollha konnessjonijiet eqreb ma' post differenti minn dak tal-"bażi ta' assenjazzjoni" li tkun imdgħajfa r-rilevanza ta' din tal-aħħar sabiex jiġi identifikat il-"post fejn l-impjegat abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu".

Fil-kuntest ta' kawża oħra dwar id-determinazzjoni tal-ġurisdizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni, fis-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2017 ***Bolagsupplysningen u Ilsjan*** (C-194/16, EU:C:2017:766), dwar il-punt 2 tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012 [56]. Dan ir-regolament jipprevedi regola ta' ġurisdizzjoni speċjali f'materji ta' delitt jew kważi delitt li tipprevedi li konvenut jista' jitressaq quddiem il-qorti tal-Istat Membru fejn ikun twettaq jew jista' jitwettaq l-avveniment dannuż. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet numru ta' preċiżazzjonijiet dwar *l-identifikazzjoni tal-post tal-materjalizzazzjoni tad-dannu fir-rigward ta' allegat ksur tad-drittijiet tal-personalità ta' persuna ġuridika mwettaq fuq l-internet*. F'dan il-każ, ir-rikorrenti, kumpannija rregolata mid-dritt Estonjan, kienet ippreżentat, quddiem il-qrati Estonjani, rikors kontra kumpannija rregolata mid-dritt Svediż. Dan ir-rikors kien jikkonċerna talbiet għall-korrezzjoni ta' data allegatament ineżatta ppubblikata fuq is-sit internet ta' din tal-aħħar fir-rigward tar-rikorrenti, għat-tneħħija ta' kummenti dwarha f'forum ta' diskussjoni ospitat fuq dan is-sit u għall-kumpens tad-dannu allegatament imġarrab. B'hekk qamet il-kwistjoni ta' jekk il-qrati Estonjani kellhomx ġurisdizzjoni fuq il-bażi tal-post fejn immaterjalizza d-dannu allegat, fl-Estonja, meta d-data u l-kummenti kontenzjużi kienu ppubblikati, bl-Isvediż u mingħajr traduzzjoni, fuq sit Svediż.

Adita b'domanda preliminari f'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-prinċipju, stabbilit fis-sentenza ***eDate Advertising et*** [57], dwar persuna fiżika, li, fil-każ ta' allegat ksur tad-drittijiet tal-personalità permezz ta' kontenut imqiegħed fuq l-internet, il-persuna li tqis li d-drittijiet tagħha kienu miksura għandu jkollha l-possibbiltà li tressaq kawża għad-danni fir-rigward tad-dannu kollu kkawżat quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn jinsab iċ-ċentru tal-interessi tagħha. B'estensjoni ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kwistjoni ta' jekk din il-persuna tkunx persuna fiżika jew ġuridika ma hijiex determinanti. Fir-rigward ta' persuna ġuridika, bħal fil-kawża prinċipali, iċ-ċentru tal-interessi inkwistjoni għandu jirrifletti l-post fejn ir-reputazzjoni kummerċjali tagħha hija l-iktar stabbilita u għandu, għaldaqstant, jiġi ddeterminat fuq il-bażi tal-post fejn hija teżerċita l-parti essenzjali tal-attività tagħha. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li, meta persuna ġuridika teżerċita l-parti l-kbira tal-attivitajiet tagħha fi Stat Membru differenti minn dak fejn ikollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha, din il-persuna tista' tiftaħ kawża kontra l-allegat attur tal-ksur f'dan l-Istat Membru ieħor fuq il-bażi tal-post fejn jimmaterjalizza d-dannu.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, dejjem fuq il-bażi tas-sentenza *eDate Advertising et,* li persuna li tqis li d-drittijiet tagħha kienu miksura tista' wkoll, minflok kawża għad-danni fir-rigward tad-dannu kollu kkawżat, tressaq il-kawża tagħha quddiem il-qrati ta' kull Stat Membru li fit-territorju tiegħu kontenut imqiegħed fuq l-internet ikun aċċessibbli jew kien aċċessibbli, liema qrati madankollu jkollhom ġurisdizzjoni biss sabiex jiddeċiedu dwar id-dannu kkawżat fuq it-territorju tal-Istat Membru tal-qorti adita. Madankollu, dan il-prinċipju ma japplikax fir-rigward ta' talba għall-korrezzjoni ta' data u għat-tneħħija ta' kontenut imqiegħed fuq l-internet. Fil-fatt, fid-dawl

**56/** Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012 L 351, p. 1).

**57/** Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Ottubru 2011, ***eDate Advertising et*** (C-509/09 u C-161/10, EU:C:2011:685).

tan-natura omnipreżenti ta' tali kontenut u data, u fid-dawl tal-fatt li l-portata tad-distribuzzjoni tagħhom hija bħala prinċipju universali, tali talba tista' titressaq biss quddiem qorti li jkollha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar it-talba għall-kumpens tad-dannu fl-intier tagħha.

## 2. IR-REGOLAMENT NRU 1259/2010 DWAR IL-LIĠI APPLIKABBLI GĦAD-DIVORZJU

Fis-sentenza ***Sahyouni*** (C-372/16, EU:C:2017:988), tal-20 ta' Diċembru 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tar-Regolament Nru 1259/2010 (ir-Regolament Ruma III) [58], li jimplementa kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali. Il-kawża prinċipali kienet tikkonċerna x-xoljiment, minn qorti reliġjuża fis-Sirja, ta' żwieġ konkluż fis-Sirja bejn żewġ persuni li kellhom kemm in-nazzjonalità Sirjana u kemm in-nazzjonalità Ġermaniża u li attwalment jgħixu fil-Ġermanja. Dan id-divorzju "privat", li kien ġie kkonstatat fuq il-bażi ta' dikjarazzjoni unilaterali tar-raġel, kien sussegwentement irrikonoxxut fil-Ġermanja sa fejn skont ir-Regolament Ruma III dan id-divorzju kien irregolat mid-dritt Sirjan. Peress li l-mara kkontestat din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju, din għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja diversi domandi preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-imsemmi regolament.

Permezz ta' digriet tat-12 ta' Mejju 2016 [59], il-Qorti tal-Ġustizzja kienet madankollu ddikjarat li manifestament ma kellhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għall-imsemmija domandi sa fejn, b'mod partikolari, ir-Regolament Ruma III ma japplikax għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni ta' divorzju mogħtija fi Stat terz u sa fejn il-qorti tar-rinviju ma kienet indikat ebda element ta' natura li seta' jistabbilixxi li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament kienu applikabbli bis-saħħa tad-dritt nazzjonali, b'mod dirett u inkundizzjonat, għall-kawża prinċipali. Kien f'dan il-kuntest li l-qorti tar-rinviju għamlet rinviju ieħor għal deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament Ruma III filwaqt li osservat li dan ir-regolament japplika, bis-saħħa tad-dritt Ġermaniż, għar-rikonoxximent fil-Ġermanja tad-divorzji privati mogħtija fi Stat terz, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

Fid-dawl ta' dawn il-preċiżazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, iddeċidiet li dan it-tieni rinviju għal deċiżjoni preliminari kien ammissibbli. It-tieni nett, hija eżaminat il-kwistjoni ta' jekk divorzju "privat", bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni ratione materiae tar-Regolament Ruma III. F'dan ir-rigward, hija qieset li, għalkemm huwa minnu li dan ir-regolament ma jiddefinixxix il-kunċett ta' "divorzju" u li d-divorzji privati ma humiex esklużi espliċitament mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, xorta waħda jibqa' l-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, li diversi elementi juru li l-imsemmi regolament ikopri esklużivament id-divorzji mogħtija minn qorti tal-Istat jew minn awtorità pubblika, jew taħt il-kontroll tagħha. Għalhekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, ma kinitx l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni li dan ir-regolament japplika għal tipi oħra ta' divorzju, bħal dak inkwistjoni fit-tilwima fil-kawża prinċipali, li huwa bbażat fuq "dikjarazzjoni ta' rieda unilaterali" magħmula quddiem qorti reliġjuża. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali interpretazzjoni tiżgura, barra minn hekk, koerenza mal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003 [60], li kien adottat ukoll fil-kuntest tal-politika ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili, u li, skont l-Arikolu 1(2) u l-punt 4 tal-Artikolu 2 tiegħu, japplika biss għad-divorzji mogħtija

**58/** Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1259/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali (ĠU 2010, L 343, p. 10).

**59/** Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Mejju 2016, ***Sahyouni*** (C-281/15, EU:C:2016:343).

**60/** Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243).

minn qorti. B'hekk, fid-dawl tat-termini tar-Regolament Ruma III kif ukoll tal-kuntest u tal-għanijiet tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li divorzju li jirriżulta minn dikjarazzjoni unilaterali ta' wieħed mill-konjuġi quddiem qorti reliġjuża ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament.

## 3. IR-REGOLAMENT NRU 650/2012 FIL-QASAM TAS-SUĊĊESSJONIJIET

Fis-sentenza ***Kubicka*** (C-218/16, EU:C:2017:755), mogħtija fit-12 ta' Ottubru 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità tagħti deċiżjoni dwar *il-legalità tar-rifjut li jiġi stabbilit testment skont il-liġi tan-nazzjonalità tat-testatur, u magħżula minnu, minħabba legat f'dan it-testment li jikkonċerna proprjetà li tinsab fi Stat Membru ieħor li ma jirrikonoxxix dan il-legat*. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat, għall-ewwel darba, ir-Regolament Nru 650/2012 [61], dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet, u għamlet numru ta' preċiżazzjonijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Fil-proċedura fil-kawża prinċipali, testatriċi Pollakka residenti fil-Ġermanja, li kienet għażlet, skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Nru 650/2012, il-liġi tas-suċċessjoni Pollakka, xtaqet tistabbilixxi fit-testment tagħha legat "b'invokazzjoni", li jipproduċi effetti *in rem* diretti fid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni, fuq proprjetà immobbli li tinsab fil-Ġermanja, Stat Membru fejn l-effetti *in rem* ta' dan it-tip ta' legat ma humiex irrikonoxxuti. Peress li l-legati "b'invokazzjoni" barranin ikunu s-suġġett, fil-Ġermanja, ta' aġġustament f'legat "b'eżekuzzjoni", in-nutar li kien qiegħed jistabbilixxi t-testment fil-Polonja rrifjuta li jippreparalha testment li jmur kontra l-leġiżlazzjoni u l-ġurisprudenza Ġermaniżi dwar id-drittijiet in rem u dwar ir-reġistru tal-artijiet, li n-nutar qies li kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fid-dawl tal-Artikolu 1(2)(k) u (l) kif ukoll tal-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 650/2012. Peress li xtaqet teskludi l-użu tal-legat "b'eżekuzzjoni", li kien jimplika diffikultajiet marbuta mar-rappreżentanza tal-ulied minuri tagħha, il-persuna kkonċernata ppreżentat rikors kontra d-deċiżjoni li tirrifjuta r-redazzjoni ta' testment li jinkludi l-legat "b'invokazzjoni".

Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett fakkret li r-Regolament Nru 650/2012 japplika għas-suċċessjonijiet causa mortis, li jinkludu kull forma ta' trasferiment ta' assi, ta' drittijiet u ta' obbligi minħabba mewt, u dan kemm jekk ikun hemm att volontarju ta' trasferiment bis-saħħa ta' dispożizzjoni *causa mortis* u kemm jekk ikun hemm trasferiment fil-każ ta' suċċessjoni *ab intestato*. It-tieni nett, hija osservat li l-Artikolu 1(2) tal-imsemmi regolament jelenka serje ta' suġġetti li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, li fosthom jinsabu, fil-punt (k) "in-natura tad-drittijiet *in rem*" u, fil-punt (l), "kwalunkwe reġistrar [iskrizzjoni] f'reġistru ta' drittijiet fi proprjetà immobbli jew mobbli, inklużi r-rekwiżiti legali għal tali reġistrar, u l-effetti ta' reġistrar jew in-nuqqas ta' reġistrar ta' dawn id-drittijiet f'reġistru". F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li t-trasferiment dirett ta' dritt ta' proprjetà permezz ta' legat "b'invokazzjoni" jikkonċerna biss il-modalitajiet tat-trasferiment tad-dritt ta' proprjetà meta jmut it-testatur, li r-Regolament Nru 650/2012 huwa preċiżament intiż li jippermetti. Minn dan isegwi li tali modalitajiet ta' trasferiment ma jaqgħux taħt l-Artikolu 1(2)(k) tar-Regolament Nru 650/2012. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dawn l-esklużjonijiet ma jiġġustifikawx ir-rifjut tar-rikonoxximent, minn awtorità ta' Stat Membru, tal-effetti *in rem* ta' legat "b'invokazzjoni", irrikonoxxut mid-dritt applikabbli għas-suċċessjoni, minħabba li dan il-legat jirrigwarda d-dritt ta' proprjetà fir-rigward ta' proprjetà immobbli li tinsab f'dan l-Istat Membru, li l-leġiżlazzjoni tiegħu ma tirrikonoxxix l-istituzzjoni tal-legat b'effett in rem dirett fid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni.

**61/** Regolament (UE) tal-Parlament u tal-Kunsill Nru 650/2012 tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (ĠU 2012, L 201, p. 107).

Filwaqt li bbażat ruħha fuq il-prinċipju tal-unità tal-liġi tas-suċċessjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, peress li l-Artikolu 1(2)(l) tar-Regolament Nru 650/2012 jirreferi biss għall-iskrizzjoni f'reġistru tad-drittijiet fuq proprjetà immobbli jew mobbli, inklużi r-rekwiżiti legali applikabbli għal tali iskrizzjoni, kif ukoll għall-effetti tal-iskrizzjoni jew tal-assenza ta' iskrizzjoni ta' dawn id-drittijiet f'reġistru, il-kundizzjonijiet li fihom tali drittijiet jinkisbu ma humiex fost is-suġġetti esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat l-għan imfittex mir-Regolament Nru 650/2012, li huwa li jiġu eliminati l-ostakoli għall-moviment liberu tal-persuni li jixtiequ jinvokaw id-drittijiet tagħhom li joħorġu minn suċċessjoni transkonfinali.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 650/2012, li jipprevedi l-adattament tad-drittijiet *in rem*, ma kienx japplika f'dan il-każ. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni ma tikkonċernax il-modalitajiet ta' trasferiment ta' drittijiet *in rem*, modalitajiet li jinkludu b'mod partikolari l-legati "b'invokazzjoni" jew "b'eżekuzzjoni", iżda tikkonċerna biss l-osservanza tal-kontenut tad-drittijiet *in rem*, li huwa ddeterminat mil-liġi applikabbli għas-suċċessjoni, u l-mod kif dawn id-drittijiet ikunu aċċettati fl-ordinament ġuridiku tal-Istat Membru fejn ikunu invokati. Għaldaqstant, sa fejn id-dritt *in rem* ittrasferit permezz tal-legat "b'invokazzjoni" kien id-dritt ta' proprjetà, li huwa rrikonoxxut fid-dritt Ġermaniż, ma kienx hemm lok li jsir l-adattament previst fl-imsemmi Artikolu 31.

# X. KOOPERAZZJONI ĠUDIZZJARJA F'MATERJI KRIMINALI

F'dan il-qasam għandhom jissemmew żewġ sentenzi li jinterpretaw dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri [62].

Fis-sentenza ***Popławski*** (C-579/15, EU:C:2017:503), mogħtija fid-29 ta' Ġunju 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-konformità mad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li timplementa l-punt 6 tal-Artikolu 4 tagħha, li jipprevedi, bħala raġuni fakultattiva għal nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, ir-residenza tal-persuna rikjesta fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni tal-mandat. It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tikkonċerna proċedura dwar l-eżekuzzjoni, fil-Pajjiżi l-Baxxi, ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ minn qorti Pollakka kontra ċittadin Pollakk residenti fil-Pajjiżi l-Baxxi għall-finijiet tal-eżekuzzjoni fil-Polonja ta' piena ta' priġunerija.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li timplementa din id-dispożizzjoni u li tipprevedi li l-awtoritajiet ġudizzjarji huma f'kull każ obbligati jirrifjutaw l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew fil-każ li l-persuna rikjesta tkun tirrisjedi f'dan l-Istat Membru, mingħajr ma dawn l-awtoritajiet ma jkollhom l-ebda marġni ta' diskrezzjoni u mingħajr ma l-imsemmi Stat Membru ma jintrabat li jeżegwixxi effettivament il-piena ta' priġunerija ddikjarata kontra l-persuna rikjesta, fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni tad-Deċiżjoni Qafas. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali sitwazzjoni toħloq riskju ta' impunità ta' din il-persuna.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett fakkret li d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 tistabbilixxi l-prinċipju li l-Istati Membri għandhom jeżegwixxu l-mandati ta' arrest Ewropew kollha abbażi tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u li r-rifjut ta' eżekuzzjoni huwa maħsub bħala eċċezzjoni li għandha tkun is-suġġett ta' interpretazzjoni

62/ Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45).

stretta. It-tieni nett, hija osservat li mill-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jirriżulta li kull rifjut li jiġi eżegwit mandat ta' arrest Ewropew jeħtieġ impenn konkret mill-Istat Membru ta' eżekuzzjoni li jeżegwixxi l-piena ta' priġunerija mogħtija kontra l-persuna rikjesta, b'tali mod li s-sempliċi fatt li dan l-Istat Membru jiddikjara li huwa "lest" li jeżegwixxi din il-piena ma jistax jitqies, fi kwalunkwe każ, li huwa ta' natura li jiġġustifika tali rifjut.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ma għandhomx effett dirett. Madankollu, il-qorti nazzjonali kompetenti għandha, billi tieħu inkunsiderazzjoni d-dritt nazzjonali kollu u billi tapplika metodi ta' interpretazzjoni rrikonoxxuti minn dan id-dritt, tinterpreta d-dispożizzjonijiet nazzjonali, sa fejn huwa possibbli, fid-dawl tat-test u tal-għan ta' din id-deċiżjoni qafas. Għaldaqstant, fil-każ ta' rifjut ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-konsenja ta' persuna li kienet is-suġġett, fl-Istat Membru emittenti, ta' sentenza definittiva li tikkundannaha għal piena ta' priġunerija, l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandhom l-obbligu li jiggarantixxu huma stess l-eżekuzzjoni effettiva tal-piena ddikjarata kontra din il-persuna, u mhux sempliċement li jikkomunikaw lill-awtoritajiet tal-Istat Membru emittenti li huma lesti jeżegwixxu din il-piena. Bl-istess mod, il-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ma jawtorizzax lill-awtoritajiet tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jirrifjuta l-konsenja għas-sempliċi raġuni li dan l-Istat Membru jkun qiegħed jikkunsidra li jibda proċeduri kriminali fir-rigward tal-istess fatti kontra din il-persuna.

Fis-sentenza ***Tupikas*** (C-270/17 PPU, EU:C:2017:628), mogħtija fl-10 ta' Awwissu 2017 fil-kuntest ta' proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar l-*interpretazzjoni tal-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas 2009/299* [63], *li jipprevedi raġuni fakultattiva għal nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew meta l-individwu kkonċernat ma jkunx deher personalment fil-proċedura li wasslet għall-kundanna tiegħu*. It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tikkonċerna proċedura dwar l-eżekuzzjoni, fil-Pajjiżi l-Baxxi, ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ minn qorti Litwana kontra ċittadin Litwan, għall-finijiet tal-eżekuzzjoni fil-Litwanja ta' piena ta' priġunerija. Filwaqt li kien stabbilit li l-individwu kkonċernat kien deher personalment fil-proċedura tal-ewwel istanza, il-mandat ta' arrest Ewropew ma kienx jinkludi informazzjoni dwar jekk kienx deher fil-proċedura tal-appell. F'dan il-kuntest, il-qorti Olandiża xtaqet tkun taf jekk ir-raġuni fakultattiva għal nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew marbuta mal-assenza ta' dehra tal-individwu kkonċernat personalment fil-proċedura li wasslet għad-deċiżjoni tkoprix il-proċedura tal-ewwel istanza jew il-proċedura tal-appell.

Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett osservat li l-kunċett ta' "proċedura li wasslet għad-deċiżjoni" għandu jinftiehem bħala kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni u għandu jiġi interpretat b'mod uniformi fit-territorju ta' din tal-aħħar, irrispettivament mill-klassifikazzjonijiet mogħtija fl-Istati Membri. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan il-kunċett għandu jinftiehem fis-sens li jirreferi għall-proċedura li wasslet għad-deċiżjoni ġudizzjarja li kkundannat b'mod definittiv lill-persuna li l-konsenja tagħha tkun qiegħda tintalab fil-kuntest tal-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew. Fil-każ li l-proċedura tkun inkludiet diversi istanzi li taw lok għal deċiżjonijiet suċċessivi, li waħda jew iktar minnhom ikunu ngħataw in absentia, "proċedura li wasslet għad-deċiżjoni", fis-sens tal-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, għandha tinftiehem bħala l-istanza li wasslet għall-aħħar waħda minn dawn id-deċiżjonijiet, sakemm il-qorti inkwistjoni tkun iddeċidiet b'mod definittiv fuq il-ħtija tal-individwu kkonċernat kif ukoll fuq il-kundanna tiegħu għal piena, bħalma hija miżura ta' priġunerija, wara eżami mill-ġdid, fil-fatt kif ukoll fil-liġi, tal-mertu tal-kawża. Għaldaqstant, bħala prinċipju, proċedura ta' appell taqa' taħt dan il-kunċett. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li din l-interpretazzjoni kienet kompletament konformi mar-rekwiżiti tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża li l-Artikolu 4a tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 huwa intiż li jiżgura.

**63/** Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 li temenda d-Deċiżjonijiet Kwadru 2002/584/ĠAI, 2005/214/ĠAI, 2006/783/ĠAI, 2008/909/ĠAI u 2008/947/ĠAI, u b'hekk issaħħaħ id-drittijiet proċedurali ta' persuni, li trawwem l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku fir-rigward ta' deċiżjonijiet mogħtija fl-assenza tal-persuna konċernata fil-kawża (ĠU 2009, L 81, p. 24).

# XI. KOMPETIZZJONI

## 1. L-ARTIKOLU 101 TFUE

Żewġ sentenzi jistħoqqilhom li jissemmew fil-qasam tal-akkordji, dwar ir-responsabbiltà tal-kumpannija omm kif ukoll dwar sistema ta' distribuzzjoni selettiva. Barra minn hekk, għandha tissemma s-sentenza ***APVE et*** (C-671/15), dwar il-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni fil-qasam tal-politika agrikola komuni [64].

### 1.1. Ir-responsabbiltà tal-kumpannija omm

Fis-27 ta' April 2017, fis-sentenza ***Akzo Nobel et vs Il-Kummissjoni*** (C-516/15 P, EU:C:2017:314), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat is-sentenza appellata [65] filwaqt li ddeċidiet li *l-preskrizzjoni tas-setgħa tal-Kummissjoni li timponi sanzjonijiet fuq żewġ sussidjarji ma tipprekludix li tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-kumpannija omm tagħhom li fir-rigward tagħha t-terminu ta' preskrizzjoni ma jkunx għadu ntemm.*

Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, l-ewwel nett, li l-għażla tal-awturi tat-Trattati kienet li jintuża l-kunċett ta' impriża sabiex jiġi deskritt l-awtur ta' ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni li jista' jiġi ssanzjonat skont l-Artikolu 101 jew 102 TFUE u li, skont il-ġurisprudenza, dan il-kunċett għandu jinftiehem fis-sens li jkopri unità ekonomika anki jekk, mill-perspettiva ġuridika, din l-unità ekonomika tkun magħmula minn diversi persuni fiżiċi jew ġuridiċi. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li la l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003 [66] u lanqas il-ġurisprudenza ma jiddeterminaw liema persuna ġuridika jew fiżika l-Kummissjoni hija obbligata li żżomm bħala responsabbli tal-ksur u li tissanzjona permezz tal-impożizzjoni ta' multa. Peress li l-aġir ta' sussidjarja li jikkostitwixxi ksur jista' jiġi imputat, skont preżunzjoni konfutabbli, lill-kumpannija omm b'mod partikolari meta, minkejja li jkollha personalità ġuridika distinta, din is-sussidjarja ma tiddeterminax b'mod awtonomu l-aġir tagħha fis-suq, il-kumpannija omm u s-sussidjarja tagħha jifformaw, f'tali sitwazzjoni, parti mill-istess entità ekonomika u, għaldaqstant, jifformaw impriża waħda, fis-sens tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret ukoll li l-kumpannija omm, li lilha jkun ġie imputat l-aġir tas-sussidjarja tagħha li jikkostitwixxi ksur, hija, konformement mal-ġurisprudenza stabbilita tagħha, personalment ikkundannata għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, li hija titqies li wettqet hija stess minħabba l-influwenza determinanti li hija kienet teżerċita fuq is-sussidjarja. Għaldaqstant, ir-rabta ta' responsabbiltà in solidum li teżisti bejn żewġ kumpanniji li jikkostitwixxu unità ekonomika ma tistax, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, titnaqqas, fir-rigward tal-ħlas tal-multa, għal forma ta' garanzija pprovduta mill-kumpannija omm sabiex tiggarantixxi l-ħlas tal-multa imposta fuq is-sussidjarja. Fl-aħħar nett, peress li r-responsabbiltà tal-kumpannija omm hija ta' natura kompletament idderivata, din neċessarjament tiddependi mill-fatti li jikkostitwixxu l-ksur imwettaq mis-sussidjarja tagħha li magħhom ir-responsabbiltà tagħha hija inseparabbilment marbuta.

**64/** Din is-sentenza hija ppreżentata fit-Taqsima VI, "Agrikoltura".

**65/** Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Lulju 2015, ***Akzo Nobel et vs Il-Kummissjoni*** (T-47/10, EU:T:2015:506).

**66/** Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101] u [102] [tat-Trattat FUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

Madankollu, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li t-terminu ta' preskrizzjoni għall-eżerċizzju tas-setgħa tal-Kummissjoni li timponi sanzjonijiet ikun skada fir-rigward tas-sussidjarja ma jimplikax neċessarjament li din is-setgħa tkun preskritta fil-konfront tal-kumpannija omm, u dan minkejja li r-responsabbiltà tal-kumpannija omm għall-perijodu kkonċernat tkun ibbażata kompletament fuq l-aġir li jikkostitwixxi ksur adottat mis-sussidjarja. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fatt li ċerti kumpanniji sussidjarji ma jkunux għadhom jistgħu jkunu s-suġġett ta' sanzjonijiet minħabba preskrizzjoni, skont l-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 1/2003, ma jipprekludix li jinfetħu proċeduri kontra l-kumpannija omm, meqjusa li hija responsabbli personalment u *in solidum* għall-istess aġir antikompetittiv sussegwenti għal dan il-perijodu, u li fir-rigward tiegħu t-terminu ta' preskrizzjoni ma jkunx skada. F'dan il-każ, peress li l-parteċipazzjoni taż-żewġ sussidjarji ta' Akzo Nobel fl-akkordji inkwistjoni kienet waqfet fl-1993, filwaqt li Akzo Nobel kienet involuta f'dan il-ksur sal-2000, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Qorti Ġenerali kellha raġun meta qieset li l-preskrizzjoni tas-setgħa li jiġu imposti sanzjonijiet fuq iż-żewġ sussidjarji ma tipprekludix il-konstatazzjoni tar-responsabbiltà tal-kumpannija omm.

## 1.2. Ftehimiet vertikali

Fir-rigward tar-restrizzjonijiet previsti fi ftehimiet vertikali, il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza ***Coty Germany*** (C-230/16, EU:C:2017:941), mogħtija fis-6 ta' Diċembru 2017, għamlet preċiżazzjonijiet importanti dwar *il-kompatibbiltà tas-sistemi ta' distribuzzjoni selettiva ta' prodotti lussużi mal-Artikolu 101 TFUE*. It-tilwima kienet tikkonċerna restrizzjoni prevista f'kuntratt ta' distribuzzjoni selettiva konkluż bejn Coty Germany, fornitur ta' prodotti kożmetiċi lussużi u distributur approvat ta' dawn il-prodotti li kien jipprojbixxi lill-imsemmi distributur milli juża, b'mod viżibbli, impriżi terzi sabiex l-imsemmija prodotti jinbigħu fuq l-internet.

Il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, jekk ir-restrizzjoni kontenzjuża, maħsuba prinċipalment sabiex titħares l-immaġni lussuża ta' dawn il-prodotti, setgħetx tkun konformi mal-Artikolu 101(1) TFUE.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret qabel kollox il-ġurisprudenza ***Copad*** [67] tagħha, li minnha joħroġ, minn naħa, li l-prodotti lussużi jistgħu jeħtieġu l-implementazzjoni ta' sistema ta' distribuzzjoni selettiva sabiex titħares il-kwalità tagħhom u sabiex jiġi żgurat l-użu tajjeb tagħhom u, min-naħa l-oħra, li tali sistema hija konformi mal-Artikolu 101(1) TFUE sa fejn l-għażla tal-bejjiegħa ssir fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi ta' natura kwalitattiva, stabbiliti b'mod uniformi fir-rigward tal-bejjiegħa potenzjali kollha u applikati b'mod mhux diskriminatorju, u sa fejn il-kriterji ddefiniti ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju.

It-tieni domanda kienet tikkonċerna l-kwistjoni ta' jekk l-Artikolu 101(1) TFUE kellux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi klawżola kuntrattwali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprojbixxi lid-distributuri approvati milli jużaw b'mod viżibbli pjattaformi terzi għall-bejgħ ta' prodotti lussużi. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li tali klawżola kuntrattwali tista' tkun konformi mal-Artikolu 101(1) TFUE sakemm din il-klawżola tkun intiża b'mod partikolari li tħares l-immaġni lussuża tal-imsemmija prodotti, sakemm tkun stabbilita b'mod uniformi u tkun applikata b'mod mhux diskriminatorju u, fl-aħħar nett, sakemm tkun proporzjonata fir-rigward tal-għan imfittex, punti dawn li għandhom jiġu vverifikati mill-qorti tar-rinviju. Il-Qorti tal-Ġustizzja mbagħad qieset li r-restrizzjoni kontenzjuża kienet adegwata fir-rigward tal-għan imfittex peress li kienet teżiġi r-rabta tal-prodotti inkwistjoni esklużivament mad-distributuri approvati, b'mod li jippermetti lil Coty tikkontrolla l-ambjent li fih jinbigħu dawn il-prodotti u b'hekk tħares l-immaġni lussuża ta' dawn il-prodotti li għandhom il-konsumaturi. Fir-rigward tal-proporzjonalità ta' din ir-restrizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li din ma kinitx restrizzjoni assoluta,

67/ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' April 2009, ***Copad*** (C-59/08, EU:C:2009:260).

bħal fil-kawża ***Pierre Fabre Dermo-Cosmétique*** [68], sa fejn, f'dan il-każ, id-distributuri approvati kienu awtorizzati jbigħu fuq l-internet il-prodotti kuntrattwali bl-użu kemm tas-siti internet tagħhom stess u kemm ta' pjattaformi terzi meta l-intervent ta' dawn tal-aħħar ma jkunx viżibbli għall-konsumatur. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li r-restrizzjoni kienet tidher li hija legali fid-dawl tal-Artikolu 101(1) TFUE.

Fl-aħħar nett, fil-kuntest tar-risposta tagħha għat-tielet u għar-raba' domanda tal-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja evalwat jekk l-imsemmija projbizzjoni kinitx tikkostitwixxi restrizzjoni tal-klijentela, fis-sens tal-Artikolu 4(b) tar-Regolament Nru 330/2010 [69], jew inkella restrizzjoni tal-bejgħ passiv lill-utenti finali, fis-sens tal-Artikolu 4(c) tal-istess regolament. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet fin-negattiv. Konformement mal-Artikolu 101(3) TFUE, ir-Regolament Nru 330/2010 jistabbilixxi, fil-fatt, eżenzjonijiet għal ċerti tipi ta' restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni, bil-kundizzjoni li s-sehem tas-suq miżmum kemm mill-fornitur u kemm mix-xerrej ma jaqbiżx it-30 % tas-suq inkwistjoni. Ir-Regolament Nru 330/2010 jipprevedi wkoll, fl-Artikolu 4 tiegħu, restrizzjonijiet ikkaratterizzati li ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn l-eżenzjonijiet. Dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, peress li l-klawżola kontenzjuża ma kinitx teskludi kull użu mid-distributuri ta' Coty tal-internet bħala mod ta' kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti, iżda kienet teskludi forma partikolari ta' bejgħ fuq l-internet, jiġifieri l-użu viżibbli ta' impriżi terzi, il-klawżola ma setgħetx tiġi kklassifikata bħala restrizzjoni tal-klijentela jew tal-bejgħ passiv lill-utenti finali fis-sens tal-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 330/2010.

## 2. L-ARTIKOLU 102 TFUE

Fis-6 ta' Settembru 2017, is-sentenza mogħtija fil-kawża ***Intel vs Il-Kummissjoni*** (C-413/14 P, EU:C:2017:632) tat lill-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, l-opportunità tiddefinixxi *l-kompetenza territorjali tal-Kummissjoni sabiex tissanzjona l-abbuż minn pożizzjoni dominanti*. It-tilwima inkwistjoni kienet toriġina mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li timponi multa ta' EUR 1.06 biljuni fuq Intel, fabbrikant Amerikan ta' mikroproċessuri (iktar 'il quddiem iċ-"CPU"), minħabba li kienet abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq dinji taċ-CPU x86, b'mod partikolari bl-għoti ta' tnaqqis ta' fedeltà lil manifatturi ta' tagħmir tal-informatika (iktar 'il quddiem "OEM") bħala korrispettiv għall-akkwist tal-provvisti tagħhom esklużivament mingħand Intel [70]. Il-Qorti tal-Ġustizzja *annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali li kienet ċaħdet ir-rikors għall-annullament ta' din id-deċiżjoni ppreżentat minn Intel* [71]. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kienet naqset milli teżamina l-argumenti kollha mressqa minn Intel fir-rigward tal-kapaċità tat-tnaqqis inkwistjoni, kif applikat minn din il-kumpannija fir-rigward ta' wħud mill-klijenti tagħha, li jillimita l-kompetizzjoni.

Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kwistjoni, imqajma minn Intel, tal-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tikkonstata u tissanzjona aġir adottat barra mill-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE, il-fatt li impriża li tipparteċipa f'akkordju tkun tinsab fi Stat terz ma jipprekludix l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni meta tali akkordju jipproduċi l-effetti tiegħu fit-territorju tas-suq intern. F'dan il-każ, fid-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni bbażat il-kompetenza tagħha sabiex tapplika l-Artikolu 102 TFUE fil-konfront tal-akkordji konklużi minn Intel ma' numru kbir ta' OEM Ċiniżi fuq l-"effetti kkwalifikati" tal-prattiki inkwistjoni fiż-

**68/** Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Ottubru 2011, ***Pierre Fabre Dermo-Cosmétique*** (C-39/09, EU:C:2011:649).

**69/** Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 330/2010 tal-20 ta' April 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal kategoriji ta' akkordji vertikali u prattiċi miftiehma (ĠU 2010, L 102, p. 1).

**70/** Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2009) 3726 final tat-13 ta' Mejju 2009 dwar proċedura skont l-Artikolu [101 TFUE] u skont l-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/C-3/37.990 – Intel).

**71/** Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Ġunju 2014, ***Intel vs Il-Kummissjoni*** (T-286/09, EU:T:2014:547).

Żona Ekonomika Ewropea. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li dan il-kriterju jista' jservi ta' bażi għall-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tapplika d-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni fid-dawl tad-dritt internazzjonali pubbliku, meta jkun prevedibbli li l-aġir inkwistjoni ser jipproduċi effett immedjat u sostanzjali fis-suq tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li huwa biżżejjed li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-effetti probabbli ta' aġir fuq il-kompetizzjoni sabiex il-kundizzjoni marbuta mar-rekwiżit ta' prevedibbiltà tkun issodisfatta, li kien il-każ fil-każ ineżami. Minkejja l-fatt li ċ-CPU kienu intiżi li jiġu kkunsinnati fiċ-Ċina, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-aġir ta' Intel kien jagħmel parti minn strateġija antikompetittiva globali maħsuba sabiex tostakola l-aċċess tal-uniku kompetitur tagħha għall-iktar kanali ta' bejgħ importanti fis-suq u enfasizzat li l-bejgħ tal-kompjuters mgħammra b'dawn iċ-CPU kien ippjanat, b'mod partikolari, fiż-Żona Ekonomika Ewropea.

Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-motiv ibbażat fuq difett proċedurali sostanzjali li jaffettwa d-drittijiet tad-difiża ta' Intel, din tal-aħħar kienet qiegħda essenzjalment tikkritika l-mod kif il-Qorti Ġenerali indirizzat il-motiv li permezz tiegħu hija kienet oġġezzjonat, fl-ewwel istanza, għall-fatt li l-Kummissjoni ma rreġistratx laqgħa ma' direttur ta' wieħed mill-ikbar klijenti ta' Intel matul il-proċedura amministrattiva. Dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi meta għamlet distinzjoni bejn il-laqgħat formali, li jaqgħu b'mod partikolari taħt l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 1/2003, u l-laqgħat informali, li ma jaqgħux taħt din id-dispożizzjoni. Fil-fatt, il-Kummissjoni hija obbligata tirreġistra, fil-forma tal-għażla tagħha, kull laqgħa li jkollha, taħt din id-dispożizzjoni, sabiex tiġbor informazzjoni dwar is-suġġett ta' investigazzjoni min-naħa tagħha. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, sa fejn il-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kontenzjuża, ma kinitx ibbażat ruħha fuq informazzjoni miġbura fil-kuntest tal-laqgħa inkwistjoni, Intel kellha turi li, li kieku setgħet tinvoka minuti adegwati tal-imsemmija laqgħa, hija kienet ser tkun tista' tinfluwenza l-evalwazzjonijiet magħmula fir-rigward tagħha f'din id-deċiżjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu ddeċidiet li dan ma ġiex stabbilit fil-każ ineżami.

Fl-aħħar nett, fir-rigward, fit-tielet lok, tal-evalwazzjoni tal-abbuż, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-aġir kontenzjuż ta' Intel fir-rigward tas-sieħba kummerċjali tagħha, intiż sabiex jeskludi l-uniku kompetitur serju tagħha mis-suq, kien jikkonsisti, minn naħa, fl-għoti ta' tnaqqis lill-erba' OEM il-kbar bil-kundizzjoni li jixtru ċ-CPU x86 kollha jew kważi kollha tagħhom mingħand Intel, u, min-naħa l-oħra, fl-għoti ta' pagamenti lill-OEM sabiex idewmu, jannullaw jew jillimitaw il-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti mgħammra b'ĊPU ta' dan il-kompetitur ta' Intel. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kienet qieset li l-klassifikazzjoni bħala "abbużiv" ta' tnaqqis marbut ma' esklużività mogħti minn impriża f'pożizzjoni dominanti ma tiddependix minn analiżi taċ-ċirkustanzi tal-każ intiża sabiex tiġi stabbilita l-kapaċità ta' dan it-tnaqqis li jillimita l-kompetizzjoni peress li dan it-tnaqqis, min-natura tiegħu stess, għandu din il-kapaċità. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kontenzjuża, kienet għamlet eżami fid-dettall taċ-ċirkustanzi tal-każ, u fuq din il-bażi kkonkludiet li kompetitur bl-istess effiċjenza kien ser ikollu, minħabba dan it-tnaqqis, japplika prezzijiet li ma kinux ikunu vijabbli. B'hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, it-test "AEC" (magħruf bl-Ingliż bħala "as efficient competitor test") kellu importanza reali fl-evalwazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-kapaċità tal-prattika inkwistjoni li tipproduċi effett ta' esklużjoni tal-kompetituri. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Qorti Ġenerali kienet marbuta teżamina l-argumenti kollha mressqa minn Intel dwar l-applikazzjoni tat-test AEC, li kienu maħsuba sabiex jintwerew allegati żbalji mwettqa mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' dan it-test. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza appellata u bagħtet il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex teżamina, fid-dawl tal-argumenti mressqa minn Intel, il-kapaċità tat-tnaqqis kontenzjuż li jillimita l-kompetizzjoni.

## 3. KONĊENTRAZZJONIJIET

Fis-sentenza ***Austria Asphalt*** (C-248/16, EU:C:2017:643), mogħtija fis-7 ta' Settembru 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 139/2004 [72] għandu jiġi interpretat fis-sens li *konċentrazzjoni għandha titqies li tirriżulta minn bidla fin-natura tal-kontroll eżerċitat fuq impriża eżistenti, li minn kontroll esklużiv isir konġunt, bil-kundizzjoni biss li l-impriża konġunta li tirriżulta minn din l-operazzjoni twettaq fuq bażi dejjiema l-funzjonijiet kollha ta' entità ekonomika awtonoma.*

Il-kawża prinċipali kienet tikkonċerna impjant għat-taħlit tal-asfalt li kien miżmum kompletament minn grupp ta' impriżi tal-kostruzzjoni u li l-attività tiegħu kienet limitata għall-provvista ta' materjal lill-kumpannija omm tiegħu. Għaldaqstant, dan l-impjant ma kellux rwol sinjifikattiv fis-suq. Il-proġett li wassal għat-tilwima kien jipprevedi l-konċentrazzjoni ta' żewġ impriżi tal-kostruzzjoni, li waħda minnhom kienet il-proprjetarja tal-imsemmi impjant għat-taħlit tal-asfalt. Skont il-proġett, l-impjant tagħha kellu jiġi kondiviż bejn iż-żewġ impriżi kkonċernati mill-konċentrazzjoni u l-produzzjoni tiegħu kienet intiża prinċipalment għal dawn iż-żewġ impriżi.

Wara li sarulha domandi dwar il-kundizzjonijiet li fihom titwettaq operazzjoni ta' konċentrazzjoni, fil-każ ta' bidla tan-natura tal-kontroll eżerċitat fuq impriża eżistenti, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u (4) tar-Regolament Nru 139/2004, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, l-ewwel nett, li l-għan tal-imsemmi regolament huwa li jiżgura li r-ristrutturazzjonijiet tal-impriżi ma jikkawżawx ħsara dejjiema għall-kompetizzjoni. Għaldaqstant, il-kunċett ta' "konċentrazzjoni" għandu jiġi ddefinit b'mod li jkopri l-operazzjonijiet li jwasslu għal bidla dejjiema fil-kontroll tal-impriżi kkonċernati u, għalhekk, fl-istruttura tas-suq ikkonċernat. B'mod partikolari, l-Artikolu 3(1)(b) ta' dan ir-regolament jikkunsidra li l-bidla fil-kontroll u mhux il-ħolqien ta' impriża hija element kostitwent tal-kunċett ta' konċentrazzjoni. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-Artikolu 3(4) tal-istess regolament jikkonċerna l-impriżi konġunti biss sa fejn il-ħolqien tagħhom jipproduċi effett dejjiemi fuq l-istruttura tas-suq, mingħajr ma huwa rilevanti jekk din l-impriża li issa hija kkontrollata b'mod konġunt kinitx teżisti qabel l-operazzjoni inkwistjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament Nru 139/2004, dan ir-regolament japplika biss għall-konċentrazzjonijiet kif iddefiniti fl-Artikolu 3 tal-imsemmi regolament, li għalihom ir-Regolament Nru 1/2003 [73], bħala prinċipju, ma huwiex applikabbli. Mill-banda l-oħra, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-Regolament Nru 1/2003 jibqa' applikabbli għall-aġir tal-impriżi li, mingħajr ma jikkostitwixxi operazzjoni ta' konċentrazzjoni fis-sens tar-Regolament Nru 139/2004, jista' xorta waħda jwassal għal koordinazzjoni bejniethom li tmur kontra l-Artikolu 101 TFUE u li, għalhekk, huwa suġġett għall-kontroll tal-Kummissjoni jew tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma hijiex konformi mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament Nru 139/2004 interpretazzjoni tal-Artikolu 3 tiegħu fis-sens li l-bidla fil-kontroll ta' impriża li, minn kontroll esklużiv isir kontroll konġunt, taqa' fil-kunċett ta' konċentrazzjoni anki meta din l-impriża konġunta ma twettaqx b'mod dejjiemi l-funzjonijiet kollha ta' entità ekonomika awtonoma.

**72/** Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40).

**73/** Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 u 102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

## 4. PROĊEDURA TA' APPLIKAZZJONI TAR-REGOLI TAL-KOMPETIZZJONI

Fl-14 ta' Marzu 2017, fis-sentenza tal-Awla Manja ***Evonik Degussa vs Il-Kummissjoni*** (C-162/15 P, EU:C:2017:205), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-portata tal-protezzjoni li għandha tingħata lill-informazzjoni li toriġina minn dikjarazzjoni magħmula sabiex tinkiseb il-klemenza, fil-kuntest tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE. It-tilwima kienet tikkonċerna deċiżjoni tal-Kummissjoni [74] li permezz tagħha l-uffiċjal tas-seduta nnominat għall-proċeduri ta' kompetizzjoni kien ċaħad talba għal trattament kunfidenzjali tal-informazzjoni li kienet ingħatat minn Evonik Degussa fil-kuntest tal-kooperazzjoni tagħha taħt l-Avviż dwar il-klemenza tal-2002 [75]. Din l-informazzjoni kienet tinsab f'verżjoni estiża tad-deċiżjoni li tikkonstata l-eżistenza ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni li kienet intiża li tiġi ppubblikata fis-sit internet tad-Direttorat Ġenerali tal-Kompetizzjoni [76]. Fid-deċiżjoni kontenzjuża, l-uffiċjal tas-seduta kien ikkonkluda, b'mod partikolari, li ma kellux kompetenza sabiex jieħu deċiżjoni dwar l-argument ta' Evonik Degussa li l-pubblikazzjoni tal-imsemmija informazzjoni kienet ser twassal għal differenza mhux iġġustifikata fit-trattament tagħha meta mqabbla mal-parteċipanti l-oħra fil-ksur, u dan bi ksur għalhekk tal-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ugwaljanza fit-trattament. Il-Qorti tal-Ġustizzja, permezz tas-sentenza fl-appell tagħha, annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali, li kienet ċaħdet ir-rikors [77], għar-raġuni li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-uffiċjal tas-seduta kellu raġun meta ddeċieda li ma kellux kompetenza.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni 2011/695 [78] huwa intiż li jimplementa, fuq livell proċedurali, il-protezzjoni li d-dritt tal-Unjoni jagħti lill-informazzjoni li tkun tressqet għall-konoxxenza tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċeduri ta' applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni. Għalkemm mill-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni 2011/695 jirriżulta li l-uffiċjal tas-seduta jista' jqis li l-informazzjoni tista' tiġi żvelata meta ma tikkostitwixxix, fil-fatt, sigriet kummerċjali jew informazzjoni kunfidenzjali oħra jew meta l-iżvelar tagħha jkun ta' interess superjuri, il-parti kkonċernata, għall-kuntrarju, ma hijiex limitata fir-rigward tar-raġunijiet li tista' tinvoka sabiex toġġezzjona għall-pubblikazzjoni ppjanata. B'hekk, il-protezzjoni prevista fl-Artikolu 8 għandha tinftiehem bħala li tirreferi għal kwalunkwe raġuni, misluta minn regoli jew minn prinċipji tad-dritt tal-Unjoni, li tiġġustifika l-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni inkwistjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-portata tal-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni 2011/695 tiġi llimitata b'mod kunsiderevoli jekk din id-dispożizzjoni tiġi interpretata fis-sens li tippermetti lill-uffiċjal tas-seduta jieħu inkunsiderazzjoni biss ir-regoli intiżi speċifikament sabiex tiġi protetta l-informazzjoni

**74/** Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2012) 3534 final tal-24 ta' Mejju 2012 li tiċħad talba għal trattament kunfidenzjali mressqa minn Evonik Degussa (Każ C 352/38.620 – Perossidu tal-idroġenu u tal-perborat).

**75/** Avviż tal-Kummissjoni dwar l-immunità minn multi u tnaqqis f'multi f'każijiet ta' kartell (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 155), fis-seħħ fiż-żmien tal-fatti.

**76/** Deċiżjoni C(2006) 1799 final, dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu 81 [KE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/F/C.38.620 – Perossidu tal-idroġenu u tal-perborat) (ĠU 2006, L 353, p. 54).

**77/** Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Jannar 2015, ***Evonik Degussa vs Il-Kummissjoni*** (T-341/12, EU:T:2015:51).

**78/** Deċiżjoni tal-President tal-Kummissjoni Ewropea 2011/695/UE tat-13 ta' Ottubru 2011 dwar il-funzjoni u t-termini ta' referenza tal-uffiċjal tas-seduta f'ċerti proċedimenti dwar il-kompetizzjoni (ĠU 2011, L 275, p. 29).

kontra żvelar lill-pubbliku, bħar-regoli previsti fir-Regolament Nru 45/2001 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tat-trattament tad-data personali mill-istituzzjonijiet [79] jew fir-Regolament Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni [80].

Fir-rigward tal-mertu tal-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja mbagħad ċaħdet l-argumenti ppreżentati insostenn tal-appell. Hija qabel kollox fakkret li informazzjoni li kienet sigrieta jew kunfidenzjali iżda li jkollha ħames snin jew iktar, għandha, minħabba l-mogħdija taż-żmien, titqies li bħala prinċipju hija informazzjoni storika u bħala li titlef, minħabba f'hekk, in-natura sigrieta jew kunfidenzjali tagħha. B'hekk, hija ppreċiżat li dawn il-kunsiderazzjonijiet, li jwasslu għal preżunzjoni konfutabbli, huma validi kemm fil-kuntest ta' talbiet għal trattament kunfidenzjali fir-rigward ta' partijiet intervenjenti fil-kuntest ta' rikors quddiem il-qrati tal-Unjoni u kemm fil-kuntest, bħal dak ineżami, ta' talbiet għal kunfidenzjalità fir-rigward tal-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni ta' deċiżjoni li tikkonstata ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni.

Fir-rigward tal-kwistjoni, imqajma minn Evonik Degussa, dwar jekk, minkejja l-inapplikabbiltà tar-Regolament Nru 1049/2001 f'dan il-każ, kienx hemm lok li tiġi applikata għall-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet li jikkonstataw ksur tal-Artikoli 101 u 102 TFUE l-ġurisprudenza, mogħtija fuq il-bażi tal-imsemmi regolament, li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet l-eżistenza ta' preżunjoni ġenerali ta' natura li tiġġustifika r-rifjut ta' żvelar tad-dokumenti li jinsabu f'fajl dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja wieġbet fin-negattiv. Il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha, f'dan ir-rigward, fuq id-differenzi importanti bejn is-sistema ta' aċċess minn terzi għall-fajl tal-Kummissjoni (prevista fir-Regolament Nru 1049/2001) u s-sistema dwar il-pubblikazzjoni, b'osservanza tas-sigrieti kummerċjali (prevista fl-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 1/2003), tad-deċiżjonijiet fil-qasam tal-ksur. Il-pubblikazzjoni ta' verżjoni mhux kunfidenzjali ta' deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE għandha b'mod partikolari tippermetti li l-vittmi ta' ksur jingħataw sostenn fl-azzjonijiet għad-danni tagħhom. Madankollu, l-interessi inkwistjoni għandhom jiġu bbilanċjati mal-protezzjoni tad-drittijiet li d-dritt tal-Unjoni jagħti b'mod partikolari lill-impriżi kkonċernati, bħad-dritt għall-protezzjoni tas-sigriet professjonali jew tas-sigrieti kummerċjali.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li tali pubblikazzjoni ma tippreġudikax il-protezzjoni li tista' tiġi invokata minn Evonik Degussa taħt l-Avviż dwar il-klemenza tal-2002, peress li din il-protezzjoni tista' tikkonċerna biss id-determinazzjoni tal-multa u t-trattament tad-dokumenti u tad-dikjarazzjonijiet koperti speċifikament minn dan l-avviż. Fil-fatt, l-unika protezzjoni li tista' tinvoka impriża li tkun ikkooperat mal-Kummissjoni fil-kuntest ta' proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE hija dik dwar, minn naħa, l-immunità minn jew it-tnaqqis tal-multa bħala korrispettiv għall-provvista lill-Kummissjoni ta' provi tal-ksur issuspettat li jipprovdu valur miżjud sinjifikattiv fil-konfront tal-provi li l-Kummissjoni diġà jkollha fil-pussess tagħha u, min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' żvelar, mill-Kummissjoni, tad-dokumenti u tad-dikjarazzjonijiet bil-miktub li l-Kummissjoni tirċievi konformement mal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-klemenza.

**79/** Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 26, p. 102).

**80/** Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

## 5. GĦAJNUNA MILL-ISTAT

Fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat għandhom jissemmew tliet sentenzi. L-ewwel waħda tikkonċerna l-kontroll eżerċitat mill-Kummissjoni fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat eżistenti li sussegwentement tista' tiġi kklassifikata bħala illegali. It-tieni waħda tikkonċerna l-kwistjoni ta' jekk eżenzjonijiet fiskali mogħtija minn Stat lil komunità reliġjuża jistgħux jitqiesu li huma għajnuna mill-Istat ipprojbiti mill-Artikolu 107(1) TFUE. L-aħħar waħda tikkonċerna l-kwistjoni ta' jekk għajnuna mill-Istat mogħtija lil impriża ammessa volontarjament fi proċedura nazzjonali ta' insolvenza tistax tittieħed lura.

Fis-sentenza ***Il-Kummissjoni vs L-Italja*** (C-467/15 P, EU:C:2017:799), mogħtija fil-25 ta' Ottubru 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali [81] dwar il-possibbiltà, għall-Kummissjoni, li tikklassifika bħala għajnuna ġdida, u jekk ikun il-każ bħala għajnuna illegali, mhux biss il-bidla ta' għajnuna eżistenti iżda wkoll l-għajnuna eżistenti kollha kkonċernata minn din il-bidla. L-oriġini ta' din il-kawża tmur lura għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/530 [82] li tawtorizza, minn naħa, lill-Italja tieħu post il-produtturi tal-ħalib għall-finijiet tal-ħlas ta' taxxa addizzjonali dovuta lill-Unjoni minħabba l-qbiż tal-kwota tal-ħalib nazzjonali matul is-snin 1995 u 2001 u, min-naħa l-oħra, lill-produtturi kkonċernati jħallsu lura d-dejn tagħhom lejn dan l-Istat Membru permezz ta' pagament iddifferit mingħajr interessi. L-għoti ta' din l-għajnuna (iktar 'il quddiem l-"għajnuna eżistenti") kien suġġett, b'mod partikolari, għal limitu temporali ta' erbatax-il sena fir-rigward tal-perijodu li fuqu kellu jinfirex il-ħlas lura tad-dejn. L-Italja awtorizzat il-posponiment tal-ħlas tal-istess għajnuna fl-2010 u fl-2011, wara diversi bidliet oħra, u dan wassal sabiex inqabeż il-limitu ta' erbatax-il sena. Kien għalhekk li l-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kontenzjuża fejn ikkonstatat li l-Italja kienet suċċessivament emendat l-iskema tal-għajnuna eżistenti filwaqt li kisret waħda mill-kundizzjonijiet li għalihom kienet suġġetta l-approvazzjoni ta' din l-għajnuna, u kklassifikat bħala għajnuna ġdida u, għalhekk, bħala għajnuna illegali (minħabba li kienet miżura li ma kinitx ġiet innotifikata lill-Kummissjoni), mhux biss il-posponiment tal-ħlas ikkunsidrat waħdu iżda wkoll is-sistema kollha diġà eżistenti dwar il-firxa tal-ħlasijiet lura fuq perijodu ta' żmien [83]. Hija għalhekk ordnat l-irkupru immedjat tas-somom mogħtija lill-produtturi li bbenefikaw mill-posponiment tal-ħlas, flimkien mal-interessi. L-Italja kkontestat din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Ġenerali, li annullat parzjalment id-deċiżjoni kontenzjuża. Il-Kummissjoni għalhekk ippreżentat appell fejn ikkontestat l-interpretazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali tal-kunċett ta' "għajnuna ġdida" li jinsab fl-Artikolu 1(ċ) tar-Regolament Nru 659/1999 [84].

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, għall-kuntrarju ta' dak li kienet iddikjarat il-Qorti Ġenerali, dan il-kunċett ta' "għajnuna ġdida" seta' jkopri mhux biss il-bidla ta' għajnuna eżistenti iżda wkoll l-għajnuna kkonċernata minn din il-bidla. B'hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, għajnuna eżistenti li tkun is-suġġett ta' bidla bi ksur tal-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà imposti fir-rigward tagħha ma tistax tibqa' titqies li hija awtorizzata u titlef, għalhekk, fl-intier tagħha, il-kwalità ta' għajnuna eżistenti. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma hijiex meħtieġa tistabbilixxi li l-bidla taffettwa s-sustanza stess tal-għajnuna diġà eżistenti. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali interpretazzjoni tiżgura bl-aħjar mod l-effettività tas-sistema ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat fl-Unjoni, billi tinkoraġġixxi l-osservanza mill-Istat Membru kkonċernat tal-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni tal-iskema ta'

**81/** Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Ġunju 2015, ***L-Italja vs Il-Kummissjoni*** (T-527/13, EU:T:2015:429).

**82/** Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/530/KE tas-16 ta' Lulju 2003 dwar il-kompatibbiltà mas-suq komuni ta' għajnuna li r-Repubblika Taljana tixtieq tagħti lill-produtturi tal-ħalib tagħha (ĠU 2003, L 184, p. 15).

**83/** Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/665/UE tas-17 ta' Lulju 2013 dwar l-għajnuna tal-Istat SA.33726 (11/C) [eks SA.33726 (11/NN)] – mogħtija mill-Italja (differiment tal-ħlas tal-imposti fuq il-ħalib fl-Italja) (notifikata bid-dokument C(2013) 4046) (ĠU 2013, L 309, p. 40).

**84/** Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu [108 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

għajnuna. Fil-fatt, fil-każ ta' bidla minn Stat Membru ta' skema ta' għajnuna eżistenti bi ksur ta' kundizzjoni ta' awtorizzazzjoni tagħha, dan l-Istat Membru ma jkollu ebda garanzija li l-iskema ta' għajnuna awtorizzata ma hijiex ser tkun affettwata mill-imsemmija bidla, u għalhekk li l-vantaġġi miksuba fuq il-bażi ta' din l-iskema ser jinżammu.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, f'dan il-każ, l-emenda leġiżlattiva li tipposponi l-pagament la kienet tikkostitwixxi bidla purament formali jew amministrattiva u lanqas żieda tal-baġit inizjali ta' skema ta' għajnuna fis-sens tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 794/2004 [85].

Fil-kawża li tat lok għas-sentenza ***Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania*** (C-74/16, EU:C:2017:496), mogħtija fis-27 ta' Ġunju 2017, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tagħti deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' *jekk l-eżenzjonijiet fiskali mogħtija minn Stat Membru lil komunità reliġjuża jistgħux jikkostitwixxu għajnuna pprojbita mill-Artikolu 107(1) TFUE*. Din il-kwistjoni qamet fil-kuntest ta' diversi eżenzjonijiet fiskali mogħtija lill-Knisja Kattolika Spanjola bis-saħħa ta' ftehim tal-1979 konkluż bejn is-Santa Sede u Spanja qabel l-adeżjoni ta' Spanja mal-Unjoni. Fit-tilwima fil-kawża prinċipali, kongregazzjoni reliġjuża kienet invokat dan il-ftehim sabiex tikseb ir-rimbors ta' taxxa muniċipali mħallsa fil-kuntest ta' xogħlijiet imwettqa fi skola ekkleżjastika li tinsab qrib Madrid. Il-faċilitajiet inkwistjoni jintużaw sabiex jingħata mhux biss tagħlim primarju u sekondarju rregolat mill-Istat, li huwa ekwivalenti għal dak mogħti fl-iskejjel pubbliċi u li huwa ffinanzjat kollu kemm hu mill-baġit pubbliku, iżda wkoll sabiex jitwettqu attivitajiet skolastiċi oħra li fir-rigward tagħhom jinġabru miżati. It-talba għal rimbors kienet ġiet miċħuda mill-amministrazzjoni fiskali għar-raġuni li l-eżenzjoni fiskali prevista mil-liġi nazzjonali fir-rigward tax-xogħlijiet ma kinitx tapplika għal attività li ma kellhiex skop reliġjuż.

Adita b'rikors mill-kongregazzjoni reliġjuża kkonċernata, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kwistjoni ta' jekk tali eżenzjoni fiskali kellhiex titqies li hija għajnuna mill-Istat ipprojbita mid-dritt tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet billi ddeċidiet li miżura ta' din in-natura setgħet taqa' taħt il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 107(1) TFUE jekk u sa fejn l-attivitajiet inkwistjoni jkunu attivitajiet ekonomiċi, punt dan li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett qieset li l-attivitajiet ta' tagħlim tal-kongregazzjoni li ma humiex issussidjati mill-Istat Spanjol jidhru li għandhom natura ekonomika u għalhekk setgħu jaqgħu taħt l-Artikolu 107(1) TFUE sa fejn huma ffinanzjati, essenzjalment, permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji privati. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-eżenzjoni kontenzjuża tidher li tissodisfa tnejn mill-erba' kundizzjonijiet meħtieġa sabiex tkun tista' tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat ipprojbita, sa fejn din l-eżenzjoni kienet tagħti lill-kongregazzjoni responsabbli għall-iskola *vantaġġ ekonomiku selettiv* u kienet timplika tnaqqis fid-dħul tal-muniċipalità u, għaldaqstant, l-*użu ta' riżorsi tal-Istat*. Fir-rigward taż-żewġ kundizzjonijiet l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-eżenzjoni kontenzjuża setgħet tagħmel iktar attraenti l-provvista tas-servizzi ta' tagħlim tal-kongregazzjoni reliġjuża meta mqabbla mal-provvista tas-servizzi ta' stabbilimenti oħra li huma wkoll attivi fl-istess suq, u li din l-eżenzjoni setgħet għalhekk toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni. Mill-banda l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, skont l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1998/2006 [86], l-għajnuna li ma taqbiżx limitu massimu ta' EUR 200 000 fuq perijodu ta' tliet snin għandha titqies li ma taffettwax il-kummerċ bejn l-Istati Membri u li la toħloq u lanqas ma hija fil-perikolu li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni, u hija għalhekk eskluża mill-kunċett ta' "għajnuna mill-Istat". Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li madankollu hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk dan il-limitu ntlaħaqx f'dan il-każ.

**85/** Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 659/1999 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 4, p. 3).

**86/** Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli [107 u 108 TFUE] dwar l-għajnuna *de minimis* (ĠU 2007, L 314M, p. 654).

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-ftehim bejn Spanja u s-Santa Sede, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li, għalkemm dan il-ftehim jippreċedi l-adeżjoni ta' dan l-Istat Membru mal-Unjoni, l-eżenzjoni fiskali kontenzjuża, li kienet ġiet introdotta fl-ordinament ġuridiku nazzjonali permezz ta' digriet tal-2001, ma kellhiex titqies, jekk ikun il-każ, li hija għajnuna mill-Istat eżistenti iżda li hija għajnuna ġdida.

Fis-sentenza ***Nerea*** (C-245/16, EU:C:2017:521), mogħtija fis-6 ta' Lulju 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-portata tal-kunċett ta' "proċedura kollettiva ta' insolvenza" previst fl-Artikolu 1(7)(ċ) tar-Regolament Nru 800/2008 (Regolament ġenerali ta' eżenzjoni għal kategorija) [87] kif ukoll dwar il-kwistjoni ta' *jekk impriża ammessa volontarjament fi proċedura nazzjonali ta' insolvenza hijiex prekluża milli tibbenefika minn għajnuna preċedentement mogħtija bis-saħħa tal-istess dispożizzjoni*. Nerea, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, kienet il-benefiċjarja ta' għajnuna mill-Istat mogħtija fil-kuntest ta' programm operattiv reġjonali f'Le Marche (l-Italja). Wara li Nerea talbet li tibbenefika mill-protezzjoni ta' arranġament mal-kredituri bil-għan li tkompli topera, ir-reġjun ta' Le Marche rrevoka l-għajnuna kontenzjuża għaliex, skont l-Artikolu 1(7)(ċ) tar-Regolament Nru 800/2008, impriża suġġetta għal tali proċedura tikkostitwixxi impriża f'diffikultà li ma kellhiex tirċievi għajnuna. Adita b'rikors ippreżentat minn Nerea kontra din id-deċiżjoni, il-qorti tar-rinviju għamlet żewġ domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Permezz tal-ewwel domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tagħti deċiżjoni dwar il-portata tal-kunċett ta' "suġġett" għal "proċedura kollettiva ta' insolvenza". Hija ddeċidiet li la l-Artikolu 1(7)(ċ) tar-Regolament Nru 800/2008 u lanqas xi dispożizzjoni oħra ta' dan ir-regolament ma jagħmlu distinzjoni bejn il-proċeduri kollettivi ta' insolvenza eżistenti fid-diversi ordinamenti ġuridiċi nazzjonali fuq il-bażi ta' jekk ikunux infetħu mill-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji tal-Istati Membri jew jekk ikunux infetħu fuq l-inizjattiva tal-impriża kkonċernata, kif kien il-każ f'dan il-każ. Għaldaqstant, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-imsemmi kunċett ma jkoprix biss il-proċeduri miftuħa ex officio mill-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji iżda jkopri wkoll dawk miftuħa fuq l-inizjattiva tal-impriża kkonċernata.

Fir-rigward tat-tieni domanda, dwar il-konsegwenzi li għandhom jinstiltu mill-fatt li Nerea kienet suġġetta għall-proċedura kollettiva ta' insolvenza wara l-għoti tal-għajnuna kontenzjuża, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-għajnuna għandha titqies li ngħatat fil-mument li fih jitnissel id-dritt tal-benefiċjarju li jirċievi din l-għajnuna u li huwa f'dan il-mument li għandha tiġi evalwata l-eliġibbiltà tal-impriża għall-għoti ta' għajnuna. Barra minn hekk, l-Artikolu 1(7)(ċ) tar-Regolament Nru 800/2008 ma jobbligax lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jwettqu eżami awtonomu tas-sitwazzjoni konkreta tal-impriża sabiex jiġi stabbilit li din tinsab f'diffikultà. B'hekk, il-fatt li impriża tissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex tkun suġġetta għal proċedura kollettiva ta' insolvenza skont id-dritt nazzjonali huwa suffiċjenti sabiex jiġi prekluż li tingħata għajnuna mill-Istat skont ir-Regolament Nru 800/2008 jew, jekk tali għajnuna tkun diġà ngħatatilha, sabiex jiġi kkonstatat li din l-għajnuna ma setgħetx tingħatalha skont l-istess regolament, sa fejn dawn il-kundizzjonijiet kienu ssodisfatti fid-data li fiha ngħatat l-imsemmija għajnuna. Mill-banda l-oħra, għajnuna mogħtija lil impriża b'osservanza tar-Regolament Nru 800/2008, u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 1(6) tiegħu, ma tistax tiġi rrevokata għas-sempliċi raġuni li din l-impriża kienet suġġetta għal proċedura kollettiva ta' insolvenza wara d-data li fiha kienet ingħatat din l-għajnuna.

**87/** Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skond l-Artikoli [107 u 108 TFUE] (ĠU 2008, L 214, p. 3).

# XII. DISPOŻIZZJONIJIET FISKALI

Fil-qasam fiskali, jistħoqqilhom li jissemmew ħames sentenzi. L-ewwel waħda tikkonċerna l-validità ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112 [88]. It-tieni waħda tikkonċerna l-kwistjoni ta' jekk il-qrati nazzjonali jistgħux jistħarrġu l-legalità ta' talba għal informazzjoni fiskali mressqa minn Stat Membru ieħor taħt id-Direttiva 2011/16 [89]. It-tielet waħda tikkonċerna l-kundizzjonijiet sabiex ikunu eżiġibbli d-dazji tas-sisa fis-sens tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2008/118 [90]. Ir-raba' waħda tikkonċerna l-portata tal-prinċipju ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża fil-kuntest ta' proċeduri amministrattivi nazzjonali għall-verifika u għall-istabbiliment tal-bażi ta' stima tal-VAT. Fl-aħħar nett, l-aħħar waħda tikkonċerna l-prinċipju ta' projbizzjoni ta' prattiki abbużivi fil-qasam fiskali.

Fis-sentenza ***RPO*** tagħha (C-390/15, EU:C:2017:174), li diġà ssemmiet [91], il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ikkonfermat il-validità tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112 li jeskludu l-provvista ta' kotba diġitali b'mod elettroniku mill-benefiċċju tar-rata mnaqqsa tal-VAT, filwaqt li l-Istati Membri jistgħu japplikaw tali rata mnaqqsa għall-provvista ta' kotba diġitali fuq mezzi fiżiċi. F'dan ir-rigward, ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari qajjem, b'mod partikolari, il-kwistjoni ta' jekk din l-esklużjoni tmurx kontra l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, kif stabbilit fl-Artikolu 20 tal-Karta.

Wara li kkonfermat li l-imsemmija dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112 jagħmlu differenza fit-trattament bejn żewġ sitwazzjonijiet li madankollu huma komparabbli fir-rigward tal-għan imfittex, jiġifieri, f'dan il-każ, li jiġi inkoraġġut il-qari, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk din id-differenza fit-trattament setgħetx tkun iġġustifikata. Peress li tali ġustifikazzjoni hija possibbli meta d-differenza fit-trattament tkun tikkonċerna għan legalment ammissibbli u meta tkun proporzjonata ma' dan il-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi osservat li l-esklużjoni tal-pubblikazzjonijiet elettroniċi mir-rata mnaqqsa tal-VAT tagħmel parti minn sistema partikolari tal-VAT għall-kummerċ elettroniku, li hija intiża li tissuġġetta s-servizzi pprovduti b'mod elettroniku għal regoli ċari, sempliċi u uniformi sabiex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni ta' din it-taxxa mill-persuni taxxabbli u mill-amministrazzjonijiet fiskali nazzjonali. Filwaqt li enfasizzat is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li għandu l-leġiżlatur tal-Unjoni meta jadotta miżuri ta' natura fiskali, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi kkonfermat kemm in-natura legalment ammissibbli ta' dan l-għan u kemm in-natura adegwata tal-miżura kkontestata sabiex jintlaħaq dan il-għan. Ir-rekwiżiti l-oħra marbuta mal-kundizzjoni ta' proporzjonalità kienu ssodisfatti wkoll u għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112 inkwistjoni kienu konformi mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, kif stabbilit fl-Artikolu 20 tal-Karta.

Fis-sentenza ***Berlioz Investment Fund*** (C-682/15, EU:C:2017:373), mogħtija fis-16 ta' Mejju 2017 mill-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja, din tal-aħħar eżaminat il-kwistjoni ta' *jekk il-qrati ta' Stat Membru jistgħux jistħarrġu l-legalità tat-talbiet għal informazzjoni fiskali magħmula minn Stat Membru ieħor taħt id-Direttiva 2011/16*. Din il-kwistjoni tqajmet fil-kuntest ta' tilwima li oriġinat mir-rifjut ta' kumpannija Lussemburgiża li tonora kompletament deċiżjoni tal-awtoritajiet Lussemburgiżi li tordnalha tipprovdi ċerta informazzjoni, mitluba mill-amministrazzjoni Franċiża

**88/** Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1), fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mid-Direttiva tal-Kunsill 2009/47/KE tal-5 ta' Mejju 2009 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar rati mnaqqsa tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2009, L 116, p. 18).

**89/** Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU 2011, L 64, p. 1).

**90/** Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU 2009, L 9, p. 12).

**91/** Din is-sentenza ġiet ippreżentata wkoll fit-Taqsima III, "Dispożizzjonijiet istituzzjonali".

taħt l-imsemmija direttiva. Din it-talba għal informazzjoni kienet tikkonċerna, b'mod iktar partikolari, dividendi mħallsa minn sussidjarja Franċiża u kienet intiża li tikkjarifika jekk il-kundizzjonijiet previsti fid-dritt Franċiż sabiex dawn id-dividendi jiġu eżentati minn taxxa f'ras il-għajn kinux issodisfatti. Peress li l-kumpannija Lussemburgiża kienet, madankollu, irrifjutat li tipprovdi parti mill-informazzjoni mitluba minħabba li qieset li ma kinitx prevedibbilment rilevanti, kienet ġiet imposta multa fuqha. Adita b'rikors ippreżentat kontra din is-sanzjoni, il-qorti tar-rinviju, b'mod partikolari, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk hija setgħetx teżamina l-fondatezza tad-deċiżjoni ta' ordni tal-awtoritajiet Lussemburgiżi u, għalhekk, tat-talba għal informazzjoni li fuqha kienet ibbażata.

Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett ikkonstatat li, sa fejn l-impożizzjoni tal-multa fuq il-kumpannija Lussemburgiża tagħmel parti mill-implementazzjoni tad-Direttiva 2011/16, il-Karta hija applikabbli għal dan il-każ. Wara li kkonfermat, barra minn hekk, li l-kumpannija Lussemburgiża għandha dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv, fis-sens tal-Artikolu 47 tal-Karta, kontra s-sanzjoni amministrattiva li kienet imposta fuqha, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li din id-dispożizzjoni teħtieġ li l-qorti nazzjonali, adita b'tali rikors kontra multa imposta minħabba n-nuqqas ta' osservanza ta' deċiżjoni ta' ordni sabiex tiġi pprovduta informazzjoni fil-kuntest ta' skambju bejn amministrazzjonijiet fiskali nazzjonali taħt id-Direttiva 2011/16, għandha tkun tista' teżamina l-legalità ta' din id-deċiżjoni ta' ordni. Issa, sa fejn hija biss l-informazzjoni prevedibbilment rilevanti fir-rigward tal-leġiżlazzjoni fiskali tal-Istat Membru rikjedenti li tista' tkun is-suġġett ta' talba għal informazzjoni taħt l-imsemmija direttiva, dan ir-rekwiżit ta' rilevanza jikkostitwixxi, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, kundizzjoni ta' legalità tad-deċiżjoni ta' ordni indirizzata lis-suġġett tal-amministrazzjoni sabiex tinkiseb l-informazzjoni mitluba u tal-miżura ta' sanzjoni imposta fuq dan tal-aħħar minħabba li ma jkunx onora din id-deċiżjoni ta' ordni. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat, f'dan ir-rigward, li l-istħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tad-deċiżjoni ta' ordni għandu jkun limitat għal verifika li din id-deċiżjoni hija bbażata fuq talba suffiċjentement motivata mill-awtorità rikjedenti li tkopri informazzjoni li ma tidhirx li hija, manifestament, prevedibbilment irrilevanti. Dan l-istħarriġ jimplika li l-qorti jista' jkollha aċċess għat-talba għal informazzjoni u, jekk ikun meħtieġ, għal kull element ta' informazzjoni ieħor ikkomunikat mill-awtorità rikjedenti. Mill-banda l-oħra, peress li s-segretezza tat-talba għal informazzjoni tista' tiġi invokata fil-konfront tas-suġġett tal-amministrazzjoni, dan tal-aħħar għandu biss dritt ta' aċċess għall-informazzjoni essenzjali tat-talba għal informazzjoni sabiex ikun jista' jippreżenta l-kawża tiegħu b'mod ekwu.

Fid-29 ta' Ġunju 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja tat is-sentenza ***Il-Kummissjoni vs Il-Portugall*** (C-126/15, EU:C:2017:504), li permezz tagħha tat deċiżjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' eżiġibbiltà tad-dazji tas-sisa, fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2008/118, dwar l-arranġamenti ġenerali tas-sisa, interpretat fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha quddiemha rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu intiż li jiġi kkonstatat li, billi tissuġġetta l-pakketti tas-sigaretti għal projbizzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni u ta' bejgħ lill-pubbliku wara t-tmiem tat-tielet xahar tas-sena ta' wara dik indikata fuq it-timbru mwaħħal, ir-Repubblika Portugiża kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-imsemmija direttiva kif ukoll milli tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità.

Wara li fakkret, minn naħa, li l-ġlieda kontra l-frodi, l-evażjoni fiskali u l-eventwali abbużi hija għan imfittex mid-Direttiva 2008/118, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-offerta għall-konsum fi kwantitajiet eċċessivi ta' pakketti ta' sigaretti lejn l-aħħar tas-sena, sabiex tiġi antiċipata żieda futura fir-rata tas-sisa, tikkostitwixxi forma ta' abbuż li l-Istati Membri għandhom id-dritt li jevitaw permezz ta' miżuri adegwati. Hija żiedet li, peress li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tad-Direttiva jagħmel riferiment għad-dritt nazzjonali fir-rigward tad-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' eżiġibbiltà u tar-rata tas-sisa, tali dritt irrikonoxxut lill-Istati Membri jimplika neċessarjament il-possibbiltà tagħhom li jadottaw miżuri bħal dawk inkwistjoni f'din il-kawża.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret ukoll, min-naħa l-oħra, li l-Istati Membri għandhom josservaw, fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lilhom mid-dritt tal-Unjoni, il-prinċipju ta' proporzjonalità. Dan jobbliga lill-Istati Membri jużaw mezzi li, filwaqt li jippermettu li jintlaħaq b'mod effettiv l-għan imfittex mid-dritt nazzjonali, ma jmorrux lil hinn minn dak li jkun neċessarju u jippreġudikaw bl-inqas mod possibbli l-għanijiet u l-prinċipji stabbiliti mil-

leġiżlazzjoni tal-Unjoni inkwistjoni. F'dan ir-rigward, hija ddeċidiet li l-projbizzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni u ta' bejgħ tas-sigaretti inkwistjoni kienet adegwata sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi tal-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni fiskali kif ukoll tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika. Madankollu, peress li din il-projbizzjoni kienet tapplika fil-każijiet kollha, inkluż meta r-rata tas-sisa tonqos jew tibqa' l-istess, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din ma kinitx tidher li hija neċessarja sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, sa fejn dawn setgħu jiġu ppreġudikati b'mod inqas oneruż u b'mod daqstant ieħor adegwat li kieku din il-miżura kienet tapplika biss fil-każ ta' żieda fir-rata tas-sisa fuq is-sigaretti. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li r-Repubblika Portugiża, permezz tal-miżuri inkwistjoni, kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2008/118 u milli tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità.

Fis-sentenza ***Ispas*** (C-298/16, EU:C:2017:843), mogħtija fid-9 ta' Novembru 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat il-portata tal-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża fil-kuntest ta' proċeduri amministrattivi nazzjonali intiżi għall-verifika u għall-istabbiliment tal-bażi ta' stima tal-VAT. F'dan il-każ, ir-rikorrenti kienu s-suġġett ta' verifika fiskali li b'riżultat tagħha nħarġulhom avviżi ta' stima tat-taxxa li kienu jeżiġu l-ħlas ta' ammont ta' VAT supplimentari. Ir-rikorrenti invokaw in-nullità ta' dawn l-avviżi ta' stima tat-taxxa quddiem il-qorti tar-rinviju għaliex qiesu li d-drittijiet tad-difiża tagħhom ma kinux ġew irrispettati. Huma qiesu, b'mod partikolari, li l-amministrazzjoni fiskali kien imissha tathom *ex officio* aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha li fuq il-bażi tagħha din l-amministrazzjoni kienet adottat ir-rapport ta' verifika fiskali u ħarġet iż-żewġ avviżi, sabiex ikunu f'pożizzjoni li jikkontestawhom iktar tard.

Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett fakkret f'dan ir-rigward li r-rispett tad-drittijiet tad-difiża jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jeżiġi li d-destinatarji ta' deċiżjonijiet li jaffettwaw l-interessi tagħhom b'mod notevoli għandhom jitqiegħdu f'pożizzjoni li jressqu l-fehmiet tagħhom b'mod effettiv f'dak li jirrigwarda l-elementi li fuqhom l-amministrazzjoni jkollha l-intenzjoni li tibbaża d-deċiżjoni tagħha. L-amministrazzjonijiet nazzjonali huma suġġetti għal dan l-obbligu meta jieħdu deċiżjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan ikun b'mod partikolari l-każ meta Stat Membru, sabiex jikkonforma ruħu mal-obbligu, li jirriżulta mill-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, li jadotta l-miżuri leġiżlattivi u amministrattivi kollha xierqa sabiex jiżgura l-ġbir tal-VAT kollha dovuta fit-territorju tiegħu u sabiex jiġġieled kontra l-frodi, jissuġġetta lil persuni taxxabbli għal proċedura ta' verifika tat-taxxa.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża għandu jiġi interpretat fis-sens li, fi proċeduri amministrattivi intiżi għall-verifika u għall-istabbiliment tal-bażi ta' stima tal-VAT, individwu għandu jkollu l-possibbiltà li jingħata, fuq talba tiegħu u mhux *ex officio*, l-informazzjoni u d-dokumenti li jinsabu fil-fajl amministrattiv u kkunsidrati mill-awtorità pubblika għall-finijiet tal-adozzjoni tad-deċiżjoni tagħha, sakemm għanijiet ta' interess ġenerali ma jiġġustifikawx ir-restrizzjoni tal-aċċess għall-imsemmija informazzjoni u għall-imsemmija dokumenti. Fil-fatt, dan il-prinċipju ġenerali ma jikkostitwixxix prerogattiva assoluta, iżda jista' jiġi suġġett għal restrizzjonijiet, bil-kundizzjoni li dawn jissodisfaw effettivament għanijiet ta' interess ġenerali li għandhom jintlaħqu mill-miżura inkwistjoni u ma jikkostitwixxux, fid-dawl tal-għan li għandu jintlaħaq, intervent sproporzjonat u intollerabbli li jista' jippreġudika s-sustanza stess tad-drittijiet iggarantiti. Dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, fi proċedura intiża għall-verifika tat-taxxa u għall-istabbiliment tal-bażi ta' stima tal-VAT, tali restrizzjonijiet jistgħu b'mod partikolari jkunu intiżi sabiex jipproteġu l-ħtiġijiet ta' kunfidenzjalità jew ta' sigriet professjonali, li jistgħu jiġu ppreġudikati mill-aċċess għal ċerta informazzjoni u għal ċerti dokumenti.

Permezz tas-sentenza ***Cussens et*** (C-251/16, EU:C:2017:881), mogħtija fit-22 ta' Novembru 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-portata tal-prinċipju ta' projbizzjoni ta' prattiki abbużivi fil-qasam fiskali, u b'mod iktar partikolari fil-qasam tal-VAT. Fil-kawża prinċipali, ir-rikorrenti kienu bnew diversi residenzi ta' villeġġatura intiżi għall-bejgħ li mbagħad krew, għal perijodu ta' iktar minn għoxrin sena, lil kumpannija marbuta magħhom. Fl-istess ħin, huma kienu kkonkludew ma' din l-istess kumpannija kuntratt li kien jipprevedi li l-imsemmija residenzi kellhom jinkrew

lilhom għal perijodu ta' sentejn. Dawn iż-żewġ kuntratti ta' kera ntemmu xahar wara minħabba rinunzja reċiproka u r-rikorrenti biegħu r-residenzi lil terzi. Skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, ebda VAT ma kienet dovuta fuq dan il-bejgħ, filwaqt li l-kera għal perijodu twil kienet suġġetta għall-VAT. Madankollu, l-amministrazzjoni fiskali kklassifikat l-imsemmija kera bħala prattika abbużiva u talbet il-ħlas ta' VAT supplimentari fir-rigward tal-bejgħ. Adita b'din il-kawża, il-qorti tar-rinviju kkonstatat l-assenza, fid-dritt nazzjonali, ta' regoli li jobbligaw lill-amministrazzjoni fiskali tinjora operazzjonijiet li jikkostitwixxu prattika abbużiva. B'hekk, hija ddeċidiet li tagħmel diversi domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja intiżi, b'mod partikolari, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-prinċipju ta' projbizzjoni ta' prattiki abbużivi previst fid-dritt tal-Unjoni, kif ikkonfermat fis-sentenza ***Halifax et*** [92], jeħtieġx is-soluzzjoni adottata f'dan il-każ mill-amministrazzjoni fiskali.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett ikkonstatat li l-prinċipju ta' projbizzjoni ta' prattiki abbużivi, kif applikat fil-qasam tal-VAT mill-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Halifax et, ma jikkostitwixxix regola stabbilita minn direttiva, iżda huwa bbażat fuq il-ġurisprudenza. Dan il-prinċipju, li skont il-Qorti tal-Ġustizzja għandu n-natura ġenerali inerenti għall-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, jista' jiġi invokat fil-konfront ta' persuna taxxabbli sabiex jiġi rrifjutat lilha l-benefiċċju tad-dritt għal eżenzjoni mill-VAT, anki fl-assenza ta' dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jipprevedu tali rifjut. Minkejja li l-operazzjonijiet inkwistjoni kienu diġà twettqu qabel ma ngħatat is-sentenza Halifax et, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat, it-tieni nett, li l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ma jipprekludux l-applikazzjoni, fil-kawża prinċipali, tal-prinċipju ta' projbizzjoni ta' prattiki abbużivi li jirriżulta minn din is-sentenza. Fil-fatt, l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti lid-dritt tal-Unjoni tiċċara u tispeċifika t-tifsira u l-portata ta' dan id-dritt, kif dan għandu jew kellu jinftiehem u jiġi applikat sa mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, fil-każ li l-proprjetajiet immobbli inkwistjoni ma kinux is-suġġett ta' użu effettiv mill-proprjetarju jew mill-inkwilin tagħhom qabel inbiegħu lil xerrejja terzi, punt dan li għandu jiġi vverifikat f'dan il-każ mill-qorti tar-rinviju, il-kunsinni tal-imsemmija proprjetajiet jistgħu jagħtu lok għall-kisba ta' vantaġġ fiskali li jmur kontra l-għan tad-Direttiva 77/388 [93], u għalhekk jaqgħu taħt il-prinċipju ta' projbizzjoni ta' prattiki abbużivi.

# XIII. APPROSSIMAZZJONI TAL-LEĠIŻLAZZJONIJIET

## 1. PROPRJETÀ INTELLETTWALI U INDUSTRIJALI

Fil-qasam tal-proprjetà intellettwali u industrijali, għandhom jissemmew tliet sentenzi. L-ewwel tnejn jikkonċernaw il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur u t-tielet waħda tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-klawżola magħrufa bħala "ta' tiswija" fil-qasam tad-disinni Komunitarji.

Fil-kawżi li taw lok għaż-żewġ sentenzi ***Stichting Brein*** (C-527/15, EU:C:2017:300 u C-610/15, EU:C:2017:456), mogħtija rispettivament fis-26 ta' April u fl-14 ta' Ġunju 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet teżamina b'mod partikolari *l-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29* [94].

**92/** Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Frar 2006, ***Halifax et*** (C-255/02, EU:C:2006:121).

**93/** Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23).

**94/** Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

F'dawn iż-żewġ kawżi, il-qrati tar-rinviju kienu ġew aditi minn fondazzjoni Olandiża li tiddefendi l-interessi tad-detenturi ta' drittijiet tal-awtur. Fl-ewwel kawża, it-tilwima fil-kawża prinċipali kienet bejn din il-fondazzjoni u bejjiegħ ta' mediaplayer li fuqu kienu ġew installati minn qabel interfaces addizzjonali, li huma disponibbli fuq l-internet u li jinkludu links fil-forma ta' hypertext li jwasslu għal siti internet aċċessibbli liberament mill-pubbliku li fuqhom kienu tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detenturi ta' dawn id-drittijiet. Fit-tieni kawża, it-tilwima kienet tikkonċerna talbiet imressqa mill-imsemmija fondazzjoni sabiex fornituri ta' aċċess għall-internet jiġu ordnati jimblokkaw l-ismijiet ta' dominju u l-indirizzi IP tal-pjattaforma ta' qsim online "The Pirate Bay" li, bl-organizzazzjoni f'indiċi tal-metadata dwar xogħlijiet protetti u bil-provvista ta' mutur ta' riċerka, tippermetti lill-utenti ta' din il-pjattaforma jillokalizzaw dawn ix-xogħlijiet u jaqsmuhom fil-kuntest ta' netwerk minn individwu għal individwu (peer-to-peer sharing).

Fiż-żewġ sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett fakkret il-ġurisprudenza preċedenti tagħha [95] li minnha jirriżulta li l-għan prinċipali tad-Direttiva 2001/29 huwa li tistabbilixxi livell għoli ta' protezzjoni favur l-awturi li jippermettilhom jiksbu remunerazzjoni adegwata għall-użu tax-xogħlijiet tagħhom, b'mod partikolari meta jkun hemm komunikazzjoni lill-pubbliku. Minn dan isegwi li l-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" għandu jinftiehem f'sens wiesa' u li dan il-kunċett jimplika evalwazzjoni individwalizzata. Barra minn hekk, mill-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 jirriżulta li l-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" huwa msejjes fuq żewġ elementi kumulattivi, jiġifieri "att ta' komunikazzjoni" ta' xogħol u l-komunikazzjoni ta' dan tal-aħħar lil "pubbliku".

B'hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiġi evalwat jekk utent iwettaqx att ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29, jeħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni numru ta' kriterji addizzjonali, ta' natura mhux awtonoma u interdipendenti bejniethom. Fost dawn il-kriterji jinstab, qabel kollox, ir-rwol inevitabbli li għandu l-utent u n-natura intenzjonata tal-intervent tiegħu. Fil-fatt, dan l-utent iwettaq att ta' komunikazzjoni meta jintervjeni, b'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi tal-aġir tiegħu, sabiex jagħti lill-klijenti tiegħu aċċess għal xogħol protett, u dan b'mod partikolari meta, fl-assenza ta' tali intervent, dawn il-klijenti ma jkunux jistgħu jgawdu mix-xogħol imxandar jew ikun diffiċli għalihom li jgawdu minn dan ix-xogħol. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-kunċett ta' "pubbliku" jirreferi għal numru indeterminat ta' destinatarji potenzjali u jimplika, barra minn hekk, numru ta' persuni pjuttost kunsiderevoli. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret ukoll li, sabiex jiġi kkwalifikat bħala "komunikazzjoni lill-pubbliku", xogħol protett għandu jiġi kkomunikat skont mod tekniku speċifiku, differenti minn dawk użati sa dak il-mument jew, fin-nuqqas ta' dan, għandu jiġi kkomunikat lil "pubbliku ġdid", jiġifieri pubbliku li ma jkunx diġà ttieħed inkunsiderazzjoni mid-detenturi tad-drittijiet tal-awtur meta jkunu awtorizzaw il-komunikazzjoni inizjali tax-xogħol tagħhom lill-pubbliku. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li n-natura lukrattiva ta' komunikazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29, ma hijiex irrilevanti.

Fuq il-bażi ta' dawn il-kriterji, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, f'dawn iż-żewġ sentenzi, li kemm il-bejgħ ta' mediaplayer, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, u kemm it-tqegħid għad-dispożizzjoni u l-ġestjoni, fuq l-internet, tal-pjattaforma ta' qsim "The Pirate Bay", jikkostitwixxu, fiċ-ċirkustanzi ineżami, "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29.

Fl-20 ta' Diċembru 2017, fis-sentenza ***Acacia u D'Amato*** (C-397/16 u C-435/16, EU:C:2017:992), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tal-klawżola msejħa "ta' tiswija" prevista fl-Artikolu 110(1) tar-Regolament Nru 6/2002 [96]. Din il-klawżola tipprovdi li l-protezzjoni bħala disinn Komunitarju ma teżistix fir-rigward ta' disinn li jikkostitwixxi parti minn prodott kumpless li tintuża bil-għan li tippermetti t-tiswija ta' dan il-prodott kumpless

95/ Ara b'mod partikolari s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-31 ta' Mejju 2016, ***Reha Training*** (C-117/15, EU:C:2016:379), u tat-8 ta' Settembru 2016, ***GS Media*** (C-160/15, EU:C:2016:644).

96/ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 142).

sabiex tiġi rrestawrata d-dehra oriġinali tiegħu. Din is-sentenza ngħatat fil-kuntest ta' tilwima dwar kontrafazzjoni, fl-Italja u fil-Ġermanja, bejn, minn naħa, żewġ fabbrikanti ta' vetturi, detenturi ta' disinni Komunitarji ta' rimmijiet tal-liga għall-karozzi, u, min-naħa l-oħra, Acacia u l-amministratur tagħha, li jipproduċu rimmijiet repliki li ħafna drabi jkunu estetikament u funzjonalment identiċi għar-rimmijiet oriġinali tal-fabbrika.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet, l-ewwel nett, tindirizza l-kwistjoni ta' jekk l-Artikolu 110(1) tar-Regolament Nru 6/2002 jissuġġettax l-esklużjoni ta' protezzjoni prevista minnu għall-kundizzjoni li d-dehra tal-prodott kumpless li minnu tagħmel parti l-parti inkwistjoni tikkundizzjona d-disinn protett ta' din tal-aħħar. Il-fabbrikanti ta' vetturi li kienu parti fil-kawżi prinċipali kienu qegħdin isostnu fuq dan il-punt, essenzjalment, li din l-esklużjoni ma kinitx iġġustifikata fir-rigward ta' rimmijiet ta' vetturi, li l-forma tagħhom ma hijiex imposta mid-dehra tal-vettura li tkun mgħammra bihom. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat l-għan imfittex mill-Artikolu 110(1) tar-Regolament Nru 6/2002, jiġifieri li jiġi evitat il-ħolqien ta' swieq restrittivi għal ċerti partijiet separati u, b'mod partikolari, li jiġi evitat li konsumatur li jkun xtara prodott durabbli, li jista' jkun jiswa ħafna flus, ikun marbut b'mod indefinit, fir-rigward tax-xiri ta' partijiet esterni, mal-fabbrikant tal-prodott kumpless. F'din il-perspettiva, u fuq il-bażi ta' interpretazzjoni letterali u teleoloġika, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-portata ta' din id-dispożizzjoni ma hijiex limitata għall-partijiet li jagħmlu parti minn prodott kumpless "li d-dehra tiegħu tikkundizzjona d-disinn protett", filwaqt li enfasizzat li din l-interpretazzjoni tikkontribwixxi għall-għan tal-klawżola "ta' tiswija" li jiġi llimitat il-ħolqien ta' swieq restrittivi għall-partijiet separati.

Barra minn hekk, fir-rigward ta' domanda dwar il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex tapplika l-esklużjoni prevista mill-klawżola "ta' tiswija", il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett osservat li l-imsemmija esklużjoni tista' tapplika biss għall-partijiet li jkunu s-suġġett ta' protezzjoni bħala disinn Komunitarju u li, għaldaqstant, jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' protezzjoni stabbiliti, b'mod partikolari, fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 6/2002. Din id-dispożizzjoni tal-aħħar tiżgura l-protezzjoni ta' prodott li jikkostitwixxi parti minn prodott kumpless meta, minn naħa, il-parti, ladarba tiġi integrata fil-prodott kumpless, tibqa' viżibbli fil-kuntest ta' użu normali ta' dan il-prodott u, min-naħa l-oħra, meta l-karatteristiċi viżibbli tal-parti jissodisfaw bħala tali l-kundizzjonijiet ta' novità u ta' natura individwali meħtieġa mill-Artikolu 4(1) tal-imsemmi regolament. Issa, dan huwa effettivament il-każ tad-disinni Komunitarji ta' rimmijiet li tagħhom huma detenturi l-fabbrikanti kkonċernati. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-imsemmija rimmijiet huma "partijiet minn prodott kumpless", fis-sens tal-Artikolu 110(1), sa fejn tali rimm huwa komponent ta' vettura li mingħajru dan il-prodott ma jkunx jista' jkun is-suġġett ta' użu normali. Fir-rigward tal-kundizzjoni li l-parti kkonċernata tintuża "bl-għan tat-tiswija ta' dan il-prodott kompless", il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li din il-klawżola "ta' tiswija" teskludi kull użu ta' parti għal raġunijiet ta' preferenza jew ta' sempliċi konvenjenza, bħal, b'mod partikolari, is-sostituzzjoni ta' parti għal raġunijiet estetiċi jew ta' individwalizzazzjoni tal-prodott kumpless, iżda teħtieġ, għall-kuntrarju, li l-użu tal-parti jkun meħtieġ sabiex jissewwa l-prodott kumpless li jkun żviluppa difett. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li t-tiswija kellha titwettaq sabiex tiġi rrestawrata d-dehra oriġinali tal-prodott kumpless. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat il-viżibbiltà neċessarja ta' parti li tikkontribwixxi għar-restawr tad-dehra tal-prodott kumpless fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Artikolu 110(1) tar-Regolament Nru 6/2002 japplika biss għall-partijiet ta' prodott kumpless li viżivament ikunu identiċi għall-partijiet oriġinali, li ma jkunx il-każ meta jkun hemm parti ta' sostituzzjoni li ma tikkorrispondix, mill-perspettiva tal-kulur jew tad-dimensjonijiet tagħha, għall-parti oriġinali, jew jekk id-dehra ta' prodott kumpless tkun inbidlet mit-tqegħid fis-suq tiegħu.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja saritilha domanda dwar jekk il-benefiċċju tal-esklużjoni prevista fl-Artikolu 110(1) tar-Regolament Nru 6/2002 jeħtieġx li l-fabbrikant jew il-bejjiegħ ta' parti minn prodott kumpless jiżgura u, fl-affermattiv, kif, li din il-parti tkun tista' tiġi akkwistata biss għal finijiet ta' tiswija. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-fabbrikant jew il-bejjiegħ ta' parti minn prodott kumpless li jkunu jixtiequ jibbenefikaw mid-deroga prevista f'din id-dispożizzjoni għandhom dmir ta' diliġenza. F'dan ir-rigward, huma għandhom, b'mod partikolari, jinformaw lill-utent fi stadju ulterjuri, permezz ta' indikazzjoni ċara u viżibbli, fuq il-prodott, fuq l-imballaġġ tiegħu, fuq il-katalogi jew inkella fid-dokumenti tal-bejgħ, dwar il-fatt li l-parti kkonċernata tinkorpora disinn li huma ma

humiex id-detenturi tiegħu u li din il-parti hija intiża esklużivament sabiex tintuża bil-għan li tippermetti t-tiswija tal-prodott kumpless sabiex tiġi rrestawrata d-dehra oriġinali tiegħu. Huma għandhom jiżguraw ukoll, permezz ta' mezzi adegwati, b'mod partikolari kuntrattwali, li l-utenti fi stadju ulterjuri ma jużawx il-partijiet inkwistjoni b'mod inkompatibbli mal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 110(1) tar-Regolament Nru 6/2002 u, barra minn hekk, li jastjenu milli jbigħu tali parti meta jkunu jafu, jew ikollhom raġunijiet raġonevoli sabiex ikunu jafu, li din il-parti ma hijiex ser tintuża fil-kundizzjonijiet previsti.

## 2. PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI

Fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali għandhom jissemmew tliet sentenzi. L-ewwel waħda wasslet lill-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika l-obbligi ta' informazzjoni applikabbli fil-kuntest tas-servizzi ta' ħlas fis-suq intern. It-tieni waħda kienet tikkonċerna l-problema tat-tħassir tad-data personali minn reġistru tal-kumpanniji. It-tielet u l-aħħar waħda wasslet lill-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika l-kunċett ta' "data personali" fil-kuntest ta' eżami professjonali. Għandha tissemma wkoll l-Opinjoni 1/15 (EU:C:2017:592), li tikkonċerna l-kompatibbiltà mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati u tal-Karta tal-ftehim innegozjat bejn il-Kanada u l-Unjoni dwar it-trasferiment u l-ipproċessar tad-data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (data PNR) [97].

Fil-25 ta' Jannar 2017, fis-sentenza ***BAWAG*** (C-375/15, EU:C:2017:38), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni, minn naħa, dwar il-kunċett ta' "mezz dejjiemi" fis-sens tad-Direttiva 2007/64 [98], dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern, u, min-naħa l-oħra, dwar il-portata tal-obbligu tal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas li jipprovdi informazzjoni lill-utent.

Fir-rigward tal-possibbiltà li sit internet ta' bank jitqies li huwa mezz dejjiemi, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li dan is-*sit internet jippermetti lill-utent ta' servizzi ta' ħlas jaħżen l-informazzjoni* li tkun indirizzata lilu personalment b'tali mod li din l-informazzjoni tkun tista' tiġi kkonsultata fil-futur għal perijodu ta' żmien adegwat għall-finijiet tal-informazzjoni u b'tali mod li din l-informazzjoni tkun tista' tiġi rriprodotta mingħajr tibdil. Barra minn hekk, kull possibbiltà ta' tibdil unilaterali tal-kontenut ta' dan is-sit mill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas jew minn professjonist ieħor li lilu tkun ġiet fdata l-ġestjoni ta' dan is-sit għandha tiġi eskluża.

Fir-rigward tal-obbligu tal-fornitur ta' servizz ta' ħlas li jipprovdi l-informazzjoni lill-utent, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta din l-informazzjoni tintbagħat permezz ta' kaxxa postali elettronika integrata f'sit internet ta' bank fuq l-internet, din l-informazzjoni ma tistax titqies li ngħatat fuq mezz dejjiemi sakemm ma jiġux issodisfatti żewġ kundizzjonijiet. L-ewwel nett, is-sit internet għandu jippermetti lill-utent ikkonċernat jaħżen l-informazzjoni li tkun ġiet indirizzata lilu personalment b'tali mod li dan ikun jista' jaċċedi għaliha u jirriproduċiha mingħajr tibdil, għal żmien xieraq, mingħajr ma jkun possibbli li ssir xi bidla unilaterali tal-kontenut tagħha minn dan il-fornitur jew minn professjonist ieħor. It-tieni nett, jekk l-utent ta' servizzi ta' ħlas ikun obbligat jikkonsulta l-imsemmi sit internet sabiex isir jaf bl-imsemmija informazzjoni, it-trażmissjoni ta' din l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn aġir attiv min-naħa tal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas intiż sabiex dan l-utent isir jaf bl-eżistenza u bid-disponibbiltà tal-imsemmija informazzjoni fuq l-imsemmi sit internet.

Fil-każ li l-utent ta' servizzi ta' ħlas ikun obbligat jikkonsulta tali sit sabiex isir jaf bl-informazzjoni kkunsidrata, din titqiegħed sempliċement għad-dispożizzjoni ta' dan l-utent meta t-trażmissjoni ta' din l-informazzjoni ma tkunx akkumpanjata minn tali aġir attiv min-naħa tal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas.

**97/** Din l-opinjoni hija ppreżentata fit-Taqsima I, "Drittijiet fundamentali".

**98/** Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE (ĠU 2007, L 319, p. 1).

Fil-kawża li tat lok għas-sentenza ***Manni*** (C-398/15, EU:C:2017:197) mogħtija fid-9 ta' Marzu 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar *il-possibbiltà għal persuna fiżika li tikseb it-tħassir tad-data personali tagħha li tkun tinsab fir-reġistru tal-kumpanniji inkonnessjoni ma' kumpannija li tkun ġiet stralċjata*, fid-dawl tal-Artikolu 6(1)(e), tal-Artikolu 12(b) u tal-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 95/46 [99], moqrija flimkien mal-Artikolu 3 tal-Ewwel Direttiva 68/151 [100]. It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet bejn l-uniku direttur ta' kumpannija u kamra tal-kummerċ u kienet tikkonċerna r-rifjut ta' din tal-aħħar li tħassar mir-reġistru tal-kumpanniji ċerta data personali li kienet torbot lil dan id-direttur mal-falliment ta' kumpannija oħra, li kienet tħassret mir-reġistru tal-kumpanniji mal-konklużjoni ta' proċedura ta' stralċ. Insostenn tar-rikors tiegħu, id-direttur kien argumenta, b'mod partikolari, li l-informazzjoni inkwistjoni kienet ta' ħsara għall-attività ekonomika attwali tiegħu.

Fir-rigward tal-aċċessibbiltà għal terzi ta' data personali miżmuma fir-reġistru tal-kumpanniji, il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, osservat li n-natura pubblika ta' dawn ir-reġistri hija intiża li tiżgura ċ-ċertezza legali fir-relazzjonijiet bejn il-kumpanniji u t-terzi kif ukoll li tipproteġi b'mod partikolari l-interessi ta' terzi fir-rigward tal-kumpanniji b'kapital azzjonarju u tal-kumpanniji b'responsabbiltà limitata, peress li dawn joffru biss, bħala garanzija fir-rigward ta' terzi, l-assi tagħhom. Barra minn hekk, kwistjonijiet li jeħtieġu d-disponibbiltà tad-data personali li tinsab fir-reġistru tal-kumpanniji jistgħu jibqgħu jqumu għal diversi snin wara li kumpannija ma tkunx għadha teżisti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Istati Membri ma jistgħux jiggarantixxu lill-persuni fiżiċi li d-data tagħhom tkun iskritta fir-reġistru tal-kumpanniji inkonnessjoni ma' kumpannija partikolari, id-dritt li jiksbu, wara ċertu perijodu ta' żmien mix-xoljiment ta' din il-kumpannija, it-tħassir tad-data personali li tikkonċernahom.

Peress li din l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46 tista' tippreġudika d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tal-persuni kkonċernati, kif ukoll id-dritt tagħhom għall-protezzjoni tad-data personali, iggarantiti mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat ukoll li din l-interpretazzjoni ma twassalx għal indħil sproporzjonat fl-imsemmija drittijiet fundamentali. F'dan ir-rigward, hija enfasizzat li huwa biss ammont limitat ta' data personali li huwa iskritt fir-reġistru tal-kumpanniji u li, barra minn hekk, huwa ġġustifikat li l-persuni fiżiċi li jagħżlu li jipparteċipaw fil-kummerċ permezz ta' kumpannija b'kapital azzjonarju jew permezz ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata u li joffru biss, bħala garanzija fir-rigward ta' terzi, l-assi ta' din il-kumpannija, ikunu obbligati jagħmlu pubblika d-data marbuta mal-identità tagħhom u mal-funzjonijiet tagħhom fi ħdanha. B'dan premess, ma huwiex eskluż, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, li, f'sitwazzjonijiet partikolari, ikun hemm raġunijiet imperattivi u leġittimi marbuta mal-każ konkret tal-persuna li jistgħu jiġġustifikaw, b'mod eċċezzjonali, li l-aċċess għad-data personali li tikkonċernaha jkun limitat, mal-iskadenza ta' terminu twil biżżejjed wara x-xoljiment tal-kumpannija, għat-terzi li juru li għandhom interess speċifiku li jikkonsultaw din id-data. Madankollu, huwa kull Stat Membru li għandu jiddeċiedi dwar jekk huwiex opportun li jipprevedi tali limitazzjoni ta' aċċess fl-ordinament ġuridiku tiegħu.

Permezz tas-sentenza ***Nowak*** (C-434/16, EU:C:2017:582), mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li r-risposti bil-miktub mogħtija minn kandidat waqt eżami professjonali u l-eventwali kummenti tal-eżaminatur marbuta ma' dawn ir-risposti jikkostitwixxu data personali, fis-sens tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 95/46. Fil-kawża prinċipali, ir-rikorrent kien ressaq, wara li ma għaddiex minn eżami organizzat mill-korp Irlandiż tal-kontabbilisti, talba għal aċċess għad-data personali kollha li tikkonċernah miżmuma minn dan il-korp. Filwaqt li

99/ Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355).

100/ L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 68/151/KEE tad-9 ta' Marzu 1968 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni ta' l-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri minn kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 58 tat-Trattat, bil-għan li tagħmel dawn is-salvagwardji ekwivalenti f'kull parti tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 3), kif emendata bid-Direttiva 2003/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 304).

kkomunika diversi dokumenti lill-kandidat, il-korp tal-kontabbilisti kien madankollu rrifjuta li jittrażmettilu kopja tal-eżami tiegħu għar-raġuni li din ma kinitx tinkludi data personali li tikkonċernah. Adita mill-kandidat inkwistjoni, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tagħmel domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan il-punt.

Wara li fakkret li l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 95/46 jiddefinixxi d-data personali bħala "kull data li jkollha x'taqsam ma' persuna naturali identifikata jew identifikabbli", il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, ikkonstatat li kandidat ta' eżami professjonali huwa persuna fiżika li tista' tiġi identifikata direttament, permezz ta' isimha, jew indirettament, permezz ta' numru ta' identifikazzjoni, li jkunu indikati fuq il-kopja tal-eżami jew fuq il-kopertura ta' tali kopja. Filwaqt li enfasizzat l-għan tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jattribwixxi portata wiesgħa lill-kunċett ta' "data personali" fis-sens tad-Direttiva 95/46, il-Qorti tal-Ġustizzja, it-tieni nett, osservat li dan il-kunċett ma huwiex limitat għal data sensittiva jew privata, iżda jinkorpora potenzjalment kull tip ta' informazzjoni, kemm oġġettiva kif ukoll suġġettiva, f'għamla ta' opinjonijiet jew evalwazzjonijiet, bil-kundizzjoni li "tikkonċerna" lill-persuna inkwistjoni. Issa, ir-risposti bil-miktub mogħtija minn kandidat f'eżami professjonali jikkostitwixxu tali informazzjoni relatata mal-persuna tiegħu, sa fejn, b'mod partikolari, il-kontenut ta' dawn ir-risposti jirrifletti u jservi sabiex jiġu evalwati l-livell ta' konoxxenza u ta' kompetenza tal-kandidat f'qasam partikolari kif ukoll, jekk ikun il-każ, il-proċess tal-ħsieb, il-ġudizzju u l-kapaċità kritika tiegħu. Barra minn hekk, l-użu ta' din l-informazzjoni, li huwa rifless, b'mod partikolari, fis-suċċess jew fil-falliment tal-kandidat fl-eżami kkonċernat, jista' jkollu effett fuq id-drittijiet u l-interessi tiegħu, sa fejn jista' jiddetermina jew jinfluwenza, pereżempju, iċ-ċansijiet tiegħu li jaċċedi għall-professjoni jew għall-pożizzjoni mixtieqa. Fir-rigward tal-kummenti tal-eżaminatur dwar ir-risposti tal-kandidat, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dawn jikkostitwixxu wkoll informazzjoni li tikkonċerna lil dan il-kandidat.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li jekk ir-risposti bil-miktub u l-kummenti li jinsabu f'eżami bil-miktub ma jiġux ikklassifikati bħala "data personali", dan ikollu l-konsegwenza li din l-informazzjoni tiġi kompletament eskluża mill-portata tal-prinċipji u tal-garanziji li għandhom jiġu osservati fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali. Din il-klassifikazzjoni lanqas ma tista' tkun influwenzata mill-fatt li, bħala prinċipju, tagħti lill-kandidat drittijiet ta' aċċess u ta' korrezzjoni bis-saħħa tad-Direttiva 95/46, peress li dawn id-drittijiet, li ma jestendux għad-domandi tal-eżami u li ma jippermettux lill-kandidati jikkoreġu risposti żbaljati, jaqdu l-għan ta' din id-direttiva, jiġifieri li tiġi ggarantita l-protezzjoni tal-ħajja privata tal-kandidati fir-rigward tal-ipproċessar tad-data li tikkonċernahom.

## 3. TELEKOMUNIKAZZJONIJIET

Fis-sentenza ***Europa Way u Persidera*** tagħha (C-560/15, EU:C:2017:593), mogħtija fis-26 ta' Lulju 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet teżamina *l-possibbiltà għal Stat Membru, fid-dawl tad-Direttivi 2002/20* [101], *2002/21* [102] *u 2002/77* [103], *li jissostitwixxu proċedura ta' selezzjoni bla ħlas għall-attribuzzjoni ta' frekwenzi tar-radju, imnedija bħala rimedju għall-esklużjoni illegali ta' ċerti operaturi mis-suq, bi proċedura bi ħlas ibbażata fuq pjan ristrutturat għall-attribuzzjoni ta' frekwenzi tar-radju wara limitazzjoni tan-numru tagħhom.*

**101/** Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 337).

**102/** Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru [qafas] regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru [Qafas]) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 349).

**103/** Direttiva tal-Kummissjoni 2002/77/KE tas-16 ta' Settembru 2002 dwar kompetizzjoni fis-swieq tan-networks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 178).

Il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, iddeċidiet li l-Artikolu 3(3a) tad-Direttiva 2002/21 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-annullament, mil-leġiżlatur nazzjonali, ta' proċedura ta' selezzjoni għall-attribuzzjoni ta' frekwenzi tar-radju pendenti organizzata mill-awtorità regolatorja nazzjonali kompetenti, li kienet ġiet sospiża b'deċiżjoni ministerjali, f'sitwazzjoni fejn il-leġiżlatur nazzjonali u l-ministru kkonċernat ma kinux aġixxew bħala korpi ta' appell, fis-sens tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2002/21. Dawn il-korpi, skont l-Artikolu 3(3a) tal-istess direttiva, huma l-uniċi kompetenti sabiex jissospendu jew jinvalidaw id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali. Peress li, f'dan il-każ, il-leġiżlatur nazzjonali u l-ministru kkonċernat ma aġixxewx bħala korpi ta' appell, ir-rekwiżiti ta' indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jipprekludu interventi bħal dawk inkwistjoni.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/21, l-Artikoli 3, 5 u 7 tad-Direttiva 2002/20, kif ukoll l-Artikoli 2 u 4 tad-Direttiva 2002/77, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li proċedura ta' selezzjoni bla ħlas għall-attribuzzjoni ta' frekwenzi tar-radju, li kienet tnediet sabiex tirrimedja l-esklużjoni illegali ta' ċerti operaturi mis-suq, tiġi ssostitwita bi proċedura bi ħlas ibbażata fuq pjan ristrutturat għall-attribuzzjoni ta' frekwenzi tar-radju wara limitazzjoni tan-numru tagħhom, sa fejn il-proċedura l-ġdida ta' selezzjoni tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, trasparenti, nondiskriminatorji u proporzjonati u tkun konformi mal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 8(2) sa (4) tad-Direttiva 2002/21. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha rilevanti, jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-proċedura ta' selezzjoni bi ħlas humiex ta' natura li jippermettu d-dħul effettiv ta' operaturi ġodda fis-suq tat-televiżjoni diġitali mingħajr ma tiffavorixxi indebitament lill-operaturi diġà preżenti fis-suq tat-televiżjoni analoġika jew diġitali.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix l-annullament ta' proċedura ta' selezzjoni għall-attribuzzjoni ta' frekwenzi tar-radju għas-sempliċi raġuni li operaturi kienu ġew ammessi għal din il-proċedura u, li kieku ma ġietx annullata l-proċedura, kienu ser jingħataw, bħala offerenti uniċi, drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju ta' trażmissjoni diġitali terrestri għar-radju u għat-televiżjoni.

## 4. KUMMERĊ ELETTRONIKU

Fis-sentenza tal-4 ta' Mejju 2017, ***Vanderborght*** (C-339/15, EU:C:2017:335), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li *l-Artikolu 56 TFUE u d-Direttiva 2000/31* [104]*, dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, u b'mod partikolari tal-kummerċ elettroniku, fis-suq intern, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi kull forma ta' komunikazzjoni kummerċjali b'mezzi elettroniċi maħsuba sabiex tippromwovi servizzi ta' kura tal-ħalq u tas-snien, inkluż permezz ta' sit internet maħluq minn dentist.*

*Il-Qorti tal-Ġustizzja fil-fatt qieset li, għalkemm il-kontenut u l-forma tal-komunikazzjonijiet kummerċjali jistgħu validament jiġu suġġetti għal regoli professjonali, tali regoli ma jistgħux jinvolvu projbizzjoni ġenerali u assoluta ta' kull forma ta' reklamar fuq l-internet maħsub sabiex jippromwovi l-attività ta' dentist.*

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li projbizzjoni tar-reklamar għal ċerta attività hija ta' natura li tillimita l-possibbiltà, għall-persuni li jeżerċitaw din l-attività, li jkunu magħrufa mill-klijentela potenzjali tagħhom u li jippromwovu s-servizzi li huma jipproponu li joffru lil din il-klijentela. Għalhekk, tali projbizzjoni tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

**104/** Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (id-"Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku") (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399).

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-għanijiet tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni, jiġifieri l-protezzjoni u d-dinjità tal-professjoni ta' dentist, jikkostitwixxu raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali li jistgħu jiġġustifikaw restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Fil-fatt, l-użu intensiv ta' reklamar jew l-għażla ta' messaġġi promozzjonali aggressivi, jekk mhux ukoll ta' natura li jqarrqu bil-pazjenti fir-rigward tal-kura proposta, jistgħu, billi jiddeterjoraw l-immaġni tal-professjoni ta' dentist, billi jbiddlu r-relazzjoni bejn id-dentisti u l-pazjenti tagħhom, kif ukoll billi jiffavorixxu t-twettiq ta' kuri mhux xierqa jew mhux neċessarji, ikunu ta' ħsara għall-protezzjoni tas-saħħa u għad-dinjità tal-professjoni ta' dentist.

B'dan premess, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li projbizzjoni ġenerali u assoluta ta' kull reklamar tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija. Fil-fatt, dawn tal-aħħar jistgħu jintlaħqu permezz ta' miżuri inqas restrittivi li jistabbilixxu, jekk ikun il-każ b'mod ristrett, il-forom u l-modalitajiet li jistgħu validament ikollhom l-għodod ta' komunikazzjoni użati mid-dentisti.

## 5. TRASFERIMENT TA' IMPRIŻI

Fis-sentenza ***Federatie Nederlandse Vakvereniging et*** (C-126/16, EU:C:2017:489), mogħtija fit-22 ta' Ġunju 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tagħti deċiżjoni, għall-ewwel darba, dwar il-kwistjoni tal-*applikabbiltà tar-regoli dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, stabbiliti fid-Direttiva 2001/23* [105], *f'sitwazzjoni ta' "pre-pack".* Din is-sitwazzjoni tirreferi għal operazzjoni fir-rigward tal-assi li tkun ippreparata qabel id-dikjarazzjoni ta' falliment ta' kumpannija bil-kunsens tal-eventwali amministratur tal-falliment, li jkun maħtur minn qorti, u li tkun implementata minn dan l-amministratur immedjatament wara d-dikjarazzjoni tal-falliment. F'dan il-każ, fl-istess jum tad-dikjarazzjoni tal-falliment ta' kumpannija Olandiża, ġie ffirmat pre-pack bejn l-amministratur tal-falliment tagħha u l-impriża l-ġdida, li kien jipprovdi li din tal-aħħar kienet assumiet l-impenn li toffri impjieg lil kważi 2 600 ħaddiem tal-kumpannija. Madankollu, fl-aħħar mill-aħħar iktar minn elf ħaddiem spiċċaw tkeċċew u ma ġewx offruti kuntratti ta' xogħol ġodda.

Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett fakkret li l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2001/23 jipprovdi li r-regoli dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema, previsti fl-Artikoli 3 u 4 tagħha, ma japplikawx għat-trasferimenti ta' impriżi meta min jagħmel it-trasferiment ikun is-suġġett, b'mod partikolari, ta' proċedura ta' falliment. Peress li l-operazzjoni ta' pre-pack timplika effettivament il-falliment, din l-operazzjoni tista' taqa' taħt il-kunċett ta' "proċedura ta' falliment". L-Artikolu 5(1) jirrikjedi wkoll li l-proċedura ta' falliment tkun miftuħa għall-finijiet tal-likwidazzjoni tal-assi ta' min jagħmel it-trasferiment. Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li din il-kundizzjoni ma tkunx issodisfatta fil-każ ta' proċedura li tkun intiża għat-tkomplija tal-attività tal-impriża kkonċernata. F'dan il-kuntest, hija speċifikat li proċedura tkun intiża għat-tkomplija tal-attività meta l-għan tagħha jkun li tħares in-natura operattiva tal-impriżi jew tal-unitajiet vijabbli tagħha. Issa, operazzjoni ta' pre-pack hija intiża li tipprepara t-trasferiment tal-impriża sal-iċken dettalji tiegħu sabiex tippermetti l-bidu mill-ġdid ta' malajr tal-unitajiet vijabbli tal-impriża wara d-dikjarazzjoni tal-falliment, bil-ħsieb li tiġi evitata l-interruzzjoni li tirriżulta mill-waqfien f'daqqa tal-attivitajiet ta' din l-impriża fid-data tad-dikjarazzjoni tal-falliment u, b'hekk, li jiġu protetti l-valur tal-imsemmija impriżi u l-impjiegi. F'dawn iċ-ċirkustanzi, peress li fl-aħħar mill-aħħar tali operazzjoni ma hijiex intiża għal-likwidazzjoni tal-impriża, l-għan ekonomiku u soċjali tagħha la jista' jispjega u lanqas ma jista' jiġġustifika li, meta l-impriża kkonċernata tkun is-suġġett ta' trasferiment totali jew parzjali, il-ħaddiema tagħha jiġu mċaħħda mid-drittijiet li tirrikonoxxilhom id-Direttiva 2001/23.

105/ Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet ta' l-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 98).

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li operazzjoni ta' pre-pack ma tissodisfax il-kundizzjonijiet kollha previsti fl-Artkolu 5(1) tad-Direttiva 2001/23 u li, għaldaqstant, fil-kuntest ta' din l-operazzjoni, ma setgħetx issir deroga mir-regoli ta' protezzjoni previsti fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-direttiva.

## 6. PRODOTTI TAL-IKEL

Fis-sentenza ***Fidenato et*** (C-111/16, EU:C:2017:676), mogħtija fit-13 ta' Settembru 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar *il-possibbiltà, għall-Istati Membri, li jadottaw, fuq il-bażi tal-prinċipju ta' prekawzjoni, miżuri ta' emerġenza fir-rigward tal-prodotti tal-ikel u tal-għalf għall-annimali ġenetikament immodifikati*. Fl-1998, il-Kummissjoni kienet awtorizzat it-tqegħid fis-suq tal-qamħirrun ġenetikament immodifikat MON 810, filwaqt li għamlet riferiment għall-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku li qies li ma kienx hemm raġuni għaliex wieħed jaħseb li dan il-prodott kien ser ikollu effetti mhux mixtieqa fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent. Fl-2013, il-Gvern Taljan kien talab lill-Kummissjoni tadotta miżuri ta' emerġenza sabiex tipprojbixxi t-tkabbir tal-qamħirrun MON 810 fid-dawl ta' studji xjentifiċi ġodda mwettqa minn żewġ istituti ta' riċerka Taljani. Fuq il-bażi ta' opinjoni xjentifika mogħtija mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kien hemm ebda prova xjentifika ġdida li kienet tippermetti li jiġu ġġustifikati l-miżuri ta' emerġenza mitluba. Minkejja dan, fl-2013 il-Gvern Taljan adotta digriet li kien jipprojbixxi t-tkabbir tal-MON 810 fit-territorju Taljan. Sussegwentement, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kienu suġġetti għal proċeduri kriminali minħabba li kienu kabbru l-MON 810 bi ksur tal-imsemmi digriet.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-miżuri provviżorji għall-ġestjoni tar-riskju li jistgħu jiġu adottati fuq il-bażi tal-prinċipju ta' prekawzjoni u l-miżuri ta' emerġenza adottati skont l-Artikolu 34 tar-Regolament Nru 1829/2003 [106] ma humiex suġġetti għall-istess sistema. Fil-fatt, mill-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 178/2002 [107] jirriżulta li l-adozzjoni ta' tali miżuri provviżorji hija suġġetta għall-kundizzjoni li evalwazzjoni tal-informazzjoni disponibbli tiżvela l-possibbiltà ta' effetti dannużi għas-saħħa, iżda jkun għad hemm ukoll inċertezza xjentifika. Mill-banda l-oħra, l-Artikolu 34 tar-Regolament Nru 1829/2003 jippermetti l-użu ta' miżuri ta' emerġenza meta "ikun evidenti" li prodott awtorizzat minn dan ir-regolament tal-aħħar jista' jippreżenta riskju "serju" għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Artikolu 34 tar-Regolament Nru 1829/2003, moqri flimkien mal-prinċipju ta' prekawzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 178/2002, ma jagħtix lill-Istati Membri l-possibbiltà li jadottaw miżuri ta' emerġenza provviżorji fuq il-bażi biss ta' dan il-prinċipju mingħajr ma jkunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet materjali previsti fl-Artikolu 34 tar-Regolament Nru 1829/2003.

**106/** Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 32, p. 432).

**107/** Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 463).

# XIV. POLITIKA EKONOMIKA U MONETARJA

Fil-qasam tal-politika ekonomika u monetarja, għandhom jissemmew żewġ sentenzi. L-ewwel waħda tikkonċerna d-deċiżjoni tal-Kunsill li timponi multa fuq Stat Membru minħabba l-manipulazzjoni ta' ċerta data dwar il-baġit tiegħu. It-tieni waħda, mogħtija fil-kawża *Florescu et* (C-258/14), tikkonċerna l-memorandum ta' ftehim mar-Rumanija dwar għajnuna finanzjarja mogħtija mill-Unjoni [108].

Fl-20 ta' Diċembru 2017, fis-sentenza mogħtija fil-kawża ***Spanja vs Il-Kunsill*** (C-521/15, EU:C:2017:982), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ċaħdet fl-intier tiegħu r-*rikors għal annullament ippreżentat mir-Renju ta' Spanja kontra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2015/1289 li timponi fuqu multa minħabba l-manipulazzjoni tad-data dwar id-defiċit tal-Komunità Awtonoma ta' Valencia* [109]. Din id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni kienet ġiet adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 1173/2011 [110], li jipprovdi li l-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, jista' jiddeċiedi li jimponi multa fuq Stat Membru li, intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, jagħmel dikjarazzjonijiet żbaljati fir-rigward ta' ċerta data dwar id-defiċit u d-dejn tiegħu. Din id-deċiżjoni għalhekk tagħmel parti mill-missjoni ta' sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Kunsill fiż-żona euro.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tagħti deċiżjoni dwar il-kompetenza tagħha sabiex taqta' tali rikors peress li, konformement mal-Artikolu 51 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ir-rikorsi għal annullament ippreżentati minn Stat Membru kontra d-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Qorti Ġenerali meta dawn id-deċiżjonijiet ikunu ġew adottati skont l-Artikolu 291(2) TFUE. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, minkejja li d-deċiżjoni kkontestata għandha titqies li hija att meħud fl-eżerċizzju ta' setgħa ta' implimentazzjoni, sa fejn ġiet adottata bl-applikazzjoni tas-setgħat mogħtija lill-Kunsill bir-Regolament Nru 1173/2011, l-Artikolu 291(2) TFUE ma jikkostitwixxix, madankollu, il-bażi legali għall-eżerċizzju ta' din is-setgħa. Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-Artikolu 291(2) TFUE jkopri biss l-atti legalment vinkolanti tal-Unjoni li bħala prinċipju huma tali li jistgħu jiġu implementati mill-Istati Membri, li b'mod ċar ma huwiex il-każ tar-Regolament Nru 1173/2011 peress li jistabbilixxi setgħa li tikkonsisti fl-impożizzjoni ta' multa fuq Stat Membru. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li kienet kompetenti sabiex tagħti deċiżjoni dwar ir-rikors għal annullament ippreżentat mir-Renju ta' Spanja kontra d-deċiżjoni kkontestata.

Fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża tar-Renju ta' Spanja fil-kuntest tal-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti tal-Ġustizzja, it-tieni nett, fakkret li r-Regolament Nru 1173/2011 jawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ investigazzjoni meta tqis li jkun hemm indizji serji tal-eżistenza ta' dikjarazzjonijiet żbaljati fir-rigward tad-defiċit jew tad-dejn ta' Stat Membru, filwaqt li jobbliga lil din l-istituzzjoni tirrispetta b'mod sħiħ id-drittijiet tad-difiża tal-Istat Membru kkonċernat qabel tibgħat proposta lill-Kunsill għall-impożizzjoni ta' multa. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1173/2011 ma jipprekludux li l-informazzjoni li fuqha tkun ibbażata d-deċiżjoni tal-Kunsill li timponi multa tinġabar mill-Eurostat fil-kuntest ta' żjarat imwettqa fl-Istat Membru kkonċernat qabel l-adozzjoni, mill-Kummissjoni, tad-deċiżjoni li tiftaħ

108/ Din is-sentenza hija ppreżentata fit-Taqsima I, "Drittijiet fundamentali".

109/ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1289 tat-13 ta' Lulju 2015 li timponi multa fuq Spanja għall-manipulazzjoni tad-data dwar id-defiċit fil-Komunità Awtonoma ta' Valencia (ĠU 2015, L 198, p. 19, u rettifika fil-ĠU 2015, L 291, p. 10).

110/ Regolament (UE) Nru 1173/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-infurzar effettiv tas-sorveljanza baġitarja fiż-żona tal-euro (ĠU 2011, L 306, p. 1).

l-investigazzjoni. Barra min hekk, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu mir-Regolament Nru 479/2009 [111], l-Eurostat seta' jorganizza tali żjarat fi Spanja u seta' jiġbor, f'dan il-kuntest, indizji dwar l-eżistenza tal-possibbiltà ta' manipulazzjoni tad-data ekonomika u baġitarja. Sa fejn il-kundizzjonijiet li fihom inġabret din l-informazzjoni f'dan il-każ kienu wkoll konformi mar-rekwiżiti stabbiliti mil-leġiżlatur tal-Unjoni sa fejn l-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża tar-Renju ta' Spanja fil-kuntest tal-proċedura ta' investigazzjoni lanqas ma kien kompromess mid-diversi żjarat tal-Eurostat, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Kunsill ma kienx naqas milli jirrispetta d-drittijiet tad-difiża tar-Renju ta' Spanja f'dan il-każ.

Peress li r-Renju ta' Spanja invoka wkoll ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba fl-investigazzjoni mmexxija mill-Kummissjoni wara l-imsemmija żjarat tal-Eurostat, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li dan id-dritt, stabbilit fl-Artikolu 41(1) tal-Karta, jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jista' jiġi invokat mill-Istati Membri. Għaldaqstant, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jonoraw, fil-kuntest tal-proċeduri amministrattivi miftuħa kontra Stati Membri li jistgħu jwasslu għal deċiżjonijiet li jikkawżawlhom preġudizzju, ir-rekwiżit ta' imparzjalità. Filwaqt li r-Renju ta' Spanja kkontesta l-imparzjalità oġġettiva tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-istruttorja tal-proċedura ta' investigazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu ddeċidiet li l-fatt li din l-investigazzjoni kienet fdata lil grupp ta' uffiċjali kkostitwit, fil-parti l-kbira tiegħu, mill-uffiċjali li kienu involuti fiż-żjarat preċedenti tal-Eurostat, ma kienx jippermetti, bħala tali, li jiġi konkluż li ma kienx osservat ir-rekwiżit ta' imparzjalità li kellha tosserva l-Kummissjoni, u dan minħabba l-fatt, b'mod partikolari, li l-imsemmija żjarat u l-imsemmija proċedura ta' investigazzjoni jaqgħu taħt regoli legali distinti u kellhom għan differenti.

Fir-rigward tal-kundizzjonijiet materjali li għandhom ikunu ssodisfatti sabiex il-Kunsill ikun jista' jimponi multa fuq Stat Membru b'applikazzjoni tas-setgħat mogħtija mill-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 1173/2011, il-Qorti tal-Ġustizzja, barra minn hekk, ikkonfermat il-ħtieġa ta' interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "dikjarazzjonijiet żbaljati fir-rigward ta' ċerta data dwar id-defiċit jew id-dejn". Fid-dawl tal-għan dissważiv imfittex mil-leġiżlatur tal-Unjoni, dan il-kunċett jinkludi għalhekk id-dikjarazzjonijiet żbaljati kollha magħmula mill-Istati Membri fir-rigward tad-data li għandha tiġi kkomunikata lill-Eurostat skont l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 479/2009, irrispettivament, minn naħa, minn jekk id-data inkwistjoni hijiex ta' natura previżjonali jew definittiva, u, min-naħa l-oħra, minn jekk id-dikjarazzjonijiet żbaljati magħmula f'dan ir-rigward kellhomx l-effett li jikkompromettu l-koordinazzjoni kif ukoll is-sorveljanza ekonomiċi u baġitarji mwettqa mill-Kunsill u mill-Kummissjoni. Fir-rigward tar-rekwiżit li l-Istat Membru kkonċernat għandu jkun aġixxa, minn tal-inqas, b'negliġenza serja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, barra minn hekk, li l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' tali negliġenza tiddependi mill-portata tan-nuqqas ta' dan l-Istat Membru milli jwettaq l-obbligu ta' diliġenza tiegħu fit-tfassil u fil-verifika tad-data li għandha tiġi kkomunikata lill-Eurostat skont l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 479/2009.

Fl-aħħar nett, filwaqt li kkonfermat li l-prinċipju ta' nonretroattività tad-dispożizzjonijiet kriminali japplika għal sanzjoni amministrattiva bħalma hija multa imposta taħt l-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 1173/2011, il-Qorti tal-Ġustizzja, fl-aħħar lok, ikkonstatat li ma kienx hemm ksur ta' dan il-prinċipju f'dan il-każ. Peress li, barra minn hekk, l-argument tar-Renju ta' Spanja bbażat fuq żball fil-kalkolu tal-multa ġie miċħud ukoll, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet fl-intier tiegħu r-rikors għal annullament ippreżentat mir-Renju ta' Spanja.

**111/** Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (ĠU 2009, L 145, p. 1).

# XV. POLITIKA SOĊJALI

Fil-qasam tal-politika soċjali għandha tissemma sentenza li tikkonċerna d-dritt tal-ħaddiema għal-leave annwali mħallas. Għandhom jissemmew ukoll iż-żewġ sentenzi ***G4S Secure Solutions*** (C-157/15) u ***Bougnaoui u ADDH*** (C-188/15) dwar il-kompatibbiltà mad-Direttiva 2000/78 tal-projbizzjoni, mill-persuna li timpjega, tal-ilbies viżibbli ta' sinjali reliġjużi fuq il-post tax-xogħol [112].

Fis-sentenza ***King*** (C-214/16, EU:C:2017:914), mogħtija fid-29 ta' Novembru 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar id-dritt tal-ħaddiema għal-leave annwali mħallas, iggarantit mill-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 [113], u b'mod iktar partikolari dwar il-possibbiltà li d-drittijiet għal-leave annwali mħallas li ma jkunux ġew eżerċitati jiġu rrimandati u akkumulati. F'dan il-każ, ir-rikorrent kien ħadem għal kumpannija fuq il-bażi ta' "kuntratt ta' ħaddiem indipendenti rremunerat biss fuq il-bażi ta' kummissjoni", li kien jipprovdi li l-leave annwali ma kienx imħallas. Meta ntemmet ir-relazzjoni ta' xogħol tiegħu, huwa kien talab mingħand il-persuna li kienet timpjegah kumpens finanzjarju għal-leave annwali tiegħu, kemm għal-leave meħud u mhux imħallas u kemm għal-leave mhux meħud, li kien jikkorrispondi għall-perijodu kollu li matulu kien ħadem. Adita b'din it-talba fl-istadju tal-appell, il-qorti tar-rinviju għamlet diversi domandi preliminari dwar, b'mod partikolari, il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tobbliga lill-ħaddiem jieħu l-leave tiegħu qabel ma jkun jista' jkun jaf jekk għandux id-dritt jitħallas fir-rigward tal-leave annwali mħallas u li teskludi li l-leave annwali jiġi rrimandat lil hinn mill-perijodu ta' referenza li fir-rigward tiegħu jingħata dan il-leave.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fl-ewwel lok, li l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 u l-Artikolu 47 tal-Karta jipprekludu li l-ħaddiem ikollu l-ewwel jieħu l-leave tiegħu qabel ma jkun jaf jekk għandux dritt għal remunerazzjoni fir-rigward tal-leave annwali mħallas. Fil-fatt, meta jsib ruħu f'ċirkustanzi ta' natura li joħolqu inċertezza matul il-perijodu tal-leave annwali tiegħu dwar ir-remunerazzjoni dovuta lilu, ħaddiem ma jkunx f'pożizzjoni li jgawdi kompletament l-imsemmi leave bħala perijodu ta' mistrieħ u ta' pjaċir, konformement mal-għan stess tad-dritt għal-leave annwali mħallas. Bl-istess mod, tali ċirkustanzi jistgħu jiddisswadu lill-ħaddiem milli jieħu l-leave annwali tiegħu. Barra minn hekk, fir-rigward tar-rimedji ġudizzjarji li minnhom għandu jibbenefika l-ħaddiem, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Istati Membri għandhom jiżguraw ir-rispett tad-dritt għal rimedju effettiv, kif stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta. F'dan ir-rigward, hija ddeċidiet li hija inkompatibbli mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 leġiżlazzjoni nazzjonali li tobbliga lill-ħaddiem l-ewwel jieħu l-leave mingħajr ħlas u mbagħad jippreżenta rikors sabiex jikseb il-ħlas għal dan il-leave, f'sitwazzjoni fejn il-persuna li timpjegah tagħti biss leave mingħajr ħlas.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 jipprekludi dispożizzjonijiet jew prattiki nazzjonali li abbażi tagħhom ħaddiem ikun prekluż milli jirrimanda u, jekk ikun il-każ, milli jakkumula, sal-mument ta' meta r-relazzjoni ta' xogħol tiegħu tintemm, drittijiet għal-leave annwali mħallas mhux eżerċitati fir-rigward ta' diversi perijodi ta' referenza konsekuttivi, minħabba r-rifjut tal-persuna li timpjegah li tirremunera dan il-leave. Fil-fatt, jekk, f'tali ċirkustanzi u fl-assenza ta' kull dispożizzjoni nazzjonali li tipprevedi limitazzjoni tal-irrimandar tal-leave b'mod konformi mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, jiġi aċċettat li d-drittijiet għal-leave annwali mħallas miksuba mill-ħaddiem jiġu estinti, dan ikun ifisser li jkun qiegħed jiġi approvat aġir li jwassal għal arrikkiment illegali tal-persuna li timpjega għad-detriment tal-għan tad-Direttiva, jiġifieri l-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiem. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, b'differenza minn sitwazzjoni ta' kumulu tad-drittijiet għal-leave

**112/** Dawn is-sentenzi huma ppreżentati fit-Taqsima I, "Drittijiet fundamentali".

**113/** Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381).

annwali mħallas ta' ħaddiem prekluż milli jieħu l-imsemmi leave minħabba mard, il-persuna li timpjega li ma tqiegħedx lil ħaddiem f'pożizzjoni li jeżerċita d-dritt tiegħu għal-leave annwali mħallas għandha tassumi l-konsegwenzi ta' dan.

# XVI. PROTEZZJONI TAL-KONSUMATURI

Fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi, tliet sentenzi jistħoqqilhom attenzjoni partikolari. L-ewwel waħda tikkonċerna r-reklamar qarrieqi u r-reklamar komparattiv, it-tieni waħda tikkonċerna d-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru u t-tielet waħda tikkonċerna r-responsabbiltà għal prodotti difettużi.

Fil-kawża li tat lok għas-sentenza ***Carrefour Hypermarchés*** (C-562/15, EU:C:2017:95), mogħtija fit-8 ta' Frar 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet numru ta' preċiżazzjonijiet *dwar il-kundizzjonijiet ta' legalità ta' reklamar komparattiv, kif elenkati fl-Artikolu 4(a) u (ċ) tad-Direttiva 2006/114* [114], dispożizzjonijiet dawn li jeżiġu li r-reklamar komparattiv ma jkunx qarrieqi u li għandu jqabbel b'mod oġġettiv karatteristika waħda jew iktar li tkun essenzjali, rilevanti, verifikabbli u rappreżentattiva tal-prodotti jew tas-servizzi kkomparati. It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet bejn żewġ kumpanniji kompetituri fis-settur tas-supermarkets, jiġifieri ITM, kumpannija responsabbli għall-istrateġija u għall-politika kummerċjali tal-ħwienet li joperaw taħt l-isem Intermarché, u l-kumpannija Carrefour, u kienet tikkonċerna kampanja pubbliċitarja mnedija minn din tal-aħħar li kienet tqabbel il-prezzijiet tal-prodotti ta' ditti kbar applikati fil-ħwienet li joperaw taħt l-isem Carrefour u fil-ħwienet tal-kompetituri, fosthom dawk li joperaw taħt l-isem Intermarché.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont id-Direttiva 2006/114, kull reklamar komparattiv għandu jqabbel b'mod oġġettiv il-prezzijiet u ma għandux ikun qarrieqi. Issa, meta min jirreklama u l-kompetituri jagħmlu parti minn stabbilimenti li kull wieħed minnhom ikollu firxa ta' ħwienet ta' daqsijiet u ta' formati differenti u meta t-tqabbil ma jikkonċernax l-istess daqsijiet u l-istess formati, in-natura oġġettiva tat-tqabbil tista' tkun distorta jekk ir-reklamar ma jindikax din id-differenza.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li jkun qarrieqi dak ir-reklamar komparattiv li ma jsemmix jew li jaħbi informazzjoni importanti li l-konsumatur medju jkollu bżonn, fid-dawl tal-kuntest, sabiex jieħu deċiżjoni kummerċjali informata jew li jipprovdi informazzjoni li ma tkunx ċara, li ma tinftehimx, ambigwa jew mhux f'waqtha u li, għaldaqstant, tista' twassal lill-konsumatur medju jieħu deċiżjoni kummerċjali li kieku ma kienx jieħu. Madankollu, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, reklamar, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ikun qarrieqi biss jekk il-konsumatur ma jiġix informat dwar il-fatt li t-tqabbil qiegħed isir bejn il-prezzijiet applikati fil-ħwienet ta' daqsijiet u ta' formati superjuri tal-istabbiliment ta' min jirreklama u dawk osservati fil-ħwienet ta' daqsijiet u ta' formati inferjuri tal-istabbilimenti kompetituri. F'dan ir-rigward, din l-informazzjoni għandha mhux biss tingħata b'mod ċar iżda għandha tidher ukoll fir-reklamar stess.

**114/** Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar reklamar qarrieqi u komparattiv (ĠU 2006, L 376, p. 21).

Is-sentenza ***Pešková u Peška*** (C-315/15, EU:C:2017:342), mogħtija fl-4 ta' Mejju 2017, tat lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità tinterpreta, b'mod partikolari, *il-kunċetti ta' "ċirkustanzi straordinarji" u ta' "miżuri raġonevoli" fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004* [115], fil-kuntest ta' tilwima dwar ir-rifjut ta' trasportatur tal-ajru li jikkumpensa passiġġieri li t-titjira tagħhom kienet waslet b'dewmien ta' iktar minn tliet sigħat minħabba li l-ajruplan ħabat ma' għasfur.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li ċ-ċirkustanzi straordinarji fis-sens tar-Regolament Nru 261/2004 jikkorrispondu għal avvenimenti li, minħabba n-natura tagħhom jew l-oriġini tagħhom, ma jkunux inerenti għall-eżerċizzju normali tal-attività tat-trasportatur bl-ajru u ma jaqgħux taħt il-kontroll effettiv tiegħu. Mill-banda l-oħra, il-ħsara qabel iż-żmien ta' ċerti partijiet ta' ajruplan ma tikkostitwixxix ċirkustanza straordinarja peress li tali ħsara tibqa' marbuta intrinsikament mas-sistema ta' funzjonament tal-ajruplan. Għall-kuntrarju, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, ħabta bejn ajruplan u għasfur kif ukoll l-eventwali ħsara kkawżata minn din il-ħabta ma humiex marbuta intrinsikament mas-sistema ta' funzjonament tal-ajruplan, b'tali mod li tali ħabta ma hijiex, minħabba n-natura tagħha jew l-oriġini tagħha, inerenti għall-eżerċizzju normali tal-attività tat-trasportatur tal-ajru u ma taqax taħt il-kontroll effettiv tiegħu. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-ħabta bejn ajruplan u għasfur tikkostitwixxi ċirkustanza straordinarja fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004.

Fir-rigward tal-kwistjoni jekk it-trasportatur tal-ajru ħax il-"miżuri raġonevoli" kollha sabiex jevita l-ħabta kkonċernata, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dan it-trasportatur ma jistax ikun obbligat jieħu miżuri li jġiegħluh jagħmel sagrifiċċji insupportabbli fir-rigward tal-kapaċitajiet tal-impriża tiegħu. Barra minn hekk, għalkemm it-trasportatur tal-ajru jista' jkun obbligat jieħu ċerti miżuri preventivi sabiex inaqqas, jekk mhux ukoll jevita, ir-riskji ta' eventwali ħabtiet ma' għasafar, dan it-trasportatur ma huwiex responsabbli għan-nuqqas ta' osservanza minn entitajiet oħra (bħalma huma l-operaturi tal-ajruporti jew il-kontrolluri tal-ajru kompetenti) tal-obbligi tagħhom li jadottaw il-miżuri preventivi li jaqgħu fil-kompetenza tagħhom.

Fis-sentenza ***W et*** (C-621/15, EU:C:2017:484), mogħtija fil-21 ta' Ġunju 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni *dwar il-kompatibbiltà mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/374* [116] *ta' regoli nazzjonali dwar il-produzzjoni tal-provi li jippermettu lill-qorti, adita b'azzjoni li ddaħħal inkwistjoni r-responsabbiltà tal-produttur ta' vaċċin minħabba allegat difett f'dan tal-aħħar, tikkonkludi, minkejja l-assenza ta' qbil xjentifiku f'dan ir-rigward, li hemm l-imsemmi difett u li hemm rabta kawżali bejn dan id-difett u marda fuq il-bażi ta' sensiela ta' indizji gravi, preċiżi u konkordanti.*

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/374 ma jipprekludix tali regoli dwar il-produzzjoni tal-provi. Fil-fatt, tali regoli ma humiex ta' natura li jimplikaw inverżjoni tal-oneru tal-prova li għandha l-persuna li saritilha l-ħsara fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, peress li l-imsemmija persuna għandha tistabbilixxi d-diversi indizji li flimkien jippermettu lill-qorti adita tasal għall-konvinzjoni li l-vaċċin inkwistjoni għandu difett u li hemm rabta kawżali bejn dan id-difett u l-ħsara mġarrba. Barra minn hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, jekk jiġi eskluż kull mod ta' prova għajr il-prova ċerta li tirriżulta mir-riċerka medika, dan ikollu l-effett li jagħmilha eċċessivament diffiċli, jekk mhux ukoll impossibbli, meta r-riċerka medika ma tippermettix li tiġi stabbilita jew ikkontestata l-eżistenza ta' rabta kawżali, li tiddaħħal inkwistjoni r-responsabbiltà tal-produttur, b'tali mod li jkunu kompromessi l-effett utli tad-Direttiva kif ukoll l-għanijiet tagħha.

**115/** Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' tħassir jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

**116/** Direttiva tal-Kunsill Directive 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar responabbiltà għall-prodotti difettużi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 257).

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-qrati nazzjonali għandhom jiżguraw li l-indizji prodotti jkunu effettivament gravi, preċiżi u konkordanti biżżejjed sabiex jippermettu li jiġi konkluż li l-eżistenza ta' difett tal-prodott tidher li hija, fid-dawl ukoll tal-provi u tal-argumenti ppreżentati mill-produttur fid-difiża tiegħu, l-iktar spjegazzjoni plawżibbli għall-materjalizzazzjoni tal-ħsara. Barra minn hekk, il-qorti nazzjonali għandha tħares il-libertà ta' evalwazzjoni tagħha fir-rigward ta' jekk tali prova tressqitx jew le b'mod suffiċjenti għall-finijiet tal-liġi, sal-mument li fih tqis li hija f'pożizzjoni li tasal għall-konklużjoni definittiva tagħha.

F'dan ir-rigward, skont l-Qorti tal-Ġustizzja, l-użu, mil-leġiżlatur nazzjonali jew, jekk ikun il-każ, mill-qorti suprema nazzjonali, ta' mod ta' prova fejn l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn id-difett allegat fil-konfront ta' vaċċin u l-ħsara mġarrba mill-persuna li saritilha l-ħsara titqies f'kull każ li hija stabbilita meta jkun hemm ċerti tipi ta' indizji konkreti ta' kawżalità ddeterminati minn qabel iwassal sabiex ma tiġix osservata r-regola dwar l-oneru tal-prova prevista fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/374 u sabiex tiġi ppreġudikata l-effettività tar-regoli dwar ir-responsabbiltà stabbiliti permezz ta' din id-direttiva.

# XVII. AMBJENT

## 1. RESPONSABBILTÀ AMBJENTALI

Fis-sentenza tal-1 ta' Ġunju 2017, ***Folk*** (C-529/15, EU:C:2017:419), il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat *il-kunċett ta' "dannu ambjentali" fis-sens tad-Direttiva 2004/35* [117], *kif emendata bid-Direttiva 2009/31* [118]. It-tilwima fil-kawża prinċipali oriġinat minn rikors ippreżentat minn individwu li kellu awtorizzazzjoni sabiex jistad fix-xmara Mürz fejn allega li impjant idroelettriku kien qiegħed jikkawża ħsara gravi għall-ambjent li kienet qiegħda tikkomprometti r-riproduzzjoni naturali tal-ħut.

Skont il-qorti nazzjonali tal-ewwel istanza, peress li l-operazzjoni tal-impjant idroelettriku kienet ġiet awtorizzata permezz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, dan id-dannu ma setax jiġi kklassifikat bħala dannu ambjentali fis-sens tad-Direttiva 2004/35. Il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, iddeċidiet li l-Artikolu 17 ta' din id-direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li l-imsemmija direttiva tapplika ratione temporis għad-danni ambjentali li mmaterjalizzaw wara d-dħul fis-seħħ tagħha, anki jekk ikunu ġew ikkawżati mill-operazzjoni ta' installazzjoni awtorizzata qabel din id-data. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 2004/35, u b'mod partikolari l-punt 1(b) tal-Artikolu 2 tagħha, li jiddefinixxi l-kunċett ta' "dannu ambjentali", tipprekludi dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li teskludi, b'mod ġenerali u awtomatiku, li dannu li jolqot b'mod gravi u negattiv l-istat ekoloġiku, kimiku jew kwantitattiv jew il-potenzjal ekoloġiku tal-ilmijiet ikkonċernati jiġi kklassifikat bħala "dannu ambjentali", minħabba s-sempliċi fatt li dan id-dannu jirriżulta minn attività awtorizzata mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u li, għalhekk, dan id-dannu jkun kopert minn awtorizzazzjoni maħruġa skont id-dritt nazzjonali.

**117/** Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 8, p. 357).

**118/** Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-dijossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU 2006, L 140, p. 114).

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, jekk l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun ħarġet l-awtorizzazzjoni mingħajr ma eżaminat l-osservanza tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(7)(a) sa (d) tad-Direttiva 2000/60 [119], id-dritt tal-Unjoni ma jobbligax lill-qrati nazzjonali jieħdu post l-awtorità kompetenti billi jeżaminaw huma stess l-osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet.

Fl-aħħar nett, it-traspożizzjoni kompleta u korretta tal-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva 2004/35 teżiġi li t-tliet kategoriji ta' persuni elenkati fl-Artikolu 12(1) tagħha, b'mod partikolari dawk li jinsabu fir-riskju li jintlaqtu mid-dannu ambjentali, għandhom ikunu jistgħu jippreżentaw osservazzjonijiet fil-qasam ta' danni ambjentali, li huma għandu jkollhom il-possibbiltà jitolbu li l-awtorità kompetenti tieħu miżuri skont l-imsemmija direttiva u, għalhekk, li huma għandhom ikunu jistgħu jressqu proċedura ta' rikors quddiem qorti jew quddiem kwalunkwe organu pubbliku kompetenti ieħor, mingħajr l-Istati Membri ma għandhom marġni ta' diskrezzjoni f'dan ir-rigward.

## 2. SKAMBJU TA' KWOTI

Fis-sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, ***ArcelorMittal Atlantique u Lorraine*** (C-80/16, EU:C:2017:588), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-validità tad-Deċiżjoni 2011/278 [120], dwar skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-sens tad-Direttiva 2003/87 [121]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet din l-opportunità sabiex tiddefinixxi l-metodu adegwat li l-Kummissjoni kellha tapplika sabiex tiffissa l-parametri ta' referenza għall-allokazzjoni ta' kwoti bla ħlas fis-settur tal-azzar fir-rigward tal-perijodu bejn l-2013 u l-2020. Il-qorti tar-rinviju kienet qajmet, f'dan ir-rigward, dubji dwar il-validità tad-Deċiżjoni 2011/278 fid-dawl tal-kwistjoni dwar jekk il-parametri ta' referenza msemmija kinux iffissati inkonformità mad-Direttiva 2003/87. B'hekk, hija talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddetermina, b'mod partikolari, jekk il-Kummissjoni setgħetx, meta ffissat l-imsemmija parametri ta' referenza, tiddeċiedi li ma tinkludix fil-valur tal-parametru ta' referenza tal-metall sħun f'forma likwida l-emissjonijiet kollha marbuta mal-gassijiet tal-iskart irriċiklati fil-produzzjoni tal-elettriku, u li tinkludi fabbrika li tipproduċi kemm minerali sinterizzati u kemm pritkuni fl-installazzjonijiet ta' referenza għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-parametru ta' referenza għall-minerali sinterizzati.

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet fl-affermattiv għal dawn id-domandi u għalhekk ikkonkludiet li ma kien hemm ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tad-Deċiżjoni 2011/278. Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tad-determinazzjoni tal-parametru ta' referenza għall-minerali sinterizzati, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett enfasizzat li l-Kummissjoni għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa meta tiddetermina l-parametri ta' referenza għal kull settur jew għal kull settur sekondarju skont l-Artikolu 10a(2) tad-Direttiva 2003/87. Għaldaqstant, hija biss in-natura manifestament inadegwata ta' miżura adottata f'dan il-qasam li tista' taffettwa l-legalità ta' tali miżura. F'dan ir-rigward, il-fatt li l-Kummissjoni inkludiet, fid-Deċiżjoni 2011/278, fabbrika li tipproduċi kemm minerali sinterizzati u kemm pritkuni fl-installazzjonijiet ta' referenza għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-parametru ta' referenza għall-minerali sinterizzati, ma vvizzjax din id-deċiżjoni b'illegalità. Fil-fatt, fir-rigward ta' installazzjoni li tinkludi kemm unità ta' produzzjoni ta' pritkuni u unità ta' produzzjoni ta' minerali sinterizzati, il-produzzjoni ta' pritkuni għandha titqies li hija waħda mill-proċessi direttament jew indirettament marbuta mal-unitajiet ta' proċess,

**119/** Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 275).

**120/** Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE tas-27 ta' April 2011 li tiddetermina regoli tranżitorji madwar l-Unjoni kollha għal allokazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2011, L 130, p. 1).

**121/** Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 631).

fis-sens tad-definizzjoni tal-minerali sinterizzati li tinsab fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2011/278, u dan għaliex dawn iż-żewġ unitajiet ta' produzzjoni jippermettu, flimkien, il-manifattura ta' prodott uniku li jista' jiġi ssostitwit minflok il-minerali sinterizzati.

## 3. SITI PROTETTI

Permezz ta' digriet dwar miżuri provviżorji mogħti fl-20 ta' Novembru 2017 fil-kawża ***Il-Kummissjoni vs Il-Polonja*** (C-441/17 R, EU:C:2017:877), l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja ordnat *lir-Repubblika tal-Polonja twaqqaf immedjatament, ħlief f'każijiet eċċezzjonali u strettament neċessarji, l-operazzjonijiet ta' ġestjoni forestali attiva fil-foresta ta' Białowieża Määr, li hija sit ta' importanza Komunitarja u żona ta' protezzjoni speċjali tal-għasafar. It-talba għal miżuri provviżorji kienet tressqet fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu* [122], ippreżentat mill-Kummissjoni, intiż sabiex jiġi kkonstatat li r-Repubblika tal-Polonja, minħabba operazzjonijiet li kienu jinvolvu, b'mod partikolari, il-qtugħ ta' siġar u t-tneħħija ta' siġar mejta jew li waslu sabiex imutu, imwettqa sabiex titwaqqaf il-firxa tal-ħanfus tal-prinjol, kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt, minn naħa, id-Direttiva 92/43 [123] dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali kif ukoll tal-fawna u l-flora selvaġġa, u, min-naħa l-oħra, id-Direttiva 2009/147 [124] dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet it-talba għal miżuri provviżorji peress li qieset li l-kundizzjonijiet kollha għall-għoti tagħhom kienu ssodisfatti f'dan il-każ. B'mod partikolari, fir-rigward tal-kundizzjoni marbuta mal-urġenza, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-operazzjonijiet ta' ġestjoni forestali attiva fl-imsemmija foresta setgħu jikkawżaw dannu irreparabbli u gravi għall-ambjent. Fil-fatt, ladarba jseħħ, id-dannu li jirriżulta mill-qtugħ u mit-tneħħija tas-siġar ma kienx ser ikun jista' jiġi rrimedjat iktar tard, fil-każ li jiġi kkonstatat in-nuqqas invokat mill-Kummissjoni fil-konfront tal-Polonja. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-interessi li għandhom jiġu bbilanċjati f'dan il-każ huma, minn naħa, il-protezzjoni tal-habitats u ta' speċi minn eventwali theddida li tirriżulta mill-imsemmija operazzjonijiet ta' ġestjoni forestali attiva u, min-naħa l-oħra, l-interess li tiġi evitata d-degradazzjoni tal-habitats naturali tal-foresta marbuta mal-preżenza tal-ħanfus tal-prinjol. Issa, fl-assenza ta' informazzjoni ddettaljata dwar l-inkonvenjenzi li jistgħu jiġu kkawżati, fuq żmien qasir, mill-ħanfus tal-prinjol, huwa iktar urġenti, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, li tiġi evitata l-materjalizzazzjoni ta' dannu kkawżat mit-tkomplija tal-operazzjonijiet inkwistjoni milli li jiġu evitati l-imsemmija inkonvenjenzi.

B'mod eċċezzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu eskludiet minn dawn il-miżuri provviżorji l-operazzjonijiet ta' ġestjoni forestali neċessarji sabiex tiġi żgurata, b'mod dirett u immedjat, is-sigurtà pubblika tal-persuni. Madankollu, tali operazzjonijiet jistgħu jitkomplew biss sa fejn jikkostitwixxu l-uniku mezz sabiex titħares is-sigurtà pubblika tal-persuni fil-viċinanzi immedjati ta' rotot tat-trasport jew ta' infrastruttura importanti oħra meta ma jkunx possibbli li din is-sigurtà titħares bl-adozzjoni ta' miżuri oħra inqas radikali, bħalma huma sinjalazzjoni adegwata tal-perikoli jew projbizzjoni temporanja ta' aċċess mill-pubbliku għall-imsemmija viċinanzi immedjati.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 279 TFUE jagħtiha l-kompetenza li tipprevedi l-impożizzjoni ta' pagamenti ta' penalità fil-każ li d-deċiżjoni tagħha ma tiġix osservata mill-parti kkonċernata. Fuq din il-bażi, hija ordnat lill-Polonja tikkomunika lill-Kummissjoni l-miżuri kollha li hija ser tadotta sabiex tosserva b'mod sħiħ

122/ Kawża C-441/17, ***Il-Kummissjoni vs Il-Polonja***, li kienet għadha pendenti fil-31 ta' Diċembru 2017.

123/ Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2013/17/UE tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU 2013, L 158, p. 193).

124/ Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU 2010, L 20, p. 7), kif emendata bid- Direttiva tal-Kunsill 2013/17/UE tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU 2013, L 158, p. 193).

din id-deċiżjoni. Jekk ikun il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja ser tiddeċiedi, permezz ta' digriet ġdid, dwar l-eventwali ksur tal-imsemmija deċiżjoni u, jekk jiġi kkonstatat ksur, hija ser tordna lill-Polonja tħallas lill-Kummissjoni pagamenti ta' penalità ta' minn tal-inqas EUR 100 000 għal kull jum.

Fis-sentenza ***Vereniging Hoekschewaards Landschap*** (C-281/16, EU:C:2017:774), mogħtija fid-19 ta' Ottubru 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-validità tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2015/72 [125], li tadotta t-tmien aġġornament tal-lista ta' siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku tal-Atlantiku, adottata fuq il-bażi tad-Direttiva 92/43 [126]. Permezz tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni, fuq talba mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, kienet naqqset is-superfiċji tas-sit ta' importanza Komunitarja Haringvliet, żona speċjali ta' konservazzjoni f'dan l-Istat Membru, bl-esklużjoni tal-Leenheerenpolder, billi bbażat ruħha fuq ir-raġuni li l-inklużjoni inizjali ta' dan tal-aħħar fl-imsemmi sit kien ir-riżultat ta' żball xjentifiku. Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, għalkemm huwa minnu li l-Istati Membri għandhom ċertu marġni ta' diskrezzjoni meta jipproponu, skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 92/43, lista ta' siti li jistgħu jiġu identifikati bħala sit ta' importanza Komunitarja, huma għall-kuntrarju ma jistax ikollhom l-istess marġni ta' diskrezzjoni fil-każ li jissuġġerixxu lill-Kummissjoni tnaqqas is-superfiċji ta' tali sit.

Fil-fatt, peress li l-inklużjoni ta' sit fil-lista toħloq preżunzjoni fis-sens li l-imsemmi sit kollu huwa ta' importanza għall-għan tal-konservazzjoni tal-habitats naturali kif ukoll tal-flora u tal-fawna selvaġġi, li huwa l-għan tad-Direttiva 92/43, il-proposta ta' Stat Membru li titnaqqas is-superfiċji ta' sit inkluż fil-lista teħtieġ prova tal-fatt li ż-żoni inkwistjoni ma għandhom ebda importanza sinjifikattiva għat-twettiq ta' dan il-għan fuq livell nazzjonali. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha taċċetta u timplimenta l-proposta biss jekk tasal għall-konklużjoni li l-protezzjoni ta' dawn iż-żoni lanqas ma hija meħtieġa mill-perspettiva tal-Unjoni fl-intier tagħha.

Għaldaqstant, peress li f'dan il-każ ma hemm ebda prova xjentifika li tistabbilixxi li l-proposta inizjali li l-Leenheerenpolder jiġi inkluż fis-sit Haringvliet kienet ivvizzjata bi żball, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2015/71 kienet invalida.

## 4. IL-KONVENZJONI TA' AARHUS

Fir-rigward tal-Konvenzjoni ta' Aarhus għandhom jissemmew żewġ sentenzi. L-ewwel waħda hija s-sentenza ***Saint-Gobain Glass Deutschland*** (C-60/15 P) dwar l-aċċess għal informazzjoni ambjentali [127], filwaqt li t-tieni waħda tikkonċerna l-aċċess għall-ġustizzja fil-qasam tal-ambjent.

Fis-sentenza ***Protect Natur-, Arten- und Landschaftsschutz Umweltorganisation*** (C-664/15, EU:C:2017:987), mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-locus standi ta' organizzazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent li talbet aċċess għall-ġustizzja konformement mal-Konvenzjoni ta' Aarhus [128].

**125/** Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/72 tat-3 ta' Diċembru 2014 li tadotta t-tmien aġġornament tal-lista ta' siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku tal-Atlantiku (ĠU 2015 L 18, p. 385).

**126/** Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti 15, Vol. 2, p. 102), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/105/KE tal-20 ta' Novembru 2006 (ĠU 2008 L 363, p. 368).

**127/** Din is-sentenza hija ppreżentata fit-Taqsima III.3, "Aċċess għal dokumenti".

**128/** Konvenzjoni dwar l-aċċess għat-tagħrif, il-parteċipazzjoni pubblika fil-proċess deċiżjonali u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ambjentali, iffirmata f'Aarhus fil-25 ta' Ġunju 1998 u approvata f'isem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 (ĠU 2005, L 164M, p. 17).

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta, jipprevedi li organizzazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent debitament inkorporata li topera skont ir-rekwiżiti previsti mid-dritt nazzjonali għandha tkun tista' tikkontesta quddiem qorti deċiżjoni li tagħti awtorizzazzjoni għal proġett li jista' jmur kontra l-obbligu ta' prevenzjoni tad-deterjorazzjoni tal-istat tal-korpi tal-ilma kif impost fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60 [129]. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm jimplika li l-Istati Kontraenti jżommu setgħa diskrezzjonali fl-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus ma jistax jippermetti li dawn jimponu kriterji li tant ikunu stretti li jkun effettivament impossibbli għall-organizzazzjonijiet għall-protezzjoni tal-ambjent li jikkontestaw l-atti jew l-ommissjonijiet koperti minn din id-dispożizzjoni.

F'dan il-każ, jidher li, skont id-dritt proċedurali nazzjonali applikabbli, organizzazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent, bħalma hija Protect Natur-, Arten- und Landschaftsschutz Umweltorganisation, anki jekk tissodisfa r-rekwiżiti imposti fl-Artikolu 2(5) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus sabiex taqa' taħt il-kunċett ta' "pubbliku kkonċernat", ma tistax, bħala prinċipju, tikseb il-kwalità ta' parti fil-proċedura fil-kuntest ta' proċedura amministrattiva mwettqa skont il-leġiżlazzjoni dwar l-ilma. Issa, id-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u tal-Artikolu 47 tal-Karta, kif ukoll l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/60 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dritt proċedurali nazzjonali li jeskludi lill-organizzazzjonijiet għall-protezzjoni tal-ambjent mid-dritt li jipparteċipaw, bħala parti fil-proċedura, fi proċedura għal awtorizzazzjoni intiża sabiex timplimenta d-Direttiva 2000/60 u li jillimita d-dritt għal azzjoni legali sabiex jiġu kkontestati deċiżjonijiet li jirriżultaw minn tali proċedura għall-persuni li jkollhom din il-kwalità biss. Il-qorti nazzjonali għandha tinterpreta d-dritt proċedurali nazzjonali konformement ma' dawn id-dispożizzjonijiet sabiex tippermetti tali parteċipazzjoni.

F'dan il-kuntest, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju tal-punti ta' fatt u ta' liġi nazzjonali rilevanti, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-Artikolu 9(3) u (4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni, fir-rigward ta' organizzazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent, ta' regola nazzjonali ta' dekadenza li tipprovdi li persuna titlef il-kwalità tagħha ta' parti fil-proċedura u għalhekk ma tkunx tista´ tippreżenta rikors kontra d-deċiżjoni li tirriżulta minn din il-proċedura jekk ma tkunx għamlet oġġezzjonijiet fil-ħin sa mill-proċedura amministrattiva u, l-iktar tard, fil-fażi orali ta' din il-proċedura.

# XVIII. POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

Fl-***Opinjoni 2/15*** tagħha (EU:C:2017:376), mogħtija f'Seduta Plenarja fis-16 ta' Mejju 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tagħti l-opinjoni tagħha, skont l-Artikolu 218(11) TFUE, dwar *il-kompetenza tal-Unjoni sabiex tikkonkludi waħedha l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles li kien ġie nnegozjat mar-Repubblika ta' Singapor.* Dan il-ftehim, li huwa ftehim ta' kummerċ ħieles bilaterali msejjaħ ta' "ġenerazzjoni ġdida", jinkludi, minbarra d-dispożizzjonijiet tradizzjonali dwar it-tnaqqis ta' dazji doganali u tal-ostakoli mhux tariffarji fil-qasam tal-kummerċ ta' merkanzija u ta' servizzi, dispożizzjonijiet f'oqsma differenti marbuta mal-kummerċ. B'hekk, l-impenji inklużi fil-ftehim previst jikkonċernaw l-aċċess għas-suq, il-protezzjoni tal-investiment, il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, il-kompetizzjoni u l-iżvilupp sostenibbli. Il-ftehim jipprevedi wkoll mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim u jistabbilixxi qafas istituzzjonali speċifiku maħsub sabiex jiġu implementati, b'mod partikolari, id-diversi obbligi u proċeduri ta' skambju ta' informazzjoni, ta' kooperazzjoni u ta' medjazzjoni previsti minnu.

**129/** Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 275).

Fid-dawl tal-għan u tal-iskopijiet tal-abbozz ta' ftehim ta' kummerċ ħieles, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett eżaminat sa fejn id-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni, kif prevista fl-Artikolu 3(1)(e) TFUE. Peress li l-politika kummerċjali komuni tagħmel parti, skont l-Artikolu 207(1) TFUE, mill-azzjoni esterna tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat, f'dan ir-rigward, li huma biss dawk il-partijiet tal-ftehim li għandhom rabta speċifika mal-kummerċ ma' Stat terz wieħed jew iktar, sa fejn ikunu intiżi essenzjalment li jinkoraġġixxuh, jiffaċilitawh jew jirregolawh u jkollhom effetti diretti u immedjati fuqu, li jaqgħu taħt il-qasam tal-politika kummerċjali komuni. Sa fejn dan kien il-każ, kemm fir-rigward tal-impenji marbuta mal-kummerċ ta' merkanzija previsti fil-Kapitoli Tnejn sa Sitta u kemm fir-rigward tal-impenji dwar l-ostakoli mhux tariffarji għall-kummerċ u għall-investimenti fil-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli previsti fil-Kapitolu Sebgħa, tal-impenji dwar il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali previsti fil-Kapitolu Ħdax, tal-impenji dwar il-kompetizzjoni previsti fil-Kapitolu Tnax u tal-impenji dwar l-iżvilupp sostenibbli previsti fil-Kapitolu Tlettax, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li dawn il-partijiet tal-ftehim ta' kummerċ ħieles previst kienu jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni taħt l-Artikolu 3(1)(e) TFUE.

Fir-rigward tal-impenji dwar it-tnaqqis tal-ostakoli għall-provvista transkonfinali ta' servizzi, għall-istabbiliment u għall-preżenza temporanja ta' persuni fiżiċi, kif previsti fil-Kapitolu Tmienja tal-ftehim, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-imsemmi kapitolu jaqa' taħt il-politika kummerċjali komuni u, għaldaqstant, taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni prevista fl-Artikolu 3(1)(e) TFUE, bl-esklużjoni tal-impenji previsti fl-imsemmi kapitolu li jikkonċernaw il-provvista ta' servizzi fil-qasam tat-trasport. Peress li dawn l-impenji tal-aħħar huma esklużi mill-politika kummerċjali komuni permezz tal-Artikolu 207(5) TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kompetenza tal-Unjoni sabiex tapprovahom fid-dawl tal-Artikolu 3(2) TFUE, li jipprevedi kompetenza esklużiva tal-Unjoni fir-rigward tal-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali meta din il-konklużjoni tista' tolqot regoli komuni jew tbiddel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, ikun hemm tali riskju li jintlaqtu regoli komuni meta l-impenji previsti fi ftehim jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' regoli komuni, mingħajr ma hija meħtieġa konkordanza sħiħa bejn il-qasam kopert mill-impenji internazzjonali u dak kopert mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Issa, sa fejn il-provvista tad-diversi servizzi ta' trasport previsti fil-Kapitolu Tmienja tal-ftehim setgħet, fil-fatt, tolqot jew tbiddel regoli komuni tal-Unjoni fil-qasam tat-trasport marittimu, tat-trasport ferrovjarju jew tat-trasport bit-triq, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Unjoni kellha kompetenza esklużiva sabiex tapprova dawn l-impenji taħt l-Artikolu 3(2) TFUE. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-abbozz tal-ftehim dwar it-trasport fuq il-passaġġi tal-ilma interni, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li dawn kienu jipprevedu biss impenji ta' portata estremament limitata u li għalhekk ma setgħux ikollhom impatt fuq in-natura tal-kompetenza tal-Unjoni fir-rigward tal-impenji previsti fil-Kapitolu Tmienja. Fid-dawl ta' dawn id-diversi kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Unjoni kellha kompetenza esklużiva fir-rigward ta' dawn l-impenji kollha. Filwaqt li għamlet riferiment kemm għall-Artikolu 3(1)(e) TFUE u kemm, fir-rigward tal-impenji marbuta mas-servizzi fil-qasam tat-trasport, għall-Artikolu 3(2) TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat ukoll il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu Għaxra tal-Ftehim, li jipprevedi impenji fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi.

Fir-rigward tal-protezzjoni tal-investimenti, li hija s-suġġett tat-Taqsima A tal-Kapitolu Disgħa tal-ftehim, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet distinzjoni bejn l-investimenti diretti u l-investimenti l-oħra. Fir-rigward tal-ewwel tip ta' investimenti, hija fakkret li l-atti tal-Unjoni fil-qasam tal-investiment barrani dirett jaqgħu, skont l-Artikolu 207(1) TFUE, taħt il-politika kummerċjali komuni, mingħajr ma hija meħtieġa distinzjoni fuq il-bażi ta' jekk dawn l-atti jikkonċernawx l-ammissjoni jew il-protezzjoni tal-imsemmija investimenti. Peress li l-impenji previsti fil-qasam tal-investimenti diretti għandhom ukoll l-għan li jippromwovu, li jiffaċilitaw u li jirregolaw il-kummerċ u huma ta' natura li jkollhom effetti diretti u immedjati fuq dan il-kummerċ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva, taħt l-Artikolu 3(1)(e) TFUE, sabiex tapprovahom. Fir-rigward tal-impenji dwar l-investimenti barranin li ma humiex diretti, bħalma huma l-investimenti "tal-portfolio" magħmula mingħajr l-intenzjoni li tiġi eżerċitata influwenza fuq it-tmexxija u l-kontroll ta' impriża, li jikkostitwixxu movimenti ta' kapital fis-sens tal-Artikolu 63 TFUE, hija kkonstatat, għall-kuntrarju, li dawn la jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni taħt l-Artikolu 3(1)(e) TFUE u lanqas taħt wieħed mill-każijiet ta' kompetenza esklużiva previsti fl-Artikolu 3(2) TFUE. Fir-rigward ta' dan il-punt

tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-argument tal-Kummissjoni fis-sens li t-Taqsima A tal-Kapitolu Disgħa setgħet tolqot l-Artikolu 63 TFUE. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-fatt, ir-"regoli komuni" li għalihom jirreferi l-Artikolu 3(2) TFUE ma jistgħux jinkludu dispożizzjoni tat-Trattat FUE, b'mod partikolari għaliex id-dispożizzjonijiet ta' ftehim internazzjonali tal-Unjoni ma jistgħux jolqtu r-regoli tad-dritt primarju tal-Unjoni u lanqas ma jistgħu jibdlu l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-approvazzjoni ta' impenji li jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-moviment liberu tal-kapital u tal-pagamenti fuq bażi reċiproka tista', għall-kuntrarju, tiġi kklassifikata bħala neċessarja sabiex jiġi implementat kompletament dan il-moviment liberu, li huwa wieħed mill-għanijiet tat-Trattati fis-sens tal-Artikolu 216(1) TFUE, u taqa', f'dan il-kuntest, taħt il-kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, fis-sens tal-Artikolu 4(2)(a) TFUE dwar is-suq intern.

Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-ftehim previst li jinkludu diversi obbligi u proċeduri ta' skambju ta' informazzjoni, ta' notifika, ta' verifika, ta' kooperazzjoni u ta' medjazzjoni u li jistabbilixxu, għal dan il-għan, qafas istituzzjonali speċifiku, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li dawn l-impenji huma intiżi li jiżguraw l-effettività tad-dispożizzjonijiet materjali tal-ftehim billi jistabbilixxu, essenzjalment, struttura bażika kif ukoll ċerti setgħat deċiżjonali. Peress li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom natura awżiljarja, huma jaqgħu taħt l-istess kompetenza bħal dik li jaqgħu taħtha d-dispożizzjonijiet materjali li huma jakkumpanjaw. Din l-analiżi ġiet adottata wkoll fir-rigward tal-impenji previsti fil-Kapitolu Erbatax, intitolat "Trasparenza", li wkoll għandhom natura awżiljarja fir-rigward tad-dispożizzjonijiet materjali li huma jakkumpanjaw.

Fl-aħħar lok, fir-rigward tad-dispożizzonijiet tal-ftehim previst dwar is-soluzzjoni ta' tilwim, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet distinzjoni bejn is-sistema applikabbli għat-tilwim bejn investituri u Stati u dik applikabbli għat-tilwim bejn l-Unjoni u Singapor. Fir-rigward tal-ewwel sistema, hija kkonstatat li din is-sistema ma għandhiex natura purament awżiljarja fir-rigward tar-regoli materjali sa fejn din is-sistema tista' teskludi t-tilwim mill-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri. Għaldaqstant, l-approvazzjoni ta' tali sistema taqa' neċessarjament taħt kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri. Fir-rigward tas-sistema għas-soluzzjoni ta' tilwim bejn l-Unjoni u Singapor, il-Qorti tal-Ġustizzja, għall-kuntrarju, fakkret li l-kompetenza tal-Unjoni fil-qasam tar-relazzjonijiet internazzjonali u l-kapaċità tagħha li tikkonkludi ftehimiet internazzjonali jinkludu neċessarjament il-possibbiltà li tissuġġetta ruħha, fir-rigward tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tagħhom, għad-deċiżjonijiet ta' qorti maħluqa jew maħtura skont tali ftehimiet jew għal korp li, filwaqt li formalment ma jkunx qorti, essenzjalment jaqdi funzjonijiet ġudizzjarji, bħalma huwa l-korp għas-soluzzjoni ta' tilwim maħluq fil-kuntest tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Barra minn hekk, peress li s-sistema għas-soluzzjoni ta' tilwim bejn l-Unjoni u Singapor tagħmel parti mill-qafas istituzzjonali tad-dispożizzjonijiet materjali tal-ftehim previst u ma hijiex ta' natura li teskludi t-tilwim mill-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istati Membri jew tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li din is-sistema taqa' taħt l-istess kompetenza bħal dik li jaqgħu taħtha d-dispożizzjonijiet materjali li hija takkumpanja.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-abbozz ta' ftehim ta' kummerċ ħieles mas-Singapor kien jaqa', parzjalment, taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni u, parzjalment, taħt kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri.

Fil-25 ta' Ottubru 2017, fis-sentenza ***Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*** (C-389/15, EU:C:2017:798), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, laqgħet ir-rikors għal annullament ippreżentat mill-Kummissjoni kontra d-*Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 8512/15 tas-7 ta' Mejju 2015 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar Ftehim ta' Lisbona* [130] *rrevedut*

**130/** Ftehim ta' Lisbona dwar il-protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini u r-reġistrazzjoni internazzjonali tagħhom, iffirmat fil-31 ta' Ottubru 1958, irrevedut fi Stokkolma fl-14 ta' Lulju 1967 u emendat fit-28 ta' Settembru 1979 (*Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti* Vol. 828, Nru 13172, p. 205).

*dwar id-denominazzjonijiet ta' oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi*. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li n-negozjar tal-abbozz ta' ftehim irrevedut jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva li l-Artikolu 3(1) TFUE jagħti lill-Unjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni prevista fl-Artikolu 207(1) TFUE.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett fakkret il-ġurisprudenza stabbilita tagħha li minnha jirriżulta li l-impenji internazzjonali konklużi mill-Unjoni fil-qasam tal-proprjetà intellettwali jaqgħu taħt il-politika kummerċjali komuni, minn naħa, jekk ikollhom rabta speċifika mal-kummerċ internazzjonali sa fejn ikunu essenzjalment intiżi li jippromwovu, li jiffaċilitaw jew li jirregolaw dan il-kummerċ u, min-naħa l-oħra, jekk ikollhom effetti diretti u immedjati fuq dan il-kummerċ. Hija qieset li ftehimiet internazzjonali li jkollhom bħala għan li jiżguraw u li jorganizzaw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fit-territorju tal-partijiet, sa fejn jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet imsemmija, jistgħu jaqgħu taħt din il-politika.

Fir-rigward tal-għan tal-imsemmi abbozz, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, sa fejn dan l-abbozz għandu bħala għan prinċipali li jsaħħaħ is-sistema stabbilita mill-Ftehim ta' Lisbona u li jestendi, fi ħdan l-Unjoni, karatteristika partikolari maħluqa minn dan il-ftehim, il-benefiċċju tal-protezzjoni li jistabbilixxi għall-indikazzjonijiet ġeografiċi, billi jissupplimenta l-protezzjoni li l-Konvenzjoni ta' Pariġi [131] tiżgura lid-diversi forom ta' proprjetà industrijali, dan l-abbozz għandu jitqies li jaqa' fil-kuntest tal-finalità mfittxija mill-korp normattiv li jifforma parti minnu u, b'mod iktar partikolari, li huwa intiż, mill-perspettiva tal-Unjoni, li jiffaċilita u li jirregola l-kummerċ bejn din tal-aħħar u l-Istati terzi partijiet għall-imsemmi ftehim.

Fir-rigward tal-effetti tal-abbozz tal-ftehim irrevedut, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-abbozz ser ikollhom effetti immedjati fuq il-kummerċ bejn l-Unjoni u l-Istati terzi kkonċernati, billi jagħtu lill-manifatturi kollha li jipparteċipaw f'dan il-kummerċ, kif ukoll lil kull persuna fiżika jew ġuridika oħra kkonċernata, l-għodda neċessarji sabiex jiksbu, f'kundizzjonijiet sostantivi u proċedurali omoġenji, l-osservanza effettiva tal-protezzjoni li l-abbozz tal-ftehim irrevedut jiżgura lid-drittijiet ta' proprjetà industrijali tagħhom fil-każ ta' użu b'mod li jikkawża preġudizzju jew b'mod inġust tad-denominazzjonijiet ta' oriġini jew tal-indikazzjonijiet ġeografiċi barra l-pajjiż.

Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk ikkonkludiet li l-Kunsill kien żbalja meta qies li d-deċiżjoni kkontestata kienet taqa' taħt l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet fil-qasam tas-suq intern (Artikolu 114 TFUE) u, għalhekk, taħt kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u għalhekk annullat din id-deċiżjoni.

**131/** Konvenzjoni għall-protezzjoni tal-proprjetà industrijali, iffirmata f'Pariġi fl-20 ta' Marzu 1883, irreveduta l-aħħar fi Stokkolma fl-14 ta' Lulju 1967 u emendata fit-28 ta' Settembru 1979 (*Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti* Vol. 828, Nru 11851, p. 305).

# XIX. FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

Fir-rigward tal-ftehimiet internazzjonali, għandhom jissemmew żewġ opinjonijiet u sentenza. Iż-żewġ opinjonijiet jikkonċernaw, rispettivament, it-Trattat ta' Marrakesh li għandu bħala għan li jiġi ffaċilitat l-aċċess għal xogħlijiet ippubblikati għal persuni għomja, b'diżabbiltà fil-vista jew li b'xi mod ieħor għandhom diffikultà sabiex jaqraw materjal stampat u l-ftehim bejn il-Kanada u l-Unjoni dwar it-trasferiment u l-ipproċessar tad-data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri [132]. Is-sentenza tikkonċerna l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni ta' deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija. Għandha titfakkar ukoll is-sentenza ***Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (WRC-15)*** (C-687/15, EU:C:2017:803), li tikkonċerna l-forma legali tal-atti previsti fl-Artikolu 218(9) TFUE [133].

Fl-14 ta' Frar 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat l-***Opinjoni 3/15*** (EU:C:2017:114) dwar it-Trattat ta' Marrakesh li għandu bħala għan li jiġi ffaċilitat l-aċċess għal xogħlijiet pubblikati għal persuni għomja, b'diżabbiltà fil-vista jew li b'xi mod ieħor għandhom diffikultà sabiex jaqraw materjal stampat [134], li kien ġie adottat fl-2013 wara negozjati fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali. It-Trattat, b'mod partikolari, jobbliga lill-Istati Kontraenti jipprevedu, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, li ċerti entitajiet, jiġifieri stabbilimenti pubbliċi u organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru li jipprovdu servizzi ta' tagħlim, ta' taħriġ pedagoġiku, ta' qari adattat jew ta' aċċess għall-informazzjoni, għandhom ikunu jistgħu, mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detentur tad-dritt tal-awtur, jirriproduċu jew jiddistribwixxu f'format aċċessibbli għall-persuni għomja, b'diżabbiltà fil-vista jew li jkollhom xi diffikultà oħra sabiex jaqraw, testi stampati ta' kopji ta' xogħlijiet ippubblikati. Il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tistabbilixxi jekk l-Unjoni kellhiex il-kompetenza li tikkonkludi tali ftehim.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-konklużjoni tat-Trattat ta' Marrakesh ma taqax taħt il-politika kummerċjali komuni ddefinita fl-Artikolu 207 TFUE. Fil-fatt, minn naħa, l-imsemmi trattat ma għandux l-għan li jippromwovi, li jiffaċilita jew li jirregola l-kummerċ internazzjonali ta' kopji f'format aċċessibbli, iżda li jtejjeb il-kundizzjoni tal-persuni benefiċjarji billi jiffaċilita, b'diversi metodi, l-aċċess ta' dawn il-persuni għax-xogħlijiet ippubblikati. Min-naħa l-oħra, l-iskambji transkonfinali ta' kopji f'format aċċessibbli, previsti mit-Trattat ta' Marrakesh, ma jistgħux jiġu assimilati mal-iskambji internazzjonali mwettqa minn operaturi ordinarji għal finijiet kummerċjali, peress li l-iskambji fil-fatt isiru biss bejn stabbilimenti pubbliċi jew organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru fil-kundizzjonijiet speċifikati f'dan it-trattat u peress li l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet huma maħsuba esklużivament għall-persuni benefiċjarji.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-obbligi kollha previsti mit-Trattat ta' Marrakesh jaqgħu f'qasam li fil-parti l-kbira tiegħu huwa diġà kopert minn regoli komuni tal-Unjoni u li l-konklużjoni ta' dan it-trattat tista' tolqot dawn ir-regoli jew tbiddel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, fis-sens tal-Artikolu 3(2) TFUE. Għaldaqstant, il-konklużjoni tat-Trattat ta' Marrakesh taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-Direttiva 2001/29 [135] tippermetti lill-Istati Membri li jkunu jixtiequ jagħmlu hekk jipprevedu eċċezzjoni jew limitazzjoni għad-drittijiet ta' riproduzzjoni u ta' komunikazzjoni lill-pubbliku fir-rigward tal-persuni b'diżabbiltà. Minn dan isegwi li l-eċċezzjoni jew il-limitazzjoni għal dawn id-drittijiet prevista fit-Trattat ta' Marrakesh ser ikollha tiġi implementata fil-kuntest tal-qasam armonizzat mill-imsemmija direttiva. Dan jgħodd ukoll għar-regoli dwar

**132/** Din l-opinjoni hija ppreżentata fit-Taqsima I, "Drittijiet fundamentali".

**133/** Din is-sentenza hija ppreżentata fit-Taqsima III.2, "Atti legali tal-Unjoni".

**134/** Il-Kunsill awtorizza l-iffirmar ta' dan it-trattat, f'isem l-Unjoni, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/221/UE tal-14 ta' April 2014 (ĠU 2014, L 115, p. 1).

**135/** Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

l-esportazzjoni u l-importazzjoni previsti f'dan it-trattat sa fejn huma intiżi li jawtorizzaw il-komunikazzjoni lill-pubbliku jew id-distribuzzjoni, fit-territorju ta' Stat Kontraenti, ta' kopji f'format aċċessibbli ppubblikati fi Stat Kontraenti ieħor, mingħajr ma jkun inkiseb il-kunsens tad-detenturi ta' drittijiet. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, għalkemm l-Istati Membri għandhom, skont id-Direttiva 2001/29, il-possibbiltà li jipprevedu tali eċċezzjoni jew limitazzjoni, din hija possibbiltà mogħtija mil-leġiżlatur tal-Unjoni li hija limitata ħafna minn diversi rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni.

Fl-Opinjoni 1/15 (EU:C:2017:592) [136], l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni, fis-26 ta' Lulju 2017, b'mod partikolari dwar *il-bażi legali adegwata għall-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim innegozjat bejn il-Kanada u l-Unjoni dwar it-trasferiment u l-ipproċessar tad-data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri*. Peress li l-għażla tal-bażi legali sostantiva ta' att tal-Unjoni, inkluż ta' att adottat sabiex jiġi konkluż ftehim internazzjonali, għandha tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi li jistgħu jkunu s-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju, liema elementi jinkludu l-għan u l-kontenut ta' dan l-att, il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, ikkonstatat li l-ftehim previst għandu żewġ komponenti, wieħed dwar il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sigurtà pubblika u l-ieħor dwar il-protezzjoni tad-data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri. Peress li ż-żewġ komponenti għandhom natura essenzjali, il-Qorti tal-Ġustizzja, it-tieni nett, ikkonstatat li l-miżuri previsti fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali tal-passiġġieri kienu marbuta mal-bażi legali prevista fl-Artikolu 16(2) TFUE, filwaqt li l-miżuri dwar it-trasferiment tal-imsemmija data lejn l-awtoritajiet kriminali kompetenti u dwar l-ipproċessar ta' din id-data minn dawn l-istess awtoritajiet jaqgħu taħt il-bażi legali prevista fl-Artikolu 87(2)(a) TFUE. Barra minn hekk, wara li stabbilixxiet li l-użu flimkien ta' dawn iż-żewġ bażijiet legali differenti ma jimplikax proċeduri ta' adozzjoni differenti, il-Qorti tal-Ġustizzja, fl-aħħar nett, ikkonfermat li d-deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim previst kellha tkun ibbażata kemm fuq l-Artikolu 16(2) TFUE u kemm fuq l-Artikolu 87(2)(a) TFUE.

Fil-5 ta' Diċembru 2017, fis-sentenza ***Il-Ġermanja vs Il-Kunsill*** (C-600/14, EU:C:2017:935), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ċaħdet ir-rikors għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/699 [137], li l-għan tagħha huwa li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fir-rigward ta' ċerti emendi tal-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF). Insostenn ta' dan ir-rikors, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienet qiegħda ssostni b'mod partikolari li ċerti punti li dwarhom id-deċiżjoni kkontestata stabbilixxiet il-pożizzjonijiet li kellhom jittieħdu f'isem l-Unjoni ma kinux jaqgħu fil-kompetenza esterna tal-Unjoni minħabba li din tal-aħħar kienet għadha ma adottatx regoli komuni li setgħu jintlaqtu mill-imsemmija emendi.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett fakkret li l-kompetenza tal-Unjoni sabiex tikkonkludi ftehim internazzjonali tista' tirriżulta mhux biss minn setgħa espliċita mogħtija mit-Trattat, iżda tista' toħroġ ukoll b'mod impliċitu minn dispożizzjonijiet oħra tat-Trattati u ta' atti adottati, fil-kuntest ta' dawn id-dispożizzjonijiet, mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni. B'mod partikolari, kull meta d-dritt tal-Unjoni jistabbilixxi, għall-imsemmija istituzzjonijiet, kompetenzi fuq il-livell intern sabiex jintlaħaq għan partikolari, l-Unjoni tingħata l-kompetenza sabiex tieħu l-impenji internazzjonali neċessarji sabiex jintlaħaq dan il-għan, anki fl-assenza ta' dispożizzjoni espliċita f'dan ir-rigward. Għalhekk, kompetenza esterna tal-Unjoni tista' teżisti lil hinn mill-każijiet li fihom l-Unjoni tgawdi minn kompetenza esklużiva taħt l-Artikolu 3(2) TFUE. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-istipulazzjonijiet tal-COTIF ikkonċernati mill-emendi kontenzjużi huma intiżi li jistabbilixxu normi armonizzati fil-livell internazzjonali, inkluż għat-trasport internazzjonali mwettaq minn jew lejn it-territorju ta' Stat Membru, jew li jaqsam mit-territorju ta' Stat Membru wieħed jew iktar, għall-partijiet tal-vjaġġ li jinsabu barra mit-territorju tal-Unjoni u, bħala prinċipju, anki għall-partijiet tal-imsemmi vjaġġ li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni. Għalhekk, il-fatt li l-Unjoni tadotta pożizzjoni

**136/** Din l-opinjoni hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima I, "Drittijiet fundamentali".

**137/** Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/699/UE tal-24 ta' Ġunju 2014 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-25 seduta tal-Kumitat tar-Reviżjoni tal-OTIF rigward ċerti emendi fil-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) u fl-Appendiċijiet tagħha (ĠU 2014, L 293, p. 26).

dwar l-imsemmija emendi għandu jitqies li jikkontribwixxi għat-twettiq tal-għanijiet tal-politika komuni tat-trasport, fil-kuntest tal-kompetenza li l-Unjoni hija mogħtija permezz tal-Artikolu 91(1) TFUE, u li għandha wkoll aspett estern.

Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat ukoll li l-kompetenza esterna tal-Unjoni li taqa' taħt it-tieni każ previst fl-Artikolu 216(1) TFUE, jiġifieri l-każ fejn il-konklużjoni ta' ftehim tkun "meħtieġa sabiex jinkiseb, fil-qafas tal-politika ta' l-Unjoni, wieħed mill-objettivi stabbiliti mit-Trattati", ma hijiex suġġetta għal kundizzjoni dwar l-adozzjoni minn qabel ta' regoli tal-Unjoni li jistgħu jintlaqtu mill-emendi kontenzjużi. B'hekk, ma jistax jiġi sostnut li, fil-qasam tat-trasport, li jaqa' taħt il-kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, l-Unjoni ma tistax taġixxi fuq livell estern qabel ma taġixxi fuq livell intern bl-adozzjoni ta' regoli komuni fl-oqsma li fihom ikunu ġew konklużi impenji internazzjonali.

Fis-sentenza ***Tekdemir*** (C-652/15, EU:C:2017:239), tad-29 ta' Marzu 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tinterpreta l-klawżola ta' standstill li tinsab fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija Nru 1/80 [138] li tipprojbixxi lill-Istati Membri u lir-Repubblika tat-Turkija milli jintroduċu restrizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-impjieg tal-ħaddiema u tal-membri tal-familja tagħhom li jinsabu fit-territorju rispettiv tagħhom b'mod regolari. F'dan il-każ, ċittadin Tork imwieled f'Ġunju 2014 fil-Ġermanja, irrappreżentat legalment mill-ġenituri tiegħu, talab, f'Lulju tal-istess sena, li jinħariġlu permess ta' residenza skont id-dritt Ġermaniż. Omm il-wild, li wkoll hija ċittadina Torka, wara li daħlet fil-Ġermanja fl-2013 fuq il-bażi ta' viża Schengen għal turisti, kienet ippreżentat applikazzjoni għall-ażil fil-Ġermanja. Fil-mument meta welldet, hija kellha, bħala persuna li applikat għall-ażil, awtorizzazzjoni ta' residenza. Missier il-wild, li wkoll huwa ċittadin Tork, kellu, min-naħa tiegħu, permess ta' residenza validu sa Ottubru 2016.

Fuq il-bażi ta' dispożizzjoni nazzjonali introdotta wara d-data tad-dħul fis-seħħ fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tad-Deċiżjoni Nru 1/80, l-awtorità Ġermaniża kompetenti kienet ċaħdet it-talba għall-ħruġ ta' permess ta' residenza għall-wild billi qieset, minn naħa, li ma kienx inaċċettabbli li dan tal-aħħar jintalab jaġixxi *a posteriori* permezz tal-proċedura ta' viża, anki jekk dan kien iwassal inevitabbilment sabiex huwa u ommu jiġu, tal-inqas provviżorjament, isseparati minn missieru u minn żewġha, rispettivament, u, min-naħa l-oħra, li lanqas ma kien irraġonevoli li missier il-wild ikun mistenni jkompli bil-ħajja tal-familja jew konjugali tiegħu ma' ibnu u ma' martu fit-Turkija.

Filwaqt li għamlet riferiment għall-interpretazzjoni mogħtija fis-sentenza ***Demir*** [139], il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-għan ta' ġestjoni effikaċi tal-flussi migratorji jista' jikkostitwixxi raġuni imperattiva ta' interess ġenerali li tippermetti li tiġi ġġustifikata miżura nazzjonali, introdotta wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni Nru 1/80 fl-Istat Membru kkonċernat, li timponi fuq iċ-ċittadini ta' Stati terzi ta' età ta' inqas minn 16-il sena l-obbligu li jkollhom permess ta' residenza sabiex jidħlu u jirrisjedu f'dan l-Istat Membru. Madankollu, tali miżura ma tkunx proporzjonata fid-dawl tal-għan imfittex meta l-modalitajiet ta' implementazzjoni tagħha f'dak li jirrigwarda l-ulied ċittadini ta' Stati terzi li twieldu fl-Istat Membru kkonċernat u li wieħed mill-ġenituri tagħhom ikun ħaddiem Tork li jirrisjedi legalment f'dan l-Istat Membru, imorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan, b'mod partikolari sa fejn l-applikazzjoni ta' tali miżura jkollha l-effett li l-imsemmi ħaddiem ikollu jagħżel bejn li jkompli

**138/** Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni Nru 1/80 tad-19 ta' Settembru 1980 dwar l-iżvilupp tal-assoċjazzjoni, u mehmuża mal-Ftehim dwar il-ħolqien ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, iffirmat, fit-12 ta' Settembru 1963, f'Ankara mir-Repubblika tat-Turkija, minn naħa, kif ukoll mill-Istati Membri tal-KEE u mill-Komunità, min-naħa l-oħra, u li ġie konkluż, approvat u kkonfermat f'isem din tal-aħħar permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 64/732/KEE, tat-23 ta' Diċembru 1963 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 11, p. 10).

**139/** Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Novembru 2013, ***Demir*** (C-225/12, EU:C:2013:725).

bl-attività tiegħu bħala persuna impjegata fl-Istat Membru kkonċernat filwaqt li l-ħajja tal-familja tiegħu ssofri taqlib profond, jew li jirrinunzja għall-imsemmija attività mingħajr ma jkollu garanzija li jiġi integrat mill-ġdid fuq livell professjonali meta eventwalment jirritorna mit-Turkija.

# XX. POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI

Fir-rigward tal-miżuri restrittivi fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK), għandhom jissemmew ħames sentenzi. Tliet sentenzi jikkonċernaw l-iffriżar ta' fondi ta' gruppi jew ta' persuni meqjusa li huma marbuta ma' atti terroristiċi. Ir-raba' sentenza tikkonċerna l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi dwar il-legalità tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill li japplikaw miżuri restrittivi fuq ċerti impriżi Russi minħabba l-azzjonijiet tal-Federazzjoni Russa fl-Ukraina. Fl-aħħar nett, għandha terġa' tissemma s-sentenza ***Safa Nicu Sepahan vs IlKunsill*** (C-45/15 P) li tikkonċerna l-kumpens għad-dannu kkawżat minn deċiżjoni ta' ffriżar ta' fondi [140].

Fis-sentenza ***A et*** (C-158/14, EU:C:2017:202), mogħtija fl-14 ta' Marzu 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, intalbet tagħti deċiżjoni dwar *il-validità tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 610/2010* [141]*, li jżomm l-entità Liberation Tigers of Tamil Eelam (LTTE) f'lista ta' gruppi involuti f'atti ta' terroriżmu li huma suġġetti għal miżuri restrittivi. It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tikkonċerna miżuri nazzjonali ta' ffriżar ta' riżorsi finanzjarji ta' diversi persuni li kienu pparteċipaw fil-ġbir ta' fondi għal-LTTE. Peress li dawn id-deċiżjonijiet nazzjonali kienu jieħdu inkunsiderazzjoni r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 610/2010, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kienu kkontestaw il-validità tal-imsemmi regolament ta' implimentazzjoni fuq il-bażi tal-argument li l-azzjonijiet tal-LTTE ma kinux atti ta' terroriżmu iżda kienu pjuttost attivitajiet ta' forzi armati fis-sens tad-dritt internazzjonali umanitarju, u dan sa fejn kienu jagħmlu parti minn kunflitt bl-armi. B'hekk, il-qorti tar-rinviju staqsiet, b'mod partikolari, jekk, fil-kuntest tal-eżami tal-validità tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 610/2010, l-attivitajiet ta' forzi armati f'perijodu ta' kunflitt bl-armi, fis-sens tad-dritt internazzjonali umanitarju, jistgħux jikkostitwixxu "atti ta' terroriżmu" fis-sens tad-dritt tal-Unjoni dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu.*

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li, għalkemm ma kinux ippreżentaw rikors għal annullament kontra r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 610/2010 u l-atti preċedenti għalih, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali setgħu xorta waħda jikkontestaw il-validità tal-imsemmija atti quddiem il-qorti tar-rinviju. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li huwa minnu li talba għal deċiżjoni preliminari dwar il-validità ta' att tal-Unjoni tista' tiġi miċħuda fil-każ li, minkejja li r-rikors għal annullament kontra dan l-att kien ikun manifestament ammissibbli, il-persuna fiżika jew ġuridika li setgħet tippreżenta tali rikors tkun astjeniet milli tagħmel dan fit-terminu mogħti u tinvoka l-illegalità tal-imsemmi att fil-kuntest ta' proċedura nazzjonali sabiex twassal lill-qorti nazzjonali tagħmel domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-validità ta' dan l-att, b'tali mod li tiddaħħal inkwistjoni n-natura definittiva li jikseb dan l-att fil-konfront tagħha wara l-iskadenza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors. Madankollu, f'dan il-każ, rikors għal annullament ippreżentat mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma kienx ser ikun ammissibbli mingħajr ebda dubju. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat qabel kollox li dawn ir-rikorrenti ma kinux inklużi huma stess fil-lista ta' ffriżar ta' fondi. L-inklużjoni tal-LTTE fil-lista ta' ffriżar ta' fondi għandha, fil-konfront ta' persuni għajr din l-entità, portata ġenerali sa fejn tikkontribwixxi sabiex jiġi impost fuq numru indeterminat ta' persuni l-obbligu li jiġu osservati miżuri restrittivi speċifiċi meħuda kontra l-imsemmija entità. Għalhekk, ma kienx

**140/** Din is-sentenza hija ppreżentata fit-Taqsima III.4, "Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni".

**141/** Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 610/2010 tat-12 ta' Lulju 2010 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1285/2009 (ĠU 2010, L 178, p. 1).

evidenti li r-rikorrenti kienu kkonċernati "individwalment" mill-atti inkwistjoni. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni tagħhom ma kinitx milquta direttament mill-atti tal-Unjoni dwar din l-inklużjoni iżda mill-impożizzjoni ta' sanzjonijiet ibbażati unikament fuq il-liġi Olandiża, li kienet ħadet inkunsiderazzjoni, fost element ieħor, l-imsemmija inklużjoni. Għaldaqstant, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, ma kienx stabbilit li rikorsi għal annullament ippreżentati mir-rikorrenti kontra l-atti tal-Unjoni li jinkludu u li jżommu lil-LTTE fil-lista ta' ffriżar ta' fondi kienu ser ikunu manifestament ammissibbli.

It-tieni nett, wara li fakkret li regolament li jipprevedi miżuri restrittivi ma għandux jiġi interpretat biss fid-dawl tad-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 215(2) TFUE iżda wkoll fid-dawl tal-kuntest storiku ta' dan ir-regolament, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, għall-eżami tal-validità tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 610/2010, huma rilevanti r-Regolament Nru 2580/2001 [142] u l-Pożizzjoni Komuni 2001/931 [143], li essenzjalment jaqgħu taħt il-politika estera u ta' sigurtà komuni u li l-għan tagħhom huwa li jimplimentaw ir-Riżoluzzjoni 1373 (2001) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

Filwaqt li kkonstatat li d-dritt internazzjonali umanitarju jipprojbixxi l-atti ta' terroriżmu, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi qieset li l-imsemmi dritt għandu għanijiet differenti minn dawk tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931 kif ukoll minn dawk tar-Regolament Nru 2580/2001, mingħajr madankollu ma jipprojbixxi l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi bħal dawk inkwistjoni. Għaldaqstant, l-applikazzjoni ta' dawn l-atti tal-Unjoni ma tiddependix minn klassifkazzjonijiet li joħorġu mid-dritt umanitarju u l-attivitajiet ta' forzi armati f'perijodu ta' kunflitt bl-armi jistgħu jikkostitwixxu "atti ta' terroriżmu" fis-sens ta' dawn l-atti tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 610/2010 kif ukoll l-atti preċedenti għalih dwar l-inklużjoni tal-LTTE fil-lista ta' ffriżar ta' fondi kienu validi.

F'żewġ sentenzi tas-26 ta' Lulju 2017, ***Il-Kunsill vs LTTE*** (C-599/14 P, EU:C:2017:583) u ***Il-Kunsill vs Hamas*** (C-79/15 P, EU:C:2017:584), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, intalbet tiddeċiedi dwar żewġ sentenzi tal-Qorti Ġenerali [144] li kienu annullaw l-atti tal-Kunsill li jġeddu, bejn l-2010 u l-2014, il-miżuri ta' ffriżar ta' fondi adottati mill-Kunsill kontra l-Hamas u l-Liberation Tigers of Tamil Eelam (LTTE), fuq il-bażi tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931 [145] u tar-Regolament Nru 2580/2001 [146]. F'dawn is-sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li *l-Kunsill jista' jżomm entità fil-lista tal-entitajiet issuspettati li huma marbuta ma' atti ta' terroriżmu jekk jikkonkludi li jkun għad hemm ir-riskju tal-involviment tagħha f'attivitajiet terroristiċi li jkun iġġustifika l-inklużjoni inizjali tagħha*. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li filwaqt li inklużjoni inizjali f'din il-lista għandha tkun ibbażata fuq deċiżjonijiet nazzjonali adottati minn awtoritajiet kompetenti, dan ir-rekwiżit ma huwiex meħtieġ fir-rigward taż-żamma ulterjuri ta' din l-inklużjoni.

**142/** Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18 Vol. 1, p. 207).

**143/** Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiki fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18 Vol. 1, p. 217).

**144/** Sentenzi tas-16 ta' Ottubru 2014, ***LTTE vs Il-Kunsill*** (T-208/11 u T-508/11, EU:T:2014:885), u tas-17 ta' Diċembru 2014, ***Hamas vs Il-Kunsill*** (T-400/10, EU:T:2014:1095).

**145/** Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiki fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18 Vol. 1, p. 217).

**146/** Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18 Vol. 1, p. 207).

F'dan il-każ, fis-27 ta' Diċembru 2001 [147], il-Kunsill kien inkluda lill-Hamas u, fid-29 ta' Mejju 2006 [148], lil-LTTE, fil-lista prevista fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001. Dawn l-inklużjonijiet, li kienu mġedda perijodikament mill-Kunsill, kienu bbażati fuq deċiżjonijiet tal-awtoritajiet tar-Renju Unit u fuq deċiżjoni tal-awtoritajiet Indjani fir-rigward tal-LTTE, kif ukoll fuq żewġ deċiżjonijiet tal-awtoritajiet tal-Istati Uniti u fuq deċiżjoni Brittanika fir-rigward tal-Hamas. Filwaqt li ma kinux ikkontestaw l-atti tal-Kunsill li kienu inizjalment inkludewhom fil-lista, il-Hamas u l-LTTE kienu kkontestaw iż-żamma ulterjuri tagħhom fuq din il-lista. Il-Qorti Ġenerali annullat dawn l-atti għar-raġuni, b'mod partikolari, li l-miżuri inkwistjoni ma kinux ibbażati fuq fatti eżaminati u kkonstatati f'deċiżjonijiet adottati mill-awtoritajiet kompetenti (kif tirrikjedi, skont il-Qorti Ġenerali, il-Pożizzjoni Komuni 931/2002), iżda fuq informazzjoni misluta mill-Kunsill mill-istampa u mill-internet.

Mitluba tagħti deċiżjoni dwar il-kundizzjonijiet li l-Kunsill huwa obbligat josserva fil-kuntest tal-eżami mill-ġdid perijodiku tal-miżuri restrittivi fis-seħħ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-ġurisprudenza Al-Aqsa [149] tagħha, li minnha jirriżulta li l-Kunsill jista' jżomm persuna jew entità fil-lista jekk jikkonkludi li jkun għad hemm ir-riskju tal-involviment ta' din il-persuna jew l-entità f'attivitajiet terroristiċi. Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, f'dan il-każ, sabiex jintwera li dan ir-riskju għadu hemm fir-rigward tal-LTTE u l-Hamas, il-Kunsill kien meħtieġ jibbaża ruħu fuq elementi iktar reċenti mid-deċiżjonijiet nazzjonali li kienu ġġustifikaw l-inklużjoni inizjali tagħhom. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, skont l-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931, hija biss l-inklużjoni inizjali fil-lista li għandha tkun ibbażata fuq deċiżjoni nazzjonali mogħtija minn awtorità kompetenti. Tali kundizzjoni ma hijiex prevista, skont l-Artikolu 1(6) tal-Pożizzjoni Komuni, fir-rigward taż-żamma ulterjuri ta' dawn l-entitajiet fil-lista, li tista' tkun ibbażata fuq sorsi oħra. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-entitajiet ikkonċernati kienu, fi kwalunkwe każ, protetti mill-possibbiltà li jikkontestaw quddiem il-qorti tal-Unjoni l-elementi kollha li fuqhom il-Kunsill ikun ibbaża ruħu fil-kuntest tal-eżami mill-ġdid perjodiku.

Filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja konsegwentement annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-Hamas u bagħtet il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali, hija għall-kuntrarju kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali li tannulla l-miżuri ta' ffriżar ta' fondi fir-rigward tal-LTTE adottati mill-Kunsill, u dan minkejja l-iżball ta' liġi mwettaq f'din l-istess sentenza. Fil-fatt, fid-dawl tal-fatt li l-LTTE kienu tilfu militarment fis-Sri Lanka fl-2009 u tal-fatt li dan kien jikkostitwixxi bidla sinjifikattiva fiċ-ċirkustanzi li setgħet iddaħħal inkwistjoni s-sussistenza tar-riskju tal-involviment ta' dan il-grupp f'attivitajiet terroristiċi, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Kunsill kien imissu semma, fl-espożizzjoni tal-motivi tal-atti kkontestati, elementi ta' natura li setgħu jservu ta' bażi għall-evalwazzjoni tiegħu. Il-Kunsill ma kienx għamel dan. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Kunsill jista' jibbaża l-inklużjoni inizjali fil-lista ta' persuna jew ta' entità fuq deċiżjoni adottata minn awtorità kompetenti ta' Stat terz biss wara li jkun ivverifika b'attenzjoni li l-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat terz tiżgura protezzjoni ġudizzjarja ekwivalenti għal dik iggarantita fil-livell tal-Unjoni, u li din l-evalwazzjoni għandha tiġi mmotivata fl-espożizzjoni tal-motivi.

**147/** Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/927/KE tas-27 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi l-lista prevista fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu (ĠU 2001, L 344, p. 83).

**148/** Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/379/KE tad-29 ta' Mejju 2006 li timplementa l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni 2005/930/KE (ĠU 2006, L 294M, p. 169).

**149/** Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Novembru 2012, ***Al-Aqsa vs Il-Kunsill*** u ***Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Al-Aqsa*** (C-539/10 P u C-550/10 P, EU:C:2012:711).

Fl-aħħar nett, fis-sentenza ***Rosneft*** (C-72/15, EU:C:2017:236), mogħtija fit-28 ta' Marzu 2017 mill-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat *il-validità tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512* [150] *u tar-Regolament tal-Kunsill Nru 833/2014* [151]

Sisser*dwar miżuri restrittivi, fid-dawl tal-azzjonijiet tal-Federazzjoni Russa fl-Ukraina, li jikkonċernaw ċerti impriżi Russi marbuta mal-Istat Russu*. Quddiem il-qorti tar-rinviju, waħda mill-impriżi kkonċernati kienet ikkontestat il-validità tal-miżuri restrittivi adottati mill-Kunsill fil-konfront tagħha kif ukoll tal-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, fl-ewwel lok, ikkonfermat il-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tagħti deċiżjoni preliminari dwar il-validità ta' att adottat fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet dwar il-PESK, sakemm ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jikkonċerna l-istħarriġ tal-osservanza tal-proċeduri u tal-kompetenzi tal-istituzzjonijiet previsti fit-Trattati għall-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-Unjoni, jew l-istħarriġ tal-legalità tal-miżuri restrittivi adottati fil-konfront tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kkonċernati. Fir-rigward tal-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi fil-qasam tal-PESK, prevista fl-aħħar sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24(1) TFUE u fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE, kif ukoll fir-rigward tal-eċċezzjoni stabbilita f'dan ir-rigward minn din l-istess dispożizzjoni tat-Trattat UE u mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, b'mod partikolari, li, għalkemm huwa minnu li l-Artikolu 47 tal-Karta ma jistax joħloq ġurisdizzjoni għall-Qorti tal-Ġustizzja meta t-Trattati jeskluduha, il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva jimplika, madankollu, li l-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tal-PESK għandha tiġi interpretata b'mod restrittiv. Peress li l-proċedura li tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni preliminari hija intiża li tiżgura l-osservanza tad-dritt fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tat-Trattati, ikun kuntrarju għall-għanijiet ta' din id-dispożizzjoni tal-aħħar, kif ukoll għall-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, jekk tiġi interpretata b'mod restrittiv il-ġurisdizzjoni li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE, li għalih jirreferi l-Artikolu 24(1) TUE, jagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, skont l-Artikolu 24(1) TUE u skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE, ġurisdizzjoni *ratione materiae* sabiex tagħti deċiżjoni dwar il-validità ta' atti tal-Unjoni, jiġifieri, b'mod partikolari, fil-każ ta' miżuri restrittivi kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, ikun imur kontra l-istruttura ġenerali tas-sistema ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva stabbilita mit-Trattati jekk din id-dispożizzjoni tal-aħħar tiġi interpretata fis-sens li teskludi l-possibbiltà għall-qrati tal-Istati Membri li jagħmlu domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-validità tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill li jipprevedu l-adozzjoni ta' tali miżuri.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-validità tal-atti kontenzjużi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, b'mod partikolari, li, fid-dawl tal-funzjonijiet differenti tal-atti adottati mill-Kunsill taħt l-Artikolu 29 TUE u ta' dawk adottati taħt l-Artikolu 215 TFUE, il-fatt li d-Deċiżjoni 2014/512, adottata mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu 29 TUE, tispeċifika l-għan tal-miżuri restrittivi ma jistax, bħala prinċipju, jitqies li jirfes fuq il-proċedura prevista fl-Artikolu 215 TFUE għall-implimentazzjoni tal-imsemmija deċiżjoni. Għaldaqstant, fil-kuntest tal-adozzjoni tar-Regolament Nru 833/2014 li huwa intiż li jimplimenta din id-deċiżjoni, dan il-fatt ma jippreġudikax l-eżerċizzju tal-kompetenzi li l-Artikolu 215 TFUE jagħti lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà kif ukoll lill-Kummissjoni. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-importanza tal-għanijiet imfittxija mill-atti kontenzjużi kienet ta' natura li tiġġustifika konsegwenzi negattivi għal ċerti operaturi u li, f'dan il-każ, l-indħil li jirriżulta minn dawn l-atti għal-libertà ta' intrapriża u għad-dritt għall-proprjetà ta' dawn tal-aħħar ma kienx sproporzjonat. Barra minn

150/ Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014 L 229, p. 13), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/872/PESK tal-4 ta' Diċembru 2014 (ĠU 2014, L 349, p. 58).

151/ Regolament (UE) tal-Kunsill Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 229, p. 1), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1290/2014 tal-4 ta' Diċembru 2014 (ĠU 2014, L 349, p. 20).

hekk, il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' preċiżjoni tal-liġi applikabbli ma jipprekludux, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, li Stat Membru jimponi sanzjonijiet kriminali applikabbli fil-każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament, minkejja li dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jkunu s-suġġett ta' kjarifika gradwali ulterjuri mill-Qorti tal-Ġustizzja.



# C/ L-ATTIVITÀ TAR-REĠISTRU TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA FL-2017

Minn Marc-André GAUDISSART, Assistent Reġistratur

Kif jirriżulta mit-testi prinċipali li jirregolaw l-organizzazzjoni u l-funzjonament tiegħu, ir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa fdat bi tliet missjonijiet essenzjali.

Inkarigat mir-Regoli tal-Proċedura sabiex jirċievi, jibgħat u jżomm id-dokumenti kollha, ir-Reġistru jiżgura l-ewwel u qabel kollox l-iżvolġiment tajjeb tal-proċeduri u ż-żamma b'mod rigoruż tal-proċessi tal-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, mir-reġistrazzjoni tar-rikors promotur jew tat-talba għal deċiżjoni preliminari fir-reġistru miżmum mir-Reġistru, san-notifika lill-partijiet tad-deċiżjoni li tagħlaq l-istanza quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, sal-arkivjar tal-proċess proċedurali.

Fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' din l-ewwel missjoni – u b'estensjoni tagħha –, ir-Reġistru jżomm ukoll il-kuntatti meħtieġa, fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea, mar-rappreżentanti tal-partijiet kif ukoll ma' terzi jew mal-qrati tal-Istati Membri li jressqu talbiet għal deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni jew il-validità tad-dritt tal-Unjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Fl-aħħar nett, ir-Reġistru jassisti lill-Membri tal-qorti fl-atti kollha tal-kariga tagħhom. Din l-assistenza tieħu l-forma, b'mod partikolari, tat-trattament ta' diversi kwistjonijiet proċedurali li jqumu matul l-iżvolġiment kollu ta' kawża u tal-parteċipazzjoni mill-amministraturi tar-Reġistru fis-seduti tal-qorti u fil-laqgħat amministrattivi tal-awli tagħha, iżda wkoll tal-involviment tal-uffiċjali tar-Reġistru fil-laqgħat ta' diversi kumitati u, b'mod partikolari, tal-Kumitat tal-Istatut u tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

| | Corte suprema di Cassazione | 150 | |
| | Consiglio di Stato | 151 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 1 141 | **1 445** |
| **Ċipru** | Ανώτατο Δικαστήριο | 4 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 3 | **7** |
| **Il-Latvja** | Augstākā tiesa | 21 | |
| | Satversmes tiesa | 1 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 38 | **60** |
| **Il-Litwanja** | Konstitucinis Teismas | 1 | |
| | Aukščiausiasis Teismas | 18 | |
| | Vyriausiasis administracinis teismas | 21 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 15 | **55** |
| **Il-Lussemburgu** | Cour constitutionnelle | 1 | |
| | Cour de cassation | 28 | |
| | Cour administrative | 28 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 35 | **92** |
| **L-Ungerija** | Kúria | 27 | |
| | Fővárosi Ítélőtábla | 7 | |
| | Szegedi Ítélötáblá | 2 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 122 | **158** |
| **Malta** | Qorti Kostituzzjonali | | |
| | Qorti tal-Appell | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 3 | **3** |
| **Il-Pajjiżi l-Baxxi** | Hoge Raad | 285 | |
| | Raad van State | 122 | |
| | Centrale Raad van Beroep | 65 | |
| | College van Beroep voor het Bedrijfsleven | 156 | |
| | Tariefcommissie | 35 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 350 | **1 013** |
| **L-Awstrija** | Verfassungsgerichtshof | 5 | |
| | Oberster Gerichtshof | 124 | |
| | Verwaltungsgerichtshof | 107 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 285 | **521** |
| **Il-Polonja** | Trybunał Konstytucyjny | 1 | |
| | Sąd Najwyższy | 18 | |
| | Naczelny Sąd Administracyjny | 44 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 64 | **127** |

>>>

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Il-Portugall** | Supremo Tribunal de Justiça | 15 | |
| | Supremo Tribunal Administrativo | 63 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 96 | **174** |
| **Ir-Rumanija** | Înalta Curte de Casație și Justiție | 12 | |
| | Curtea de Apel | 75 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 52 | **139** |
| **Is-Slovenja** | Ustavno sodišče | 1 | |
| | Vrhovno sodišče | 14 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 5 | **20** |
| **Is-Slovakkja** | Ústavný Súd | | |
| | Najvyšší súd | 16 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 28 | **44** |
| **Il-Finlandja** | Korkein oikeus | 23 | |
| | Korkein hallinto-oikeus | 56 | |
| | Työtuomioistuin | 5 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 31 | **115** |
| **L-Isvezja** | Högsta Domstolen | 22 | |
| | Högsta förvaltningsdomstolen | 12 | |
| | Marknadsdomstolen | 5 | |
| | Arbetsdomstolen | 4 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 91 | **134** |
| **Ir-Renju Unit** | House of Lords | 40 | |
| | Supreme Court | 14 | |
| | Court of Appeal | 84 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 485 | **623** |
| **Oħra** | Cour de justice Benelux/Benelux Gerechtshof [1] | 2 | |
| | Bord tal-Appell tal-Iskejjel Ewropej 2 | 1 | **3** |
| **Total** | | | **10 149** |

**1/** Kohtuasi C-265/00, *Campina Melkunie*.
Kohtuasi C-169/15, *Montis Design*.

**2/** Kohtuasi C-169/15, *Montis Design*.

## XXI. ŻVILUPP ĠENERALI TAL-ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA (1952-2017) – RIKORS GĦAL NUQQAS TA' TWETTIQ TA' OBBLIGU INTRODOTT KONTRA L-ISTATI MEMBRI




| BE | BG | CZ | DK | DE | EE | IE | EL | ES | FR | HR | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE | UK | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 386 | 11 | 34 | 41 | 291 | 22 | 209 | 409 | 249 | 418 | 2 | 645 | 12 | 1 | 3 | 269 | 19 | 16 | 148 | 139 | 80 | 202 | 8 | 17 | 15 | 58 | 54 | 142 | **3 900** |

# XXII. ATTIVITÀ TAR-REĠISTRU TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (2015-2017)

| Tip ta' intervent | 2015 | 2016 | 2017 |
|---|---|---|---|
| Numru ta' dokumenti inklużi fir-reġistru tar-Reġistru | 89 328 | 93 215 | 99 266 |
| Perċentwali ta' atti proċedurali ppreżentati bl-e-Curia | 69 % | 75 % | 73 % |
| Numru ta' seduti għas-sottomissjonijiet orali kkonvokati u organizzati | 256 | 270 | 263 |
| Numru ta' seduti għall-konklużjonijiet ikkonvokati u organizzati | 239 | 319 | 301 |
| Numru ta' sentenzi, ta' opinjonijiet u ta' digrieti li jtemmu l-istanzi nnotifikati lill-partijiet | 570 | 645 | 654 |
| Numru ta' proċessi verbali tas-seduta (sottomissjonijiet orali, konklużjonijiet u sentenzi) | 894 | 1 001 | 1 033 |
| Numru ta' komunikazzjonijiet lill-ĠU dwar il-kawżi ġodda | 639 | 660 | 679 |
| Numru ta' komunikazzjonijiet lill-ĠU dwar il-kawżi magħluqa | 546 | 522 | 637 |

# E/ KOMPOŻIZZJONI TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA



(Ordni protokollari fil-31 ta' Diċembru 2017)

*L-ewwel filliera, mix-xellug għal-lemin:*

M. Wathelet, Avukat Ġenerali Ewlieni; T. von Danwitz u M. Ilešič, Presidenti ta' Awla; A. Tizzano, Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja; K. Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja; R. Silva de Lapuerta, L. Bay Larsen, J. L. da Cruz Vilaça u A. Rosas, Presidenti ta' Awla

*It-tieni filliera, mix-xellug għal-lemin:*

E. Sharpston, Avukat Ġenerali; E. Juhász, Imħallef; C. Vajda, E. Levits, J. Malenovský u C. G. Fernlund, Presidenti ta' Awla; J. Kokott, Avukat Ġenerali; A. Borg Barthet, Imħallef

*It-tielet filliera, mix-xellug għal-lemin:*

M. Berger, M. Safjan u et A. Arabadjiev, Imħallfin; Y. Bot u P. Mengozzi, Avukati Ġenerali; J.-C. Bonichot, C. Toader u D. Šváby, Imħallfin

*Ir-raba' filliera, mix-xellug għal-lemin:*

C. Lycourgos, K. Jürimäe, S. Rodin, E. Jarašiūnas u A. Prechal, Imħallfin; N. Wahl, Avukat Ġenerali; F. Biltgen, Imħallef; M. Szpunar, Avukat Ġenerali

*Il-ħames filliera, mix-xellug għal-lemin:*

E. Tanchev u H. Saugmandsgaard Øe, Avukati Ġenerali; M. Vilaras, Imħallef; M. Campos Sánchez-Bordona, Avukat Ġenerali; E. Regan, Imħallef; M. Bobek, Avukat Ġenerali; A. Calot Escobar, Reġistratur

## 1. BIDLA FIL-KOMPOŻIZZJONI TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA FL-2017

Ma kienx hemm bidla fil-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2017.

## 2. ORDNIJIET PROTOKOLLARI

### MILL-1 TA' JANNAR 2017 SAS-6 TA' OTTUBRU 2017

K. LENAERTS, President
A. TIZZANO, Viċi President
R. SILVA de LAPUERTA, President tal-Ewwel Awla
M. ILEŠIČ, President tat-Tieni Awla
L. BAY LARSEN, President tat-Tielet Awla
T. von DANWITZ, President tar-Raba' Awla
J. L. da CRUZ VILAÇA, President tal-Ħames Awla
M. WATHELET, Avukat Ġenerali Ewlieni
E. JUHÁSZ, President tad-Disa' Awla
M. BERGER, President tal-Għaxar Awla
A. PRECHAL, President tas-Seba' Awla
M. VILARAS, President tat-Tmien Awla
E. REGAN, President tas-Sitt Awla
A. ROSAS, Imħallef
J. KOKOTT, Avukat Ġenerali
A. BORG BARTHET, Imħallef
J. MALENOVSKÝ, Imħallef
E. LEVITS, Imħallef
E. SHARPSTON, Avukat Ġenerali
P. MENGOZZI, Avukat Ġenerali
Y. BOT, Avukat Ġenerali
J.-C. BONICHOT, Imħallef
A. ARABADJIEV, Imħallef
C. TOADER, Imħallef
M. SAFJAN, Imħallef
D. ŠVÁBY, Imħallef
E. JARAŠIŪNAS, Imħallef
C. G. FERNLUND, Imħallef
C. VAJDA, Imħallef
N. WAHL, Avukat Ġenerali
S. RODIN, Imħallef
F. BILTGEN, Imħallef
K. JÜRIMÄE, Imħallef
M. SZPUNAR, Avukat Ġenerali
C. LYCOURGOS, Imħallef
M. CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA, Avukat Ġenerali
H. Saugmandsgaard ØE, Avukat Ġenerali
M. BOBEK, Avukat Ġenerali
E. TANCHEV, Avukat Ġenerali

A. CALOT ESCOBAR, Reġistratur

## MIS-7 TA' OTTUBRU 2017 SAL-31 TA' DIĊEMBRU 2017

K. LENAERTS, President
A. TIZZANO, Viċi President
R. SILVA de LAPUERTA, President tal-Ewwel Awla
M. ILEŠIČ, President tat-Tieni Awla
L. BAY LARSEN, President tat-Tielet Awla
T. von DANWITZ, President tar-Raba' Awla
J. L. da CRUZ VILAÇA, President tal-Ħames Awla
M. WATHELET, Avukat Ġenerali Ewlieni
A. ROSAS, President tas-Seba' Awla
J. MALENOVSKÝ, President tat-Tmien Awla
E. LEVITS, President tal-Għaxar Awla
C. G. FERNLUND, President tas-Sitt Awla
C. VAJDA, President tad-Disa' Awla
J. KOKOTT, Avukat Ġenerali
E. JUHÁSZ, Imħallef
A. BORG BARTHET, Imħallef
E. SHARPSTON, Avukat Ġenerali
P. MENGOZZI, Avukat Ġenerali
Y. BOT, Avukat Ġenerali
J.-C. BONICHOT, Imħallef
A. ARABADJIEV, Imħallef
C. TOADER, Imħallef
M. SAFJAN, Imħallef
D. ŠVÁBY, Imħallef
M. BERGER, Imħallef
A. PRECHAL, Imħallef
E. JARAŠIŪNAS, Imħallef
N. WAHL, Avukat Ġenerali
S. RODIN, Imħallef
F. BILTGEN, Imħallef
K. JÜRIMÄE, Imħallef
M. SZPUNAR, Avukat Ġenerali
C. LYCOURGOS, Imħallef
M. CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA, Avukat Ġenerali
M. VILARAS, Imħallef
E. REGAN, Imħallef
H. Saugmandsgaard ØE, Avukat Ġenerali
M. BOBEK, Avukat Ġenerali
E. TANCHEV, Avukat Ġenerali

A. CALOT ESCOBAR, Reġistratur

## 3. EX MEMBRI TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

(skont l-ordni tad-dħul fil-kariga)

### IMĦALLFIN

Massimo PILOTTI, Imħallef (1952-1958), President minn 1952 sa 1958 (†)
Petrus SERRARENS, Imħallef (1952-1958) (†)
Otto RIESE, Imħallef (1952-1963) (†)
Louis DELVAUX, Imħallef (1952-1967) (†)
Jacques RUEFF, Imħallef (1952-1959 u 1960-1962) (†)
Charles Léon HAMMES, Imħallef (1952-1967), President minn 1964 sa 1967 (†)
Adrianus VAN KLEFFENS, Imħallef (1952-1958) (†)
Maurice LAGRANGE, Avukat Ġenerali (1952-1964) (†)
Karl ROEMER, Avukat Ġenerali (1953-1973) (†)
Rino ROSSI, Imħallef (1958-1964) (†)
Nicola CATALANO, Imħallef (1958-1962) (†)
Andreas Matthias DONNER, Imħallef (1958-1979), President minn 1958 sa 1964 (†)
Alberto TRABUCCHI, Imħallef (1962-1972), u mbagħad Avukat Ġenerali (1973-1976) (†)
Robert LECOURT, Imħallef (1962-1976), President minn 1967 sa 1976 (†)
Walter STRAUSS, Imħallef (1963-1970) (†)
Riccardo MONACO, Imħallef (1964-1976) (†)
Joseph GAND, Avukat Ġenerali (1964-1970) (†)
Josse J. MERTENS de WILMARS, Imħallef (1967-1984), President minn 1980 sa 1984 (†)
Pierre PESCATORE, Imħallef (1967-1985) (†)
Hans KUTSCHER, Imħallef (1970-1980), President minn 1976 sa 1980 (†)
Alain Louis DUTHEILLET DE LAMOTHE, Avukat Ġenerali (1970-1972) (†)
Henri MAYRAS, Avukat Ġenerali (1972-1981) (†)
Cearbhall O'DALAIGH, Imħallef (1973-1974) (†)
Max SØRENSEN, Imħallef (1973-1979) (†)
Jean-Pierre WARNER, Avukat Ġenerali (1973-1981) (†)
Alexander J. MACKENZIE STUART, Imħallef (1973-1988), President minn 1984 sa 1988 (†)
Gerhard REISCHL, Avukat Ġenerali (1973-1981) (†)
Aindrias O'KEEFFE, Imħallef (1974-1985) (†)
Francesco CAPOTORTI, Imħallef (1976), u mbagħad Avukat Ġenerali (1976-1982) (†)
Giacinto BOSCO, Imħallef (1976-1988) (†)
Adolphe TOUFFAIT, Imħallef (1976-1982) (†)
Thijmen KOOPMANS, Imħallef (1979-1990) (†)
Ole DUE, Imħallef (1979-1994), President minn 1988 sa 1994 (†)
Ulrich EVERLING, Imħallef (1980-1988)
Alexandros CHLOROS, Imħallef (1981-1982) (†)
Sir Gordon SLYNN, Avukat Ġenerali (1981-1988), u mbagħad Imħallef (1988-1992) (†)
Pieter VERLOREN van THEMAAT, Avukat Ġenerali (1981-1986) (†)
Simone ROZÈS, Avukat Ġenerali (1981-1984)
Fernand GRÉVISSE, Imħallef (1981-1982 u 1988-1994) (†)
Kai BAHLMANN, Imħallef (1982-1988) (†)

G. Federico MANCINI, Avukat Ġenerali (1982-1988), u mbagħad Imħallef (1988-1999) (†)
Yves GALMOT, Imħallef (1982-1988) (†)
Constantinos KAKOURIS, Imħallef (1983-1997) (†)
Carl Otto LENZ, Avukat Ġenerali (1984-1997)
Marco DARMON, Avukat Ġenerali (1984-1994) (†)
René JOLIET, Imħallef (1984-1995) (†)
Thomas Francis O'HIGGINS, Imħallef (1985-1991) (†)
Fernand SCHOCKWEILER, Imħallef (1985-1996) (†)
Jean MISCHO, Avukat Ġenerali (1986-1991 u 1997-2003) (†)
José Carlos de CARVALHO MOITINHO DE ALMEIDA, Imħallef (1986-2000)
José Luís da CRUZ VILAÇA, Avukat Ġenerali (1986-1988)
Gil Carlos RODRÍGUEZ IGLÉSIAS, Imħallef (1986-2003), President minn 1994 sa 2003
Manuel DIEZ DE VELASCO, Imħallef (1988-1994) (†)
Manfred ZULEEG, Imħallef (1988-1994) (†)
Walter VAN GERVEN, Avukat Ġenerali (1988-1994) (†)
Francis Geoffrey JACOBS, Avukat Ġenerali (1988-2006)
Giuseppe TESAURO, Avukat Ġenerali (1988-1998)
Paul Joan George KAPTEYN, Imħallef (1990-2000)
Claus Christian GULMANN, Avukat Ġenerali (1991-1994), u mbagħad Imħallef (1994-2006)
John L. MURRAY, Imħallef (1991-1999)
David Alexander Ogilvy EDWARD, Imħallef (1992-2004)
Antonio Mario LA PERGOLA, Imħallef (1994 u 1999-2006), Avukat Ġenerali (1995-1999) (†)
Georges COSMAS, Avukat Ġenerali (1994-2000)
Jean-Pierre PUISSOCHET, Imħallef (1994-2006)
Philippe LÉGER, Avukat Ġenerali (1994-2006)
Günter HIRSCH, Imħallef (1994-2000)
Michael Bendik ELMER, Avukat Ġenerali (1994-1997)
Peter JANN, Imħallef (1995-2009)
Hans RAGNEMALM, Imħallef (1995-2000) (†)
Leif SEVÓN, Imħallef (1995-2002)
Nial FENNELLY, Avukat Ġenerali (1995-2000)
Melchior WATHELET, Imħallef (1995-2003)
Dámaso RUIZ-JARABO COLOMER, Avukat Ġenerali (1995-2009) (†)
Romain SCHINTGEN, Imħallef (1996-2008)
Krateros IOANNOU, Imħallef (1997-1999) (†)
Siegbert ALBER, Avukat Ġenerali (1997-2003)
Antonio SAGGIO, Avukat Ġenerali (1998-2000) (†)
Vassilios SKOURIS, Imħallef (1999-2015), President minn 2003 sa 2015
Fidelma O'KELLY MACKEN, Imħallef (1999-2004)
Ninon COLNERIC, Imħallef (2000-2006)
Stig von BAHR, Imħallef (2000-2006)
José Narciso da CUNHA RODRIGUES, Imħallef (2000-2012)
Christiaan Willem Anton TIMMERMANS, Imħallef (2000-2010)
Leendert A. GEELHOED, Avukat Ġenerali (2000-2006) (†)
Christine STIX-HACKL, Avukat Ġenerali (2000-2006)
Luís Miguel POIARES PESSOA MADURO, Avukat Ġenerali (2003-2009)
Konrad Hermann Theodor SCHIEMANN, Imħallef (2004-2012)
Jerzy MAKARCZYK, Imħallef (2004-2009)

Pranas KŪRIS, Imħallef (2004-2010)
Georges ARESTIS, Imħallef (2004-2014)
Ján KLUČKA, Imħallef (2004-2009)
Uno LÕHMUS, Imħallef (2004-2013)
Aindrias Ó CAOIMH, Imħallef (2004-2015)
Pernilla LINDH, Imħallef (2006-2011)
Ján MAZÁK, Avukat Ġenerali (2006-2012)
Verica TRSTENJAK, Avukat Ġenerali (2006-2012)
Jean-Jacques KASEL, Imħallef (2008-2013)
Niilo JÄÄSKINEN, Avukat Ġenerali (2009-2015)
Pedro CRUZ VILLALÓN, Avukat Ġenerali (2009-2015)

## PRESIDENTI

Massimo PILOTTI (1952-1958) (†)
Andreas Matthias DONNER (1958-1964) (†)
Charles Léon HAMMES (1964-1967) (†)
Robert LECOURT (1967-1976) (†)
Hans KUTSCHER (1976-1980) (†)
Josse J. MERTENS DE WILMARS (1980-1984) (†)
Alexander John MACKENZIE STUART (1984-1988) (†)
Ole DUE (1988-1994) (†)
Gil Carlos RODRÍGUEZ IGLÉSIAS (1994-2003)
Vassilios SKOURIS (2003-2015)

## REĠISTRATURI

Albert VAN HOUTTE (1953-1982) (†)
Paul HEIM (1982-1988)
Jean-Guy GIRAUD (1988-1994)
Roger GRASS (1994-2010)





# KAPITOLU II
## IL-QORTI ĠENERALI

# A/ ATTIVITÀ TAL-QORTI ĠENERALI FL-2017

Mill-President Marc JAEGER

Is-sena 2017, wara l-bidliet numerużi u profondi li saru fl-2016 mal-ewwel żewġ fażijiet tal-implimentazzjoni tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea, kienet sena ta' stabbiltà relattiva.

Il-kompożizzjoni tal-Qorti Ġenerali għaddiet madankollu minn żewġ żviluppi, bid-dħul fis-servizz tal-Imħallfin C. Mac Eochaidh, fit-8 ta' Ġunju 2017, u G. De Baere, fl-4 ta' Ottubru 2017, rispettivament is-sitt u s-seba' Mħallef maħtura fuq il-bażi tat-tieni fażi tar-riforma (li kienet tipprevedi li x-xoljiment tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u t-trasferiment tal-kompetenza li jiddeċiedi, fl-ewwel istanza, it-tilwimiet bejn l-Unjoni u l-membri tal-persunal tagħha jkunu akkumpanjati mill-ħatra ta' seba' Mħallfin ġodda fil-Qorti Ġenerali [1]). Paradossalment, it-tieni fażi tar-riforma ġiet għalhekk konkluża qabel l-ewwel fażi tagħha (li kienet tipprevedi l-ħatra ta' tnax-il imħallef ġdid b'effett mill-25 ta' Diċembru 2015), li fil-kuntest tagħha għad irid jinħatar it-tnax-il Imħallef.

Fil-31 ta' Diċembru 2017, il-Qorti Ġenerali kienet għalhekk komposta mill-President, mill-Viċi President u minn 44 Imħallef ieħor, allokati għal waħda minn tmien awli komposti minn ħames Imħallfin jew għall-unika Awla komposta minn erba' Mħallfin (dawn l-awli huma lkoll normalment ikkostitwiti f'kulleġġi ġudikanti ta' tliet Imħallfin), fl-istennija tal-ħatra u tal-allokazzjoni tal-aħħar Imħallef li jaqa' taħt l-ewwel fażi tar-riforma. Flimkien ma' dawn id-disa' awli, l-Awla tal-Appelli, kompetenti sabiex tiddeċiedi l-appelli mressqa mid-deċiżjonijiet adottati mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku sad-data tax-xoljiment tiegħu fit-31 ta' Awwissu 2016, kompliet bl-attività tagħha. Hija għandha, probabbilment, tiġi fi tmiemha matul is-sena 2018, malli taqta' l-aħħar kawżi tal-appell li għadhom pendenti.

Barra minn hekk, is-sena 2017 tista' titqies li hija l-ewwel sena sħiħa li ppermettiet lill-qorti tittestja l-organizzazzjoni l-ġdida tagħha, intiża sabiex tippermettilha twettaq il-missjoni tagħha billi tfittex kontemporanjament li tilħaq diversi għanijiet ambizzjużi: il-ħeffa, il-kwalità, il-koerenza u, b'mod definittiv, l-awtorità tal-ġurisprudenza tagħha.

Fid-dawl tal-isfida li tirrappreżenta l-integrazzjoni ta' numru kbir ta' Mħallfin ġodda, ir-riżultat ta' din l-ewwel sena ta' implimentazzjoni effettiva tar-riforma jista' jitqies li huwa sodisfaċenti ħafna.

Il-bilanċ bejn in-numru ta' kawżi mressqa u n-numru ta' kawżi deċiżi huwa kważi milħuq (917-il kawża mressqa, 895 kawża deċiża [2]), u dan minkejja l-preżentata ta' grupp eċċezzjonalment kbir ta' kawżi konnessi fil-qasam bankarju u finanzjarju (ta' madwar mitt kawża). B'mod partikolari, il-produttività tal-qorti kellha żieda sinjifikattiva (+140 kawża deċiża b'paragun mas-sena 2016, jew +18.5 %), wara t-tnaqqis inevitabbli fir-ritmu ta' xogħol tal-qorti fil-kuntest tat-tiġdid triennali tagħha u tar-riorganizzazzjoni interna marbuta mar-riforma. Din il-produttività hija mistennija li tikber iktar fl-2018, sena li fiha l-qorti għandha tavviċina r-ritmu l-ġdid normali tax-xogħol tagħha.

B'mod partikolari, it-tul tal-proċeduri – indikatur ewlieni tal-prestazzjoni – kellu tnaqqis ġdid partikolarment kunsiderevoli, b'medja ta' 16.3 xhur fir-rigward tal-kawżi deċiżi b'sentenza jew digriet (jiġifieri –13 % b'paragun

1/ Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 341, p. 14), u Regolament (UE, Euratom) 2016/1192 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar it-trasferiment lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-ġurisdizzjoni fl-ewwel istanza f'tilwimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-persunal tagħha (ĠU 2016, L 200, p. 137).

2/ Dawn it-totali ma jinħdux inkunsiderazzjoni s-47 kawża ppreżentati u t-53 kawża deċiżi quddiem l-Imħallef għal miżuri provviżorji.

mas-sena 2016). B'hekk, ix-xejra osservata sa minn ħames snin ilu (–40 % mis-sena 2013) żdiedet b'mod sostanzjali, u dan fl-oqsma kontenzjużi kollha.

Fl-aħħar nett, għandu jiġi enfasizzat li n-numru ta' kawżi mibgħuta quddiem kulleġġ ġudikanti ta' ħames Imħallfin kellu żieda ċara (84 kawża mibgħuta, 29 fl-2016), li jikkostitwixxi waħda mill-manifestazzjonijiet tal-organizzazzjoni u tal-mod ta' funzjonament magħżula mill-qorti sabiex tfittex l-għan taż-żamma tal-kwalità li hija stabbilixxiet fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-riforma. B'hekk, fir-rigward tan-numru ta' kawżi ppreżentati, il-proporzjon ta' kawżi mibgħuta quddiem kulleġġ ġudikanti estiż kien viċin l-10 % fl-2017, li jikkuntrasta mal-medja ta' kawżi mibgħuta matul il-perijodu ta' qabel ir-riforma tal-arkitettura ġudzzjarja tal-Unjoni (mill-2010 sal-2015), li kienet madwar 1 %.

Għadu kmieni sabiex, minn din il-ftit statistika, jiġu dedotti konklużjonijiet definittivi dwar l-effetti li għandhom jirriżultaw fit-tmiem tal-implimentazzjoni tar-riforma, li l-aħħar fażi tagħha tibda fl-1 ta' Settembru 2019. Madankollu, huma juru r-rieda tal-Qorti Ġenerali li tieħu minnha, kemm jista' jkun malajr, il-frott kollu billi tippermetti li l-individwu jibbenefika mill-potenzjalitajiet kollha li hija toffri, għas-servizz ta' ġustizzja tal-Unjoni effikaċi, diliġenti u ta' kwalità.

# B/ ĠURISPRUDENZA TAL-QORTI ĠENERALI FL-2017

## TENDENZI FIL-ĠURISPRUDENZA TAL-QORTI ĠENERALI FL-2017

Mill-Viċi President Marc van DER WOUDE

Wieħed mill-avvenimenti kbar li mmarkaw l-evoluzzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali fl-2017 huwa r-reintegrazzjoni tal-kontenzjuż tas-servizz pubbliku Ewropew fl-ewwel istanza fi ħdan il-Qorti Ġenerali. Din il-ġurisdizzjoni miskuba mill-ġdid wasslet lill-Qorti Ġenerali sabiex tagħti iktar deċiżjonijiet li jikkonċernaw persuni fiżiċi, f'dan il-każ dawk impjegati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-metodi ta' kalkolu tar-remunerazzjoni li magħhom l-amministrazzjoni hija marbuta (sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, ***Bodson et vs BEI***, T-504/16 u T-505/16, EU:T:2017:603) jew, saħansitra, l-obbligi tal-amministrazzjoni meta din tiġi adita b'talba għal assistenza fil-qasam tal-fastidju psikoloġiku (sentenza tal-24 ta' April 2017, ***HF vs Il-Parlament***, T-584/16, EU:T:2017:282).

Madankollu, is-servizz pubbliku ma huwiex biss l-uniku kontenzjuż li fih il-Qorti Ġenerali hija msejħa tiggarantixxi protezzjoni ġudizzjarja tal-interessi tal-persuni fiżiċi. Din il-protezzjoni hija meħtieġa wkoll f'oqsma oħra, bħalma huwa dak tal-miżuri restrittivi adottati mill-Unjoni. B'hekk, il-Qorti Ġenerali kompliet bl-istħarriġ tagħha tal-miżuri imposti mill-Unjoni, b'mod partikolari dawk adottati fuq il-bażi ta' proċeduri kriminali mibdija fi Stati terzi, bħat-Tuneżija jew l-Ukraina, kontra persuni fiżiċi akkużati b'miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi (sentenza tat-7 ta' Lulju 2017, Azarov vs Il-Kunsill, T-215/15, taħt appell [1], EU:T:2017:479). Kwistjonijiet dwar il-protezzjoni ġudizzjarja ta' persuni fiżiċi jitqajmu wkoll f'kawżi li jistgħu jaffettwaw lil kull ċittadin tal-Unjoni, bħall-kawżi dwar id-dritt ta' aċċess għal dokumenti bbażat fuq ir-Regolament Nru 1049/2001 [2] jew dawk dwar il-proposti ta' inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej. Fir-rigward ta' dawn tal-aħħar, il-Qorti Ġenerali, minn naħa, ippreċiżat li dawn setgħu jiġu estiżi għal atti marbuta man-negozjar ta' ftehimiet internazzjonali (sentenza tat-10 ta' Mejju 2017, ***Efler et vs Il-Kummissjoni***, T-754/14, EU:T:2017:323), u, min-naħa l-oħra, enfasizzat in-neċessità li l-Kummissjoni timmotiva b'mod korrett id-deċiżjonijiet tagħha li jirrifjutaw l-għoti ta' tweġiba favorevoli (sentenza tat-3 ta' Frar 2017, ***Minority SafePack – one million signatures for diversity in Europe vs Il-Kummissjoni***, T-646/13, EU:T:2017:59).

Wieħed jista' jikkonstata, sussegwentement, li l-kontenzjuż tal-Qorti Ġenerali jkompli jiddiversifika ruħu fil-qasam tad-dritt ekonomiku. Mhux talli ma huwiex limitat biss għad-dritt tal-kompetizzjoni, talli evolva b'mod partikolari skont il-kompetenzi mogħtija lid-diversi istituzzjonijiet u aġenziji tal-Unjoni responsabbli għall-approfondiment tas-suq intern u tal-politika monetarja. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali setgħet b'hekk tkompli, pereżempju, bl-iżvilupp tal-ġurisprudenza tagħha fil-qasam bankarju billi speċifikat il-parametri tas-superviżjoni prudenti eżerċitata mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), fid-dawl tal-għanijiet tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni, li hija intiża b'mod partikolari li tagħti lill-BĊE stampa tar-riskji kollha li jistgħu jaffettwaw istituzzjoni ta' kreditu u kif ukoll li tevita frammentazzjoni tas-superviżjoni prudenti bejn il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali (sentenzi tas-16 ta' Mejju 2017,

1/ Kawża C-530/17 P, ***Azarov vs Il-Kunsill.***

2/ Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

***Landeskreditbank Baden-Württemberg vs BĊE***, T-122/15, taħt appell [3], EU:T:2017:337, u tat-13 ta' Diċembru 2017, ***Crédit mutuel Arkéa vs BĊE***, T-52/16, EU:T:2017:902). Wieħed jikkonstata wkoll żieda fil-kontenzjuż fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet fejn ngħataw diversi deċiżjonijiet dwar dan it-tip ta' operazzjonijiet, li għandhom it-tendenza li jsegwu ċikli ekonomiċi (sentenzi tal-7 ta' Marzu 2017, ***United Parcel Service vs Il-Kummissjoni***, T194/13, taħt appell [4], EU:T:2017:144; tas-26 ta' Ottubru 2017, ***Marine Harvest vs Il-Kummissjoni***, T-704/14, taħt appell [5], EU:T:2017:753, u tas-26 ta' Ottubru 2017, ***KPN vs Il-Kummissjoni***, T-394/15, mhux ippubblikata, EU:T:2017:756). Barra minn hekk, jidher li l-kumplessità ta' kawżi li jinvolvu evalwazzjonijiet ta' natura ekonomika twassal għal tisħiħ tal-kontroll tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża. B'mod partikolari, ġie kkunsidrat li r-rispett ta' dawn id-drittijiet jirrikjedi li l-partijiet ikkonċernati minn operazzjoni ta' konċentrazzjoni setgħu jsostnu l-fehma tagħhom fuq il-mudell ekonometriku li l-Kummissjoni użat għall-finijiet tad-deċiżjoni tagħha (sentenza tas-7 ta' Marzu 2017, ***United Parcel Service vs Il-Kummissjoni***, T-194/13, taħt appell [6], EU:T:2017:144).

Fl-aħħar nett, kwistjoni importanti ta' natura trasversali, li kienet partikolarment evidenti f'diversi kategoriji tal-kontenzjuż tal-Qorti Ġenerali fl-2017, hija dik dwar l-osservanza tat-terminu raġonevoli fil-proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji.

Fir-rigward tal-osservanza ta' dan it-terminu bħala prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, il-Qorti Ġenerali fakkret il-ġurisprudenza li tipprovdi li talba għal għajnuna fil-każ ta' fastidju għandha tiġi ttrattata b'ħeffa (sentenza tal-24 ta' April 2017, ***HF vs Il-Parlament***, T-584/16, EU:T:2017:282). Hija ppreċiżat ukoll li l-motivazzjoni ta' deċiżjoni li ma jiġix promoss uffiċjal għandha tingħata mhux iktar tard mill-mument taċ-ċaħda tal-ilment tiegħu u li n-nuqqas ta' osservanza ta' dan l-obbligu ta' motivazzjoni jista' jwassal għal stat ta' inċertezza u ta' frustrazzjoni li jiġġustifika l-għoti ta' kumpens (sentenza tat-26 ta' Ottubru 2017, ***Paraskevaidis vs Cedefop***, T-601/16, EU:T:2017:757). Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni ma osservatx il-prinċipju ta' terminu raġonevoli billi ħadet iktar minn disa' xhur - perijodu applikabbli skont ir-regoli l-antiki - sabiex teżamina mill-ġdid talba għall-maħfra tad-dazji fuq l-importazzjoni, wara li l-Qorti Ġenerali annullat deċiżjoni preċedenti ta' ċaħda ta' din it-talba (sentenza tal-11 ta' Diċembru 2017, ***Léon Van Parys vs Il-Kummissjoni***, T125/16, EU:T:2017:884). Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali qieset li l-ksur tat-terminu raġonevoli mill-awtoritajiet Tuneżini, fil-kuntest tal-proċedura ġudizzjarja li fuqha kienet ibbażata d-deċiżjoni tal-Kunsill li jżomm isem ir-rikorrent fil-lista ta' persuni suġġetti għal miżuri restrittivi, ma kienx neċessarjament jaffettwa l-legalità ta' din id-deċiżjoni, filwaqt li ppreċiżat madankollu li tali ksur jista' possibbilment jeħtieġ li l-Kunsill iwettaq verifiki neċessarji (sentenza tas-5 ta' Ottubru 2017, ***Mabrouk vs IlKunsill***, T-175/15, EU:T:2017:694).

Fir-rigward tal-osservanza tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli mill-qrati tal-Unjoni, il-Qorti Ġenerali ċċarat, f'sensiela ta' ħames sentenzi (sentenzi tal-10 ta' Jannar 2017, ***Gascogne Sack Deutschland u Gascogne vs L-Unjoni Ewropea***, T-577/14, taħt appell [7], EU:T:2017:1; tal-1 ta' Frar 2017, ***Aalberts Industries vs L-Unjoni Ewropea***, T-725/14, EU:T:2017:47; tal-1 ta' Frar 2017, ***Kendrion vs L-Unjoni Ewropea***, T-479/14, taħt appell [8], EU:T:2017:48; tas-17 ta' Frar 2017, ***ASPLA***

**3/** Kawża C-450/17 P, ***Landeskreditbank Baden-Württemberg***.

**4/** Kawża C-265/17 P, ***Il-Kummissjoni vs United Parcel Service.***

**5/** Kawża C-10/18 P, ***Marine Harvest vs Il-Kummissjoni***.

**6/** Kawża C-265/17 P, ***Il-Kummissjoni vs United Parcel Service***.

**7/** Kawża C-138/17 P, ***L-Unjoni Ewropea vs Gascogne Sack Deutschland u Gascogne u Kawża*** C-146/17 P, ***L-Unjoni Ewropea vs Gascogne Sack Deutschland u Gascogne***.

**8/** Kawża C-150/17 P, ***L-Unjoni Ewropea vs Kendrion.***

***u Armando Álvarez vs L-Unjoni Ewropea***, T-40/15, taħt appell [9], EU:T:2017:105, u tas-7 ta' Ġunju 2017, ***Guardian Europe vs L-Unjoni Ewropea***, T-673/15, taħt appell [10], EU:T:2017:377), il-kunċett ta' terminu eċċessiv tal-proċedura ġudizzjarja fil-qasam tad-dritt tal-akkordji u spjegat iċ-ċirkustanzi li fihom il-ksur ta' dan il-kunċett jista' jwassal għar-responsabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Hija qieset, b'mod partikolari, li tali ksur jista' jagħti lok għal dannu materjali li jikkorrispondi għall-ispejjeż ta' kostituzzjoni ta' garanzija bankarja għall-perijodu lil hinn minn dak li jista' jitqies li huwa raġonevoli kif ukoll għal dannu immaterjali li jirriżulta minn sitwazzjoni ta' inċertezza inabitwalment twila.

# I. PROĊEDURA ĠUDIZZJARJA

Fl-2017, il-Qorti Ġenerali kellha l-okkażjoni tippronunzja ruħha, b'mod partikolari, fuq il-portata tal-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni Ewropea u fuq il-kunċett ta' att li jista' jiġi kkontestat. Hija ppreċiżat ukoll il-kundizzjonijiet dwar ir-rappreżentanza ta' parti minn avukat.

## 1. ĠURISDIZZJONI TAL-QORTI TAL-UNJONI

Fil-kawżi li taw lok għad-digrieti tat-28 ta' Frar 2017, ***NF vs Il-Kunsill Ewropew*** (T-192/16, taħt appell [11], EU:T:2017:128), tat-28 ta' Frar 2017, ***NG vs Il-Kunsill Ewropew*** (T-193/16, taħt appell [12], EU:T:2017:129), u tat-28 ta' Frar 2017, ***NM vs Il-Kunsill Ewropew*** (T-257/16, taħt appell [13], EU:T:2017:130), il-Qorti Ġenerali ntalbet tippronunzja ruħha fuq ir-rikorsi ppreżentati minn tliet applikanti għal ażil kontra l-ftehim li ġie allegatament konkluż bejn il-Kunsill Ewropew u r-Repubblika tat-Turkija, fit-18 ta' Marzu 2016, sabiex tiġi indirizzata l-kriżi migratorja kkawżata mis-sitwazzjoni fis-Sirja. Skont ir-rikorrenti, dan il-ftehim, immaterjalizzat f'"Dikjarazzjoni UE-Turkija" [14] li ġiet adottata fl-istess data u li kienet is-suġġett ta' stqarrija għall-istampa tal-Kunsill Ewropew, kien ġie konkluż bi ksur tar-regoli tat-Trattat FUE dwar il-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali mill-Unjoni.

B'deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni ta' inkompetenza mqajma mill-Kunsill Ewropew prinċipalment fuq il-bażi tal-Artikolu 130 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha u filwaqt li fakkret li l-imsemmija eċċezzjoni ta' nuqqas ta' inkompetenza għandha tiġi eżaminata qabel l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-konvenut sussidjarjament, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, formalment, ir-rikorrenti kienu qed jitolbu l-annullament ta' ftehim internazzjonali. Madankollu, il-Qorti Ġenerali spjegat li l-istħarriġ tal-legalità mill-Qorti tal-Unjoni tal-atti li jaqgħu taħt id-dritt internazzjonali tat-trattati jista' jirrigwarda biss l-att li permezz tiegħu istituzzjoni tkun riedet tikkonkludi l-allegat ftehim internazzjonali inkwistjoni, u mhux dan tal-aħħar bħala tali. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali interpretat it-talbiet tar-rikorrenti

**9/** Kawża C-174/17 P, ***ASPLA u Armando Álvarez vs L-Unjoni Ewropea u Kawża*** C-222/17 P, ***ASPLA u Armando Álvarez vs L-Unjoni Ewropea.***

**10/** Kawża C-447/17 P, ***Guardian Europe vs L-Unjoni Ewropea u Kawża*** C-479/17 P, ***Guardian Europe vs L-Unjoni Ewropea.***

**11/** Kawża C-208/17 P, ***NF vs Il-Kunsill Ewropew.***

**12/** Kawża C-209/17 P, ***NG vs Il-Kunsill Ewropew.***

**13/** Kawża C-210/17 P, ***NM vs Il-Kunsill Ewropew.***

**14/** Dikjarazzjoni intiża sabiex tillustra r-riżultati "[tat-]tielet laqgħa minn Novembru 2015 'il hawn iddedikata lill-approfondiment tar-relazzjonijiet bejn it-Turkija u l-UE kif ukoll lill-indirizzar tal-kriżi tal-migrazzjoni" bejn "il-Membri tal-Kunsill Ewropew" u "[l]-kontroparti Torka tagħhom".

bħala li huma intiżi, essenzjalment, għal-annullament ta' att li permezz tiegħu l-Kunsill Ewropew ried jikkonkludi, f'isem l-Unjoni, ftehim mar-Repubblika tat-Turkija, fit-18 ta' Marzu 2016.

Issa, wara l-eżami tal-kontenut tad-"Dikjarazzjoni UE-Turkija" u taċ-ċirkustanzi li fihom saret din id-dikjarazzjoni, il-Qorti Ġenerali qieset li din ma tikkostitwixxix att tal-Kunsill Ewropew – jew att ta' istituzzjoni oħra tal-Unjoni – li permezz tiegħu dan kellu l-intenzjoni li jikkonkludi ftehim mar-Repubblika tat-Turkija. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, minkejja l-kliem sfortunatament ambigwu tad-"Dikjarazzjoni UE-Turkija" hekk kif ikkomunikata permezz tal-istqarrija għall-istampa inkwistjoni, huwa fil-kapaċità tagħhom ta' kapijiet ta' Stat jew ta' gvern tal-imsemmija Stati Membri li r-rappreżentanti ta' dawn l-Istati Membri ltaqgħu mal-Prim Ministru Tork fit-18 ta' Marzu 2016 fil-bini użat mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, laqgħa li wasslet għall-adozzjoni tad-"Dikjarazzjoni UE-Turkija". Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li hemm lok li tintlaqa' l-eċċezzjoni ta' inkompetenza mqajma mill-Kunsill Ewropew.

## 2. KUNĊETT TA' ATT LI JISTA' JIĠI KKONTESTAT

Fil-kawża li wasslet għad-digriet tal-11 ta' Ottubru 2017, ***Guardian Glass España, Central Vidriera vs Il-Kummissjoni*** (T-170/16, EU:T:2017:722), il-Qorti Ġenerali kienet meħtieġa tippronunzja ruħha dwar talba intiża għall-annullament tad-deċiżjoni li kienet tinsab f'dokument mibgħut mill-Kummissjoni Ewropea lill-awtoritajiet Spanjoli. L-imsemmi dokument kien jikkonċerna l-evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni fir-rigward tal-allegazzjonijiet li r-rikorrenti kienet għamlet quddiem l-imsemmija awtoritajiet fir-rigward tal-kompatibbiltà mas-suq intern tal-għajnuna mill-Istat li hija kienet irċeviet fil-forma ta' krediti tat-taxxa. Il-kawża taqa' fil-kuntest tal-irkupru, mill-awtoritajiet Spanjoli, ta' għajnuna mill-Istat imħallsa fil-forma ta' krediti tat-taxxa, taħt skema ta' għajnuna ddikjarata illegali mill-Kummissjoni. Fid-deċiżjoni li tikkonstata din l-illegalità, il-Kummissjoni kienet ippreċiżat li l-evalwazzjoni tagħha kienet tirrigwarda l-iskema ta' għajnuna u kienet "bla ħsara għall-possibbiltà li għajnuna individwali tiġi kkunsidrata, totalment jew parzjalment, bħala kompatibbli mas-suq komuni abbażi tal-karatteristiċi speċifiċi tagħha, sew jekk fil-kuntest ta' deċiżjoni ulterjuri tal-Kummissjoni sew jekk b'applikazzjoni tar-regoli ta' eżenzjoni". Kien intbagħat ordni ta' rkupru lir-rikorrenti mill-awtoritajiet Spanjoli wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Il-Qorti Ġenerali qieset li l-att ikkontestat ma jipproduċix effetti ġuridiċi vinkolanti ta' natura li jaffettwaw l-interessi tar-rikorrenti billi jbiddlu b'mod sostanzjali l-pożizzjoni legali tagħha u, għalhekk, ma setax ikun is-suġġett ta' rikors għal annullament.

Sabiex tasal għal din il-konklużjoni, il-Qorti Ġenerali fakkret qabelxejn li, meta l-Kummissjoni tkun fil-preżenza ta' skema ta' għajnuna, hija tista', kif għamlet f'dan il-każ, tippronunzja ruħha dwar il-karatteristiċi ġenerali tal-iskema inkwistjoni mingħajr ma teżamina kull każ ta' applikazzjoni partikolari. Huwa l-Istat Membru kkonċernat li għandu jivverifika s-sitwazzjoni individwali ta' kull impriża msemmija fl-operazzjoni ta' rkupru meta jeżegwixxi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Fil-każ li jiltaqa' ma' diffikultajiet imprevisti u imprevedibbli huwa u jagħmel dan, l-Istat Membru għandu jikkuntattja lill-Kummissjoni skont l-obbligu ta' kooperazzjoni leali. Fir-rigward tal-ittri tal-Kummissjoni mibgħuta lill-awtoritajiet nazzjonali fil-kuntest ta' dawn l-iskambji, dawn kienu nieqsa minn kull natura vinkolanti, peress li sempliċement esprimew l-opinjonijiet tagħha dwar in-natura aċċettabbli, fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, tal-miżuri ta' implimentazzjoni proposti mill-Istat Membru kkonċernat, fid-dawl tad-diffikultajiet li ltaqa' magħhom.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li s-suġġett tal-iskambji bejn l-awtoritajiet Spanjoli u l-Kummissjoni, kif jirriżulta mill-att ikkontestat, jaqa' fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna illegali. Fil-fatt, fl-istadju tal-irkupru tal-għajnuna, l-awtoritajiet Spanjoli eżaminaw jekk il-kundizzjoni marbuta mal-effett ta' inċentiv tal-imsemmija għajnuna kinitx issodisfatta fir-rigward tal-għajnuna mħallsa lir-rikorrenti u, f'dan il-kuntest, staqsew lill-Kummissjoni dwar kif għandha tiġi interpretata din il-kundizzjoni stipulata fl-imsemmija deċiżjoni. Issa, kien sabiex iwieġeb għal din il-mistoqsija, billi jipprovdilhom informazzjoni dwar kif għandu jiġi interpretat

ir-rekwiżit ta' effett ta' inċentiv, li l-awtur tal-att ikkontestat kien irrediġa dan l-att u kkomunikah lill-awtoritajiet Spanjoli.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tar-rikorrenti li billi r-Renju ta' Spanja kien innotifika l-għajnuna, il-Kummissjoni kellha tippronunzja ruħha dwar il-kompatibbiltà ta' din l-għajnuna bl-adozzjoni ta' deċiżjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset li l-kontenut tal-iskambji li saru bejn l-awtoritajiet Spanjoli u l-Kummissjoni jindika li dawn l-awtoritajiet kienu jixtiequ jiksbu informazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni sabiex iwieġbu, fit-talbiet li huma kellhom iressqu quddiem il-qrati Spanjoli, għall-mistoqsijiet ta' ċerti benefiċjarji li kkontestaw l-ordnijiet ta' rkupru, mingħajr madankollu ma kellha din l-azzjoni tagħhom tiġi analizzata bħala li tikkostitwixxi notifika ta' għajnuna mogħtija lir-rikorrenti, notifika li kienet timplika li l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 659/1999 [15]. Fl-aħħar nett, il-Qori Ġenerali speċifikat li l-perċezzjoni li setgħu kellhom l-awtoritajiet Spanjoli tal-effeti legali prodotti mill-att ikkontestat, jekk jitqies li din il-perċezzjoni ġiet stabbilita, ma tistax isservi sabiex tiġi evalwata l-ammissibbiltà tar-rikors kontra dan l-att.

## 3. RAPPREŻENTANZA MINN AVUKAT LI MA GĦANDUX IL-KWALITÀ TA' TERZ

Fil-kawża li wasslet għad-digriet tal-20 ta' Novembru 2017, ***BikeWorld vs Il-Kummissjoni*** (T-702/15, EU:T:2017:834), il-Qorti Ġenerali ntalbet tippronunzja ruħha dwar rikors intiż għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li kkonstatat l-eżistenza ta' għajnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern, implimentata mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja favur il-korsa tat-tlielaq ta' vetturi bil-mutur Nürburgring. Mingħajr ma qajmet formalment eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, il-Kummissjoni invokat eċċezzjoni ta' inammissibbiltà minħabba li r-rikors ma kienx iwieġeb għar-rekwiżiti tal-Artikoli 19 u 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, sa fejn l-avukat li kien jirrappreżenta lir-rikorrenti kien wieħed miż-żewġ assoċjati tagħha u, għaldaqstant, ma kienx indipendenti minnha. Fuq dan il-punt, ir-rikorrenti sostniet li, fil-mument tal-preżentata tar-rikors, ir-rappreżentant tagħha kien involut fir-rigward tagħha biss sa fejn huwa kellu 10 % tal-kapital tagħha, iżda ma kellu ebda rwol fil-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja u kien jirrappreżentaha biss fil-kwalità tiegħu ta' avukat u mhux ta' assoċjat.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li, sabiex tiġi adita b'rikors, il-partijiet, minbarra l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-Istati Partijiet għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) [16] minbarra l-Istati Membri u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles (EFTA) prevista mill-imsemmi ftehim, ma humiex awtorizzati jaġixxu waħedhom, iżda għandhom jużaw is-servizzi ta' terz li għandu jkun awtorizzat jipprattika quddiem qorti ta' Stat Membru jew ta' Stat parti għall-Ftehim dwar iż-ŻEE. Il-Qorti Ġenerali fakkret li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-essenza ta' din il-kundizzjoni ta' rappreżentanza minn terz hija, minn naħa, li jiġi preklużli l-partijiet privati jaġixxu huma stess fi proċeduri ġudizzjarji mingħajr ma jirrikorru għal intermedjarju u, min-naħa l-oħra, li jiġi żgurat li l-persuni ġuridiċi jiġu difiżi minn rappreżentant li jkun suffiċjentement distakkat mill-persuna ġuridika li huwa jirrappreżenta.

Fid-dawl ta' dawn il-kriterji, il-Qorti Ġenerali qieset li r-rabtiet personali li l-avukat tar-rikorrenti kellu, fil-mument tal-preżentata tar-rikors, mar-rikorrenti u mal-kawża, b'mod partikolari l-fatt li huwa kien akkwista 10 % tal-kapital tar-rikorrenti u li kien, minn dakinhar, wieħed mill-uniċi żewġ membri ta' din tal-aħħar, kienu ta' natura tali li setgħu joħolqu r-riskju li dan ma jkunx f'pożizzjoni li jwettaq ir-rwol essenzjali ta' awżiljarju tal-ġustizzja bl-iktar mod

**15/** Regolament (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

**16/** Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU 1994, L 1, p. 3).

xieraq. Skont il-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti u l-avukat tagħha ma ssottomettew ebda element, b'mod partikolari b'risposta għall-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni, li kien jippermetti li l-eżistenza ta' tali riskju fiċ-ċirkustanzi tal-kawża ineżami titwarrab.

Il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-avukat tar-rikorrenti kellu, fil-mument tal-preżentata tar-rikors, rabtiet personali ma' din tal-aħħar u mal-kawża li jimplikaw li ma kienx suffiċjentement distakkat mir-rikorrenti sabiex ikun jista' jirrappreżentaha b'indipendenza sħiħa, fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u ċaħdet ir-rikors bħala inammissibbli.

# II. DRITT ISTITUZZJONALI

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tat-3 ta' Frar 2017, ***Minority SafePack – one million signatures for diversity in Europe vs IlKummissjoni*** (T-646/13, EU:T:2017:59), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li kienet ċaħdet it-talba għar-reġistrazzjoni ta' proposta ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (IĊE), li l-għan tagħha kien li tistieden lill-Unjoni ttejjeb il-protezzjoni ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali u lingwistiċi u li ssaħħaħ id-diversità kulturali u lingwistika fl-Unjoni. Fl-anness tagħha, il-proposta semmiet ħdax-il qasam li fihom proposti ta' atti għandhom jiġu redatti mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u tat, għal dan il-għan, indikazzjonijiet preċiżi dwar it-tipi ta' atti li għandhom jiġu adottati, il-kontenut ta' dawn l-atti u l-bażijiet legali korrispondenti fit-Trattat FUE. Fid-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni qieset li ċerti atti mitluba setgħu, ikkunsidrati individwalment, jaqgħu fil-qafas tas-setgħat li bis-saħħa tagħhom hija setgħet tippreżenta proposti għal att legali tal-Unjoni, sabiex imbagħad hija ddeduċiet li r-reġistrazzjoni kellha tiġi rrifjutata fl-intier tagħha minħabba li r-Regolament (UE) Nru 211/2011 [17] ma kienx jipprevedi r-reġistrazzjoni parzjali ta' proposta ta' IĊE.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li ċ-ċittadin li jkun ippreżenta proposta ta' IĊE għandu jitqiegħed f'pożizzjoni li jifhem ir-raġunijiet għalfejn din ma tkunx ġiet irreġistrata mill-Kummissjoni. Għalhekk, hija l-Kummissjoni li, adita b'tali proposta, għandha tevalwaha, iżda wkoll li tispeċifika d-diversi raġunijiet tad-deċiżjoni ta' rifjut fid-dawl tal-impatt tagħha fuq l-eżerċizzju effettiv tad-dritt taċ-ċittadini li jippreżentaw proposta ta' IĊE. Issa, fid-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni naqset milli b'xi mod tidentifika liema mill-ħdax-il proposta ta' atti legali msemmija fl-anness tal-proposta ta' IĊE manifestament ma kinux, fl-opinjoni tagħha, jaqgħu fil-qafas tas-setgħat li bis-saħħa tagħhom hija kienet awtorizzata tressaq proposta għal att legali tal-Unjoni u milli tipprovdi kwalunkwe motivazzjoni insostenn ta' din l-evalwazzjoni, minkejja l-indikazzjonijiet preċiżi mogħtija mill-organizzaturi dwar it-tip ta' att propost kif ukoll il-bażijiet legali rispettivi u l-kontenut ta' dawn l-atti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni, fi kwalunkwe każ, ma qegħditx lill-organizzaturi f'pożizzjoni li jidentifikaw dawk il-proposti fformulati fl-anness tal-proposta ta' IĊE li, fl-opinjoni tagħha, jeċċedu l-qafas tas-setgħat tagħha u li jkunu jafu r-raġunijiet li wasslu għal din l-evalwazzjoni. Għaldaqstant, l-organizzaturi kienu ġew preklużi milli jikkontestaw il-fondatezza tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, bl-istess mod li l-Qorti Ġenerali hija prekluża milli teżerċita l-istħarriġ tagħha dwar il-legalità ta' din tal-aħħar.

Minn dan, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, mingħajr lanqas ma huwa neċessarju li jiġi ddeterminat jekk il-Kummissjoni kellhiex, barra minn hekk, tesponi r-raġunijiet insostenn tal-interpretazzjoni tagħha li kienet tgħid li proposta ta' IĊE ma tistax tiġi rreġistrata jekk parti mill-miżuri proposti ma taqax taħt is-setgħat tagħha, id-deċiżjoni kkontestata kienet ivvizzjata minn insuffiċjenza ta' motivazzjoni u kellha, konsegwentement, tiġi annullata.

**17/** Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (ĠU 2011, L 65, p. 1).

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-10 ta' Mejju 2017, ***Efler et vs Il-Kummissjoni*** (T-754/14, EU:T:2017:323), il-Qorti Ġenerali ntalbet teżamina l-legalità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ċaħdet it-talba għal reġistrazzjoni ta' proposta ta' IĊE intitolata "Stop TTIP", li l-għan tagħha kien li tistieden lill-Kummissjoni tirrakkomanda lill-Kunsill jannulla l-mandat mogħti lilha sabiex tinnegozja s-"Sħubija Trans-Atlantika fil-qasam tal-Kummerċ u tal-Investimenti" [18] u, b'mod definittiv, li tastjeni milli tikkonkludi l-"Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv" [19]. B'hekk, din il-kawża qajmet il-kwistjoni ġdida dwar jekk proposta ta' IĊE tistax tirrigwarda att li permezz tiegħu l-Kunsill jiddeċiedi li jirtira mandat ta' negozjar favur il-Kummissjoni għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali ma' pajjiż terz u att li permezz tiegħu l-Kunsill jiddeċiedi li ma jawtorizzax l-iffirmar ta' tali ftehim jew li ma jikkonkludihx. Fid-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni sostniet li proposta ta' IĊE ma setgħetx tirrigwarda tali atti. Hija invokat, minn naħa, in-natura preparatorja u l-assenza ta' effetti legali esterni għall-istituzzjonijiet tal-att tal-ftuħ tan-negozjati fid-dawl tal-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali u, min-naħa l-oħra, il-fatt li l-atti legali li l-adozzjoni tagħhom kienu qed jiġu proposti ma kinux neċessarji "għall-għan ta' implimentazzjoni tat-Trattati".

Filwaqt li ċaħdet it-teżi tal-Kummissjoni, fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali qieset li l-kunċett ta' att legali, fis-sens tal-Artikolu 11(4) TUE, tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 211/2011 u tal-Artikolu 4(2)(b) tal-istess regolament ma jistax, fl-assenza ta' kwalunkwe indikazzjoni kuntrarja, jinftiehem bħala li huwa limitat unikament għall-atti legali tal-Unjoni definittivi u li jipproduċu effetti legali fir-rigward ta' terzi. Fil-fatt, skont il-Qorti Ġenerali, la l-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni u lanqas l-għanijiet li għandhom jintlaħqu minnhom ma jiġġustifikaw b'mod partikolari li deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati fid-dawl tal-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali, meħuda skont l-Artikolu 207(3) u (4) TFUE u l-Artikolu 218 TFUE u li tikkostitwixxi manifestament deċiżjoni fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, tiġi eskluża mill-kunċett ta' att legali għall-finijiet ta' IĊE. Għall-kuntrarju, il-Qorti Ġenerali osservat li l-prinċipju ta' demokrazija, kif ukoll l-għan speċifikament imfittex bil-mekkaniżmu tal-IĊE, li huwa t-titjib tal-funzjonament demokratiku tal-Unjoni, jirrikjedu li tingħata interpretazzjoni tal-kunċett ta' att legali li tinkludi atti legali bħal deċiżjoni ta' ftuħ ta' negozjati fid-dawl tal-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali, li huwa inkontestabbilment intiż li jibdel l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Skont il-Qorti Ġenerali, it-teżi li kienet tgħid li l-Kunsill u l-Kummissjoni jgawdu minn leġittimità demokratika indiretta suffiċjenti sabiex jadottaw l-atti legali li ma jwasslux għal effetti legali fir-rigward ta' terzi għandha bħala konsegwenza li jiġi llimitat kunsiderevolment l-użu tal-mekkaniżmu tal-IĊE bħala strument ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni fl-attività normattiva tagħha fuq il-bażi tal-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali. Barra minn hekk, skont il-Qorti Ġenerali, deċiżjoni ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni ta' ftuħ ta' negozjati fid-dawl tal-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali, sa fejn hija ttemm lil dawn tal-aħħar, ma tistax tiġi kklassifikata bħala att preparatorju, iżda hija, fiha nnifisha, ta' natura definittiva.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali qieset li l-leġiżlazzjoni relatata mal-IĊE ma tinkludi ebda indikazzjoni li l-parteċipazzjoni ta' ċittadini ma tistax tiġi maħsuba sabiex tiġi prekluża l-adozzjoni ta' att legali. Ċertament, għalkemm, konformement mal-Artikolu 11(4) TUE u mal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 211/2011, l-att legali maħsub għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tat-Trattati, dan japplika tassew fil-każ tal-atti li jkollhom l-għan li jipprekludu l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, li huma intiżi li jbiddlu l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-għan ta' parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika tal-Unjoni mfittex bil-mekkaniżmu tal-IĊE jinkludi manifestament il-possibbiltà li tintalab l-emenda tal-atti legali fis-seħħ jew l-irtirar tagħhom, totalment jew parzjalment. Għalhekk, xejn ma jiġġustifika, lanqas, li jiġu esklużi mid-dibattitu demokratiku

18/ B'deċiżjoni tal-14 ta' Ġunju 2013, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Istati Uniti tal-Amerka fid-dawl tal-konklużjoni ta' ftehim ta' kummerċ ħieles, imsejjaħ "Sħubija Trans-Atlantika fil-qasam tal-Kummerċ u tal-Investimenti" (Transatlantic Trade and Investment Partnership (TTIP)).

19/ B'deċiżjoni tas-27 ta' April 2009, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Kanada fid-dawl tal-konklużjoni ta' ftehim ta' kummerċ ħieles, imsejjaħ "Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv" (Comprehensive Economic and Trade Agreement (CETA)).

l-atti legali intiżi għall-irtirar ta' deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati fid-dawl tal-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali u l-atti intiżi li jipprekludu l-iffirmar u l-konklużjoni ta' tali ftehim. Kuntrarjament għat-teżi difiża mill-Kummissjoni, dawn l-atti jipproduċu inkontestabbilment effetti legali awtonomi billi jipprekludu, skont il-każ, emenda mħabbra tad-dritt tal-Unjoni. Xejn ma jiġġustifika li l-awturi ta' proposta ta' IĊE jiġu obbligati jistennew il-konklużjoni ta' ftehim sabiex ikunu jistgħu sussegwentement jikkontestaw biss l-idoneità tiegħu.

Barra minn hekk, skont il-Qorti Ġenerali, mhux talli l-proposta ta' IĊE ma tirrappreżentax interferenza fl-iżvolġiment ta' proċedura leġiżlattiva fis-seħħ, iżda tikkostitwixxi espressjoni tal-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini tal-Unjoni fil-ħajja demokratika tagħha, mingħajr ma jiġi ppreġudikat l-ekwilibriju istituzzjonali mixtieq mit-Trattati.

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-20 ta' Novembru 2017, ***Voigt vs Il-Parlament*** (T-618/15, EU:T:2017:821), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors ippreżentat kontra żewġ deċiżjonijiet li permezz tagħhom il-Parlament Ewropew kien irrifjuta, minn naħa, li jqiegħed għad-dispożizzjoni tar-rikorrent kamra sabiex jospita konferenza stampa u, min-naħa l-oħra, li jagħti aċċess għall-bini tiegħu lil ċittadini Russi. Ir-rikorrent, elett fil-Parlament fil-lista ta' partit Ġermaniż, kien ipparteċipa f'Saint Petersbourg (ir-Russja) f'forum politiku. Bħala tkomplija ta' dan il-forum, ir-rikorrent ried jorganizza konferenza stampa u laqgħa ta' xogħol fil-bini tal-Parlament fil-preżenza b'mod partikolari, fir-rigward tal-laqgħa ta' xogħol, ta' membri u ta' simpatizzant tal-partit Russu Rodina. Fil-frattemp, il-Parlament kien adotta r-Riżoluzzjoni 2015/2001(INI) [20].

Fl-eżami, qabelxejn, tal-ammissibbiltà tal-motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, sa fejn ir-rifjut li l-mistednin Russi jitħallew jidħlu fil-Parlament kien ivvizzjat minn diskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini etnika jew in-nazzjonalità tagħhom, il-Qorti Ġenerali fakkret li rikorrent ma kellux is-setgħa jaġixxi fl-interess tal-liġi jew tal-istituzzjonijiet u seta' biss isostni, insostenn ta' rikors għal annullament, ilmenti li huma speċifiċi għalih. Madankollu, dan ir-rekwiżit ma jistax jinftiehem li jfisser li l-qorti tal-Unjoni taċċetta l-ammissibbiltà ta' lment biss jekk dan ikun marbut mas-sitwazzjoni personali tar-rikorrent biss. Fir-realtà, l-ilmenti ta' rikorrent għandhom ikunu ammissibbli jekk dawn ikunu jistgħu jwasslu għal annullament li minnu huwa jibbenefika. Issa, f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali qieset li l-allegata diskriminazzjoni tal-mistednin Russi minħabba n-nazzjonalità jew l-oriġini etnika tagħhom setgħet, ipotetikament, taffettwa ħażin ukoll lir-rikorrent sa fejn huwa kien l-awtur tal-istedina tagħhom u ma tħalliex iżomm magħhom, fil-Parlament, il-laqgħa ta' xogħol li kien organizza.

Fl-eżami, sussegwentement, tal-fondatezza ta' dan il-motiv, il-Qorti Ġenerali indikat li, filwaqt li n-nazzjonalità hija rabta ġuridika u politika li teżisti bejn individwu u stat sovran, il-kunċett ta' oriġini etnika jirriżulta mill-idea li gruppi tas-soċjetà jħossuhom li jappartjenu għall-istess nazzjon jew jieħdu sehem f'komunità tal-istess fidi reliġjuża, lingwa, oriġini kulturali u tradizzjonali u ambjent ta' għajxien. Fir-rigward tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini etnika, il-Qorti Ġenerali osservat li r-rikorrent sempliċement enfasizza n-nazzjonalità Russa tal-mistednin tiegħu u ma stabbilixxiex li d-deċiżjoni li tirrifjuta d-dħul fil-Parlament tal-mistednin Russi kienet ġiet adottata minħabba l-etniċità speċifika. Fir-rigward tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità, il-Qorti Ġenerali fakkret li, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(1) TUE u l-Artikolu 52(7) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-ispjegazzjonijiet relatati magħha [21] għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-interpretazzjoni tagħha. Issa, skont dawn l-ispjegazzjonijiet, l-Artikolu 21(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali "jikkorrispondi għall-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 [TFUE] u għandu japplika b'mod konformi miegħu".

Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali qieset, fid-dawl tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 TFUE u tal-ġurisprudenza relatata miegħu, illi l-Artikolu 21(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jikkonċerna biss is-sitwazzjonijiet li jaqgħu

**20/** Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ġunju 2015 dwar l-istat tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-Russja (2015/2001(INI)) (ĠU 2016, C 407, p. 35).

**21/** Spjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (ĠU 2007, C 303, p. 17).

fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li fihom ċittadin ta' Stat Membru jsostni trattament diskriminatorju meta mqabbel ma' ċittadini ta' Stat Membru ieħor fuq il-bażi biss tan-nazzjonalità tiegħu, b'tali mod li dan l-artikolu ma japplikax fil-każ ta' eventwali differenza fit-trattament bejn iċ-ċittadini tal-Istati Membri u dawk tal-Istati terzi. Għaldaqstant, ir-rikorrent ma setax jibbaża ruħu fuq il-ksur, fir-rigward tal-mistednin Russi tiegħu, tal-Artikolu 21(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Fl-eżami, fl-aħħar nett, ta' motiv ibbażat fuq użu ħażin ta' poter, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Parlament ma għandux jiġi obbligat jippromwovi fl-infrastruttura tiegħu l-attivitajiet politiċi ta' partit minn pajjiż terz u li, għaldaqstant, ma huwiex obbligat li jirċievi membri jew simpatizzanti ta' tali partit sabiex dawn ikunu jistgħu jesprimu ruħhom fil-bini tiegħu. Fil-fatt, l-istruttura tat-Trattati u t-testi adottati għall-implimentazzjoni tagħhom kif ukoll il-ħtieġa li jiġi żgurat l-eżerċizzju liberu tal-poteri vestiti fil-Parlament ifissru li dan tal-aħħar ma huwiex il-post fejn il-pubbliku kollu jkollu l-fakultà sħiħa li jesprimi ruħu.

# III. REGOLI TAL-KOMPETIZZJONI APPLIKABBLI GĦALL-IMPRIŻI

## 1. KONTRIBUZZJONIJIET FIL-QASAM TAL-ARTIKOLI 101 U 102 TFUE

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-10 ta' Novembru 2017, ***Icap et vs Il-Kummissjoni*** (T-180/15, EU:T:2017:795), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors għal annullament ippreżentat kontra d-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni qieset li r-rikorrenti kienu pparteċipaw fit-twettiq ta' sitt okkorrenzi ta' ksur tal-Artikolu 101 TFUE dwar il-manipulazzjoni tar-rati ta' riferiment interbankarji London Interbank Offered Rate (LIBOR, rata interbankarja ppprattikata f'Londra) u Tokyo Interbank Offered Rate (TIBOR, rata interbankarja pprattikata f'Tokyo) fis-suq ta' prodotti dderivati minn rati ta' interessi ddenominati fil-jen Ġappuniż, okkorrenzi ta' ksur li kienu diġà ġew ikkonstatati qabel b'deċiżjoni tal-2013 [22]. L-aġir ikkritikat tar-rikorrenti kien jikkonsisti fil-"faċilitazzjoni" ta' sitt okkorrenzi ta' ksur, jiġifieri l-"ksur UBS/RBS tal-2007", il-"ksur UBS/RBS tal-2008", il-"ksur UBS/DB", il-"ksur Citi/RBS", il-"ksur Citi/DB" u l-"ksur Citi/UBS". Fid-deċiżjoni tal-2013, adottata skont il-proċedura ta' tranżazzjoni prevista fl-Artikolu 10a tar-Regolament (KE) Nru 773/2004 [23], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 622/2008 [24], Citigroup Inc., Citigroup Global Markets Japan Inc. Deutsche Bank Aktiengesellschaft, UBS AG, UBS Securities Japan u The Royal Bank of Scotland (RBS) kienu rrikonoxxew il-parteċipazzjoni tagħhom fil-ksur inkwistjoni. Ir-rikorrenti kienu għamlu l-għażla li ma jipparteċipawx fil-proċedura ta' tranżazzjoni. Konsegwentement, il-proċedura normali ġiet applikata għalihom u ġiet imposta fuqhom multa ta' EUR 14 960 000.

Filwaqt li rrilevat li r-responsabbiltà tar-rikorrenti kienet ġiet stabbilita fuq il-bażi tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-aġir antikompetittiv irrilevat mill-Kummissjoni, li din tal-aħħar ikklassifikat bħala "faċilitazzjoni", il-Qorti Ġenerali

**22/** Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 8602 finali tal-4 ta' Diċembru 2013 dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.39861 – Prodotti dderivati minn rati ta' interessi ddenominati fil-Jen).

**23/** Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skont l-Artikolu [101 TFUE] sa [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 81).

**24/** Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 622/2008 tat-30 ta' Ġunju 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 773/2004, fir-rigward ta' kif jitmexxew il-proċeduri għar-riżolviment f'każi ta' kartelli (ĠU 2008, L 171, p. 3).

eżaminat qabelxejn jekk ir-rikorrenti kellhomx l-intenzjoni jikkontribwixxu, permezz tal-aġir tagħhom stess, għall-għanijiet komuni mfittxija mill-parteċipanti kollha u jekk dawn kinux jafu bl-aġir materjali ppjanat jew implimentat minn impriżi oħra sabiex jintlaħqu l-istess għanijiet, jew setgħux raġonevolment jippreveduhom, u jekk dawn kinux lesti jaċċettaw dan ir-riskju. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ma wrietx suffiċjentement skont il-liġi l-eżistenza ta' għarfien mir-rikorrenti ta' kollużjoni bejn il-banek ikkonċernati fil-qafas tal-"ksur UBS/RBS tal-2007", tal-"ksur UBS/RBS tal-2008", tal-"ksur Citi/DB" u tal-"ksur "Citi/UBS". Il-Qorti Ġenerali kkonfermat din il-pożizzjoni, iżda biss fir-rigward tal-ksur inkwistjoni (jiġifieri l-"ksur UBS/RBS tal-2008"). Billi qieset li l-Kummissjoni ma kinitx ipproduċiet provi li jistgħu juru li r-rikorrenti kienu jafu jew setgħu raġonevolment jipprevedu r-rwol tar-RBS fil-ksur, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kkontestata fir-rigward tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti f'dan il-ksur.

Fir-rigward tal-prova tal-okkorrenzi ta' ksur u tat-tul tagħhom imposta fuq il-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali fakkret li, fiċ-ċirkustanzi fejn il-kontinwazzjoni ta' ftehim jew ta' prattiki miftiehma teħtieġ miżuri pożittivi speċifiċi, il-Kummissjoni ma tistax tippreżumi l-kontinwazzjoni tal-akkordju fin-nuqqas tal-prova tal-adozzjoni tal-imsemmija miżuri. Minn dan jirriżulta li l-prova tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti f'okkorrenzi ta' ksur uniċi u kontinwi u, għaldaqstant, tal-istabbiliment tar-responsabbiltà tagħhom għall-perijodi ta' ksur kollha kienet timplika min-naħa tal-Kummissjoni l-enfasi ta' miżuri pożittivi adottati mir-rikorrenti fuq bażi, jekk mhux ta' kuljum, tal-inqas suffiċjentement limitata ratione temporis. Fil-każ kuntrarju, il-Kummissjoni kellha tikkonstata l-eżistenza ta' okkorrenzi ta' ksur uniċi u rrepetuti u ma tinkludix fil-perijodi ta' ksur ikkonstatati kontra r-rikorrenti l-intervalli li għalihom hija ma kellhiex provi tal-parteċipazzjoni tagħha. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-provi mressqa mill-Kummissjoni ma kinux jippermettu l-ġustifikazzjoni tal-perijodu kollu ta' ksur stabbilit għall-"ksur UBS/RBS tal-2007", għall-"ksur Citi/RBS" u għall-"ksur Citi/DB u Citi/UBS".

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ntalbet tippronunzja ruħha fuq l-ilment tar-rikorrenti li d-deċiżjoni kkontestata, adottata fl-2015, kellha tiġi annullata minħabba ksur tal-prinċipju ta' preżunzjoni ta´ innoċenza minħabba r-riferimenti għall-aġir tagħhom li jinsabu fid-deċiżjoni tal-2013. Fuq dan il-punt, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, minkejja li dan il-prinċipju huwa inkluż fl-Artikolu 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li għandha skont l-Artikolu 6 TUE l-istess valur bħat-Trattati, il-proċedura ta' tranżazzjoni, min-naħa tagħha, toriġina minn regolament adottat biss mill-Kummissjoni, fuq il-bażi tal-Artikolu 33 tar-Regolament Nru 1/2003 [25], jiġifieri r-Regolament Nru 622/2008, u hija ta' natura fakultattiva kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-impriżi kkonċernati. Għaldaqstant, ir-rekwiżiti marbuta mal-osservanza tal-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza ma jistgħux jiġu ssostitwiti minn kunsiderazzjonijiet marbuta mal-ħarsien tal-għanijiet ta' ħeffa u ta' effettività tal-proċedura ta' tranżazzjoni, huma kemm huma importanti. Għall-kuntrarju, hija l-Kummissjoni li għandha tapplika l-proċedura ta' tranżazzjoni tagħha b'mod li din tkun kompatibbli mar-rekwiżiti tal-Artikolu 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. B'hekk, l-implimentazzjoni ta' tali proċedura ta' tranżazzjoni "ibrida" għandha ssir fl-osservanza tal-preżunzjoni ta' innoċenza tal-impriża li ddeċidiet li ma tittranżiġix. Għaldaqstant, f'ċirkustanzi fejn il-Kummissjoni tqis li hija ma tkunx f'pożizzjoni li tippronunzja ruħha fuq ir-responsabbiltà tal-impriżi li jipparteċipaw fit-tranżazzjoni mingħajr ma tippronunzja ruħha wkoll fuq il-parteċipazzjoni fil-ksur tal-impriża li ddeċidiet li ma tittranżiġix, hija għandha tieħu l-miżuri neċessarji – fosthom l-eventwali adozzjoni fl-istess data tad-deċiżjonijiet li jirrigwardaw l-impriżi kollha involuti fil-kartell – li jippermettulha tħares l-imsemmija preżunzjoni ta' innoċenza. Minn dan il-Qorti Ġenerali ddeduċiet li l-Kummissjoni ma rrispettatx il-preżunzjoni ta' innoċenza tar-rikorrenti meta adottat id-deċiżjoni tal-2013. Madankollu, hija ppreċiżat li dan il-ksur ma jistax ikollu effett dirett fuq il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata, fid-dawl tan-natura distinta u awtonoma tal-proċeduri li taw lok għal dawn iż-żewġ deċiżjonijiet.

**25/** Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 TFUE] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-Kummissjoni ma spjegatx, fid-deċiżjoni kkontestata, il-metodoloġija applikata sabiex jiġu ddeterminati l-ammonti tal-multi imposti. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali annullat, minħabba motivazzjoni insuffiċjenti, il-parti tad-deċiżjoni kkontestata li tistabbilixxi l-multi.

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-16 ta' Mejju 2017, ***Agria Polska et vs Il-Kummissjoni*** (T-480/15, taħt appell [26], EU:T:2017:339), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ċaħdet l-ilment imressaq mir-rikorrenti, kumpanniji attivi fil-qasam tal-kummerċ parallel ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti, dwar ksur tal-Artikolu 101 u/jew tal-Artikolu 102 TFUE allegatament imwettaq minn tlettax-il impriża li jipproduċu u jqassmu tali prodotti, bl-għajnuna jew permezz ta' erba' organizzazzjonijiet professjonali u ta' uffiċċju ta' avukati. Quddiem il-Kummissjoni, ir-rikorrenti sostnew li l-entitajiet imsemmija fl-ilment kienu adottaw fir-rigward tagħhom prattiki li jiksru d-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. Dawn il-prattiki ħadu essenzjalment il-forma ta' ftehim u/jew ta' prattiki miftiehma bejn dawn l-entitajiet u kienu jikkonsistu f'rapporti abbużivi miġjuba b'mod koordinat quddiem l-awtoritajiet amministrattivi u kriminali Awstrijaċi u Pollakki.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-Artikolu 101 TFUE ċertament jipprekludi b'mod rigoruż kull teħid ta' kuntatt dirett jew indirett bejn l-operaturi ekonomiċi li jkollu l-għan jew l-effett li jinfluwenza l-aġir fis-suq ta' kompetitur attwali jew potenzjali, jew li jiżvela lil tali kompetitur l-aġir li huma jkunu ddeċidew jew li jkunu pprevedew li jadottaw fis-suq. Madankollu, l-operaturi ekonomiċi jżommu d-dritt li jadattaw ruħhom b'mod intelliġenti għall-aġir ikkonstatat jew antiċipat tal-kompetituri tagħhom. Għalhekk, l-impriżi jistgħu b'mod partikolari jaġixxu sabiex jipproteġu l-interessi leġittimi tagħhom fil-preżenza ta' eventwali ksur, mill-kompetituri tagħhom, ta' dispożizzjonijiet applikabbli, bħalma huma, f'dan il-każ, il-leġiżlazzjonijiet rigward il-kummerċ ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Huwa għaldaqstant ukoll mingħajr twettiq ta' żball manifest ta' evalwazzjoni li l-Kummissjoni qieset, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-entitajiet imsemmija fl-ilment kellhom id-dritt jinformaw lill-awtoritajiet nazzjonali b'allegati nuqqasijiet ta' osservanza mwettqa mir-rikorrenti tal-leġiżlazzjonijiet applikabbli u, fejn xieraq, li jikkollaboraw ma' dawn l-awtoritajiet fil-kuntest tal-kontrolli li dawn wettqu.

F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li d-deċiżjonijiet sabiex jitwettqu kontrolli dokumentali jew fuq il-post u li jinbdew azzjonijiet amministrattivi u kriminali kontra r-rikorrenti kienu attribwibbli lill-imsemmija awtoritajiet nazzjonali, li jaġixxu fl-interess pubbliku u li d-deċiżjonijiet tagħhom, f'dan is-sens, jaqgħu taħt is-setgħa diskrezzjonali tagħhom. Il-Qorti Ġenerali qieset li l-aġir u d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, b'mod partikolari l-konsultazzjonijiet bejniethom sabiex iwettqu x-xogħol ta' sorveljanza tagħhom, ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 u 102 TFUE, għaliex dawn l-artikoli huma intiżi li jirregolaw biss l-aġir ta' impriżi. Dan jeskludi, barra minn hekk, li t-tressiq ta' lmenti li jsiru mill-kompetituri tar-rikorrenti jista' jaqa' taħt il-kunċett ta' "abbuż ta' proċeduri regolatorji" jew dak ta' "azzjoni vessatorju" fis-sens tas-sentenzi ***ITT Promedia vs Il-Kummissjoni*** [27] u ***AstraZeneca vs Il-Kummissjoni*** [28], b'mod partikolari minħabba l-marġni ta' diskrezzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali fid-deċiżjonijiet tagħhom li jwettqu kontrolli u/jew li jimponu penali wara dawn id-denunzji.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali indikat li l-aċċettazzjoni tal-fehma tar-rikorrenti, li l-Kummissjoni għandha sistematikament tiftaħ investigazzjoni meta lment, bħal dak imressaq quddiemha, ikun diġà ġie preċedentement miċħud, possibbilment b'mod żbaljat, minn awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni għal raġuni marbuta mal-preskrizzjoni, ma hijiex kompatibbli mal-għan tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament Nru 1/2003 li kien li tiġi stabbilita, bl-iskop ta' effettività, allokazzjoni mill-aqwa tar-riżorsi fi ħdan in-netwerk Ewropew tal-kompetizzjoni. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali fakkret li konstatazzjonijiet ta' nuqqasijiet li jista' jkun hemm mill-awtoritajiet, inklużi dawk

**26/** Kawża C-373/17 P, ***Agria Polska et vs Il-Kummissjoni.***

**27/** Sentenza tas-17 ta' Lulju 1998, T-111/96, EU:T:1998:183.

**28/** Sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, T-321/05, EU:T:2010:266.

ġudizzjarji, tal-Istati Membri ma jaqgħux taħt il-proċedura prevista fl-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1/2003 peress li dawn jaqgħu taħt il-proċedura ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu prevista fl-Artikolu 258 TFUE.

## 2. KONTRIBUZZJONIJIET FIL-QASAM TAL-KONĊENTRAZZJONIJIET

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-7 ta' Marzu 2017, ***United Parcel Service vs Il-Kummissjoni*** (T-194/13, taħt appell [29], EU:T:2017:144), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet iddikjarat inkompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim taż-ŻEE, skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 [30], il-konċentrazzjoni bejn United Parcel Service, Inc. (UPS) u TNT Espressa NV (TNT), żewġ kumpanniji preżenti fis-swieq tas-servizzi internazzjonali ta' distribuzzjoni espressa ta' pakketti żgħar. Din id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq il-konstatazzjoni li x-xiri ta' TNT minn UPS wassal għal restrizzjoni tal-kompetizzjoni fi ħmistax-il Stat Membru taż-ŻEE fir-rigward tad-distribuzzjoni espressa ta' pakketti żgħar lejn pajjiżi Ewropej oħra. F'dawn l-Istati, l-akkwist naqqas għal tlieta, jew tnejn biss, in-numru ta' atturi kbar f'dan is-suq, b'mod li xi drabi l-kumpannija DHL tħalliet bħala l-unika alternattiva għal UPS. Skont il-Kummissjoni, il-konċentrazzjoni kienet għalhekk ta' preġudizzju għall-klijenti minħabba ż-żidiet probabbli fil-prezzijiet li din kienet ser tinvolvi.

Bi tweġiba għall-motiv invokat mir-rikorrenti, UPS, ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża, il-Qorti Ġenerali fakkret li r-rispett ta' dawn id-drittijiet u, b'mod iktar partikolari, il-prinċipju ta' kontradittorju jeħtieġu li l-impriża kkonċernata tkun tqiegħdet f'pożizzjoni, matul il-proċedura amministrattiva, li tesprimi effettivament il-perspettiva tagħha dwar ir-realtà u r-rilevanza tal-fatti u taċ-ċirkustanzi allegati kif ukoll dwar id-dokumenti kkunsidrati mill-Kummissjoni insostenn tal-allegazzjonijiet tagħha. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-analiżi ekonometrika użata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha kienet ibbażata fuq mudell differenti minn dak li kien is-suġġett ta' dibattitu kontradittorju matul il-proċedura amministrattiva. Fil-fatt, il-Kummissjoni għamlet tibdil sinjifikattiv fl-analiżijiet minn qabel diskussi mar-rikorrenti. Fid-dawl ta' dawn l-emendi, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni kellha l-obbligu li tikkomunika lir-rikorrenti l-mudell finali tal-analiżi ekonometrika qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Billi naqset milli tagħmel dan, il-Kummissjoni kisret id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti. Filwaqt li qieset li, fin-nuqqas ta' din l-irregolarità proċedurali, ir-rikorrenti seta' kellha opportunità, anki jekk ridotta, li tiżgura aħjar id-difiża tagħha kieku kellha għad-dispożizzjoni tagħha, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-verżjoni finali tal-analiżi ekonometrika adottata mill-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kkontestata fl-intier tagħha mingħajr eżami tal-motivi l-oħra invokati mir-rikorrenti.

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2017, ***KPN vs Il-Kummissjoni*** (T-394/15, mhux ippubblikata, EU:T:2017:756), il-Qorti Ġenerali ntalbet tippronunzja ruħha dwar talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara kompatibbli mas-suq intern l-operazzjoni ta' konċentrazzjoni li tipprevedi l-akkwist mill-operatur tal-kejbil internazzjonali Liberty Global plc tal-kontroll esklużiv tal-impriża Ziggo NV. Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti invokat b'mod partikolari ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni sa fejn il-Kummissjoni ma mmotivatx l-assenza ta' analiżi tal-effetti antikompetittivi vertikali li jista' jkun hemm tal-konċentrazzjoni fis-suq tal-istazzjonijiet televiżivi tal-isport premium pay.

Fuq dan il-punt, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma analizzatx l-effetti tal-operazzjoni li jikkonċernaw suq eventwali tal-provvista u tal-akkwist bl-ingrossa ta' stazzjonijiet televiżivi tal-isport

**29/** Kawża C-265/17 P, ***Il-Kummissjoni vs United Parcel Service.***

**30/** Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40), kif implementat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 802/2004 tas-7 ta' April 2004 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 88).

premium pay, fejn l-uniċi żewġ stazzjonijiet televiżivi huma Sport1, miżmum minn Liberty Global, u Fox Sports, miżmum minn terz. Minkejja li d-deċiżjoni kkontestata ssemmi, ċertament, diversi drabi lil Sport1 u lil Fox Sports, hija madankollu ma tinkludi l-ebda analiżi dwar l-effetti vertikali li jirriżultaw mill-operazzjoni ta' konċentrazzjoni prevista fil-każ li s-suq tal-prodott inkwistjoni jkun iddefinit bħala dak tal-provvista u tal-akkwist bl-ingrossa ta' stazzjonijiet televiżivi tal-isport premium pay. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali osservat li l-Kummissjoni rrikonoxxiet li s-suq għall-provvista u għall-akkwist bl-ingrossa ta' stazzjonijiet televiżivi bi ħlas jista' jiġi ssegmentat iktar skont jekk dawn l-istazzjonijiet televiżivi jkunux tal-films jew tal-isport. Barra minn hekk, hija indikat, fid-deċiżjoni kkontestata, li din il-kwistjoni setgħet "tibqa' sospiża, ladarba l-evalwazzjoni tal-operazzjoni prevista tibqa' l-istess". Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni ħalliet sospiża d-definizzjoni preċiża tas-suq tal-prodott inkwistjoni, peress li, anki fl-ipoteżi ta' segmentazzjoni addizzjonali, il-konċentrazzjoni setgħet tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern, peress li ma kienx hemm problema ta' kompetizzjoni.

Skont il-Qorti Ġenerali, dan l-approċċ li titħalla sospiża l-kwistjoni tad-definizzjoni preċiża tas-suq inkwistjoni kienet tirrikjedi li l-Kummissjoni tispjega, anki fil-qosor, ir-raġunijiet għaliex l-operazzjoni prevista ma kinitx tqajjem problema ta' kompetizzjoni, inklużi l-effetti vertikali li jikkonċernaw suq eventwali tal-provvista u tal-akkwist bl-ingrossa ta' stazzjonijiet televiżivi tal-isport premium pay b'mod li tippermetti lill-persuni kkonċernati jsiru jafu l-ġustifikazzjonijiet ta' din il-pożizzjoni u lill-qorti tal-Unjoni teżerċita l-istħarriġ tagħha fuq l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni. Billi d-deċiżjoni kkontestata ma kinitx tinkludi raġunament espliċitu f'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li din ma kinitx tissodisfa r-rekwiżiti ta' motivazzjoni li jirriżultaw mill-Artikolu 296 TFUE.

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2017, ***Marine Harvest vs Il-Kummissjoni*** (T-704/14, taħt appell [31], EU:T:2017:753), il-Qorti Ġenerali ntalbet teżamina l-legalità tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet imponiet fuq ir-rikorrenti multa għall-istabbiliment ta' konċentrazzjoni bi ksur tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004.

Il-kwistjoni kienet tirrigwarda l-akkwist, mir-rikorrenti, tal-kontroll ta' Morpol ASA, konkluż fit-18 ta' Diċembru 2012. Fil-21 ta' Diċembru 2012, ir-rikorrenti bagħtet lill-Kummissjoni talba għal ħatra ta' grupp inkarigat sabiex jipproċessa l-fajl tagħha u informat lill-Kummissjoni li hija ma kinitx ser teżerċita d-drittijiet tal-vot tagħha qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni tagħha. Fil-15 ta' Jannar 2013, ir-rikorrenti kienet issottomettiet offerta pubblika obbligatorja għall-ishma l-oħra f'Morpol. Wara l-komunikazzjoni tal-operazzjoni fid-9 ta' Awwissu 2013, il-Kummissjoni awtorizzat, taħt kundizzjonijiet, l-operazzjoni tat-30 ta' Settembru 2013. Fit-23 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata li fiha hija kkonstatat li r-rikorrenti kienet wettqet konċentrazzjoni b'dimensjoni Komunitarja matul il-perijodu bejn it-18 ta' Diċembru 2012 u t-30 ta' Settembru 2013, qabel ma din ġiet ikkomunikata u ddikjarata kompatibbli mas-suq intern bi ksur tal-artikoli hawn fuq imsemmija. Din il-kawża kienet opportunità għall-Qorti Ġenerali sabiex tipprovdi kjarifiki dwar l-interpretazzjoni tar-regoli dwar is-sospensjoni ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 139/2004, il-kunċett ta' konċentrazzjoni unika, il-prinċipju ne bis in idem u r-regoli li jirregolaw il-konkors ta' okkorrenzi ta' ksur.

Fir-rigward, qabelxejn, tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 139/2004, il-Qorti Ġenerali bdiet billi osservat li, sa fejn ir-rikorrenti kienet kisbet il-kontroll ta' Morpol bis-saħħa tal-akkwist ta' Diċembru 2012, hija kellha, bħala prinċipju, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) u skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004, tikkomunika din il-konċentrazzjoni lill-Kummissjoni qabel it-twettiq tagħha u li ma twettaqhiex qabel ma din tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern mill-Kummissjoni. Minkejja li r-rikorrenti sostniet li l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 kienet applikabbli, il-Qorti Ġenerali qieset li dan ma kienx il-każ. Dwar dan il-punt, il-Qorti Ġenerali nnotat li, jekk l-ewwel każ previst fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, dwar offerta pubblika ta' xiri jew ta' skambju, jippermetti, f'ċerti ċirkustanzi, it-twettiq

31/ Kawża C-10/18 P, ***Marine Harvest vs Il-Kummissjoni***.

ta' offerta pubblika qabel komunikazzjoni u awtorizzazzjoni, anki jekk din tikkostitwixxi konċentrazzjoni b'dimensjoni Komunitarja, skont il-kliem tagħha, din id-dispożizzjoni madankollu ma tippermettix it-twettiq ta' akkwist privat. Issa, f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma kkonstatatx li r-rikorrenti kienet kisret l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 billi wettqet l-offerta pubblika ta' xiri. Hija kkonstatat li r-rikorrenti kienet kisret l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 bl-akkwist ta' Diċembru 2012, li sar qabel. Għaldaqstant, skont il-kliem tiegħu, l-ewwel każ previst mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 ma huwiex applikabbli għall-każ ineżami. Fir-rigward tat-tieni każ previst fl-Artikolu 7(2) ta' dan ir-regolament, jiġifieri t-twettiq ta' operazzjonijiet li permezz tagħhom il-kontroll jiġi akkwistat permezz ta' bosta bejjiegħa bl-użu ta' serje ta' tranżazzjonijiet ta' titoli, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, f'dan il-każ, ir-rikorrenti akkwistat il-kontroll ta' Morpol permezz ta' bejjiegħ wieħed bl-użu ta' tranżazzjoni waħda ta' titoli, jiġifieri l-akkwist ta' Diċembru 2012. Għaldaqstant, il-kontroll la nkiseb permezz ta' diversi bejjiegħa u lanqas bis-saħħa ta' serje ta' tranżazzjonijiet. Minn dan isegwi li, skont il-kliem tiegħu, it-tieni każ previst mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 lanqas ma huwa applikabbli.

Fir-rigward, imbagħad, tal-kunċett ta' konċentrazzjoni unika, il-Qorti Ġenerali qieset li dan ma huwiex intiż li japplika fil-każ li fih il-kontroll esklużiv effettiv ta' kumpannija mmirata waħda jinkiseb mingħand bejjiegħ wieħed permezz ta' tranżazzjoni inizjali privata waħda, anki meta din tal-aħħar tiġi segwita minn offerta pubblika obbligatorja. Jekk ir-raġunament tar-rikorrenti, li akkwist tal-kontroll permezz ta' operazzjoni privata waħda, segwita minn offerta pubblika obbligatorja, jikkostitwixxi konċentrazzjoni unika, kellu jiġi aċċettat, dan ikollu l-konsegwenza li l-kamp ta' applikazzjoni tal-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 ikun wisq wiesa'. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-fatt biss li l-Kummissjoni tista' timponi sanzjonijiet severi għall-ksur ta' dispożizzjoni li taqa' taħt id-dritt tal-kompetizzjoni ma jikkonfutax il-fatt li d-dispożizzjonijiet ta' natura derogatorja għandhom jingħataw interpretazzjoni restrittiva. Anki jekk jiġi preżunt li l-multi imposti skont l-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 139/2004 kienu ta' natura kriminali, ma jistax jitqies f'dan il-każ li l-Kummissjoni applikat il-liġi kriminali b'mod estensiv għad-detriment tal-akkużat. Fil-fatt, il-Kummissjoni sempliċement irrifjutat li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 lil hinn mill-kliem tagħha.

Fir-rigward, fl-aħħar nett, tal-prinċipju ta' ne bis in idem u r-regoli li jirregolaw il-konkors tal-okkorrenzi ta' ksur, il-Qorti Ġenerali indikat li, jekk impriża tikser l-obbligu, previst fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004, li tikkomunika konċentrazzjoni qabel it-twettiq tagħha, dan ikollu l-konsegwenza li hija tikser il-projbizzjoni ta' twettiq ta' konċentrazzjoni qabel il-komunikazzjoni u l-awtorizzazzjoni tagħha, li jirriżultaw mill-Artikolu 7(1) tal-imsemmi regolament. Madankollu, il-prinċipju ta' ne bis in idem ma japplikax f'dan il-każ, peress li s-sanzjonijiet ġew imposti mill-istess awtorità f'deċiżjoni waħda. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali speċifikat li, meta l-istess aġir jikser diversi dispożizzjonijiet punibbli b'multi, il-kwistjoni dwar jekk diversi multi jistgħux jiġu imposti f'deċiżjoni waħda ma taqax taħt il-prinċipju ta' ne bis in idem, iżda taħt il-prinċipji li jirregolaw il-konkors ta' okkorrenzi ta' ksur. F'dan ir-rigward, filwaqt li r-rikorrenti sostniet li, meta att ikun jidher li jaqa' taħt żewġ dispożizzjonijiet legali, id-dispożizzjoni "applikabbli prinċipalment" teskludi l-oħrajn kollha, il-Qorti Ġenerali osservat li l-leġiżlatur ma ddefinixxiex waħda mill-okkorrenzi ta' ksur inkwistjoni bħala iktar gravi mill-oħra, billi t-tnejn huma suġġetti għall-istess limitu massimu skont l-Artikolu 14(2)(a) u (b) tar-Regolament Nru 139/2004. Ma hemmx lok, għalhekk, li jitqies li waħda mid-dispożizzjonijiet hawn fuq imsemmija hija "applikabbli prinċipalment". B'hekk, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li kien b'mod ġust li l-Kummissjoni ssanzjonat lir-rikorrenti għall-ksur taż-żewġ dispożizzjonijiet.

# IV. GĦAJNUNA MILL-ISTAT

## 1. AMMISSIBBILTÀ

Fil-kawżi li wasslu għas-sentenzi tas-6 ta' April 2017, ***Regione autonoma della Sardegna vs Il-Kummissjoni*** (T-219/14, EU:T:2017:266), u tas-6 ta' April 2017, ***Saremar vs Il-Kummissjoni*** (T-220/14, EU:T:2017:267), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'żewġ rikorsi intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet iddikjarat inkompatibbli mas-suq intern il-miżuri ta' għajnuna implimentati mir-Reġjun awtonomu ta' Sardegna favur kumpannija li tipprovdi servizz pubbliku ta' kabotaġġ marittimu, u kienet ordnat l-irkupru tagħhom. Il-Kummissjoni sostniet li, minħabba l-fatt li l-imsemmija kumpannija kienet fi stralċ, l-interess ġuridiku ta' din tal-aħħar u dak tar-Reġjun awtonomu ta' Sardegna ntilfu fil-mori tal-kawża.

Fir-rigward, qabelxejn, tar-rikors ippreżentat mill-kumpannija kkonċernata fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-6 ta' April 2017, ***Saremar vs Il-Kummissjoni*** (T-220/14, EU:T:2017:267), il-Qorti Ġenerali bdiet, fid-dawl tal-fatt li l-eventwali telf tal-locus standi in judicio tagħha jirrendi mingħajr skop il-kwistjoni tal-interess ġuridiku tagħha, biex tivverifika jekk hija tilfitx l-imsemmija kapaċità fil-mori tal-kawża. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li, peress li, skont id-dritt nazzjonali, ir-rikorrenti żżomm id-dritt li teżerċita f'isimha proprju azzjonijiet ġudizzjarji u li tipparteċipa f'kawżi bl-għan li tipproteġi l-patrimonju tagħha, hija ma tilfitx, fil-mori tal-kawża, minkejja l-istralċ tagħha, il-locus standi in judicio tagħha. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li d-deċiżjoni kkontestata, sa fejn hija ddikjarat inkompatibbli u illegali l-għajnuna mogħtija lir-rikorrenti u ordnat l-irkupru tagħha, kienet tikkawżalha preġudizzju fid-data tal-preżentata tar-rikors. Skont il-Qorti Ġenerali, id-deċiżjoni kkontestata ma waqfitx tipproduċi effetti fir-rigward tar-rikorrenti minħabba l-istralċ ta' din tal-aħħar. Fil-fatt, l-ewwel nett, ir-Reġjun awtonomu ta' Sardegna għadu ma jistax jipproċedi għall-ħlas favur tiegħu ta' parti mill-għajnuna kontenzjuża li għadha ma ġietx implimentata. It-tieni nett, f'dak li jikkonċerna l-parti tal-għajnuna kontenzjuża diġà mħallsa, l-istralċ tar-rikorrenti ma jikkonfutax il-prinċipju tal-irkupru ta' din l-għajnuna li jista', jekk ikun il-każ, jieħu l-forma ta' inklużjoni fil-passiv tal-impriża. B'hekk, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-interess ġuridiku tar-rikorrenti ma kienx spiċċa fil-mori tal-kawża.

Fir-rigward, imbagħad, tar-rikors ippreżentat mir-Reġjun awtonomu ta' Sardegna fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-6 ta' April 2017, ***Regione autonoma della Sardegna vs Il-Kummissjoni*** (T-219/14, EU:T:2017:266), il-Qorti Ġenerali qieset li dan għandu locus standi sa fejn, minn naħa, id-deċiżjoni kkontestata hija ta' natura li taffettwa direttament id-drittijiet u l-obbligi tiegħu f'dak li jirrigwarda l-għajnuna kontenzjuża u sa fejn, min-naħa l-oħra, din l-għajnuna ngħatat fuq inizjattiva tagħha u fil-kuntest tal-kompetenzi tagħha stess. Fir-rigward tal-interess ġuridiku tar-Reġjun awtonomu ta' Sardegna, il-Qorti Ġenerali, wara li rrilevat li ma huwiex kompitu tagħha li tippronunzja ruħha dwar it-tqassim tal-kompetenzi tad-diversi entitajiet nazzjonali u l-obbligi rispettivi tagħhom, ikkonstatat li, fid-data tal-preżentata tar-rikors, ir-rikorrent seta' jikseb benefiċċju mill-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, liema annullament kien neċessarjament jibdel is-sitwazzjoni legali tiegħu. Skont il-Qorti Ġenerali, l-istralċ tal-kumpannija kkonċernata fil-mori tal-kawża ma huwiex ta' natura li jqiegħed inkwistjoni din il-konstatazzjoni u, konsegwentement, ma ħassarx l-interess ġuridiku tar-rikorrent.

## 2. PROĊEDURA AMMINISTRATTIVA

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-17 ta' Novembru 2017, ***Gmina Miasto Gdynia u Port Lotniczy Gdynia Kosakowo vs IlKummissjoni*** (T-263/15, EU:T:2017:820), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors intiż għall-annullament

ta' serje ta' dispożizzjonijiet ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara inkompatibbli mas-suq intern l-għajnuna mill-Istat implimentata mir-Repubblika tal-Polonja fil-forma ta' finanzjament pubbliku pprovdut mill-komuni ta' Gdynia (il-Polonja) u ta' Kosakowo (ilPolonja) favur l-ajruport ta' Gdynia-Kosakowo. Il-finanzjament kien jinvolvi kontribuzzjonijiet ta' kapital mill-komuni ta' Gdynia u ta' Kosakowo, li kellhom ikopru kemm l-ispejjeż ta' investiment (għajnuna għall-investiment) kif ukoll l-ispejjeż tal-operat marbuta mal-funzjonament tal-ajruport fil-bidu tal-operat tiegħu (għajnuna għall-funzjonament). Id-Deċiżjoni kkontestata ħadet post deċiżjoni preċedenti li fiha l-Kummissjoni kienet diġà waslet għall-istess konstatazzjoni, sa fejn, matul il-proċeduri għal miżuri provviżorji mibdija fil-frattemp quddiem il-Qorti Ġenerali, deher li l-għajnuna mill-Istat iddikjarata inkompatibbli mas-suq intern kienet tinkludi ċerti investimenti li, skont id-deċiżjoni tal-ftuħ, ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat sa fejn dawn kienu jaqgħu taħt kompitu ta' interess pubbliku. Il-Kummissjoni qieset li ma kienx neċessarju li tinfetaħ proċedura ta' investigazzjoni ġdida billi l-fajl kien jinkludi l-elementi kollha neċessarji għall-evalwazzjoni tal-miżura inkwistjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali bdiet billi fakkret li mill-Artikolu 108(2) TFUE u mill-Artikolu 1(h) tar-Regolament Nru 659/1999 jirriżulta li, fil-fażi ta' eżami, il-Kummissjoni għandha d-dmir li tintima lill-partijiet interessati, fosthom l-impriża jew l-impriżi kkonċernati u l-entità infrastatali li tat l-għajnuna, sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom. Din ir-regola għandha n-natura ta' formalità proċedurali sostanzjali. Barra minn hekk, id-deċiżjoni ta' ftuħ għandha tqiegħed lill-persuni interessati f'pożizzjoni li jipparteċipaw b'mod effettiv fil-proċedura ta' investigazzjoni formali li matulha huma jkollhom il-possibbiltà li jsostnu l-argumenti tagħhom. Huwa, b'mod partikolari, neċessarju li l-Kummissjoni tiddefinixxi b'mod suffiċjenti l-kuntest tal-investigazzjoni tagħha sabiex ma tirrendix mingħajr sens id-dritt tal-partijiet interessati li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom. F'dan il-każ, kemm fid-deċiżjoni ta' ftuħ kif ukoll fid-deċiżjoni inizjali, il-Kummissjoni kienet evalwat il-kompatibbiltà tal-għajnuna għall-funzjonament skont il-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat [32] u fil-kuntest tal-Artikolu 107(3)(a) TFUE.

Issa, il-Qorti Ġenerali osservat li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni għamlet bidla fis-sistema legali fir-rigward tal-analiżi tal-kompatibbiltà tal-għajnuna għall-funzjonament. Speċifikament, il-Kummissjoni ma bbażatx lilha nnifisha iżjed, kif kienet għamlet fil-kuntest tad-deċiżjoni ta' ftuħ u d-deċiżjoni inizjali, fuq il-Linji gwida dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali sabiex tanalizza jekk l-għajnuna kinitx kompatibbli mas-suq intern, iżda fuq il-prinċipji ddikjarati fil-Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru [33]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni wettqet ukoll bidla fid-deroga analizzata fid-dawl tal-Artikolu 107(3) TFUE, billi, fid-deċiżjoni kkontestata, hija tibbaża ruħha fuq l-Artikolu 107(3)(ċ) TFUE filwaqt li, fil-bidu, hija kienet ibbażat ruħha fuq l-Artikolu 107(3)(a) TFUE. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li s-sistema legali ġdida applikata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata inkludiet fiha tibdiliet sostanzjali meta mqabbla ma' dik preċedentement fis-seħħ u kkunsidrata fid-deċiżjoni ta' ftuħ u fid-deċiżjoni inizjali.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, anki jekk jitqies li l-irtirar tad-deċiżjoni inizjali kellu l-effett li jħalli miftuħa l-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-partijiet interessati ma kinux f'pożizzjoni li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom. Il-Qorti Ġenerali enfasizzat li d-dritt tal-persuni interessati li jkunu f'pożizzjoni li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom għandu n-natura ta' formalità proċedurali sostanzjali u li l-ksur tiegħu, ikkonstatat f'dan il-każ, iwassal għall-annullament tal-att ivvizzjat, mingħajr ma hemm il-ħtieġa li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' effett fuq il-parti li tinvoka tali ksur u lanqas li l-proċedura amministrattiva setgħet twassal għal riżultat differenti. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali speċifikat li ma jistax isir ġudizzju fir-rigward tal-portata tal-osservazzjonijiet li l-persuni interessati setgħu kienu f'pożizzjoni li jippreżentaw. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali osservat li, anki jekk l-għajnuna inkwistjoni hija kkostitwita, fil-fatt, minn żewġ tipi ta' finanzjament, jiġifieri għajnuna

**32/** Linji gwida dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali għall-perijodu 2007-2013 (ĠU 2006, C 54, p. 13).

**33/** Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru (ĠU 2014, C 99, p. 3).

għall-investiment u għajnuna għall-funzjonament, dawn il-finanzjamenti differenti ġew analizzati globalment mill-Kummissjoni biex tasal, b'mod partikolari, għall-klassifikazzjoni ta' għajnuna mill-Istat. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma huwiex possibbli li d-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata jiġi interpretat fis-sens li dan jipprevedi, b'mod dissoċjabbli, minn naħa, l-għajnuna għall-investiment u, min-naħa l-oħra, l-għajnuna għall-funzjonament.

## 3. SERVIZZI TA' INTERESS EKONOMIKU ĠENERALI

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-1 ta' Marzu 2017, ***SNCM vs Il-Kummissjoni*** (T-454/13, EU:T:2017:134), il-Qorti Ġenerali ppronunzjat ruħha dwar il-legalità tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet ikklassifikat bħala għajnuna mill-Istat kumpensi finanzjarji mogħtija mir-Repubblika Franċiża lil żewġ kumpanniji marittimi Franċiżi fir-rigward tas-servizzi tat-trasport marittimu pprovduti bejn Marsilja (Franza) u Korsika (Franza) għas-snin 2007-2013 fil-kuntest ta' ftehim ta' servizz pubbliku, u ddikjarat inkompatibbli mas-suq intern il-kumpensi mħallsa lil waħda minn dawn il-kumpaniji għas-servizzi li hija kienet ipprovdiet matul il-perijodi l-iktar intensivi tat-traffiku.

Qabelxejn, il-Qorti Ġenerali fakkret li, sabiex kumpens ta' servizz pubbliku jkun jista' jevita l-klassifikazzjoni ta' għajnuna mill-Istat, diversi kriterji għandhom, konformement mas-sentenza ***Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg*** [34], jiġu ssodisfatti, kumulattivament, fosthom dak li l-impriża benefiċjarja għandha tkun effettivament inkarigata mill-eżekuzzjoni ta' obbligi ta' servizz pubbliku. Fir-rigward ta' dan il-kriterju, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-Istati Membri għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tad-definizzjoni ta' dak li huma jikkunsidraw bħala servizz ta' interess ekonomiku ġenerali (SIEĠ) u li, konsegwentement, id-definizzjoni ta' dawn is-servizzi minn Stat Membru tista' tiġi kkontestata mill-Kummissjoni biss fil-każ ta' żball manifest. F'dan ir-rigward, hija speċifikat, madankollu, li, għaldaqstant, is-setgħa ta' definizzjoni tas-SIEĠ mill-Istati Membru ma hijiex mingħajr limiti u ma tistax tiġi eżerċitata b'mod arbitrarju sempliċement sabiex settur partikolari jaħrab mill-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni. B'mod partikolari, fejn jeżistu regoli speċifiċi tad-dritt tal-Unjoni li jirregolaw id-definizzjoni tal-kontenut u l-ambitu tal-SIEĠ, dawn għandhom jorbtu lill-Istati Membri. Issa, f'dan il-każ, kien hemm preċiżament tali regoli, speċifikament id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 3577/92 [35]. B'hekk, il-Qorti Ġenerali qieset li hemm lok li l-konklużjoni tal-Kummissjoni li s-setgħa diskrezzjonali tal-awtoritajiet Franċiżi kienet limitata mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament tiġi kkonfermata.

Barra minn hekk, skont il-Qorti Ġenerali, ir-raġunament adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Analir et [36], li jistrieħ fuq interpretazzjoni tar-Regolament Nru 3577/92 skont l-għan fundamentali tiegħu, jiġifieri li jiżgura l-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' kabotaġġ marittimu u, għalhekk, li ma jiġux aċċettati restrizzjonijiet ta' din il-libertà ħlief taħt kundizzjonijiet stretti ħafna, huwa kompletament applikabbli għall-każ ineżami. Minn dan jirriżulta li, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni, l-awtoritajiet nazzjonali ma jistgħux jonqsu milli juru l-eżistenza ta' nuqqas ta' inizjattiva privata, peress li, kif jirriżulta b'mod ċar mill-imsemmija sentenza, huwa fuq il-bażi ta' tali konstatazzjoni ta' nuqqas ta' inizjattiva privata li tiġi ddeterminata l-ħtieġa reali ta' servizz pubbliku.

**34/** Sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, C-280/00, EU:C:2003:415.

**35/** Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 tas-7 ta' Diċembru 1992 li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2, p. 10).

**36/** Sentenza tal-20 ta' Frar 2001, C-205/99, EU:C:2001:107.

# V. PROPRJETÀ INTELLETTWALI

## 1. KOMPOŻIZZJONI TAL-BORDIJIET TAL-APPELL WARA RINVIJU

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-16 ta' Frar 2017, ***Antrax It vs EUIPO – Vasco Group (Termosifuni għal radjaturi***) (T828/14 u T-829/14, EU:T:2017:87), il-Qorti Ġenerali ntalbet teżamina l-kompatibbiltà tal-Artikolu 1d tar-Regolament (KE) Nru 216/96 [37] mal-obbligu ta' imparzjalità tal-amministrazzjoni fis-sens tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, sa fejn din id-dispożizzjoni ma tipprevedix l-obbligu li tinbidel il-kompożizzjoni tal-Bord tal-Appell meta l-kawża tiġi rrinvijata lilu, wara l-annullament tad-deċiżjoni tiegħu [38].

Il-Qorti Ġenerali nnotat li l-Artikolu 1d tar-Regolament Nru 216/96 jipprevedi li, jekk il-miżuri li jwasslu għall-eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Unjoni li tannulla totalment jew parzjalment id-deċiżjoni ta' Bord tal-Appell jew tal-Bord Superjuri jinkludu eżami ġdid mill-bordijiet tal-appell tal-każ li għalih tkun ngħatat din id-deċiżjoni, il-Presidju tal-bordijiet tal-appell għandu jiddeċiedi jekk il-każ jiġix irrinvijat quddiem il-bord li jkun ta din id-deċiżjoni, lil bord ieħor jew lill-Bord Superjuri. Meta każ jiġi rrinvijat lil bord ieħor, dan għandu jkun kompost b'tali mod li ma jinkludi l-ebda membru li jkun ħa sehem fid-deċiżjoni inizjali. Din id-dispożizzjoni tal-aħħar ma tapplikax meta l-każ jiġi rrinvijat quddiem il-Bord Superjuri.

Skont il-Qorti Ġenerali, minn dan il-kliem ma jirriżultax li, meta każ jiġi rrinvijat qudidem il-Bord tal-Appell li jkun ta d-deċiżjoni annullata, hemm obbligu għall-Presidju li joħloq Bord tal-Appell b'tali mod li ma jinkludi l-ebda membru li jkun ħa sehem fl-imsemmija deċiżjoni. F'dan ir-rigward, il-proċedura quddiem il-bordijiet tal-appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) ma hijiex ta' natura ġudizzjarja, iżda ta' natura amministrattiva. Issa, il-Qorti Ġenerali fakkret li diġà ġie deċiż li ebda regola ta' dritt u l-ebda prinċipju ma jipprekludi li amministrazzjoni tafda f'idejn l-istess uffiċjali l-eżami mill-ġdid ta' każ li jkun sar sabiex tiġi eżegwita sentenza li tannulla deċiżjoni, u li ma jistax jiġi stabbilit bħala prinċipju ġenerali li jirriżulta mill-obbligu ta' imparzjalità li istanza amministrattiva jew ġudizzjarja għandha l-obbligu li tirrinvija l-każ lil awtorità oħra jew korp ieħor ikkostitwit minn din l-awtorità.

Għalhekk, ir-rinviju mill-Presidju, skont l-Artikolu 1d tar-Regolament Nru 216/96, ta' każ wara annullament lill-istess Bord tal-Appell li kien iddeċieda inizjalment, mingħajr obbligu li dan il-Bord tal-Appell jiġi kompost b'mod differenti, ma jiksirx l-obbligu ta' imparzjalità tal-amministrazzjoni fis-sens tal-Artikolu 41(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

**37/** Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 216/96 tal-5 ta' Frar 1996 li jistipula r-regoli tal-proċedura tal-Bordijiet ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju ta' l-Armonizzazzjoni tas-Suq Intern (Trade Marks u Disinji) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 221).

**38/** Ara wkoll, iktar 'il quddiem, l-iżviluppi stipulati f'din is-sentenza taħt "3. Disinni – a) Saturazzjoni tal-eċċellenza".

## 2. TRADE MARK TAL-UNJONI EWROPEA

### a. Il-portata u n-natura tal-istħarriġ eżerċitat mill-Bordijiet tal-Appell

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-6 ta' April 2017, ***Nanu-Nana Joachim Hoepp vs EUIPO – Fink (NANA FINK)*** (T-39/16, EU:T:2017:263), il-Qorti Ġenerali ntalbet tippronunzja ruħha dwar il-legalità tad-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO li kienet ċaħdet ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti kontra d-deċiżjoni li permezz tagħha d-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni laqgħet biss parzjalment it-talba tagħha għal oppożizzjoni. Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti sostniet li l-Bord tal-Appell kien naqas milli jieħu deċiżjoni dwar ċerti prodotti li għalihom l-oppożizzjoni kienet ġiet miċħuda. Din iċ-ċirkustanza kellha, skont hija, twassal għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. B'mod partikolari, din il-kawża ppermettiet lill-Qorti Ġenerali teżamina l-konsegwenzi tan-nuqqas tal-Bord tal-Appell li jaqta' fl-intier tiegħu l-appell imressaq quddiemu.

Il-Qorti Ġenerali osservat li l-appell ippreżentat mir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell kien intiż għad-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni fl-intier tagħha, sa fejn l-oppożizzjoni kienet ġiet miċħuda, u qieset li, billi l-Bord tal-Appell naqas milli jieħu deċiżjoni dwar l-appell ippreżentat quddiemu sa fejn dan kien jipprevedi ċ-ċaħda tal-oppożizzjoni f'dak li jikkonċerna l-"metalli prezzjużi u l-ligi tagħhom", huwa kiser l-obbligu, li jirriżulta mir-Regolament (KE) Nru 207/2009 9 [39] [issotitwit bir-Regolament (UE) 2017/1001 [40]], b'mod partikolari mill-ewwel sentenza tal-Artikolu 64(1) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-ewwel sentenza tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament 2017/1001) li jieħu deċiżjoni dwar l-appell ippreżentat quddiemu. Il-Qorti Ġenerali speċifikat li dan l-obbligu għandu jinftiehem fis-sens li l-Bord tal-Appell għandu jieħu deċiżjoni dwar kull waħda mit-talbiet ifformulati quddiemu, fl-intier tagħha, jew billi jilqagħha, jew billi jiddikjaraha inammissibbli, jew billi jiċħadha fil-mertu. Peress li l-ksur ta' dan l-obbligu jista' jkollu effett fuq il-kontenut tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, din il-kwistjoni tirrigwarda rekwiżit formali essenzjali li l-ksur tiegħu jista' jitqajjem ex officio mill-Qorti Ġenerali.

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2017, ***GP Joule PV vs EUIPO – Green Power Technologies (GPTech)*** (T235/16, EU:T:2017:413), il-Qorti Ġenerali fakkret il-portata tas-setgħa diskrezzjonali li l-bordijiet tal-appell tal-EUIPO għandhom sabiex jieħdu inkunsiderazzjoni provi insostenn tal-oppożizzjoni li ma jkunux ġew ippreżentati fit-terminu stabbilit għal dan l-għan. Ir-rikorrenti kkritikat lill-Bord tal-Appell li ma ħax inkunsiderazzjoni l-prova, imressqa għall-ewwel darba quddiemu, li hija kienet id-detentur tal-liċenzja taż-żewġ trade marks preċedenti li fuqhom kienet ibbażata l-oppożizzjoni u li b'hekk ikkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni li tiċħad l-oppożizzjoni bħala infondata skont ir-Regola 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95 [41] (li sar l-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1430 [42]) fin-nuqqas tar-rikorrenti li ġġib il-prova tal-intitolament tagħha f'waqtha, sabiex tressaq l-imsemmija oppożizzjoni.

**39/** Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2009, L 78, p. 1).

**40/** Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewrope (ĠU 2017, L 154, p. 1).

**41/** Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95 tat-13 ta' Diċembru 1995 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 189).

**42/** Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1430 tat-18 ta' Mejju 2017 li jissupplimenta r-Regolament Nru 207/2009 u li jirrevoka r-Regolamenti Nru 2868/95 u Nru 216/96 (ĠU 2017, L 205, p. 1).

Il-Qorti Ġenerali indikat li r-Regolament Nru 207/2009 jipprovdi espressament li l-Bord tal-Appell għandu, waqt l-eżami ta' appell minn deċiżjoni ta' Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, setgħa diskrezzjonali li tirriżulta mit-tielet subparagrafu tar-Regola 50(1) tar-Regolament Nru 2868/95 u mill-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 95(2) tar-Regolament 2017/1001), sabiex jiddeċiedi jekk hemmx lok li jieħu inkunsiderazzjoni provi u fatti ġodda jew supplimentari li ma jkunux ġew prodotti fit-termini stabbiliti jew speċifikati mid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni. Madankollu, hija ppreċiżat li r-Regola 50 tar-Regolament Nru 2868/95 ma tistax tiġi interpretata fis-sens li din testendi s-setgħat diskrezzjonali tal-bordijiet tal-appell għal provi ġodda, iżda biss għall-provi msejħa "komplementari" jew "supplimentari", li jiżdiedu ma' provi rilevanti, prodotti fit-terminu stabbilit.

F'dan il-każ, meta ebda prova tal-awtorizzazzjoni tar-rikorrenti sabiex tressaq oppożizzjoni ma tkun ġiet prodotta fit-terminu stabbilit mill-EUIPO, tali prova, ippreżentata għall-ewwel darba quddiem il-Bord tal-Appell, ma tistax tiġi kklassifikata bħala prova "komplementari" jew "supplimentari" fis-sens tat-tielet subparagrafu tar-Regola 50(1) tar-Regolament Nru 2868/95 u tal-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009. Barra minn hekk, anki jekk il-prova prodotta mir-rikorrenti għall-ewwel darba quddiem il-Bord tal-Appell tista' tiġi kklassifikata bħala prova "komplementari" jew "supplimentari", il-Bord tal-Appell eżerċita, madankollu, b'mod korrett s-setgħa diskrezzjonali tiegħu skont l-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009. B'hekk, huwa seta' validament jirrifjuta li jieħu inkunsiderazzjoni tali prova, ippreżentata wara l-iskadenza tat-termini mogħtija għal dan l-għan mid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, għar-raġuni li ċ-ċirkustanzi madwar il-produzzjoni tardiva ta' din il-prova mir-rikorrenti ma kinux jiġġustifikawha, u dan, mingħajr ma tiġi eżaminata n-natura rilevanti u suffiċjenti ta' din il-prova.

Il-kwistjoni tas-setgħa diskrezzjonali tal-bordijiet tal-appell sabiex jieħdu inkunsiderazzjoni provi insostenn tal-oppożizzjoni li ma jkunux ġew ippreżentati fit-terminu stabbilit kienu wkoll ċentrali għall-kawża li wasslet għas-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2017, ***Moravia Consulting vs EUIPO – Citizen Systems Europe (SDC-554S)*** (T-316/16, EU:T:2017:717). F'dan il-każ, ir-rikorrenti, li kienet ippreżentat oppożizzjoni kontra applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark bis-saħħa ta' allegat dritt preċedenti eżistenti fi Stat Membru u mogħti bi trade mark verbali mhux irreġistrata, ma kienet ipproduċiet l-ebda prova dwar il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, u huwa għalhekk li l-oppożizzjoni kienet ġiet miċħuda mid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni. Ir-rikorrenti kienet sussegwentement ipprovdiet informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti dwar it-trade marks fl-istadju tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li, minkejja li t-tielet subparagrafu tar-Regola 50(1) tar-Regolament Nru 2868/95 jipprevedi li, meta rikors jiġi ppreżentat kontra deċiżjoni ta' Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, il-Bord tal-Appell għandu jillimita l-eżami tal-appell għall-provi u għall-fatti prodotti fit-termini stabbiliti jew speċifikati mid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, sakemm ma jqisx li provi u fatti "addizzjonali" jew "komplementari" għandhom jiġu kkunsidrati skont l-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009, l-imsemmija regola ma tistax tiġi interpretata fis-sens li hija testendi s-setgħat diskrezzjonali tal-bordijiet tal-appell għal provi ġodda.

Issa, f'dan il-każ, fil-kuntest tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni, ir-rikorrenti ma ressqet ebda prova dwar il-kontenut tad-dritt nazzjonali fit-terminu stabbilit u ma ppreżentatx raġuni leġittima sabiex tiġġustifika l-aġir tagħha. Barra minn hekk, l-unika prova mressqa mir-rikorrenti sabiex turi l-eżistenza, il-validità u l-portata tal-protezzjoni tat-trade mark preċedenti mhux irreġistrata ma tat ebda informazzjoni dwar l-użu tat-trade mark preċedenti invokat u lanqas ma kien fiha informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet meħtieġa mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali qieset li r-riferimenti għad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni Ċeka nazzjonali pprovduti mir-rikorrenti għall-ewwel darba quddiem il-Bord tal-Appell ma jikkostitwixxux provi "addizzjonali" jew "komplementari" meta mqabbla ma' dawk li kienu ġew ippreżentati quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni. Għaldaqstant, il-Bord tal-Appell ma wettaqx żball meta qies li huwa ma kellux setgħa diskrezzjonali fir-rigward tal-aċċettazzjoni tal-provi prodotti għall-ewwel darba quddiemu, peress li dawn il-provi kienu tardivi.

## b. Responsabbiltà mhux kuntrattwali

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-17 ta' Frar 2017, ***Novar vs EUIPO*** (T-726/14, EU:T:2017:99), il-Qorti Ġenerali ntalbet tippronunzja ruħha fuq it-talba tar-rikorrenti intiża li tikseb kumpens għad-dannu materjali li hija allegatament sofriet minħabba l-ispejjeż tal-avukat li hija kienet sostniet fil-kuntest ta' rikors kontra deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-EUIPO, allegatament adottata bi ksur, b'mod partikolari, tar-Regola 19(2)(a) tar-Regolament Nru 2868/95 (li sar l-Artikolu 7(2)(a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2017/1430).

Wara li fakkret li l-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, għal aġir illeċitu tal-istituzzjonijiet tagħha jew tal-korpi tagħha, huwa suġġett għall-kundizzjoni li jiġu ssodisfatti tliet kundizzjonijiet kumulattivi, jiġifieri l-illegalità tal-aġir ilmentat, ir-realtà tad-dannu u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir allegat u d-dannu invokat, il-Qorti Ġenerali eżaminat, qabelxejn, l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir allegatament illegali tal-EUIPO u d-dannu invokat f'dan il-każ.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, meta rappreżentanza minn avukat jew konsulent fil-kuntest ta' proċedura prekontenzjuża ma tkunx obbligatorja, ma hemmx l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-allegat dannu, jiġifieri l-ispejjeż ta' tali rappreżentanza, u l-aġir possibbilment oġġezzjonabbli tal-istituzzjoni jew tal-organu tal-Unjoni. Fil-fatt, minkejja li l-persuna kkonċernata ma tistax tiġi pprojbita li tibbenefika, diġà f'din il-fażi, mill-pariri ta' avukat, din hija l-għażla tagħha li ma tistax, konsegwentement, tiġi imputata lill-istituzzjoni jew lill-organu kkonċernat. F'dan il-każ, kif irrilevat il-Qorti Ġenerali, jirriżulta mill-Artikolu 92 tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 119 tar-Regolament Nru 2017/1001) li r-rappreżentanza minn avukat quddiem l-istanzi tal-EUIPO ma hijiex obbligatorja għal parti, bħar-rikorrenti. Minn dan, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-ispejjeż tal-avukat sostnuti mir-rikorrenti jirriżultaw mill-għażla tagħha stess u ma jistgħux jiġu imputati direttament lill-EUIPO. Għaldaqstant, ma kienx hemm rabta kawżali bejn l-aġir allegatament illegali tal-EUIPO u l-ispejjeż tar-rappreżentanza minn avukat sostnuti mir-rikorrenti għall-finijiet tal-proċedimenti ta' appell.

## c. Motivi assoluti għal rifjut

Il-kawża li wasslet għas-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2017, ***M/S. Indeutsch International vs EUIPO – Crafts Americana Group (Rappreżentazzjoni ta' kurvi rrepetuti bejn linji paralleli)*** (T-20/16, EU:T:2017:410), kienet tirrigwarda t-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità ta' trade mark li tikkonsisti f'disinn ġeometriku repetittiv li għaliha ntalbet ir-reġistrazzjoni għal "labar għall-immaljar bl-idejn" u "ganċijiet tal-kroxè". Il-Bord tal-Appell kien laqa' r-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni li jiċħad din it-talba. Skont il-Bord tal-Appell, it-trade mark ikkontestata kienet nieqsa minn karattru distintiv fis-sens tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)b tar-Regolament Nru 2017/1001). Essenzjalment, il-każ kien jirrigwarda l-kwistjoni ta' jekk, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-karattru distintiv tat-trade mark, il-Bord tal-Appell setax validament jibbaża ruħu mhux fuq it-trade mark ikkontestata kif irreġistrata, iżda fuq il-forom li fihom huwa qies li kien manifestat l-użu effettiv ta' din it-trade mark.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li, fid-dawl tal-ħtiġijiet imperattivi ta' ċertezza legali mħarsa mill-eżistenza tar-reġistru tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea, l-eżami tal-karattru distintiv ta' trade mark għandu jsir billi titqies it-trade mark kif kienet irreġistrata jew kif tkun fl-applikazzjoni għal reġistrazzjoni, indipendentement mill-modalitajiet tal-użu tagħha. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-applikazzjoni tal-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament Nru 207/2009 (l-Artikolu 8 sar l-Artikolu 8 tar-Regolament 2018/1001) billi jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux it-trade marks tal-Unjoni Ewropea kif ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għalihom jew kif ġew irreġistrati, iżda kif użati, ixxejjen il-funzjoni tal-imsemmi reġistru bħala garanti taċ-ċertezza li għandu jkun hemm fir-rigward tan-natura eżatta tad-drittijiet li huwa intiż li jipproteġi. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, meta t-trade mark li għaliha tkun

saret l-applikazzjoni jew li tkun ġiet irreġistrata tikkonsisti f'rappreżentazzjoni bidimensjonali jew tridimensjonali tal-prodott li hija tkopri, il-karattru distintiv tagħha jiddependi fuq il-kwistjoni dwar jekk hija titbegħidx b'mod sinjifikattiv min-norma jew mill-użanzi tas-settur u, minħabba f'hekk, tistax tissodisfa l-funzjoni essenzjali tagħha ta' identifikazzjoni tal-oriġini tal-prodott. F'dan il-kuntest, fir-rigward tat-trade marks ikkostitwiti mill-forma ta' prodott konkret, u mhux minn forma astratta, li huma jkopru, l-awtorità kompetenti tista' tidentifika l-karatteristiċi essenzjali tagħhom billi teżamina l-prodott innifsu. Issa, f'dan il-każ, it-trade mark ikkontestata kif irreġistrata kellha l-karatteristiċi ta' forma ġeometrika astratta kkostitwita minn disinn repetittiv li jikkonsisti f'żewġ linji paralleli li jagħlqu disinn forma ta' żigużajg iddefinit b'mod ċar, kollox bl-iswed u bl-abjad. Minn dan il-Qorti Ġenerali ddeduċiet li, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, li wieħed jibbaża ruħu fuq il-fatt li fuq is-superfiċji tal-prodotti tar-rikorrenti hemm disinni fil-forma ta' żigużajg multikulurit sabiex jiġi eżaminat il-karattru distintiv tal-apparenza ta' dawn il-prodotti fis-sens tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 minflok ma jibbaża dan l-eżami fuq it-trade mark ikkontestata hekk kif irreġistrata ma jifformax parti minn eżerċizzju ta' identifikazzjoni tal-karatteristiċi essenzjali tagħha, iżda jikkostitwixxi bidla notevoli tal-imsemmija karatteristiċi. Konsegwentement, hija kkonkludiet li hemm ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2017, ***bet365 Group vs EUIPO – Hansen (BET365)*** (T-304/16, EU:T:2017:912), il-Qorti Ġenerali ntalbet teżamina l-legalità tad-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO li ċaħdet li s-sinjal verbali BET365 li għalih intalbet ir-reġistrazzjoni mir-rikorrenti kien kiseb, permezz tal-użu, karattru distintiv f'parti sostanzjali tat-territorju rilevanti li fih kien intrinsikament nieqes.

Filwaqt li fakkret li, skont l-Artikolu 7(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(2) u (3) tar-Regolament 2017/1001), l-estrapolazzjoni tal-kisba tal-karattru distintiv permezz tal-użu f'xi Stati Membri lil Stati Membri oħrajn ma tistax tiġi eskluża, bil-kundizzjoni li elementi oġġettivi u kredibbli jippermettu li jiġi konkluż li s-swieq ikunu komparabbli fir-rigward tal-perċezzjoni tat-trade mark ikkontestata mill-pubbliku rilevanti, l-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Bord tal-Appell ma wettaqx żball meta kkunsidra li l-eżami tal-kisba mit-trade mark ikkontestata ta' karattru distintiv permezz tal-użu kellu jkun limitat għall-Istati Membri tal-Unjoni li fihom parti kbira tal-konsumaturi kienu jipprattikaw jew kienu jifhmu l-Ingliż u, għaldaqstant, kienu f'pożizzjoni li jifhmu t-tifsira tal-espressjoni "bet365". Madankollu, hija qieset li huwa b'mod żbaljat li l-Bord tal-Appell eskluda lil Ċipru u lil Malta mit-territorju rilevanti ladarba l-Ingliż huwa pprattikat jew mifhum sewwa f'dawn iż-żewġ pajjiżi u dawn kienu diġà membri tal-Komunità Ewropea fid-data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark ikkontestata.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali osservat li l-kisba, minn trade mark, ta' karattru distintiv bl-użu ma jimplikax neċessarjament li din kienet is-suġġett ta' użu indipendenti, iżda jista' wkoll jirriżulta mill-użu tagħha bħala parti minn trade mark oħra rreġistrata jew mill-użu tagħha flimkien ma' trade mark oħra rreġistrata, sakemm, fiż-żewġ każijiet, l-użu li jsir iwassal lil dawk interessati jipperċepixxu li l-prodotti jew is-servizzi li huma koperti biss mit-trade mark inkwistjoni joriġinaw mill-impriża partikolari li tużaha bħala parti minn trade mark oħra jew flimkien ma' trade mark oħra. B'hekk, id-diversi tipi ta' użu tal-element "bet365" ma għandhomx jitqiesu li ma humiex ta' natura li jgħinu sabiex tintwera l-kisba mit-trade mark ikkontestata ta' karattru distintiv permezz tal-użu, iktar u iktar għaliex din tal-aħħar hija trade mark verbali li, min-natura tagħha stess, ir-rappreżentazzjonijiet u t-tipi ta' użu kollha tagħha ma jistgħux jiġu previsti, sa fejn dawn tal-aħħar jaqgħu taħt l-użu tas-sinjal ikkontestat bħala trade mark.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Bord tal-Appell wettaq żball ta' liġi meta afferma, b'mod ġenerali, li l-użu tat-trade mark ikkontestata bħala isem ta' sit internet ma setax jikkostitwixxi użu bħala trade mark. Skont il-Qorti Ġenerali, huwa raġonevoli li jitqies li, ħlief fir-rigward ta' ċerti ġugaturi jew persuni li jagħmlu l-imħatri li jkunu qed iwettqu l-ewwel esperjenzi tagħhom, klijent li jidħol fis-sit internet tar-rikorrenti fl-indirizz "www.bet365.com" ma jagħmilx dan b'kumbinazzjoni u juża t-trade mark ikkontestata jew it-trade marks idderivati tagħha bħala mezz kif jidentifika s-servizzi proposti mir-rikorrenti, għad-differenza tas-servizzi li jiġu proposti mill-kompetituri tagħha, bl-istess mod kif klijent jidħol f'ħanut li jkollu sinjal li jikkorrispondi għad-ditta tal-prodotti jew tas-servizzi

li huwa jkun qed ifittex u li jinbiegħu hemmhekk. Informazzjoni bħan-numru ta' konnessjonijiet mas-sit internet tar-rikorrenti, il-klassifikazzjoni tagħha f'termini ta' żjarat fuq is-sit internet f'diversi pajjiżi jew in-numru ta' drabi li t-trade mark ikkontestata jew it-trade marks idderivati tagħha kienu s-suġġett ta' tfittxija fuq magni tat-tiftix tal-internet hija data li tgħin sabiex tintwera l-kisba mit-trade mark ikkontestata ta' karattru distintiv permezz tal-użu. L-istess jista' japplika għall-estratti tal-paġni tas-sit internet tar-rikorrenti jew ta' siti internet oħra, f'diversi lingwi, fejn jidhru t-trade mark ikkontestata jew it-trade marks idderivati tagħha, sakemm il-portata tal-provi prodotti tista' turi użu sinjifikattiv tat-trade mark ikkontestata bħala trade mark. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-fatt li l-element "bet365" deher fl-istampa sportiva jew fl-istampa speċjalizzata fil-logħob u fl-imħatri, pereżempju assoċjat mal-probabbiltajiet ta' rebħ ta' mħatri, ma' paragun bejn is-servizzi pprovduti minn diversi fornituri kif ukoll fil-kuntest tal-isponsorizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi li fuqhom isiru l-imħatri, juri b'mod ċar l-użu tiegħu bħala trade mark sabiex jindika l-oriġini tas-servizzi proposti jew imsemmija, sabiex jiddistingwihom mis-servizzi tal-kompetituri tar-rikorrenti u, skont il-każ, sabiex jagħmel promozzjoni tagħhom. Minn dan isegwi li l-Bord tal-Appell wettaq żball fil-klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti ppreżentati lilu billi eskluda li l-estratti tal-istampa prodotti mir-rikorrenti jistgħu, għall-inqas għal parti minnhom, juru użu tat-trade mark ikkontestata bħala trade mark.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, fid-dawl tal-fatt li t-trade mark ikkontestata u t-trade marks idderivati tagħha huma l-uniċi li jintużaw mir-rikorrenti bħala trade marks li jippermettu li jiġu identifikati b'mod ġenerali l-logħob tal-flus u l-imħatri tagħha, jekk l-ammonti prodotti mir-rikorrenti, jiġifieri d-dħul mill-bejgħ u l-ammonti tal-ġugati jew tal-investimenti fir-reklamar, jistgħu raġonevolment jitqiesu li huma dovuti għal-logħob tal-flus u għall-imħatri, dawn għandhom għalhekk jittieħdu inkunsiderazzjoni għal dawn is-servizzi. F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl tal-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kisba, minn trade mark, ta' karattru distintiv permezz tal-użu, u fid-dawl, minn naħa, tad-diversi żbalji ta' liġi u ta' klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti rrilevati u, min-naħa l-oħra, tan-numru kbir ta' provi prodotti mir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell li jistgħu jgħinu b'mod utli sabiex eventwalment tintwera l-kisba, mit-trade mark ikkontestata, ta' karattru distintiv permezz tal-użu fit-territorju rilevanti, iżda li l-Bord tal-Appell ma ħax inkunsiderazzjoni għal dan il-għan, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li d-deċiżjoni kkontestata ma kinitx suffiċjentement ibbażata fuq motivi validi li jippermettu li jiġġustifikaw id-dispożittiv tagħha għal dak li jirrigwarda s-servizzi ta' logħob tal-flus u ta' mħatri.

## d. Motivi relattivi għal rifjut

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2017, ***Coca-Cola vs EUIPO – Mitico (Master)*** (T-61/16, EU:T:2017:877), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO li ċaħdet l-appell mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni li kienet ċaħdet l-oppożizzjoni mressqa kontra l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala trade mark tas-sinjal figurattiv Master. Din id-deċiżjoni segwiet is-sentenza ***Coca-Cola vs OHMI – Mitico (Master)*** [43] li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali kienet annullat l-ewwel deċiżjoni tal-Bord tal-Appell li permezz tagħha huwa kien ċaħad l-appell mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni li kienet ċaħdet l-oppożizzjoni. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali kellha l-okkażjoni, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tar-"riskju ta' parassitiżmu" tat-trade mark preċedenti, li tippronunzja ruħha, minn naħa, fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tal-użu tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni barra l-Unjoni fid-dawl tal-prinċipju ta' territorjalità u, min-naħa l-oħra, fuq il-possibbiltà li tinġieb il-prova ta' dan ir-riskju fuq il-bażi ta' deduzzjonijiet loġiċi.

Fir-rigward, l-ewwel nett, tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-użu tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni barra mill-Unjoni, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-prinċipju ta' territorjalità, fid-dritt tat-trade marks, jimplika li huwa d-dritt

**43/** Sentenza tal-11 ta' Diċembru 2014, T-480/12, EU:T:2014:1062.

tal-Istat – jew tal-unjoni tal-Istati – fejn il-protezzjoni ta' trade mark hija mitluba, li jiddetermina l-kundizzjonijiet ta' din il-protezzjoni. Billi l-intervenjenti ppreżentat applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea, skont il-prinċipju ta' territorjalità, huwa d-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament Nru 207/2009, li jiddetermina l-kundizzjonijiet ta' din il-protezzjoni. Skont il-Qorti Ġenerali, il-prinċipju ta' territorjalità fid-dritt tat-trade marks bl-ebda mod ma jeskludi t-teħid inkunsiderazzjoni ta' atti ta' użu tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni barra mill-Unjoni sabiex issir deduzzjoni loġika dwar l-użu kummerċjali probabbli tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni fl-Unjoni, sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' riskju li jinkiseb vantaġġ indebitament, fl-Unjoni, mir-reputazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea preċedenti, fis-sens tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 2017/1001). Isegwi, f'dan il-każ, li l-prinċipju ta' territorjalità ma jipprekludix it-teħid inkunsiderazzjoni ta' provi relatati mal-użu kummerċjali effettiv tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni Master (flimkien mal-kelma "cola") fis-Sirja u fil-Lvant Nofsani, bħal estratti mis-sit internet "www.mastercola.com", li huwa fformulat prinċipalment bl-Għarbi, sabiex jiġi stabbilit riskju li l-użu ta' din it-trade mark fl-Unjoni jikseb vantaġġ indebitu mir-reputazzjoni tal-erba' trade marks tal-Unjoni preċedenti Coca-Cola.

Fir-rigward, it-tieni nett, tal-evalwazzjoni ta' deduzzjonijiet loġiċi dwar riskju ta' parassitiżmu fl-Unjoni, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li jista' jiġi dedott loġikament minn applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea li l-proprjetarju tagħha jkollu l-intenzjoni li jikkummerċjalizza l-prodotti u s-servizzi tiegħu fl-Unjoni. F'dan il-każ, hija enfasizzat li huwa għalhekk loġikament prevedibbli li l-intervenjenti, jekk hija tikseb ir-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha tkun saret l-applikazzjoni, tbiddel is-sit internet tagħha f'konformità ma' tali intenzjoni li tikkummerċjalizza l-prodotti tagħha taħt din it-trade mark fl-Unjoni. Fil-fatt, is-sit internet "www.mastercola.com" ma huwiex wieħed statiku u jista' jinbidel sabiex jolqot konsumaturi tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jżid kontenut f'waħda jew f'iktar lingwi uffiċjali tal-Unjoni. Fl-assenza ta' elementi speċifiċi fir-rigward tal-intenzjonijiet kummerċjali tal-intervenjenti fl-Unjoni, il-Qorti Ġenerali qieset li l-estratti tas-sit internet "www.mastercola.com" prodotti mir-rikorrenti u relatati mal-użu effettiv tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni mill-intervenjenti barra mill-Unjoni jistgħu jippermettu li jiġi konkluż prima facie li jeżisti riskju futur mhux ipotetiku ta' vantaġġ indebitu fl-Unjoni. Il-Qorti Ġenerali rrilevat ukoll li l-fatt li l-intervenjenti ma pprovdiet ebda element speċifiku fir-rigward ta' eventwali intenzjonijiet kummerċjali fl-Unjoni differenti minn dawk li jikkonċernaw il-pajjiżi terzi ma huwiex irrilevanti. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-użu effettiv tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni mill-intervenjenti taħt preżentazzjoni partikolari u magħżula b'mod deliberat barra mill-Unjoni jista' jwassal għad-deduzzjoni loġika li jeżisti riskju serju li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni tintuża bl-istess mod fi ħdan l-Unjoni bħal fil-pajjiżi terzi, iktar u iktar peress li l-intervenjenti talbet espressament ir-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal użu fl-Unjoni.

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2017, ***JT vs EUIPO – Carrasco Pirard (QUILAPAYÚN)*** (T-249/15, EU:T:2017:885), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors għal annullament ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-EUIPO li annullat id-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni u ċaħdet l-oppożizzjoni, għar-raġuni li r-rikorrenti ma kinitx ipprovat li kienet il-proprjetarju "reali" tat-trade mark preċedenti li fuqha kienet ibbażata l-oppożizzjoni. Din il-kawża toriġina minn proċedimenti ta' oppożizzjoni bbażata fuq trade mark figurattiva preċedenti mhux irreġistrata (QUILAPAYÚN) u mressqa kontra l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark identika għat-trade mark figurattiva preċedenti mhux irreġistrata. Din il-kawża kienet opportunità sabiex il-Qorti Ġenerali teżamina l-kwistjoni ġdida dwar jekk il-kwalità ta' koproprjetarju ta' trade mark hijiex suffiċjenti sabiex titressaq oppożizzjoni.

Skont il-Qorti Ġenerali, mill-Artikolu 8(1)(a) u (b) u 2(c) tar-Regolament Nru 207/2009 (li saru l-Artikolu 8(1)(a) u (b) u 2(c) tar-Regolament Nru 2017/1001), mill-Artikolu 41(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 46(1)(a) tar-Regolament 2017/1001), mir-Regola 19(2) u mir-Regola 20(1) tar-Regolament Nru 2868/95, jirriżulta li, sabiex iressaq oppożizzjoni, fis-sens tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 207/2009, fuq il-bażi ta' trade mark partikolarment magħrufa, fis-sens tal-Artikolu 8(2)(c) tal-imsemmi regolament, l-awtur tal-oppożizzjoni għandu jistabbilixxi li t-trade mark tkun magħrufa sew fi Stat Membru, fis-sens tal-Artikolu 6 bis tal-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni

tal-Proprjetà Industrijali [44], u li huwa jkun il-proprjetarju tagħha. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-prova tal-proprjetà ta' trade mark mhux irreġistrata twieġeb għal kundizzjonijiet partikolari. Ir-rikorrent ma jistax, bħala ipoteżi, jippreżenta ċertifikat ta' preżentata jew ta' reġistrazzjoni tat-trade mark li fuqha tkun ibbażata l-oppożizzjoni, sabiex jipprova li huwa l-proprjetarju ta' din it-trade mark. Huwa għandu jġib prova li, permezz tal-użu tat-trade mark preċedenti mhux irreġistrata, huwa jkun kiseb drittijiet fuqha.

Barra minn hekk, skont il-Qorti Ġenerali, minn ebda dispożizzjoni hawn fuq imsemmija ma jirriżulta li l-persuna li tressaq oppożizzjoni, fuq il-bażi tal-Artikolu 8(2)(c) tar-Regolament Nru 207/2009, għandha tipprova li hija proprjetarja "esklużiva" tat-trade mark preċedenti mhux irreġistrata magħrufa sew li fuqha hija tibbaża l-oppożizzjoni tagħha. Mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 207/2009, mir-Regola 19(2) u mir-Regola 20(1) tar-Regolament Nru 2868/95 wieħed jiddeduċi li l-awtur tal-oppożizzjoni huwa marbut li jipprova li huwa jkun kiseb drittijiet suffiċjenti fuq it-trade mark preċedenti mhux irreġistrata magħrufa sew, fis-sens tal-Artikolu 8(2)(c) tar-Regolament Nru 207/2009, sabiex jitqies li huwa proprjetarju ta' din it-trade mark, u dan ma jimplikax li tiġi pprovata l-proprjetà esklużiva tagħha. Ir-Regola 15(1) tar-Regolament Nru 2868/95 (li saret l-Artikolu 2(1) tar-Regolament Delegat 2017/1430) tipprovdi wkoll li, "[j]ekk marka preċedenti u/jew dritt preċedenti għandu aktar minn propjetarju wieħed (ko-propjetà), l-oppożizzjoni tista' tiġi ffajljata minn wieħed minnhom jew minnhom kollha", u dan jippermetti lil kull wieħed mill-koproprjetarji ta' trade mark preċedenti li jopponi r-reġistrazzjoni ta' trade mark li għaliha saret applikazzjoni.

F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali rrilevat li jekk il-proprjetà esklużiva tat-trade mark preċedenti kienet meħtieġa, la r-rikorrent u lanqas l-applikanti għat-trade mark ma jistgħu jopponu r-reġistrazzjoni tas-sinjal inkwistjoni minn terz, ħlief jekk ikunu opponew flimkien din ir-reġistrazzjoni, peress li huma lkoll ikunu qed isostnu li għandhom il-proprjetà ta' dan is-sinjal. Issa, il-kisba mir-rikorrent ta' drittijiet fuq it-trade mark preċedenti mhux irreġistrata tippermettilu jopponi r-reġistrazzjoni tat-trade mark li saret applikazzjoni għaliha, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk oħrajn, fosthom l-applikanti, ikunux kisbu wkoll drittijiet fuq din it-trade mark minħabba l-użu li setgħu għamlu huma wkoll minnha. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Bord tal-Appell wettaq żball ta' liġi meta eżiġa li r-rikorrent jipprova li huwa kien proprjetarju esklużiv tat-trade mark preċedenti, mingħajr ma eżamina jekk kienx suffiċjenti li huwa jkun il-koproprjetarju.

## 3. DISINNI

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-16 ta' Frar 2017, ***Termosifuni għal radjaturi*** (T-828/14 u T-829/14, EU:T:2017:87) [45], il-Qorti Ġenerali kellha inter alia l-opportunità tagħmel preċiżazzjonijiet dwar id-data li fiha hemm lok li jiġi eżaminat il-karattru individwali ta' disinn u li tistabbilixxi l-eventwali eżistenza ta' saturazzjoni tal-eċċellenza fis-sens tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 [46]. Ir-rikorrenti sostniet li l-Bord tal-Appell wettaq żball fir-rigward tal-mument tal-evalwazzjoni tas-saturazzjoni tal-eċċellenza billi għażel id-data tal-għoti tad-deċiżjonijiet ikkontestati, filwaqt li din kellha tiġi evalwata fil-mument tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tad-disinni kkontestati.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali indikat li, fil-fatt, huwa fid-data tal-preżentata tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tad-disinn li għandu, skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 6/2002, jiġi eżaminat il-karattru individwali tad-disinn

**44/** Konvenzjoni ta' Pariġi għall-protezzjoni tal-proprjetà industrijali, tal-20 ta' Marzu 1883, kif riveduta u emendata.

**45/** Ara wkoll, iktar 'il fuq, l-iżviluppi stipulati f'din is-sentenza taħt "V. Proprjetà intellettwali – 1. Kompożizzjoni tal-Bordijiet tal-Appell wara rinviju".

**46/** Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 142).

ikkontestat u tiġi stabbilita l-eventwali eżistenza ta' saturazzjoni tal-eċċellenza. Hija kkonstatat, konsegwentement, li l-Bord tal-Appell wettaq żball ta' liġi fir-rigward tad-data tal-evalwazzjoni tal-eventwali eżistenza ta' saturazzjoni tal-eċċellenza.

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2017, ***Ball Beverage Packaging Europe vs EUIPO*** – Crown Hellas Can (Canettes) (T-9/15, EU:T:2017:386), il-Qorti Ġenerali kellha l-opportunità tagħti kjarifiki utli dwar in-natura tal-proċedura għar-reġistrazzjoni tad-disinni Komunitarji, il-kunċett ta' "prodott" fis-sens tal-Artikolu 3(a) tar-Regolament Nru 6/2002, u l-portata tad-deskrizzjoni tad-disinn ikkontestat li tinsab fl-applikazzjoni għal reġistrazzjoni skont l-Artikolu 36(3)(a) tal-imsemmi regolament.

Qabelxejn, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, sa fejn id-definizzjoni tal-oġġett tal-protezzjoni tad-disinn ikkontestat tagħmel parti mill-eżami fil-mertu tar-reġistrazzjoni tal-imsemmi disinn, teħid ta' pożizzjoni eventwali mill-EUIPO fuq din il-kwistjoni waqt il-proċedura ta' reġistrazzjoni ma setax jorbot lill-Bord tal-Appell fid-dawl tan-natura essenzjalment formali u mħaffa tal-verifika mwettqa mill-EUIPO waqt din il-proċedura ta' reġistrazzjoni.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilment ibbażat fuq il-fatt li l-Bord tal-Appell ikkunsidra b'mod żbaljat li d-disinn ikkontestat, jiġifieri r-rappreżentazzjoni ta' tliet laned ta' daqsijiet differenti, ma kinitx tikkostitwixxi prodott, fis-sens tal-Artikolu 3(a) tar-Regolament Nru 6/2002. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali osservat li l-oġġett ta' disinn jista' jkun biss oġġett wieħed, billi l-imsemmi artikolu jirreferi espressament għad-dehra ta' "prodott". Barra minn hekk, hija ppreċiżat li grupp ta' oġġetti jista' jikkostitwixxi "prodott" fis-sens tad-dispożizzjoni msemmija hawn fuq jekk dawn ikunu estetikament mogħnija, ikollhom relazzjoni funzjonali u jiġu ta' sikwit ikkummerċjalizzati bħala prodott wieħed. B'hekk, il-Qorti Ġenerali qieset li f'dan il-każ huwa manifest li t-tliet laned irrappreżentati fid-disinn ikkontestat ma jissodisfawx funzjoni komuni fis-sens li huma ma jissodisfawx funzjoni li ma tistax tkun issodisfatta minn kull waħda minnhom individwalment bħalma huwa l-każ, pereżempju, tal-pożati tal-mejda jew taċ-chessboard u l-pedini taċ-chess.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali osservat li d-deskrizzjoni eventwalment inkluża fl-applikazzjoni għal reġistrazzjoni ma tistax tinfluwenza evalwazzjonijiet sostantivi relatati man-novità jew mal-karattru individwali tad-disinn inkwistjoni. Skont il-Qorti Ġenerali, din id-deskrizzjoni lanqas ma tista' tinfluwenza l-kwistjoni dwar liema huwa l-oġġett tal-protezzjoni tad-disinn inkwistjoni li huwa mingħajr dubju marbut mal-evalwazzjonijiet relatati man-novità jew mal-karattru individwali.

## 4. VARJETAJIET TAL-PJANTI

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tat-23 ta' Novembru 2017, ***Aurora vs OCVV – SESVanderhave (M 02205)*** (T-140/15, EU:T:2017:830), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO) li ċaħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità ta' dritt Komunitarju ta' varjetajiet ta' pjanti mogħti għall-varjetà M 02205, varjetà tal-pitravi għaz-zokkor. L-imsemmija talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità kienet ibbażata fuq il-fatt li l-varjetà M 02205 ma tissodisfax il-kundizzjoni ta' "distinzjoni", fis-sens tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 2100/94 [47].

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali fakkret li ċ-CPVO għandu marġni ta' diskrezzjoni wiesa' fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' invalidità ta' dritt Komunitarju ta' varjetajiet tal-pjanti. Għaldaqstant, huma biss dubji serji dwar il-fatt li l-kundizzjonijiet rilevanti jiġu ssodisfatti fid-data tal-eżami previst mir-Regolament Nru 2100/94 li jistgħu jiġġustifikaw

**47/** Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994 dwar drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 16, p. 390).

eżami mill-ġdid tal-varjetà protetta permezz tal-proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità, fuq il-bażi tal-Artikolu 20 tal-imsemmi regolament. Skont il-Qorti Ġenerali, mir-regoli rilevanti jirriżulta li l-punti ta' espressjoni li jinsabu fir-rapport li jipparaguna d-differenzi, li fuq il-bażi tagħhom jiġi stabbilit il-karattru distintiv ta' varjetà kandidata, għandhom jikkorrispondu mal-punti miġbura wara testijiet ta' paragun fuq pjanti kkultivati mwettqa matul żewġ ċikli ta' veġetazzjoni annwali li jsegwu l-applikazzjoni għal drittijiet Komunitarji ta' varjetajiet tal-pjanti tal-varjetà kandidata. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, f'dan il-każ, ir-rikorrenti setgħet, ġustament, tinvoka diversi żbalji mwettqa fid-dikjarazzjoni komparattiva ta' distinzjoni, li kienet ġiet emendata diversi drabi. Għalhekk, hija qieset li r-rikorrenti kienet ipprovdiet, quddiem il-Bord tal-Appell, fatti sostanzjali suffiċjenti sabiex tqajjem dubji serji fir-rigward tal-kwistjoni ta' jekk l-informazzjoni użata għal waħda miż-żewġ varjetajiet ta' referenza kinitx ittieħdet mid-deskrizzjoni uffiċjali ta' din il-varjetà.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-prinċipju ta' investigazzjoni ex officio tal-fatti japplika fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell u li dan tal-aħħar huwa marbut bil-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, li jgħid li huwa għandu r-responsabbiltà li jeżamina b'attenzjoni u b'imparzjalità l-punti kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti tal-każ quddiemu. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li huwa l-Bord tal-Appell li kellu jiżgura ruħu li kellu, fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, l-elementi rilevanti kollha – jiġifieri, b'mod iktar partikolari, ir-riżultati tat-testijiet ta' paragun fuq pjanti kkultivati mwettqa – sabiex ikun jista' jevalwa jekk l-evalwazzjoni tal-karattru distintiv tal-varjetà M 02205 kinitx saret konformement mar-regoli tekniċi applikabbli. Issa, iċ-CPVO rrikonoxxa li, fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell ma kellux dawn ir-riżultati. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, peress li ma wettaqx eżami xieraq biex jiżgura li l-karattru distintiv tal-varjetà M 02205 kien ġie stabbilit fuq il-bażi tad-data li tirriżulta minn testijiet ta' paragun fuq pjanti kkultivati, il-Bord tal-Appell ma wettaqx l-obbligi tiegħu korrettament.

# VI. POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI – MIŻURI RESTRITTIVI

Bħal fis-snin preċedenti, il-kontenzjuż relatat mal-miżuri restrittivi fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) ġie arrikkit fl-2017. Diversi deċiżjonijiet jistħoqqilhom attenzjoni partikolari.

## 1. L-UKRAINA

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2017, ***Kiselev vs Il-Kunsill*** (T-262/15, EU:T:2017:392), il-Qorti Ġenerali ntalbet tippronunzja ruħha dwar l-inklużjoni tad-Kap tal-Aġenzija tal-Aħbarijiet Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa, maħtur b'digriet Presidenzjali, fil-listi tal-persuni suġġetti għall-miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, għar-raġuni li kien jifforma figura ċentrali tal-propaganda tal-gvern li tappoġġa l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukraina.

Wara li kkonstatat li l-miżuri restrittivi inkwistjoni kienu kompatibbli mal-eċċezzjonijiet dwar is-sigurtà previsti fl-Artikolu 99(1)(d) tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom,

minn naħa, u l-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra [48], il-Qorti Ġenerali indirizzat speċifikament il-kwistjoni ta' jekk l-applikazzjoni għas-sitwazzjoni tar-rikorrent tal-kriterju ta' indikazzjoni stabbilit mid-dispożizzjonijiet applikabbli tad-dritt tal-Unjoni [49] – jiġifieri l-kriterju intiż għall-persuni li jappoġġaw b'mod attiv azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà ta' dan l-Istat – kinitx tikkostitwixxi ksur tad-dritt tiegħu għal-libertà tal-espressjoni.

Fl-ewwel lok, filwaqt li enfasizzat li kull restrizzjoni tal-libertà tal-espressjoni għandha tiġi prevista mil-liġi, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-miżuri restrittivi inkwistjoni huma stabbiliti f'atti li b'mod partikolari għandhom portata ġenerali u għandhom, l-ewwel nett, il-bażijiet legali ċari fid-dritt tal-Unjoni, jiġifieri l-Artikolu 29 TUE u l-Artikolu 215 TFUE, u, it-tieni nett, motivazzjoni suffiċjenti fir-rigward kemm tal-portata tagħhom kif ukoll tar-raġunijiet li jiġġustifikaw l-applikazzjoni tagħhom għar-rikorrent. Fil-fatt, skont il-Qorti Ġenerali, fid-dawl tal-importanza tar-rwol li l-midja, speċjalment dawk awdjoviżivi, għandhom fis-soċjetà kontemporanja, kien prevedibbli li appoġġ qawwi tal-midja għall-azzjonijiet u l-politiki tal-Gvern Russu li jiddestabbilizza l-Ukraina, li jsir, b'mod partikolari waqt xandiriet popolari ħafna, minn persuna maħtura b'digriet Presidenzjali bħala Kap tal-Aġenzija tal-Aħbarijiet Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa, jista' jirrigwarda l-kriterju bbażat fuq il-kunċett ta' "appoġġ attiv", sakemm il-limitazzjonijiet fuq il-libertà tal-espressjoni li jirriżultaw minn dan jissodisfaw il-kundizzjonijiet l-oħra rikjesti sabiex din il-libertà tkun tista' tiġi leġittimament ristretta.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kwistjoni ta' jekk il-miżuri restrittivi adottati għandhomx għan ta' interess ġenerali, irrikonoxxut bħala tali mill-Unjoni, il-Qorti Ġenerali osservat li, permezz ta' dawn il-miżuri, b'mod partikolari b'applikazzjoni tal-kriterju inkwistjoni dwar l-appoġġ attiv, il-Kunsill kien qed ifittex li jeżerċita pressjoni fuq l-awtoritajiet Russi sabiex dawn itemmu l-azzjonijiet u l-politiki tagħhom ta' destabbilizzazzjoni tal-Ukraina, li jikkorrispondi għal wieħed mill-għanijiet tal-PESK.

Fit-tielet u l-aħħar lok, fir-rigward tan-natura neċessarja u proporzjonata tal-miżuri restrittivi, il-Qorti Ġenerali fakkret il-ġurisprudenza tagħha u dik tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-prinċipju ta' proporzjonalità u r-restrizzjonijiet għal-libertà tal-espressjoni u, b'mod partikolari, il-prinċipji identifikati fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'dan ir-rigward. F'dan il-kuntest, hija nnotat li, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu bħala ġurnalist, li ma jistgħux jiġu sseparati minn dawk ta' Kap tal-Aġenzija tal-Aħbarijiet Russa, ir-rikorrent tkellem diversi drabi dwar is-sitwazzjoni li l-Gvern Russu ħoloq fl-Ukraina. Skont il-Qorti Ġenerali, huwa magħruf li l-azzjonijiet u l-politiki tal-Gvern Russu li jiddestabbilizzaw lill-Ukraina jgawdu fir-Russja minn kopertura tal-midja wiesgħa ħafna u huma spiss ippreżentati, bħala propaganda, lill-poplu Russu bħala li huma totalment iġġustifikati. F'dawn iċ-ċirkustanzi, u fid-dawl tal-provi li l-Kunsill kellu fir-rigward tar-rimarki li saru mir-rikorrent, l-adozzjoni mill-Kunsill ta' miżuri restrittivi kontra r-rikorrent minħabba l-propaganda tiegħu favur azzjonijiet u politiki tal-Gvern Russu li jiddestabbilizzaw l-Ukraina ma tistax titqies li hija restrizzjoni sproporzjonata tad-dritt tiegħu għal-libertà tal-espressjoni. Barra minn hekk, filwaqt li osservat li r-rikorrent huwa ċittadin ta' Stat terz, il-Federazzjoni Russa, u jirrisjedi f'dan l-Istat, fejn huwa jeżerċita l-attività professjonali tiegħu, il-Qorti Ġenerali qieset li l-miżuri restrittivi inkwistjoni – li jipprevedu restrizzjonijiet għad-dħul u għat-tranżitu tar-rikorrent fit-territorju tal-Istati Membri u l-iffriżar tal-fondi li jinsabu fl-Unjoni – ma jaffettwawx is-sustanza tad-dritt tiegħu li jeżerċita l-libertà

**48/** Ftehim ta' sħubija u ta' kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Federazzjoni r-Russja, min-naħa l-oħra (ĠU 1997, L 327, p. 3). Għandu jiġi nnotat li d-dispożizzjoni msemmija tipprevedi eċċezzjoni li tista' tiġi unilateralment invokata minn parti sabiex tieħu l-miżuri li hija tqis neċessarji għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħha, speċifikament "fil-każ ta' gwerra jew ta' tensjoni internazzjonali serja li tikkostitwixxi theddida ta' kunflitt armat jew sabiex twettaq l-obbligi tagħha li tkun aċċettat bil-għan taż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali".

**49/** Artikolu 1(1)(a) u l-Artikolu 2(1)(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU 2014, L 78, p. 16), kif emendata, Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2004 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU 2014, L 78, p. 6), kif emendat.

tal-espressjoni tiegħu b'mod partikolari fil-kuntest tal-attività professjonali tiegħu fis-settur tal-midja, fil-pajjiż fejn jirrisjedi u jaħdem.

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-7 ta' Lulju 2017, ***Azarov vs Il-Kunsill*** (T-215/15, taħt appell [50] EU:T:2017:479), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors ippreżentat mill-ex Prim Ministru Ukrain kontra l-atti li permezz tagħhom il-Kunsill kien iddeċieda li jżomm ismu fil-lista tal-persuni suġġetti għall-miżuri restrittivi dwar persuni li kienu ġew identifikati bħala responsabbli għal miżappropriazzjoni ta' fondi li jappartjenu lill-Istat Ukrain [51]. Ir-rikorrent sostna b'mod partikolari li l-Kunsill kien wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni meta ddeċieda li jġedded il-miżuri restrittivi inkwistjoni, peress li l-atti kkontestati jinkludu biss motivazzjonijiet ferm vagi u qosra. Għalhekk, il-Kunsill messu ppreżenta informazzjoni addizzjonali iktar konkreta.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-Kunsill ma huwiex marbut li, ex officio u sistematikament, jibda l-investigazzjonijiet tiegħu stess jew li jwettaq verifiki sabiex jikseb informazzjoni speċifika addizzjonali, meta huwa diġà jkollu elementi prodotti mill-awtoritajiet ta' Stat terz sabiex jadotta miżuri restrittivi kontra persuni li joriġinaw minn dan l-Istat u li hemmhekk dawn ikunu s-suġġett ta' proċeduri ġudizzjarji. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali speċifikat li dak li l-Kunsill għandu jivverifika huwa, minn naħa, sa fejn id-dokumenti li fuqhom huwa beħsiebu jibbaża ruħu jippermettu li jiġi stabbilit li, kif indikat fir-raġunijiet ta' iskrizzjoni ta' isem ir-rikorrent fil-lista inkwistjoni, dan ikun is-suġġett ta' proċeduri kriminali min-naħa tal-awtoritajiet Ukraini għal fatti li jistgħu jiġu kklassifikati bħala miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi u, min-naħa l-oħra, li dawn il-proċeduri jippermettu li l-aġir tar-rikorrent jiġi kkwalifikat b'mod konformi mal-kriterju rilevanti msemmi iktar 'il fuq. Huwa biss fil-każ li dawn il-verifiki ma jimmaterjalizzawx li l-Kunsill ikollu jagħmel verifiki addizzjonali. Madankollu, huwa l-Kunsill li għandu jevalwa, skont iċ-ċirkustanzi tal-każ, in-neċessità li jwettaq verifiki addizzjonali, b'mod partikolari li jitlob lill-awtoritajiet Ukraini jikkomunikawlu provi addizzjonali jekk jirriżulta li dawk diġà prodotti ma jkunux suffiċjenti jew koerenti. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-possibbiltà li l-persuni kkonċernati għandhom jingħataw sabiex jippreżentaw osservazzjonijiet dwar ir-raġunijiet li l-Kunsill beħsiebu jagħti sabiex iżomm isimhom fil-lista inkwistjoni, dawn il-persuni għandhom ikunu jistgħu jippreżentaw provi, jew provi li jiskolpawhom, li jkunu jeħtieġu li l-Kunsill iwettaq verifiki addizzjonali.

Fir-rigward tal-argument dedott mis-sentenza ***LTTE vs Il-Kunsill*** [52], li tipprovdi li huwa l-kompitu tal-Kunsill li, qabel jibbaża ruħu fuq deċiżjoni ta' awtorità ta' Stat terz, jivverifika b'attenzjoni li l-leġiżlazzjoni rilevanti ta' dak l-Istat tiżgura protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ekwivalenti għal dik iggarantita fil-livell tal-Unjoni, l-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali osservat li, fil-kawża li wasslet għall-imsemmija sentenza, il-miżuri restrittivi kienu ġew adottati skont il-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK[53], adottata fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, li tistabbilixxi mekkaniżmu li għandu l-effett li jippermetti lill-Kunsill jinkludi persuna f'lista li tirrigwarda l-iffriżar ta' fondi fuq il-bażi ta' deċiżjoni meħuda minn awtorità nazzjonali, jekk ikun il-każ, ta' Stat terz.

**50/** Kawża C-530/17 P, ***Azarov vs Il-Kunsill***.

**51/** Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/364 tal-5 ta' Marzu 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU 2015, L 62, p. 25), u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/357 tal-5 ta' Marzu 2015 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU 2015, L 62, p. 1).

**52/** Sentenza tas-16 ta' Ottubru 2014, T-208/11 u T-508/11, EU:T:2014:885.

**53/** Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiki fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 217).

Issa, f'dan il-każ, l-eżistenza ta' deċiżjoni minn qabel tal-awtoritajiet Ukraini ma kinitx tikkostitwixxi wieħed mill-kriterji li jikkundizzjonaw l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi inkwistjoni, billi l-proċeduri ġudizzjarji miftuħa mill-imsemmija awtoritajiet jikkostitwixxu biss il-bażi fattwali li fuqha huma bbażati dawn il-miżuri.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li hemm fi kwalunkwe każ differenza kbira bejn il-miżuri restrittivi li jikkonċernaw il-ġlieda kontra t-terroriżmu u dawk li jinsabu fil-kuntest ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni, minn naħa, u l-awtoritajiet il-ġodda ta' Stat terz, f'dan il-każ l-Ukraina, min-naħa l-oħra. Fil-fatt, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, li għaliha l-Kunsill jikkontribwixxi permezz tal-adozzjoni ta' miżuri restrittivi li jirrigwardaw ċerti persuni jew entitajiet, ma tifformax neċessarjament parti mill-kuntest ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' Stat terz li jkun għadda minn bidla fil-gvern u li l-Kunsill għażel li jappoġġa, kif kien il-każ fil-każ ineżami.

B'hekk, li kieku l-għażla prinċipalment politika tal-Kunsill, li tikkonsisti f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet il-ġodda Ukraini sabiex dawn tal-aħħar ikunu jistgħu b'mod partikolari jirkupraw fondi pubbliċi possibbilment miżapproprjati "bil-għan tal-konsolidazzjoni u s-sostenn tal-istat ta' dritt" fl-Ukraina, kellu jkun suġġett għall-kundizzjoni li l-Istat Ukrain jiggarantixxi, immedjatament wara l-bidla fil-gvern, livell ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali li jkun ekwivalenti għal dak offrut mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha, dan ikun qed jippreġudika, essenzjalment, il-marġni wiesa' ta' diskrezzjoni li l-Kunsill għandu f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni tal-kriterji ġenerali li jiddelimitaw iċ-ċirku ta' persuni li jistgħu jkunu s-suġġett ta' miżuri restrittivi intiżi li jsostnu lil dawn l-awtoritajiet il-ġodda.

Fl-eżerċizzju ta' dan il-marġni wiesa' ta' diskrezzjoni, il-Kunsill għandu għalhekk ikun liberu li jqis li, wara l-bidla fil-gvern, l-awtoritajiet Ukraini jistħoqqilhom li jiġu sostnuti sa fejn huma jtejbu l-ħajja demokratika u r-rispett tal-Istat tad-dritt fl-Ukraina meta mqabbla mas-sitwazzjoni li kienet teżisti preċedentement u li waħda mill-possibbiltajiet ta' konsolidazzjoni u ta' sostenn tal-Istat tad-dritt tikkonsisti fl-iffriżar tal-assi tal-persuni li jkunu ġew identifikati bħala responsabbli għall-miżapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina. Għalhekk, ikun biss jekk jirriżulta li l-għażla politika tal-Kunsill li jsostni l-gvern il-ġdid Ukrain, inkluż permezz tal-kooperazzjoni li tirriżulta mill-miżuri restrittivi inkwistjoni, tkun manifestament żbaljata, b'mod partikolari minħabba l-fatt li d-drittijiet fundamentali jkunu qed jiġu sistematikament miksura f'dan il-pajjiż wara l-bidla fil-gvern, li l-eventwali nuqqas ta' korrispondenza bejn il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Ukraina u dik li teżisti fl-Unjoni jista' jkollu effett fuq il-legalità taż-żamma ta' dawn il-miżuri fir-rigward tar-rikorrent.

## 2. IR-REPUBBLIKA TUNEŻINA

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2017, ***Mabrouk vs Il-Kunsill*** (T-175/15, EU:T:2017:694), il-Qorti Ġenerali ntalbet tagħti deċiżjoni dwar it-talba għall-annullament ta' deċiżjonijiet li permezz tagħhom il-Kunsill kien iddeċieda li jżomm inkluż l-isem tar-rikorrent fil-lista tal-persuni suġġetti għall-miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija [54]. Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent invoka b'mod partikolari ksur tat-terminu raġonevoli għall-għoti ta' deċiżjoni mill-awtoritajiet Tuneżini fil-kuntest tal-proċedura ġudizzjarja li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni tal-Kunsill li żżomm ismu fl-imsemmija lista kif ukoll ksur mill-Kunsill innifsu tad-dritt tiegħu li jingħata deċiżjoni f'terminu raġonevoli.

Dwar dan il-punt, minn naħa, il-Qorti Ġenerali rrilevat li huma l-qrati Tuneżini li kellhom jippronunzjaw ruħhom fuq eventwali ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli għall-għoti ta' deċiżjoni fil-kuntest tal-proċedura ġudizzjarja li tagħha r-rikorrent kien is-suġġett. Hija osservat, madankollu, li l-osservanza tal-prinċipji tal-Istat tad-dritt u

**54/** Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/72/PESK tal-31 ta' Jannar 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija (ĠU 2011, L 28, p. 62), Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/157 tat-30 ta' Jannar 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2011/72/PESK (ĠU 2015, L 26, p. 29), u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/119 tat-28 ta' Jannar 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2011/72 (ĠU 2016, L 23, p. 65).

tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll tad-dinjità tal-bniedem tapplika għal kull azzjoni tal-Unjoni, inkluż fil-qasam tal-PESK. Issa, il-prinċipju ta' terminu raġonevoli għall-għoti ta' deċiżjoni huwa parti mid-dritt għal smigħ xieraq li huwa protett mid-dispożizzjonijiet ta' diversi strumenti tad-dritt internazzjonali ġuridikament vinkolanti. Barra minn hekk, id-deċiżjonijiet ikkontestati jaqgħu fl-ambitu ta' politika ta' appoġġ għat-Tuneżija bbażata fuq l-għanijiet tal-promozzjoni tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-Istat tad-dritt. Il-Qorti Ġenerali ddeduċiet li ma jistax jiġi eskluż li, fil-preżenza ta' provi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u konkordanti ta' natura li jqajmu dubji leġittimi dwar ir-rispett tad-dritt tar-rikorrent għal smigħ f'terminu raġonevoli mill-awtoritajiet Tuneżini, il-Kunsill għandu jwettaq il-verifiki neċessarji. Huwa jqis, madankollu, li din il-kundizzjoni ma ġietx issodisfatta f'dan il-każ.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tar-rikorrent ibbażat fuq ksur mill-Kunsill tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali minħabba li dan tal-aħħar ppreġudika d-dritt tiegħu għal terminu raġonevoli għall-għoti ta' deċiżjoni billi ma adottatx il-miżuri neċessarji sabiex jiġi żgurat li l-proċedura ġudizzjarja li kien suġġett għaliha fit-Tuneżija ma taqbiżx perijodu ta' żmien raġonevoli. Skont il-Qorti Ġenerali, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali huwa applikabbli biss għal stħarriġ ġudizzjarju mill-qrati tal-Unjoni tal-iffriżar ta' assi inkwistjoni. Min-naħa l-oħra, dan ma għandu japplika la għall-proċedura ġudizzjarja fit-Tuneżija, li ma taqax taħt id-dritt tal-Unjoni, u lanqas għad-deċiżjoni kkontestata, li ma tingħatax minn qorti u ma hijiex, mill-għan tagħha, ta' natura ġudizzjarja. Il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li, anki jekk jitqies li dan l-argument jista' jiġi interpretat bħala li huwa bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, f'kull każ, peress li r-rikorrent ma stabbilixxiex li l-proċedura ġudizzjarja fit-Tuneżija kienet eċċediet terminu raġonevoli, huwa ma setax juri li t-tul tal-iffriżar tal-assi tiegħu fl-Unjoni kien huwa nnifsu eċċessiv.

Fir-rigward tal-argument tar-rikorrent li l-Kunsill wettaq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni f'dak li jikkonċerna l-evoluzzjoni tal-proċess ta' demokratizzazzjoni fit-Tuneżija u l-ħtieġa ta' miżuri restrittivi kontra ċittadini Tuneżini li jkunu responsabbli għall-miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi tal-Istat Tuneżin, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-Kunsill jiddisponi f'dan il-qasam minn setgħa diskrezzjonali wiesgħa, b'tali mod li hija biss in-natura manifestament inadegwata ta' miżura adottata f'dan il-qasam li tista' taffettwa l-legalità tagħha. Issa, id-diversi żviluppi ta' natura ġudizzjarja, kostituzzjonali u elettorali invokati mir-rikorrent ma jurux li l-Kunsill wettaq żball manifest fl-evalwazzjoni li huwa għamel dwar dan il-proċess ta' tranżizzjoni demokratika fit-Tuneżija. Fil-fatt, għalkemm dawn l-iżviluppi jixhdu li kien hemm progress, dawn ma jippermettux li jiġi konkluż, b'mod evidenti, li dan il-proċess intlaħaq, peress li dan tal-aħħar huwa b'mod partikolari suġġett għall-konsolidazzjoni tal-Istat tad-dritt u tal-kisbiet demokratiċi tal-Kostituzzjoni l-ġdida Tuneżina. F'kull każ, skont il-Qorti Ġenerali, l-eventwali tħassir tal-miżuri restrittivi inkwistjoni jista' jiddependi biss fuq l-għeluq tal-proċeduri ġudizzjarji li fuqhom dawn huma bbażati, u mhux fuq it-tlestija tal-proċess ta' tranżizzjoni demokratika fit-Tuneżija, sa fejn is-sostenn għal dan il-proċess jirrappreżenta biss għan finali tal-politika li taħtha jaqa' l-imsemmi ffriżar ta' assi, u mhux kundizzjoni addizzjonali għaż-żamma tiegħu.

# VII. KOEŻJONI EKONOMIKA, SOĊJALI U TERRITORJALI

Il-kawża li wasslet għas-sentenza tal-4 ta' Mejju 2017, ***Green Source Poland vs Il-Kummissjoni*** (T-512/14, EU:T:2017:299) kienet okkażjoni għall-Qorti Ġenerali sabiex teżamina l-kwistjoni ġdida dwar jekk rikors ippreżentat minn impriża responsabbli għat-twettiq ta' proġett kbir, kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta li tikkonferma lil Stat Membru kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għal dan il-proġett kbir, kienx ammissibbli.

Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-ewwel kriterju tal-interess dirett, jiġifieri li l-miżura kkontestata tal-Unjoni tipproduċi direttament effetti fuq is-sitwazzjoni legali tal-individwu, il-Qorti Ġenerali rrilevat li mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 [55] jirriżulta li huwa biss fil-kuntest tar-relazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru li jsiru l-operazzjonijiet intiżi sabiex il-Kummissjoni tevalwa u tikkonferma jekk Stat Membru jingħatax għajnuna finanzjarja tal-FEŻR għal proġett kbir. Dan huwa konformi mal-fatt li, skont il-ġurisprudenza, l-għajnuna tal-FEŻR hija kkonċepita bħala sistema bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat. Barra minn hekk, mill-imsemmija dispożizzjonijiet jirriżulta li huma l-Istati Membri li huma responsabbli għall-għażla tal-operazzjonijiet, inklużi dawk tal-proġetti l-kbar. Il-Kummissjoni ma twettaq ebda għażla tal-proġetti l-kbar li huma proposti lill-awtoritajiet nazzjonali mill-applikanti, iżda tipproċedi biss, u unikament fir-rigward tal-Istati Membri, għall-evalwazzjoni, b'mod partikolari, tal-koerenza u tal-kontribuzzjoni tal-proġetti l-kbar li l-awtoritajiet nazzjonali jkunu diġà għażlu u li jkunu sottomettew lilha sabiex tikkonferma jew ma tikkonfermax għajnuna finanzjarja taħt il-FEŻR. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li r-raġunament żviluppat fis-sentenza ***Consorzio gruppo di azione locale "Murgia Messapica" vs Il-Kummissjoni*** [56] ma jistax jiġi traspost għal dan il-każ, peress li l-għażla tal-proġetti ma ssirx mill-Kummissjoni, iżda tappartjeni lill-awtoritajiet nazzjonali biss.

Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, il-ħatra, f'deċiżjoni ta' għoti ta' għajnuna finanzjarja tal-Unjoni taħt il-FEŻR, ta' entità bħala awtorità responsabbli għat-twettiq ta' proġett ma tfissirx li din l-entità hija hi stess il-proprjetarja tad-dritt għall-imsemmija għajnuna. Huwa l-Istat Membru, inkwantu destinatarju tad-deċiżjoni ta' għoti tal-għajnuna finanzjarja tal-FEŻR, li għandu jitqies li huwa proprjetarju tad-dritt għall-imsemmija għajnuna. L-istess japplika għal meta l-għajnuna tal-FEŻR tkun għadha ma ngħatatx lill-Istat Membru u, għaldaqstant, meta r-relazzjoni bejn l-entità maħtura bħala responsabbli għat-twettiq tal-proġett, responsabbli għall-applikazzjoni jew benefiċjarja tal-għajnuna u l-għajnuna tal-FEŻR tkun għadha iktar indiretta.

Fir-rigward taċ-ċaħda tar-riżorsi neċessarji għall-implimentazzjoni tal-proġett, tal-impossibbiltà li jissokta l-proġett u tal-obbligu li jiġi sostnut it-telf li jirriżulta mill-infieq diġà invokat mir-rikorrenti, il-Qorti Ġenerali qieset li, anki jekk dawn jitqiesu stabbiliti, dawn la jirriżultaw mid-deċiżjoni kkontestata nnifisha u lanqas mid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li għandhom jirregolaw l-effetti tagħha, iżda mill-konsegwenzi li, fil-qafas tal-kuntratt dwar l-għoti ta' sussidju għall-implimentazzjoni tal-proġett, l-awtoritajiet nazzjonali u r-rikorrenti attribwixxew lill-imsemmija deċiżjoni. Fil-fatt, il-konsegwenzi u l-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratt jidħlu bejn is-sitwazzjoni ġuridika tar-rikorrenti u d-deċiżjoni kkontestata. B'hekk, fl-osservanza tad-dritt nazzjonali applikabbli, ir-rikorrenti setgħet tikkontesta b'mod partikolari, quddiem il-qorti nazzjonali kompetenti, ix-xoljiment tal-kuntratt jew ir-rimbors mitlub mill-awtoritajiet nazzjonali fuq il-bażi tal-imsemmi kuntratt, billi teċċepixxi l-invalidità tad-deċiżjoni kkontestata.

Fit-tieni lok, fir-rigward tat-tieni kriterju tal-interess dirett, jiġifieri li l-miżura kkontestata tal-Unjoni ma tħalli ebda setgħa diskrezzjonali lid-destinatarji tagħha li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tiegħu, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata mill-Istat Membru kkonċernat ma timplika, skont id-deċiżjoni kkontestata nnifisha jew id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni intiżi sabiex jirregolaw l-effett tagħha, ebda konsegwenza għar-rikorrenti, billi l-effetti tagħha huma limitati biss għar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni, b'mod partikolari l-FEŻR, u l-imsemmi Stat Membru. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li r-rikorrenti ma kinitx direttament affettwata mid-deċiżjoni kkontestata, billi din kienet tipproduċi biss effetti fir-relazzjonijiet ġuridiċi bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat.

**55/** Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU 2006, L 210, p. 25).

56/ Sentenza tad-19 ta' Mejju 1994, T-465/93, EU:T:1994:56.

# VIII. PROTEZZJONI TAS-SAĦĦA

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, GGP Italy vs Il-Kummissjoni (T-474/15, EU:T:2017:36), il-Qorti Ġenerali kellha quddiemha rikors għall-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li kkunsidrat bħala ġġustifikata l-miżura meħuda mill-awtoritajiet Latvjani skont id-Direttiva 2006/42/KE 57, dwar it-tqegħid fis-suq ta' magna għall-ħsad tal-ħaxix immanifatturata mir-rikorrenti. Billi kienet taqa' fil-kuntest tad-direttivi msejħa "approċċ ġdid" intiżi li jiffaċilitaw il-moviment liberu tal-merkanzija permezz tal-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti essenzjali għall-ħarsien tas-saħħa u tas-sigurtà tal-ħaddiema, din il-kawża kienet okkażjoni għall-Qorti Ġenerali sabiex tippreċiża b'mod partikolari l-portata tal-kontroll tal-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-klawżola ta' salvagwardja prevista fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2006/42 u n-natura tal-miżuri li jistgħu jiġu adottati f'dan ir-rigward. L-awtoritajiet Latvjani qiesu li l-magna inkwistjoni ma kinitx tosserva r-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fid-Direttiva 2006/42, peress li ma kinitx konformi mal-verżjoni tal-2010 tal-istandard armonizzat applikabbli. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti sostniet li din kienet konformi mal-verżjoni tal-2006 ta' dan l-istandard, li għaliha kien possibbli li jsir riferiment, skont ir-rikorrenti, sat-31 ta' Awwissu 2013, u li, konsegwentement, il-mudell ikkummerċjalizzat sa din id-data kien jibbenefika minn preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2006/42.

Fir-rigward, l-ewwel nett, tal-portata tal-kontroll tal-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali fakkret li, fil-kuntest tad-adozzjoni ta' deċiżjoni meħuda fuq il-bażi tal-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2006/42, ma hijiex il-Kummissjoni li għandha tikkontrolla l-aspetti kollha tal-legalità tal-miżuri nazzjonali li jwasslu għall-applikazzjoni tal-klawżola ta' salvagwardja prevista mill-imsemmi artikolu. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2006/42 isemmi b'mod espliċitu r-"rimedji legali disponibbli għaliha taħt il-liġijiet fis-seħħ fl-Istat Membru konċernat", li jindika, minn naħa, li huwa jipprevedi l-miżuri nazzjonali meħuda fuq il-bażi tad-Direttiva u, min-naħa l-oħra, li l-kontroll tagħhom jaqa' taħt il-qrati nazzjonali. Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2006/42, ir-rwol tal-Kummissjoni huwa fl-ewwel lok li tivverifika jekk il-miżuri xierqa lilha kkomunikati minn Stat Membru jkunux iġġustifikati, mill-perspettiva legali u fattwali, sabiex jiġi evitat li makkinarju jkun jista' jikkomprometti, bħalma huwa previst fl-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2006/42, is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni jew, jekk ikun il-każ, tal-annimali domestiċi, tal-proprjetà jew tal-ambjent. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali sostniet li xejn ma jipprekludi li l-"miżuri xierqa" li Stat Membru għandu jadotta u jikkomunika lill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-klawżola ta' salvagwardja prevista fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2006/42 ikunu jaqgħu taħt il-forma ta' miżuri mhux unilaterali jew miżuri mhux direttament vinkolanti. B'hekk, il-komunikazzjoni, bħal f'dan il-każ, tal-fatt li, wara approċċ tal-awtoritajiet nazzjonali, id-distributur ħa miżuri volontarji ta' rtirar mis-suq u ta' assenza ta' tqegħid fis-suq tikkostitwixxi l-komunikazzjoni ta' miżura xierqa li tista' tagħti lok għal deċiżjoni tal-Kummissjoni meħuda fuq il-bażi tal-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2006/42.

Fir-rigward, it-tieni nett, tal-valur legali tal-verżjoni tal-2006 tal-istandard armonizzat rilevanti, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li, skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2006/42, hija l-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni tar-riferiment għal standard armonizzat f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea li tagħti valur ġuridiku li jippermetti lill-fabbrikanti ta' makkinarji jew ir-rappreżentanti tagħhom jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti mill-istess direttiva u koperti mill-imsemmi standard armonizzat ippubblikat. Is-sistema ta' tali pubblikazzjonijiet hija dik tal-atti ta' portata ġenerali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Skont il-Qorti Ġenerali, l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2006/42 jipprevedi mingħajr restrizzjoni l-istandards armonizzati li r-riferimenti għalihom kienu ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali, mingħajr ma jillimita l-portata u l-kontenut tiegħu għall-istandards armonizzati li r-riferimenti għalihom kienu ġew ippubblikati skont din id-direttiva. Din id-dispożizzjoni tipprekludi għalhekk li jiġi

57/ Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju u li temenda d-Direttiva 95/16/KE (tfassil mill-ġdid) (ĠU 2006, L 157, p. 24).

kkunsidrat li l-pubblikazzjonijiet ta' riferimenti għal standards armonizzati mwettqa skont id-Direttiva 98/37 [58] ġew imħassra b'mod impliċitu fl-istess ħin ma' din id-direttiva. Minn dan isegwi li l-istandards armonizzati li r-riferimenti għalihom ġew ippubblikati skont id-Direttiva 98/37 jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2006/42 peress li d-deċiżjoni li tathom valur ġuridiku sabiex jagħtu preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà stabbiliti fid-direttiva applikabbli fil-mument tat-tqegħid tagħhom fis-suq jew tqegħid fis-servizz tal-makkinarju kkonċernat, jiġifieri l-pubblikazzjoni tar-riferimenti għalihom fil-Ġurnal Uffiċjali, ma hijiex imħassra b'mod espliċitu. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li r-rikorrenti sostniet li l-magna għall-ħsad tal-ħaxix inkwistjoni kienet tibbenefika minn preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà stipulati fid-Direttiva 2006/42.

# IX. UNJONI DOGANALI

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2017, Léon Van Parys vs Il-Kummisjoni (T-125/16, EU:T:2017:884), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors dirett kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni li ċaħdet it-talba għal maħfra tad-dazji fuq l-importazzjoni mressqa minn kumpannija li timporta banana li toriġina mill-Ekwador. Din id-deċiżjoni ngħatat wara l-annullament parzjali fis-sentenza ***Firma Van Parys vs Il-Kummissjoni*** [59] ta' deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni, li permezz tagħha din tal-aħħar kienet ikkunsidrat li l-maħfra tad-dazji fuq l-importazzjoni, skont l-Artikolu 239 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 [60], ma kinitx iġġustifikata fir-rigward tar-rikorrenti. Il-Qorti Ġenerali kienet fil-fatt ikkunsidrat li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet li r-rikorrenti wriet nuqqas ta' diliġenza. Wara din is-sentenza, il-Kummissjoni ħasset il-ħtieġa li tikseb informazzjoni addizzjonali mingħand l-awtoritajiet doganali u informat lir-rikorrenti li t-terminu ta' disa' xhur previst fl-Artikolu 907 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 [61] sabiex tiġi ttrattata t-talba għal maħfra tad-dazji kien għaldaqstant estiż bil-perijodu li għadda sakemm waslet l-imsemmija informazzjoni. Sussegwentement, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata li ċaħdet it-talba għal maħfra tad-dazji tar-rikorrenti. Fil-kuntest tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti kkontestat il-mod kif il-Kummissjoni eżegwixxiet is-sentenza Firma Van Parys vs Il-Kummissjoni [62]. Hija sostniet, b'mod iktar partikolari, li, jekk jitqies li l-Kummissjoni kellha għad-dispożizzjoni tagħha terminu raġonevoli sabiex teżegwixxi din is-sentenza, dan it-terminu ma setax fi kwalunkwe każ jeċċedi terminu ġdid ta' dekadenza ta' disa' xhur previst fl-Artikolu 907 tar-Regolament Nru 2454/93.

Fir-rigward tal-motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, il-Qorti Ġenerali, preliminarjament, ikkonstatat li, wara s-sentenza ***Firma Van Parys vs Il-Kummissjoni*** [63], l-Artikolu 907 tar-Regolament Nru 2454/93 ma kienx iktar applikabbli fil-kuntest tal-proċedura li nfetħet mill-ġdid għall-finijiet tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, intiża li tissostitwixxi l-ewwel deċiżjoni, billi kien biss it-terminu raġonevoli li kien applikabbli skont il-ġurisprudenza. Issa, fid-dawl tan-natura tal-miżuri li għandhom jittieħdu kif ukoll taċ-ċirkustanzi kundizzjonali

**58/** Direttiva 98/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-makkinarju (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20 p. 349).

**59/** Sentenza tad-19 ta' Marzu 2013, T-324/10, EU:T:2013:136.

**60/** Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 6, p. 3).

**61/** Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament Nru 2913/92 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 6, p. 3).

**62/** Sentenza tad-19 ta' Marzu 2013, T-324/10, EU:T:2013:136.

**63/** Sentenza tad-19 ta' Marzu 2013, T-324/10, EU:T:2013:136.

f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma osservatx terminu raġonevoli fit-tmexxija tal-proċedura li ppreċediet l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. F'dan ir-rigward, kien suffiċjenti li jiġi kkonstatat li, anki jekk jitqies li t-talbiet għal informazzjoni mibgħuta mill-Kummissjoni lill-awtoritajiet doganali nazzjonali kienu ta' natura li jissospendu t-terminu ta' disa' xhur, li ma jistax ikun il-każ, peress li l-mekkaniżmu previst fl-Artikolu 907 tar-Regolament Nru 2454/93 ma setax jerġa' jkun applikabbli, kienu ddekorrew iktar minn għaxar xhur bejn it-tweġiba ta' dawn l-awtoritajiet u l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Skont il-Qorti Ġenerali, l-ebda miżura li jkollha tadotta jew li tkun adottat il-Kummissjoni ma tista' tiġġustifika d-dekorrenza ta' tali terminu. Minkejja li huwa minnu li s-sentenza ***Firma Van Parys vs IlKummissjoni*** [64] obbligat lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid l-elementi tal-proċess, il-Qorti Ġenerali qieset madankollu li bl-ebda mod ma kien jidher li, wara din is-sentenza, il-Kummissjoni stabbilixxiet fajl ġdid u lanqas, a fortiori, ma pproduċiet jew skopriet xi fatti ġodda.

Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-iskadenza tat-terminu raġonevoli setgħetx twassal għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali osservat li r-Regolament Nru 2454/93 huwa b'mod partikolari intiż li jispeċifika ċerti regoli sabiex tinkiseb ċertezza legali ikbar fl-applikazzjoni tagħhom, kif jirriżulta mill-premessi tiegħu, u li ppreveda termini stretti li għandhom jiġu osservati kemm mill-applikant kif ukoll mill-Kummissjoni bil-għan li tiġi pproċessata talba għal maħfra tad-dazji fuq l-importazzjoni. F'dan il-kuntest, minn naħa, il-Qorti Ġenerali rrilevat li mill-Artikolu 907 tar-Regolament Nru 2454/93 jirriżulta li, għalkemm it-terminu ta' disa' xhur li l-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tadotta d-deċiżjoni tagħha jista' jiġi sospiż taħt ċerti kundizzjonijiet, id-deċiżjoni dwar it-talba għal maħfra tad-dazji għandha tingħata fit-terminu stabbilit fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 907 tar-Regolament Nru 2454/93, peress li huwa speċifikat li l-assenza ta' tweġiba f'dan it-terminu hija ekwivalenti b'mod obbligatorju għal aċċettazzjoni tat-talba mill-awtorità doganali kompetenti, skont l-Artikolu 909 tal-istess regolament. Min-naħa l-oħra, hija enfasizzat li, f'dan il-każ, għalkemm il-Kummissjoni aġixxiet fil-kuntest tar-Regolament Nru 2454/93, id-deċiżjoni tagħha li ngħatat wara l-iskadenza tat-terminu ta' dekadenza ta' disa' xhur, inklużi s-sospensjonijiet, previst fl-Artikolu 907 ta' dan l-istess regolament, kienet ekwivalenti għal aċċettazzjoni tat-talba tar-rikorrenti mill-awtorità doganali. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li huwa minnu li s-sistema implimentata, u b'mod partikolari t-terminu ta' disa' xhur previst mill-Arikolu 907 tar-Regolament Nru 2454/93, ma kienx għadu jobbliga lill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura miftuħa skont l-Artikolu 266 TFUE. Madankollu, hija nnotat li xorta jibqa' l-fatt li billi adottat id-deċiżjoni kkontestata mingħajr ma osservat terminu raġonevoli, il-Kummissjoni evitat il-garanziji previsti mir-Regolament Nru 2454/93 u ċaħdet lir-rikorrenti mill-effett utli ta' dan ir-regolament, mill-possibbiltà li tikseb deċiżjoni fit-termini previsti kif ukoll mill-garanzija li tibbenefika minn deċiżjoni favorevoli fl-assenza ta' tweġiba f'dawn it-termini. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' terminu raġonevoli, li jikkostitwixxi, fiċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ inkwistjoni, motiv ta' annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

# X. DUMPING

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-1 ta' Ġunju 2017, ***Changmao Biochemical Engineering vs Il-Kunsill*** (T-442/12, EU:T:2017:372), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'talba għall-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 626/2012 [65], sa fejn dan kien japplika għar-rikorrenti, kumpannija li tipproduċi u tesporta aċidu tartariku stabbilita fiċ-Ċina. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni kienu inizjalment taw lir-rikorrenti l-istatus ta' kumpannija li topera

**64/** Sentenza tad-19 ta' Marzu 2013, T-324/10, EU:T:2013:136.

**65/** Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 626/2012 tas-26 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 349/2012 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu tartariku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU 2012, L 182, p. 1).

fil-kundizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq fl-investigazzjoni inizjali, iżda kienu rrifjutawlha dan l-istatus matul l-investigazzjoni tal-eżami mill-ġdid intermedju mir-regolament ikkontestat. Ir-rikorrenti sostniet li r-regolament ikkontestat kien jikser l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku [66], sa fejn iċ-ċirkustanzi ma kinux inbidlu b'mod sinjifikattiv u sostenibbli bejn l-investigazzjoni inizjali u l-eżami mill-ġdid intermedju. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali twasslet, b'mod partikolari, sabiex tippronunzja ruħha fuq il-kwistjoni dwar jekk, fil-kuntest ta' eżami mill-ġdid intermedju, l-istituzzjonijiet għandhomx jikkonstataw bidla oġġettiva fiċ-ċirkustanzi fattwali jew jekk dawn jistgħux iwettqu evalwazzjoni differenti fuq il-bażi ta' ċirkustanzi eżistenti minn qabel fid-dawl ta' argumenti u provi ġodda miġjuba mill-partijiet.

Il-Qorti Ġenerali fakkret li, skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, waqt l-investigazzjonijiet imwettqa fil-kuntest ta' eżami mill-ġdid intermedju, il-Kummissjoni tista', fost oħrajn, teżamina jekk iċ-ċirkustanzi li jikkonċernaw id-dumping u d-dannu tbiddlux b'mod sinjifikattiv jew jekk il-miżuri eżistenti pproduċewx l-effetti maħsuba u eliminawx id-dannu stabbilit qabel konformement mal-Artikolu 3 tal-imsemmi Regolament bażiku. Għal dan il-għan, kellhom jitqiesu l-provi kollha rilevanti u debitament iddokumentati fid-determinazzjoni finali.

F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali rrilevat li jidher li l-Kunsill bidel l-evalwazzjoni mingħajr ma neċessarjament kienu nbidlu ċ-ċirkustanzi sottostanti, meta kkonkluda li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(7)(ċ) tar-Regolament bażiku sabiex tingħata l-istatus ta' kumpannija li topera taħt il-kundizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq ma kinux issodisfatti. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li fil-kuntest tal-analiżi retrospettiva u prospettiva li għandhom iwettqu għall-finijiet tal-eżami mill-ġdid, l-istituzzjonijiet jistgħu jibdlu l-evalwazzjoni tagħhom taċ-ċirkustanzi. Fil-fatt, ikun illoġiku li l-istituzzjonijiet ikunu obbligati japplikaw l-Artikolu 2(7)(ċ) tar-Regolament bażiku b'mod li rriżulta żbaljat fid-dawl tal-provi ppreżentati fil-kuntest tal-eżami mill-ġdid intermedju sempliċement għaliex tali applikazzjoni twettqet fl-investigazzjoni inizjali. Peress li, f'dan il-każ, l-evalwazzjoni magħmula mir-regolament ikkontestat kienet ibbażata fuq ċirkustanzi fattwali ta' natura sostenibbli u mhux temporanji, b'mod partikolari d-distorsjoni tal-prezz tal-benżene u l-assenza tar-rimbors ta' 17 % tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) għall-esportazzjoni ta' benżene, il-Qorti Ġenerali qieset li r-regolament ikkontestat ma kienx imur kontra l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku.

Il-kawża li wasslet għas-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2017, ***Kolachi Raj Industrial vs Il-Kummissjoni*** (T-435/15, taħt appell [67], EU:T:2017:712) kienet opportunità sabiex il-Qorti Ġenerali tippreċiża l-ġurisprudenza tagħha fil-qasam tal-antidumping, fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku, dispożizzjoni li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom operazzjoni ta' assemblaġġ titqies li tevadi l-miżuri fis-seħħ. Ir-rikorrenti kienet iddikjarat li tixtri komponenti tar-roti mis-Sri Lanka u miċ-Ċina għall-assemblaġġ tar-roti fil-Pakistan. Il-Kummissjoni kienet ma kkunsidratx, bħala li ma kinux suffiċjentement probatorji, iċ-ċertifikati ta' oriġini "formula A" maħruġa mill-awtoritajiet tas-Sri Lanka prodotti mir-rikorrenti u applikat b'analoġija l-kriterji tal-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament bażiku sabiex tivverifika, fuq il-bażi tal-ispejjeż ta' manifattura tagħhom, l-oriġini tal-imsemmija komponenti.

Fl-ewwel lok, sabiex tippreċiża r-rwol rispettiv tal-kunċetti ta' "provenjenza" u ta' "oriġini" fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku, il-Qorti Ġenerali strieħet fuq is-sentenza ***Starway vs Il-Kunsill*** [68], li minnha ddeduċiet li jekk, bħala regola ġenerali, huwa suffiċjenti li jsir riferiment għal sempliċi "provenjenza" ta' komponenti użati għall-assemblaġġ tal-prodott finali għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 13(2)(b) tal-imsemmi regolament,

**66/** Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU 2009, L 343, p. 51).

**67/** Kawża C-709/17 P, ***Il-Kummissjoni vs Kolachi Raj Industrial***.

**68/** Sentenza tas-26 ta' Settembru 2000, T-80/97, EU:T:2000:216.

jista' jkun meħtieġ, fil-każ ta' dubju, li jiġi vverifikat jekk il-komponenti "li jkunu ġejjin" minn pajjiż terz joriġinawx, fil-fatt, minn pajjiż ieħor. Barra minn hekk, billi bbażat ruħha fuq id-diversi verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament bażiku, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li l-espressjoni "huma mill-", fis-sens tal-Artikolu 13(2)(a) tar-Regolament bażiku, għandha tinqara bħala riferiment għall-importazzjonijiet ikkonċernati u, għalhekk, għall-pajjiż ta' esportazzjoni.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali indikat li, għalkemm iċ-ċertifikati ta' oriġini "Formola A" għandhom valur probatorju fir-rigward tal-oriġini tal-merkanzija li għaliha jirreferu, dan ma huwiex assolut. Fil-fatt, tali ċertifikat redatt minn pajjiż terz ma jistax jorbot lill-awtoritajiet tal-Unjoni fir-rigward tal-oriġini ta' din il-merkanzija billi tipprekludihom milli jivverifikawha permezz ta' mezzi oħra, meta jkunu jeżistu indizji oġġettivi, serji u konkordanti li joħolqu dubju dwar l-oriġini reali tal-merkanzija li tkun is-suġġett ta' dawn iċ-ċertifikati. F'dan ir-rigward, jirriżulta mill-ġurisprudenza li l-kontrolli *a posteriori* jkunu fil-parti l-kbira neqsin mill-utilità tagħhom li kieku l-awtorizzazzjoni ta' tali ċertifikati setgħet, waħedha, tiġġustifika l-għoti ta' maħfra ta' dazji doganali. Barra minn hekk, hija enfasizzat li mill-Artikolu 6(8) tar-Regolament bażiku jirriżulta li, ħlief fil-każ ta' nuqqas ta' kooperazzjoni, l-eżattezza tal-informazzjoni pprovduta mill-partijiet interessati u li fuqha l-Kummissjoni tippjana li tibbaża konklużjonijiet għandha, sa fejn possibbli, tiġi vverifikata. Konsegwentement, din id-dispożizzjoni tiġġustifika, hija stess, mhux biss il-possibbiltà, iżda wkoll id-dmir tal-Kummissjoni li tivverifika d-dokumenti li jiġu sottomessi lilha. Dan l-obbligu għandu jiġi eżerċitat b'mod naturali, fil-qasam tal-antidumping, mingħajr preġudizzju għall-proċeduri speċifiċi previsti għal dan l-għan għall-benefiċċju tal-awtoritajiet doganali.

Fit-tielet u l-aħħar lok, il-Qorti Ġenerali qieset li, bl-applikazzjoni "b'analoġija" tal-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni, fil-fatt, eżaminat jekk il-manifattura ta' komponenti tar-roti fis-Sri Lanka kkostitwixxietx evażjoni tal-miżuri antidumping imposti fuq ir-roti li joriġinaw miċ-Ċina, li ma kienx jikkostitwixxi s-suġġett tal-investigazzjoni. Fil-fatt, mill-kliem stess tal-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament bażiku jirriżulta li dan kien japplika għal "operazzjonijiet ta' assemblaġġ", u r-regola ta' 60 % stabbilita fih kienet tapplika b'hekk għall-valur totali tal-komponenti tal-"prodott assemblat". Issa, huwa paċifiku li, f'dan il-każ, l-investigazzjoni ma kellhiex bħala suġġett l-"operazzjonijiet ta' assemblaġġ" tar-roti fis-Sri Lanka, u lanqas ma kienet tipprevedi, bl-ebda mod, ir-roti "assemblati" fl-imsemmi pajjiż. Barra minn hekk, peress li l-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament bażiku ma jikkostitwixxix regola tal-oriġini, huwa ma jistax japplika "b'analoġija" sabiex jiġi ddeterminat l-oriġini ta' merkanzija, speċjalment peress li l-kriterji previsti fl-imsemmija dispożizzjoni huma sostanzjalment differenti minn dawk dwar ir-regoli tal-oriġini. Minn dan isegwi li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta għamlet applikazzjoni b'analoġija tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku.

# XI. SUPERVIŻJONI TAS-SETTUR FINANZJARJU

Fis-sentenza tas-16 ta' Mejju 2017, ***Landeskreditbank Baden-Württemberg vs BĊE*** (T-122/15, taħt appell [69], EU:T:2017:337), il-Qorti Ġenerali kkonfermat il-legalità tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament bażiku [70], ikklassifika lir-rikorrenti, bank ta' investiment u żvilupp ta' Baden-Württemberg (il-Ġermanja), bħala "entità sinjifikattiva". Din il-klassifikazzjoni kellha bħala konsegwenza li tissuġġetta l-imsemmi bank biss għas-superviżjoni diretta tal-BĊE pjuttost milli għas-sorveljanza kondiviża tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU), fatt li r-rikorrenti kkontestat.

**69/** Kawża C-450/17 P, ***Landeskreditbank Baden-Württemberg.***

**70/** Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU 2013, L 287, p. 63).

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali rrilevat li mill-istruttura tar-Regolament bażiku jirriżulta li l-Kunsill attribwixxa kompetenza esklużiva lill-BĊE fir-rigward tal-kompiti previsti fl-Artikolu 4(1) tal-imsemmi regolament. Skont il-Qorti Ġenerali, l-Artikolu 6 tar-Regolament bażiku għandu biss l-għan li jippermetti l-implimentazzjoni deċentralizzata fil-qafas tal-MSU ta' din il-kompetenza mill-awtoritajiet nazzjonali, taħt is-superviżjoni tal-BĊE, fir-rigward ta' entitajiet inqas sinjifikattivi u fir-rigward tal-missjonijiet previsti fl-Artikolu 4(1)(b) u (d) sa (i) tal-imsemmi regolament.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament bażiku jirriżulta li l-klassifikazzjoni ta' istituzzjoni "sinjifikattiva" tista' tiġi eskluża f'"ċirkustanzi partikolari", peress li dan il-kunċett għandu, skont l-Artikolu 70(2) tar-Regolament Qafas tal-MSU [71], ikun suġġett għal interpretazzjoni stretta. Għaldaqstant, sa fejn l-Artikolu 70(1) tal-imsemmi regolament jirreferi għal "meta jkun hemm ċirkustanzi speċifiċi u fattwali li minħabba fihom ma jkunx xieraq li entità taħt superviżjoni tiġi kklassifikata bħala sinjifikattiva, meta jitqiesu l-objettivi u l-prinċipji tar-Regolament [bażiku]", minn dan isegwi neċessarjament li hija prevista biss l-ipoteżi li l-eżerċizzju ta' superviżjoni prudenzjali diretta mill-BĊE, minħabba l-klassifikazzjoni ta' entità bħala "sinjifikattiva", huwa inqas kapaċi li jilħaq l-għanijiet tar-Regolament bażiku milli huwa l-eżerċizzju ta' superviżjoni prudenzjali diretta ta' dik l-entità mill-awtoritajiet nazzjonali. Min-naħa l-oħra, minn interpretazzjoni letterali tal-Artikolu 70(1) tar-Regolament Qafas tal-MSU ma tirriżultax l-ipoteżi ta' klassifikazzjoni mill-ġdid ta' "entità sinjifikattiva" bħala "inqas sinjifikattiva" għar-raġuni li superviżjoni diretta mill-awtoritajiet nazzjonali fil-kuntest tal-MSU hija kapaċi tilħaq l-għanijiet tar-Regolament bażiku daqs superviżjoni eżerċitata mill-BĊE biss.

Fit-tielet u l-aħħar lok, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 70(1) tar-Regolament Qafas tal-MSU fid-dawl tar-rekwiżiti tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità lanqas ma jista' jwassal għal tali ipoteżi. Sa fejn l-awtoritajiet nazzjonali, fi ħdan l-MSU, jaġixxu fil-kuntest tal-implimentazzjoni deċentralizzata ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni, l-unika kompetenza li tista' tiġi affettwata mill-eżerċizzju ta' superviżjoni prudenzjali diretta tal-BĊE hija l-kompetenza ġenerali tal-Istati Membri fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fl-ordinament ġuridiku tagħhom, enfasizzata fl-Artikolu 291(1) TFUE. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li ż-żamma ta' din il-kompetenza ma tistax timplika interpretazzjoni tal-Artikolu 70(1) tar-Regolament Qafas tal-MSU fis-sens li jeżiġi li jiġi vverifikat każ b'każ fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu li taqa' taħt il-klassifikazzjoni ta' sinjifikattiva fid-dawl tal-kriterji stabbiliti mill-Artikolu 6(4) tar-Regolament bażiku jekk l-għanijiet tiegħu jistgħu jintlaħqu daqstant sew permezz ta' superviżjoni diretta mill-awtoritajiet nazzjonali. Fil-fatt, tali eżami jkun imur direttament kontra ż-żewġ elementi li għandhom rwol fundamentali fl-istruttura tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament bażiku, jiġifieri, minn naħa, il-prinċipju li l-istituzzjonijiet ta' kreditu sinjifikattivi jaqgħu taħt is-superviżjoni tal-BĊE biss u, min-naħa l-oħra, l-eżistenza ta' kriterji alternattivi preċiżi li jippermettu li jiġi kklassifikat is-sinjifikat ta' istituzzjoni finanzjarja. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-BĊE kien korrett meta kklassifika lir-rikorrenti bħala "entità sinjifikattiva" u ċaħdet ir-rikors.

Fil-kawżi li wasslu għas-sentenzi tat-13 ta' Diċembru 2017, ***Crédit mutuel Arkéa vs BĊE*** (T-712/15, EU:T:2017:900), u tat-13 ta' Diċembru 2017, ***Crédit mutuel Arkéa vs BĊE*** (T-52/16, EU:T:2017:902), il-Qorti Ġenerali ntalbet tippronunzja ruħha dwar ir-rikorsi diretti rispettivament kontra d-deċiżjonijiet tal-BĊE, minn naħa, tal-5 ta' Ottubru 2015, li tistabbilixxi rekwiżiti prudenzjali applikabbli għall-grupp Crédit mutuel, u, min-naħa l-oħra, tal-4 ta' Diċembru 2015, li tistabbilixxi rekwiżiti prudenzjali ġodda applikabbli għall-imsemmi grupp kif ukoll għall-entitajiet li jagħmlu parti minnu. Ir-rikorrent ikkontesta l-użu tas-superviżjoni prudenzjali kkonsolidata tal-grupp Crédit mutuel, stabbilita mill-BĊE, permezz tal-Confédération nationale du Crédit mutuel (CNCM), għar-raġuni li din ma kinitx istituzzjoni ta' kreditu, li ma kienx hemm "grupp Crédit mutuel" u li l-BĊE ma setax jimponi fuqu rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali.

**71/** Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ma' awtoritajiet nazzjonali nominati (Regolament Qafas tal-MSU) (ĠU 2014, L 141, p. 1).

Fir-rigward tar-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-5 ta' Ottubru 2015, il-Qorti Ġenerali qieset li r-rikorrent kellu interess ġuridiku sabiex jaġixxi kontra din id-deċiżjoni, sabiex jevita li annullament eventwali tad-deċiżjoni li tkun ħassritha jkollu l-effett li din terġa' tipproduċi effetti. Fil-fatt, fil-każ li d-deċiżjoni tal-4 ta' Diċembru 2015 kellha tiġi annullata, il-partijiet kienu jerġgħu jitqiegħdu fis-sitwazzjoni eżistenti qabel id-dħul fis-seħħ tagħha, li kienet tkun għalhekk mill-ġdid irregolata mid-deċiżjoni kkontestata.

Fir-rigward taż-żewġ rikorsi ppreżentati kontra d-deċiżjoni tal-5 ta' Ottubru 2015 u d-deċiżjoni tal-4 ta' Diċembru 2015, il-Qorti Ġenerali indikat li, sabiex l-għanijiet tar-Regolament bażiku jiġu osservati, l-Artikolu 2(21)(c) tar-Regolament Qafas tal-MSU u l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 [72] li għalihom jirreferi, għandhom jiġu interpretati fid-dawl tal-intenzjoni tal-leġiżlatur li jippermetti lill-BĊE jkollu stampa globali tar-riskji kollha li jistgħu jaffettwaw istituzzjoni ta' kreditu u li jevita frammentazzjoni tas-superviżjoni prudenzjali bejn il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali. Fir-rigward tal-għan proprju tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 575/2013, il-Qorti Ġenerali osservat li dan ir-regolament jikkonċerna r-rekwiżiti prudenzjali applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu. F'dan il-kuntest, l-għan imfittex fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 575/2013 jirriżulta b'mod ċar mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni. Dan jinvolvi l-possibbiltà miftuħa għall-awtorità kompetenti li teżenta totalment jew parzjalment l-applikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti previsti mir-Regolament għal istituzzjoni ta' kreditu waħda jew iktar li jkunu jinsabu fl-istess Stat Membru u li jkunu affiljati b'mod permanenti ma' organu ċentrali li jissorvelja u li jkun stabbilit fl-istess Stat Membru. Bl-istess mod, l-Artikolu 10(2) tar-Regolament Nru 575/2013 jippermetti l-eżenzjoni tal-organu ċentrali, fuq bażi individwali, mill-applikazzjoni tal-istess rekwiżiti prudenzjali. Madankollu, f'dan il-każ, il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 575/2013 ma japplikawx skont dan ir-regolament tal-aħħar għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-possibbiltà ta' eżenzjoni mill-osservanza tar-rekwiżiti fuq bażi individwali, iżda japplikaw minħabba r-riferiment magħmul fl-Artikolu 2(21)(c) tar-Regolament Qafas tal-MSU sabiex tiġi vverifikata l-eżistenza ta' grupp suġġett għas-superviżjoni prudenzjali. Minn dan isegwi li, f'dan il-każ, huma biss l-għanijiet tal-Artikolu 2(21)(c) tar-Regolament Qafas tal-MSU li huma rilevanti fir-rigward tal-interpretazzjoni tiegħu, minkejja r-riferiment li huwa jagħmel għall-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 575/2013.

Qabelxejn, fir-rigward tal-assenza tal-kwalità ta' istituzzjoni ta' kreditu taċ-CNCM, il-Qorti Ġenerali qieset li ma jirriżultax mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-superviżjoni prudenzjali li l-kunċett ta' "organu ċentrali" għandu jinftiehem bħala li jimplika l-kwalità ta' stabbilment ta' kreditu. Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali qieset li Crédit mutuel, permezz taċ-CNCM, kien jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam prudenzjali sabiex ikun jista' jiġi kklassifikat bħala "grupp" fis-sens ta' din il-leġiżlazzjoni. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali qieset li l-BĊE ma wettaqx żball meta bbaża ruħu fuq il-possibbiltà li r-rikorrent joħroġ mill-grupp Crédit mutuel sabiex jimponi fuqu fondi proprji addizzjonali.

B'hekk billi ċaħdet l-argumenti tar-rikorrent ibbażati fuq l-assenza tal-kwalità ta' istituzzjoni ta' kreditu taċ-CNCM, l-assenza ta' grupp taħt superviżjoni prudenzjali fis-sens tal-Artikolu 2(21)(c) tar-Regolament Qafas tal-MSU u tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 575/2013 u l-impossibbiltà li jiġu imposti fondi proprji addizzjonali, il-Qorti Ġenerali ċaħdet iż-żewġ rikorsi fl-intier tagħhom.

**72/** Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU 2013, L 176, p. 1, Rettifiki ĠU 2013, L 208, p. 68 u ĠU 2013, L 321, p. 6).

# XII. KUNTRATTI PUBBLIĊI TAL-ISTITUZZJONIJIET TAL-UNJONI

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-4 ta' Lulju 2017, ***European Dynamics Luxembourg et vs L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji*** (T-392/15, EU:T:2017:462), il-Qorti Ġenerali ntalbet tispeċifika l-portata, minn naħa, tal-prinċipji ta' libertà tal-prova u ta' amministrazzjoni libera tal-provi fid-dritt tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, tal-obbligu ta' motivazzjoni tal-awtorità kontraenti meta din tqis li l-offerta tal-offerent magħżul ma tkunx tidher li hija anormalment baxxa.

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-prinċipju li jipprevali fid-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-prova huwa dak ta' amministrazzjoni libera tal-provi u li dan il-prinċipju għandu l-korollarju tal-libertà tal-prova, li tagħti lill-partijiet il-possibbiltà li jipproduċu quddiem il-qorti tal-Unjoni kull prova miksuba b'mod regolari li huma jqisu rilevanti sabiex jissostanzjaw il-pożizzjonijiet tagħhom. Il-prinċipji ta' amministrazzjoni libera tal-prova u ta´ libertà tal-prova għandhom madankollu jirrikonċiljaw ruħhom mal-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni bħal dawk tad-dritt għal proċess xieraq u ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet. B'hekk, l-amministrazzjoni libera tal-prova għandha tirrikonċilja ruħha mad-dritt għal kull parti li tiddefendi l-interessi tagħha indipendentement minn kull influwenza esterna, b'mod partikolari min-naħa tal-pubbliku, u li tkun protetta kontra l-użu mhux xieraq tal-atti proċedurali. Minn dan, il-Qorti Ġenerali ddeduċiet li mill-prinċipju ta' libertà tal-prova jirriżulta li parti quddiem il-Qorti Ġenerali għandha, bħala prinċipju, id-dritt li tinvoka bħala prova atti prodotti matul proċedura ġudizzjarja oħra li fiha hija stess kienet parti. Barra minn hekk, il-kunsens tal-parti li jkun joriġina minnha l-att proċedurali ma jistax jikkostitwixxi l-kundizzjoni preliminari għall-ammissibbiltà ta' att li jkun joriġina minn kawża oħra quddiem il-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, għalkemm il-kunsens tal-parti li jkun joriġina minnha l-att jista' jkun element rilevanti għall-evalwazzjoni tan-natura xierqa tal-użu tiegħu, li jiġi impost li dan il-kunsens jinkiseb qabel il-produzzjoni tiegħu quddiem il-Qorti Ġenerali taħt piena ta' inammissibbiltà jagħti lill-parti li minnha dan joriġina s-setgħa li teskludih u b'hekk li ċċaħħad lill-Qorti Ġenerali milli tippronunzja ruħha dwar in-natura xierqa tal-użu tiegħu u, għaldaqstant, milli tissodisfa l-obbligu tagħha li toffri lil kull parti possibbiltà raġonevoli li tippreżenta l-kawża tagħha, inkluż il-provi tagħha, f'kundizzjonijiet li ma jpoġġuhiex f'sitwazzjoni ta' żvantaġġ sostanzjali meta mqabbla mal-avversarju tagħha, li huwa l-bażi tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet. Għalhekk, hija l-Qorti Ġenerali li, f'kull każ, għandha tibbilanċja, minn naħa, il-libertà tal-prova u, min-naħa l-oħra, il-protezzjoni kontra l-użu mhux xieraq tal-atti proċedurali ta' partijiet fi proċeduri ġudizzjarji.

F'dan il-każ, filwaqt li l-konvenuta kkontestat il-produzzjoni mir-rikorrenti ta' kopja tar-rapport tal-kumitat ta' evalwazzjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), il-Qorti Ġenerali kkonstatat li r-rikorrenti kellhom dan ir-rapport minħabba l-fatt li huma kienu ppreżentaw offerta wara sejħa għal offerti għal kuntratt pubbliku organizzata mill-EMA u li, bħala offerent eskluż, huma kienu talbu r-raġunijiet għaċ-ċaħda tal-offerta tagħhom. Għaldaqstant, ir-rikorrenti kisbu dan ir-rapport b'mod regolari. Il-fatt li l-imsemmi rapport kien imbagħad ikkostitwixxa att proċedurali f'kawża li wasslet għal sentenza tal-Qorti Ġenerali u li r-rikorrenti ma kinux kisbu l-kunsens min-naħa tal-EMA għall-użu tiegħu f'din il-kawża ma kienx jippermetti li l-użu tiegħu jiġi kklassifikat bħala mhux xieraq. Barra minn hekk, fid-dawl tal-kontenut ta' dan id-dokument u tal-libertà tal-prova tar-rikorrenti, l-EMA ma setgħetx validament tirrifjuta li dan jiġi żvelat lill-konvenuta. Konsegwentement, iċ-ċaħda bħala inammissibbli tal-produzzjoni ta' dan id-dokument kienet tkun kuntrarja għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja sa fejn tali ċaħda kienet tillimita, mingħajr raġuni ġusta, il-libertà tal-prova tar-rikorrenti.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-evalwazzjoni, mill-awtorità kontraenti, tal-eżistenza ta' offerti anormalment baxxi għandha ssir f'żewġ partijiet. Fl-ewwel lok, l-awtorità kontraenti għandha tevalwa jekk l-offerti sottomessi "jidhrux" anormalment baxxi, jiġifieri jekk ikollhomx indizji ta' natura li jqajmu s-suspett f'dan ir-rigward. Dan huwa b'mod partikolari l-każ meta l-prezz propost f'offerta magħmula jkun kunsiderevolment iktar baxx minn dak ta'

offerti oħra magħmula jew mill-prezz abitwali tas-suq. Jekk l-offerti magħmula ma jkunux jinkludu tali indizji u ma jkunux jidhru anormalment baxxi, l-awtorità kontraenti tista' tkompli l-evalwazzjoni u l-proċedura tal-għoti tal-kuntratt. Min-naħa l-oħra, jekk ikun jeżisti tali suspett, l-awtorità kontraenti għandha, fit-tieni lok, tivverifika l-kompożizzjoni tal-offerta sabiex tiżgura ruħha li din ma hijiex anormalment baxxa. Peress li l-obbligu ta' motivazzjoni għandu b'mod partikolari jiġi evalwat fid-dawl tar-regoli legali applikabbli, l-eżistenza ta' dan l-eżami f'żewġ partijiet għandu effett fuq il-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni tal-awtorità kontraenti. Huwa għalhekk li, meta awtorità kontraenti tagħżel offerta, hija ma għandhiex l-obbligu li tindika b'mod espliċitu, bi tweġiba għal kull talba għal motivazzjoni li ssirilha skont l-Artikolu 113(2) tar-Regolament finanzjarju [73], ir-raġunijiet għalfejn l-offerta li tkun għażlet ma tkunx dehret li hija anormalment baxxa. Fil-fatt, jekk offerta tintgħażel mill-awtorità kontraenti, isegwi impliċitament, iżda neċessarjament, li hija tkun ikkunsidrat li ma kinux jeżistu indizji li l-imsemmija offerta kienet anormalment baxxa. Min-naħa l-oħra, tali raġunijiet għandhom jiġu kkomunikati lill-offerent eskluż li jkun għamel talba espressa għalihom.

# XIII. KLAWŻOLA TA' ARBITRAĠĠ

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-4 ta' Lulju 2017, ***Systema Teknolotzis vs Il-Kummissjoni*** (T-234/15, EU:T:2017:461), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors ippreżentat mill-benefiċjarju ta' proġett iffinanzjat mill-Unjoni kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni li għandha saħħa eżekuttiva għall-irkupru ta' ammonti mħallsa indebitament. Il-Kummissjoni allegat li r-rikors tar-rikorrenti kien inammissibbli minħabba l-fatt li d-deċiżjoni kkontestata kienet tikkostitwixxi deċiżjoni konfermattiva tar-rifjuti preċedenti tagħha li tagħti faċilitajiet ta' ħlas lir-rikorrenti.

Il-Qorti Ġenerali fakkret li, fil-preżenza ta' kuntratt li jorbot lir-rikorrent ma' waħda mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, il-qorti tal-Unjoni tista' tiġi adita b'rikors fuq il-bażi tal-Artikolu 263 TFUE biss jekk l-att ikkontestat ikun intiż li jipproduċi effetti legali vinkolanti li ma jaqgħux taħt ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet u li jimplikaw l-eżerċizzju ta' prerogattivi ta' awtorità pubblika mogħtija lill-istituzzjoni kontraenti fil-kwalità tagħha ta' awtorità amministrattiva. Jekk il-qorti tal-Unjoni tqis li jkollha ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni dwar l-annullament ta' atti li jagħmlu parti minn qafas kuntrattwali, mhux biss tieħu r-riskju li tirrendi insinjifikattiv l-Artikolu 272 TFUE, li jippermetti l-attribuzzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Unjoni fuq il-bażi ta' klawżola ta' arbitraġġ, iżda wkoll, fil-każijiet fejn il-kuntratt ma jkunx fih klawżola bħal din, li testendi l-ġurisdizzjoni tagħha lil hinn mil-limiti stabbiliti mill-Artikolu 274 TFUE, li jagħti lill-qrati nazzjonali l-ġurisdizzjoni ġenerali sabiex jaqtgħu kawżi li fihom tkun parti l-Unjoni.

Deċiżjoni li għandha saħħa eżekuttiva fis-sens tal-Artikolu 299 TFUE, bħal dik inkwistjoni f'dan il-każ, tikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE b'tali mod li l-fondatezza ta' tali deċiżjoni tista' tiġi kkontestata biss quddiem il-qorti tal-annullament. Il-Qorti Ġenerali qieset li dan jgħodd, b'mod partikolari, meta deċiżjoni li jkollha saħħa eżekuttiva tiġi adottata għall-finijiet tal-irkupru ta' dejn imnissel minn kuntratt konkluż minn istituzzjoni. Fil-fatt, l-adozzjoni ta' deċiżjoni li għandha saħħa eżekuttiva tikkostitwixxi l-manifestazzjoni tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tal-prerogattivi tagħha ta' setgħa pubblika u tistabbilixxi definittivament ir-rieda tagħha li tfittex tirkupra d-djun dovuti lilha.

Qabelxejn, il-Qorti Ġenerali osservat li, sabiex id-deċiżjoni kkontestata tkun tista' tiġi kklassifikata bħala deċiżjoni purament konfermattiva, huwa meħtieġ, b'mod partikolari, li l-atti preċedenti redatti mill-Kummissjoni jkunu jistgħu jiġu kklassifikati bħala deċiżjonijiet li jistgħu jkunu suġġetti għal rikors għal annullament. Issa, ir-rifjuti tal-

**73/** Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU 2012, L 298, p. 1).

Kummissjoni li tagħti faċilitajiet ta' ħlas, li jikkostitwixxu l-atti preċedenti f'dan il-każ, ma jipproduċux effetti legali vinkolanti li jmorru lil hinn mir-relazzjonijiet kuntrattwali li jorbtu lill-Kummissjoni mar-rikorrenti. Barra minn hekk, dawn ir-rifjuti ma jimplikawx l-eżerċizzju ta' prerogattivi ta' awtorità pubblika mogħtija lill-Kummissjoni. Għalhekk, dawn ir-rifjuti ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala deċiżjonijiet preċedenti fis-sens tal-ġurisprudenza dwar l-att purament konfermattiv. Fl-aħħar nett, din ma setgħetx tkun kwistjoni ta' evitar tat-terminu għall-preżentata ta' rikors għal annullament peress li r-rifjuti inkwistjoni kienu jaqgħu fil-kuntest tar-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-Kummissjoni u r-rikorrenti u l-kontestazzjonijiet quddiem il-qorti tal-Unjoni, skont l-Artikolu 272 TFUE, tad-drittijiet u tal-obbligi kuntrattwali ma kinux suġġetti għall-istess terminu għall-preżentata ta' rikors. Konsegwentement, il-Kummissjoni ma kinitx korretta meta allegat li r-rikors tar-rikorrenti kien inammissibbli.

# XIV. AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI TAL-ISTITUZZJONIJIET

Fl-2017, il-Qorti Ġenerali kellha l-okkażjoni tagħti diversi sentenzi importanti fil-qasam tal-aċċess għal dokumenti. B'mod partikolari, hija tat deċiżjonijiet dwar il-kundizzjonijiet ta' aċċess għad-dokumenti li jkunu jinsabu fil-fajl amministrattiv ta' proċedura relatata ma' abbuż minn pożizzjoni dominanti kif ukoll għal dawk redatti minn Stat Membru, fil-kuntest ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Il-Qorti Ġenerali pprovdiet ukoll kjarifiki dwar it-talbiet ta' aċċess għal dokumenti miżmuma mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), fil-kuntest ta' proċedura dwar applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-użu ta' sustanza kimika u għal dokumenti relatati mat-talbiet sabiex jiġu sottomessi offerti dwar il-lottijiet kollha koperti minn sejħa għal offerti.

## 1. DOKUMENTI LI JINSABU FIL-FAJL AMMINISTRATTIV TA' PROĊEDURA RELATATA MA' ABBUŻ MINN POŻIZZJONI DOMINANTI

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, ***Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni*** (T-210/15, EU:T:2017:224), il-Qorti Ġenerali ntalbet teżamina l-legalità tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet ċaħdet it-talba tar-rikorrenti intiża li tingħata aċċess għad-dokumenti kollha li jinsabu fil-fajl tal-investigazzjoni għal abbuż minn pożizzjoni dominanti fil-konfront tagħha. Il-Kummissjoni kienet ċaħdet din it-talba fuq il-bażi ta' preżunzjoni ġenerali li l-iżvelar ta' dawn id-dokumenti jippreġudika, bħala prinċipju, il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali tal-impriżi kkonċernati u l-protezzjoni tal-għanijiet tal-attivitajiet ta' investigazzjoni.

Il-Qorti Ġenerali qieset li l-ġurisprudenza dwar il-preżunzjoni ġenerali rrikonoxxuta fil-qasam tal-aċċess għal dokumenti li jkunu jinsabu fil-fajl amministrattiv stabbilit fil-kuntest ta' proċedura relatata ma' akkordju għandha tapplika b'analoġija u għal raġunijiet identiċi għall-aċċess għal dokumenti li jkunu jinsabu fil-fajl amministrattiv stabbilit fil-kuntest ta' proċedura relatata ma' abbuż minn pożizzjoni dominanti. Skont din il-ġurisprudenza, il-Kummissjoni għandha d-dritt li tippreżumi, mingħajr ma tagħmel eżami konkret u individwali ta' kull wieħed minn dawn id-dokumenti, li l-iżvelar tagħhom jippreġudika, bħala prinċipju, kemm il-protezzjoni tal-għanijiet tal-attivitajiet ta' spezzjoni u ta' investigazzjoni kif ukoll il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali tal-impriżi partijiet fil-proċedura, u dan kemm fir-rigward ta' dokumenti li l-Kummissjoni tkun skambjat mal-partijiet fil-proċedimenti jew ma' terzi, kif ukoll fir-rigward ta' dokumenti interni li l-Kummissjoni tkun irrediġiet sabiex tiġġestixxi l-proċedura inkwistjoni.

Skont il-Qorti Ġenerali, fir-rigward tal-proċeduri għall-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE, din il-preżunzjoni ġenerali tista' tirriżulta mid-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Nru 1/2003 u Nru 773/2004, li jirregolaw speċifikament id-

dritt ta' aċċess għal dokumenti li jinsabu fil-fajls tal-Kummissjoni fir-rigward tagħhom. Fil-fatt, aċċess iġġeneralizzat, fuq il-bażi tar-Regolament Nru 1049/2001 [74], għad-dokumenti skambjati, fil-kuntest ta' proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE, bejn il-Kummissjoni u l-partijiet ikkonċernati minn din il-proċedura jew terzi huwa ta' natura li jipperikola l-bilanċ li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jiżgura, fir-Regolamenti Nru 1/2003 u Nru 773/2004, bejn l-obbligu għall-impriżi kkonċernati li jikkomunikaw lill-Kummissjoni informazzjoni kummerċjali possibbilment sensittiva u l-garanzija ta' protezzjoni msaħħa relatata, fuq il-bażi tas-sigriet professjonali u tas-sigriet tan-negozju, mal-informazzjoni hekk mgħoddija lill-Kummissjoni. Filwaqt li osservat ukoll li, fid-dawl tan-natura tal-interessi protetti, kien hemm lok li jitqies li l-eżistenza ta' preżunzjoni ġenerali hija dovuta indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk it-talba ta' aċċess tirrigwardax proċedura ta' investigazzjoni diġà magħluqa jew proċedura pendenti, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, f'dan il-każ, li r-rikors kellu jiġi miċħud.

## 2. DOKUMENTI REDATTI MINN STAT MEMBRU FIL-KUNTEST TA' PROĊEDURA GĦAL NUQQAS TA' TWETTIQ TA' OBBLIGU

Il-kawża li wasslet għas-sentenza tat-28 ta' April 2017, ***Gameart vs Il-Kummissjoni*** (T-264/15, EU:T:2017:290), kienet okkażjoni għall-Qorti Ġenerali sabiex teżamina l-kwistjoni ġdida dwar jekk id-dokumenti redatti minn Stat Membru, fil-kuntest ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, jistgħux jitqiesu li huma dokumenti maħruġa minn istituzzjoni fis-sens tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1049/2001, b'tali mod li l-imsemmija istituzzjoni tkun kompetenti sabiex tagħti deċiżjoni fuq talba għal aċċess għal dawn id-dokumenti, mibgħuta lilha minn Stat Membru fuq il-bażi tat-tieni paragrafu tal-imsemmija dispożizzjoni. Il-kawża oriġinat minn talba mressqa mir-rikorrenti fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin Pollakk sabiex hija tingħata aċċess għad-dokumenti li jikkonċernaw il-proċeduri mwettqa mill-Kummissjoni dwar il-ksur tad-dritt tal-Unjoni mil-leġiżlazzjoni Pollakka dwar il-logħob tal-ażżard. It-talba kellha b'mod partikolari l-għan li jinkisbu kopji, fil-pussess tal-imsemmi ministeru, tal-ittri mibgħuta mir-Repubblika tal-Polonja lill-Kummissjoni rigward dawn il-proċeduri. Wara li l-Ministeru bagħtilha din it-talba, il-Kummissjoni kienet irrifjutat l-aċċess għad-dokumenti inkwistjoni, billi bbażat ruħha b'mod partikolari fuq l-eċċezzjoni prevista fit-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001, ibbażata fuq il-protezzjoni tal-għanijiet tal-attivitajiet ta' spezzjoni, ta' investigazzjoni u ta' verifika. Filwaqt li kkontestat dan ir-rifjut, ir-rikorrenti sostniet li l-Kummissjoni ma kinitx kompetenti sabiex tieħu deċiżjoni rigward it-talba tagħha għal aċċess għad-dokumenti kontenzjużi, li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1049/2001. Fil-fehma tagħha, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament ma jistax japplika għal dawn id-dokumenti, peress li din id-dispożizzjoni tikkonċerna biss id-dokumenti li joriġinaw mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, ħlief fil-każijiet speċifikament previsti mill-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1049/2001 u meta dan ikun impost mir-rekwiżiti tal-obbligu ta' kooperazzjoni leali previst fl-Artikolu 4(3) TUE, it-talbiet għal aċċess għal dokumenti miżmuma mill-awtoritajiet nazzjonali jibqgħu, inkluż meta tali dokumenti joriġinaw minn istituzzjonijiet tal-Unjoni, irregolati mir-regoli nazzjonali applikabbli għall-imsemmija awtoritajiet, mingħajr ma d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1049/2001 jissostitwixxuhom. Il-Qorti Ġenerali osservat li l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1049/2001 ma jipprevedix il-possibbiltà li tintbagħat lill-Kummissjoni talba għal aċċess għal dokumenti li joriġinaw minn Stat Membru. Fil-fatt, jirriżulta b'mod espliċitu mill-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni li l-kamp ta' applikazzjoni ratione materiae tagħha huwa limitat għad-dokumenti "li l-oriġini tagħhom ġejja minn" istituzzjonijiet tal-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ma kinitx kompetenti sabiex tippronunzja ruħha fuq it-talba għal aċċess għad-dokumenti kontenzjużi.

**74/** Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

Din il-konstatazzjoni ma tistax tiġi kkonfutata bl-argument invokat mill-Kummissjoni u mill-partijiet intervenjenti li jipprovdi li l-Kummissjoni kienet kompetenti sabiex teżamina t-talba għal aċċess għad-dokumenti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Polonja, għaliex dawn id-dokumenti kienu miżmuma mill-Kummissjoni fis-sens tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 1049/2001. Sabiex il-Kummissjoni tkun kompetenti tadotta deċiżjoni li tagħti jew tirrifjuta l-aċċess għal dokument li hija żżomm, hija għandha wkoll tirċievi talba għal aċċess għal dan id-dokument validament ippreżentata skont il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 2(4) u fl-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1049/2001 minn kull persuna fiżika jew ġuridika prevista fl-Artikolu 2(1) u (2) tal-imsemmi regolament, jew validament mibgħuta minn Stat Membru skont il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5 tal-imsemmi regolament. Issa, għandu jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma ġietx validament adita b'tali talba la mir-rikorrenti u lanqas mir-Repubblika tal-Polonja.

## 3. DOKUMENTI MIŻMUMA MILL-ECHA FIL-KUNTEST TA' PROĊEDURA DWAR APPLIKAZZJONI GĦAL AWTORIZZAZZJONI GĦALL-UŻU TA' SUSTANZA KIMIKA

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-13 ta' Jannar 2017, ***Deza vs ECHA*** (T-189/14, EU:T:2017:4), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors intiż għall-annullament ta' deċiżjonijiet li bihom l-ECHA kienet awtorizzat lil terzi aċċess għal ċerta informazzjoni inkluża fil-fajl ippreżentat mir-rikorrenti fil-kuntest tal-proċedura prevista mir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 [75], dwar applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-użu ta' sustanza kimika. Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti invokat, b'mod partikolari, l-eżistenza ta' preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità tal-informazzjoni ppreżentata fil-kuntest tal-proċedura għal awtorizzazzjoni prevista mill-imsemmi regolament.

Dwar dan il-punt, il-Qorti Ġenerali osservat li, b'differenza mis-sitwazzjonijiet li għalihom il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali aċċettaw li l-preżunzjonijiet ġenerali ta' rifjut ta' aċċess għad-dokumenti kienu japplikaw, ir-Regolament Nru 1907/2006 espressament jirregola r-relazzjoni bejn ir-Regolament 1907/2006 u r-Regolament Nru 1049/2001. Fil-fatt, l-Artikolu 118 tar-Regolament Nru 1907/2006 jipprevedi li r-Regolament Nru 1049/2001 japplika għad-dokumenti miżmuma mill-ECHA. Huwa ma jirregolax b'mod restrittiv l-użu ta' dokumenti li jinsabu fil-fajl dwar proċedura ta' awtorizzazzjoni għall-użu ta' sustanza kimika. Għalhekk, preżunzjoni ġenerali ta' rifjut ta' aċċess għad-dokumenti inkwistjoni ma tirriżultax mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1907/2006. B'hekk, ma għandux jiġi ammess li, fil-kuntest ta' proċedura ta' awtorizzazzjoni prevista mir-Regolament Nru 1907/2006, id-dokumenti mibgħuta lill-ECHA għandhom jitqiesu li huma, fl-intier tagħhom, manifestament koperti bl-eċċezzjoni relatata mal-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' dawk li jitolbu l-awtorizzazzjoni. Għalkemm din l-eċċezzjoni hija, fejn rilevanti, applikabbli għal ċerti dokumenti mibgħuta lill-ECHA, dan ma huwiex neċessarjament il-każ fir-rigward tad-dokumenti kollha jew tal-kontenut kollu ta' dawn id-dokumenti. Tal-inqas, huwa l-kompitu tal-ECHA li tiżgura ruħha minn dan permezz ta' eżami konkret u effettiv ta' kull dokument, kif meħtieġ mill-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament 1049/2001.

Il-Qorti Ġenerali fakkret ukoll illi, jekk il-prinċipju ta' aċċess l-iktar wiesa' possibbli tal-pubbliku għad-dokumenti għandu fil-prinċipju jiġi osservat fir-rigward tad-dokumenti li l-ECHA għandha, dan il-prinċipju huwa xorta waħda suġġett għal ċerti limiti bbażati fuq raġunijiet ta' interess pubbliku jew privat. Hija qieset, madankollu, li, f'dan il-

**75/** Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU 2006, L 396, p. 1, Rettifika ĠU 2007, L 136, p. 3).

każ, ma kienx jidher li l-iżvelar ta' informazzjoni kontenzjuża li tirrappreżenta biss ġabra ta' data deskrittiva, li hija aċċessibbli għall-pubbliku, seta' jkun suffiċjenti sabiex jikkawża preġudizzju għall-protezzjoni tal-interessi kummerċjali tar-rikorrenti. Skont il-Qorti Ġenerali, huwa biss li kieku l-evalwazzjonijiet li saru mir-rikorrenti waqt dan ix-xogħol ta' kompilazzjoni pprovdew valur miżjud – jiġifieri li kieku kienu jikkonsistu, pereżempju, f'konklużjonijiet xjentifiċi ġodda jew kunsiderazzjonijiet li jirrigwardaw strateġija innovattiva li tista' tagħti lill-impriża vantaġġ kummerċjali fuq il-kompetituri tagħha – li kienu għaldaqstant jaqgħu fl-ambitu tal-interessi kummerċjali li tagħhom l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 jiżgura l-protezzjoni.

## 4. DOKUMENTI MARBUTA MAT-TALBIET SABIEX JIĠU SOTTOMESSI OFFERTI DWAR IL-LOTTIJIET KOLLHA KOPERTI MINN SEJĦA GĦAL OFFERTI

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2017, ***Evropaïki Dynamiki vs Il-Parlament*** (T-136/15, EU:T:2017:915), il-Qorti Ġenerali ntalbet teżamina l-legalità tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-Parlament kien ċaħad it-talba tar-rikorrenti intiża li tikseb l-aċċess għad-dokumenti tal-Parlament marbuta mat-talbiet sabiex jiġu sottomessi offerti dwar il-lottijiet kollha koperti minn sejħa għal offerti mnedija minn din l-istituzzjoni. Il-Parlament kien ċaħad din it-talba billi invoka, b'mod partikolari, l-eċċezzjoni għad-dritt ta' aċċess dwar il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali.

Fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni, l-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, għalkemm huwa veru li l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet l-eżistenza ta' preżunzjonijiet ġenerali ta' kunfidenzjalità applikabbli għal kategoriji ta' dokumenti minħabba n-natura tagħhom f'diversi każijiet partikolari, inkluż fir-rigward tal-offerti ta' offerenti fil-kuntest tal-eżekuzzjoni ta' kuntratti pubbliċi [76], fir-rigward tat-talbiet sabiex jiġu sottomessi offerti, preżunzjoni ġenerali ta' preġudizzju għall-interessi kummerċjali ma tistax tkun ibbażata la fuq il-ġurisprudenza dwar l-aċċess għall-offerti ta' offerenti, u lanqas, b'mod iktar ġenerali, fuq raġunament simili għal dak segwit fis-sentenzi ***Il-Kummissjoni vs Technische Glaswerke Ilmenau*** [77], dwar il-proċedura ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat, u ***Il-Kummissjoni vs Éditions Odile Jacob*** [78], li tikkonċerna konċentrazzjoni. Fil-fatt, il-kawżi li wasslu għal dawn iż-żewġ sentenzi kellhom karatteristika komuni, jiġifieri l-eżistenza, f'leġiżlazzjoni speċifika distinta mir-Regolament Nru 1049/2001, ta' regoli li jiddelimitaw preċiżament l-aċċess għall-fajl jew għad-dokumenti li kienu mitluba, kemm fir-rigward tal-persuni kif ukoll l-informazzjoni nnifisha. Issa, kuntrarjament għal avviż ta' kuntratt u għal avviż ta' għoti ta' kuntratt, talba sabiex jiġu sottomessi offerti magħmula mill-awtorità kontraenti b'eżekuzzjoni ta' kuntratt qafas ma hija s-suġġett ta' ebda dispożizzjoni partikolari tar-Regolament Finanzjarju jew tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012 [79] li tiddefinixxi jew tillimita preċiżament l-informazzjoni inkluża fihom li għandha jew li tista' tiġi kkomunikata mill-awtorità kontraenti lill-offerenti jew lill-kandidati l-oħrajn. Għaldaqstant, ma kienx hemm lok li jiġi kkunsidrat li r-Regolament Finanzjarju u r-Regolament ta' Delega kellhom ikun fihom regoli preċiżi ta' komunikazzjoni tal-

76/ Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-29 ta' Jannar 2013, ***Cosepuri vs EFSA,*** T-339/10 u T-532/10, EU:T:2013:38, punt 101, u tal-21 ta' Settembru 2016, ***Secolux vs Il-Kummissjoni***, T-363/14, EU:T:2016:521, punt 59.

**77/** Sentenza tad-29 ta' Ġunju 2010, C-139/07 P, EU:C:2010:376.

**78/** Sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, C-404/10 P, EU:C:2012:393.

**79/** Regolement ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (ĠU 2012, L 362, p. 1).

informazzjoni inkluża f'talbiet sabiex jiġu sottomessi offerti magħmula mill-awtorità kontraenti fl-eżekuzzjoni ta' kuntratt qafas.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali sostniet li, fid-dawl tan-natura u tal-għan ta' talba sabiex jiġu sottomessi offerti magħmula mill-awtorità kontraenti b'eżekuzzjoni ta' kuntratt qafas, ma setax jiġi preżunt li tali dokument kien jinkludi elementi ekonomiċi u tekniċi speċifiċi għall-parti kontraenti jew kien jagħti dettalji dwar il-kapaċitajiet speċifiċi tiegħu. Għall-kuntrarju, talba sabiex jiġu sottomessi offerti, li ssir mill-awtorità kontraenti u mhux mill-partijiet kontreanti tagħha, tipprovdi ġeneralment deskrizzjoni tal-kompiti li l-awtorità kontraenti tkun tixtieq li jiġu eżegwiti skont il-kuntratt qafas li hija tkun iffirmat mal-parti kontraenti. Huwa, bħala prinċipju, bi tweġiba għal din it-talba sabiex jiġu sottomessi offerti li din tal-aħħar tipprovdi dettalji dwar is-servizzi li hija tqis li tkun tista' tipprovdi lill-awtorità kontraenti, il-profil tal-esperti li hija tista' tagħmel disponibbli u l-ispiża tal-provvista tas-servizzi tagħha. Barra minn hekk, il-Parlament ma setax jargumenta li l-iżvelar tat-talbiet sabiex jiġu sottomessi offerti kien ta' ħsara għall-interessi tiegħu, sa fejn dan kien jista' jiżvela l-"profil tax-xerrej" tiegħu fis-suq. Konsegwentement, il-Parlament ma setax jinvoka l-eċċezzjoni tad-dritt ta' aċċess prevista fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 dwar il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali sabiex jirrifjuta li jwettaq eżami konkret u individwali tad-dokumenti li għalihom intalab l-aċċess.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-punt dwar jekk deroga mill-obbligu ta' eżami konkret u individwali tad-dokumenti kkonċernati setgħetx tiġi aċċettata minħabba l-eżistenza ta' piż ta' xogħol irraġonevoli, il-Qorti Ġenerali fittxet li tivverifika jekk, f'dan il-każ, it-tliet kundizzjonijiet kumulattivi stabbiliti mill-ġurisprudenza kinux issodisfatti, jiġifieri, l-ewwel nett, jekk il-piż ta' xogħol li l-eżami konkret u individwali tad-dokumenti mitluba jirrappreżenta kienx jirriżulta irraġonevoli, it-tieni nett, jekk il-Parlament ipprovax jiftiehem mar-rikorrenti u, it-tielet nett, jekk b'mod konkret kienx ippreveda soluzzjonijiet alternattivi għal eżami konkret u individwali tad-dokumenti mitluba. Hija qieset li, fiċ-ċirkustanzi partikolari ħafna ta' dan il-każ, fid-dawl tal-piż ta' xogħol meħtieġ, tal-proposta magħmula mill-Parlament u tal-attitudni tar-rikorrenti, il-Parlament seta' jargumenta piż ta' xogħol irraġonevoli sabiex jirrifjuta li jeżamina b'mod konkret u individwali d-dokumenti mitluba kollha mingħajr l-obbligu, fl-assenza ta' għażliet oħrajn prevedibbli, li jindika b'mod iddettaljat, fid-deċiżjoni tiegħu, ir-raġunijiet li għalihom dawn l-għażliet l-oħrajn kienu jimplikaw, huma wkoll, piż ta' xogħol irraġonevoli. Il-Parlament seta', konsegwentement, jirrifjuta totalment l-aċċess għal dawn id-dokumenti, mingħajr ma kien neċessarju li jintalab jipproduċi kopja tad-dokumenti li huwa kien fil-fatt eżamina.

# XV. SERVIZZ PUBBLIKU

Is-sena 2017 kienet mimlija bi żviluppi ġurisprudenzjali fil-qasam tas-servizz pubbliku.

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-24 ta' April 2017, ***HF vs Il-Parlament*** (T-584/16, EU:T:2017:282), il-Qorti Ġenerali ntalbet tippronunzja ruħha dwar talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament li ma jġeddidx il-kuntratt tar-rikorrenti bħala membru tal-persunal awżiljarju bil-kuntratt.

F'dan r-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset li, sabiex deċiżjoni tal-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ tal-Parlament Ewropew (iktar 'il quddiem l-"ASTK") li tirrigwarda t-tiġdid ta' kuntratt tkun tista' titqies li ttieħdet, jeħtieġ li tkun l-eżitu ta' eżami mill-ġdid mill-imsemmija awtorità tal-interess tas-servizz u ta' dak tal-persuna kkonċernata u li l-ASTK tkun wettqet evalwazzjoni ġdida fid-dawl tat-termini tal-kuntratt inizjali li jkunu diġà jipprevedu d-data tat-tmiem tal-kuntratt. B'hekk, deċiżjoni f'dan ir-rigward tista' tiġi imputata lill-amministrazzjoni biss meta tiġi adottata fi tmiem ta' proċedura prevista speċifikament għal dan il-għan jew bħala tweġiba għat-talba

tal-persuna kkonċernata fformulata skont l-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal") bħala persuna koperta mir-Regolamenti tal-Persunal.

Il-Qorti Ġenerali osservat, barra minn hekk, li, f'sitwazzjoni li fiha l-ASTK tiddeċiedi, sakemm din il-possibbiltà tkun prevista fil-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem, il-"KAO"), li ma tużax il-possibbiltà li hija għandha skont il-KAO li testendi l-kuntratt ta' impjieg ta' aġent, tali deċiżjoni ta' nuqqas ta' tiġdid tista' tiġi adottata biss wara li l-persuna kkonċernata tkun tqiegħdet f'pożizzjoni li tesprimi b'mod utli l-opinjoni tagħha, jekk ikun il-każ permezz ta' sempliċi avviż min-naħa tal-ASTK dwar l-intenzjoni tagħha u r-raġunijiet għalfejn ma tkunx ser tagħmel użu mill-imsemmija possibbiltà, u dan fil-kuntest ta' skambju bil-miktub jew orali, imqar jekk fil-qosor. Dan l-iskambju għandu jinbeda mill-ASTK, li fuqha jaqa' l-oneru tal-prova. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-ASTK kisret id-dritt ta' smigħ tar-rikorrenti. Hija qieset, madankollu, li, anki kieku r-rikorrenti nstemgħet formalment qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, fid-dawl tal-provi mressqa minnha fl-istadju kontenzjuż, dan ma kienx jippermetti li jwassal għal eżitu differenti f'dak li jirrigwarda t-tiġdid tal-kuntratt tagħha.

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-24 ta' April 2017, ***HF vs Il-Parlament*** (T-570/16, EU:T:2017:283), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors ippreżentat kontra allegata deċiżjoni impliċita tal-amministrazzjoni (f'dan il-każ, mill-ġdid l-ASTK tal-Parlament) li ċaħdet talba għal assistenza fis-sens tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal għal fastidju psikoloġiku. Din il-kawża kienet okkażjoni għall-Qorti Ġenerali sabiex tiċċara l-portata ta' deċiżjoni tal-amministrazzjoni li tiftaħ investigazzjoni amministrattiva bħala tweġiba għal tali talba mressqa skont l-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, li jistabbilixxi għall-amministrazzjoni terminu ta' erba' xhur għal tweġiba.

Wara li fakkret il-ġurisprudenza li tipprovdi li l-amministrazzjoni għandha taġixxi bi proċedura kontradittorja fil-preżenza ta' prova prima facie ta' fastidju psikoloġiku sabiex titfa' dawl fuq il-fatti allegati [80], il-Qorti Ġenerali indikat li, meta l-ASTK ma tipprovdi ebda tweġiba għal talba għal assistenza f'terminu statutorju ta' erba' xhur, previst fl-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, jista' jitqies li tkun ngħatat deċiżjoni impliċita minn din l-awtorità li tiċħad din it-talba għal assistenza. F'dan il-każ, għandu jiġi preżunt li din l-awtorità ma qisitx li l-provi prodotti insostenn tat-talba għal assistenza kienu jikkostitwixxu provi prima facie suffiċjenti tar-realtà tal-fatti allegati li jiskattaw l-obbligu ta' assistenza, li, f'dan il-każ, kienu jirrigwardaw allegat ksur tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal.

Madankollu, il-Qorti Ġenerali rrilevat li tali sitwazzjoni kienet differenti minn dik inkwistjoni f'dan il-każ, li fih, bi tweġiba għal talba għal assistenza, l-ASTK qieset li kellha prova prima facie suffiċjenti, li kienet tirrendi neċessarju l-ftuħ ta' investigazzjoni amministrattiva sabiex jiġi stabbilit jekk il-fatti allegati kinux effettivament jikkostitwixxu fastidju psikoloġiku jew sesswali fis-sens tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal. F'sitwazzjoni bħal din, jeħtieġ neċessarjament li din l-investigazzjoni titmexxa sa tmiemha sabiex l-amministrazzjoni, fid-dawl tal-konklużjonijiet tar-rapport ta' investigazzjoni, tkun tista' tieħu pożizzjoni definittiva f'dan ir-rigward, li għalhekk tippermettilha jew li tagħlaq it-talba għal assistenza, jew, meta jirriżulta li l-fatti allegati jkunu seħħew u jkunu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal, li inter alia tibda proċedura dixxiplinari bil-għan, jekk ikun il-każ, li tieħu sanzjonijiet dixxiplinari kontra l-persuna imputata. Issa, skont il-Qorti Ġenerali, l-għan innifsu tal-investigazzjoni amministrattiva huwa li tiġi kkonfermata jew eskluża l-eżistenza ta' fastidju psikoloġiku fis-sens tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal. Għaldaqstant, l-ASTK ma tistax tiġġudika minn qabel l-eżitu tal-investigazzjoni u ma hijiex speċifikament intiża li tieħu pożizzjoni, lanqas impliċitament, dwar ir-realtà tal-fastidju allegat qabel ma tkun kisbet ir-riżultati tal-investigazzjoni amministrattiva. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali speċifikat li l-amministrazzjoni tibqa' obbligata tmexxi l-investigazzjoni amministrattiva sa tmiemha,

80/ Sentenzi tas-26 ta' Jannar 1989, ***Koutchoumoff vs Il-Kummissjoni***, 224/87, EU:C:1989:38, punti 15 u 16; tal-25 ta' Ottubru 2007, ***Lo Giudice vs Il-Kummissjoni***, T-154/05, EU:T:2007:322, punt 136, u tas-6 ta' Ottubru 2015, ***CH vs Il-Parlament***, F-132/14, EU:F:2015:115, punt 87.

irrispettivament mill-kwistjoni ta' jekk fil-frattemp il-fastidju jkunx waqaf jew le, u anki meta l-persuna li ressqet it-talba għal assistenza jew il-persuna li allegatament tkun tat fastidju tkun telqet mill-istituzzjoni. Madankollu, ladarba, kuntrarjament għas-sitwazzjoni fil-qasam dixxiplinari, ir-Regolamenti tal-Persunal ma jipprevedux dispożizzjoni speċifika fir-rigward tal-fastidju psikoloġiku, il-fatt li investigazzjoni amministrattiva, miftuħa bħala tweġiba għal talba għal assistenza f'terminu ta' erba' xhur wara t-tressiq ta' din it-talba, tkun għadha pendenti lil hinn minn dan it-terminu ma jippermettix l-imputazzjoni lill-amministrazzjoni ta' deċiżjoni impliċita li permezz tagħha l-ASTK tkun ċaħdet ir-realtà tal-fatti allegati fit-talba għal assistenza jew li permezz tagħha hija tkun qieset li dawn tal-aħħar ma kinux jikkostitwixxu fastidju psikoloġiku fis-sens tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal.

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, ***Bodson et vs BEI*** (T-504/16 u T-505/16, EU:T:2017:603), il-Qorti Ġenerali ntalbet teżamina t-talba tar-rikorrenti, membri tal-persunal tal-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI), intiża għall-annullament tad-deċiżjonijiet li jinsabu f'rendikonti tas-salarju ta' Frar 2013 u tax-xhur sussegwenti, billi applikaw għar-rikorrenti d-deċiżjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-BEI tat-18 ta' Diċembru 2012 u dik tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI tat-29 ta' Jannar 2013. B'mod iktar partikolari, ir-rikorrenti sostnew, permezz ta' eċċezzjoni, li l-imsemmija deċiżjonijiet, li r-rendikonti tas-salarju kontenzjużi applikaw, kienu illegali. Din l-illegalità hija bbażata fuq il-fatt li dawn ma jippermettux l-applikazzjoni tal-metodu stabbilit mid-deċiżjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-BEI tat-22 ta' Settembru 2009, li l-applikazzjoni tagħha kienet prevista għal perijodu ta' seba' snin, li kienet tgħid li l-aġġustament annwali tal-livelli tas-salarji bażiċi kien ir-riżultat ta' kalkolu bbażat fuq ir-rata ta' inflazzjoni fil-Lussemburgu.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali bdiet billi nnotat li, minkejja li l-BEI ma kkontestax il-fatt li l-applikazzjoni tal-metodu tal-2009 kellha twassal għal żieda fil-livelli tas-salarji bażiċi ikbar minn dik li fil-fatt ibbenefikaw minnha r-rikorrenti, huwa sostna b'mod partikolari li dan il-metodu ma kienx vinkolanti u li, fi kwalunkwe każ, dan kien ġie emendat mid-deċiżjonijiet ikkontestati permezz ta' eċċezzjoni.

Madankollu, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dawn l-argumenti. Fir-rigward, l-ewwel nett, tan-natura vinkolanti tal-metodu tal-2009, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-BEI għandu setgħa diskrezzjonali sabiex jistabbilixxi u jemenda unilateralment l-elementi tar-remunerazzjoni tal-persunal tiegħu u, għaldaqstant, sabiex jadotta u jaġġorna l-livelli tas-salarji bażiċi tal-persunal tiegħu. Madankollu, hija enfasizzat li l-BEI, fil-kuntest ta' din is-setgħa diskrezzjonali, jista' jiddeċiedi li jiddetermina, bil-quddiem, bħala l-ewwel pass u għal ċertu perijodu, kriterji għall-iffissar, bħala t-tieni pass, tal-aġġornamenti regolari tal-livelli tas-salarji bażiċi tal-persunal tiegħu u, b'dan il-mod, li jobbliga ruħu li josserva l-imsemmija kriterji fl-adattamenti annwali tal-imsemmija livelli matul dan il-perijodu. Skont dawn il-kriterji, il-Qorti Ġenerali qieset li, meta adotta d-deċiżjoni tat-22 ta' Settembru 2009, il-BEI ntrabat, b'deċiżjoni awtonoma, għall-perijodu tal-validità ta' din id-deċiżjoni, jiġifieri seba' snin, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu, li josserva l-metodu tal-2009. Konsegwentement, huwa ma setax jinvoka, fil-kuntest tal-adattament annwali tal-livelli tas-salarji bażiċi tal-persunal tiegħu, setgħa diskrezzjonali li tmur lil hinn mill-kriterji stabbiliti f'dan il-metodu.

Fir-rigward, it-tieni nett, tal-emenda tal-metodu tal-2009 bid-deċiżjonijiet ikkontestati permezz ta' eċċezzjoni, il-Qorti Ġenerali osservat li d-deċiżjoni tat-18 ta' Diċembru 2012 mhux biss ma kienet tinkludi ebda dispożizzjoni li tirrevoka, tissospendi jew temenda d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-metodu tal-2009, iżda ma kienet tinkludi l-ebda riferiment għal din id-deċiżjoni. Barra minn hekk, hija enfasizzat li dawn id-deċiżjonijiet, minkejja li kienu ġew adottati t-tnejn li huma mill-istess korp u skont l-istess proċedura, huma ta' natura differenti u għandhom għanijiet distinti. Fil-fatt, id-deċiżjoni tat-22 ta' Settembru 2009, filwaqt li ġiet adottata fil-kuntest tat-tħejjija tal-baġit għas-sena 2010, hija ta' natura regolatorja u pluriannwali sa fejn hija tipprevedi metodu li jirregola, għal diversi snin, l-adattament annwali ta' wieħed mill-elementi tar-remunerazzjoni tal-persunal, jiġifieri l-livelli tas-salarji bażiċi. Min-naħa l-oħra, id-deċiżjoni tat-18 ta' Diċembru 2012 hija att ta' natura essenzjalment baġitarja li permezz tiegħu ġie adottat il-pjan ta' attività tal-BEI għas-snin 2013 sa 2015, li jiffissa, f'dan il-kuntest, ir-rata ta' żieda tal-baġit tal-ispejjeż tal-persunal għall-persunal eżistenti għal sena speċifika, f'dan il-każ is-sena 2013, u fir-rigward tiegħu

ma kienx sostnut li kien jinkludi dispożizzjonijiet regolatorji rigward ir-remunerazzjoni tal-persunal tal-BEI. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali qieset li d-deċiżjoni tat-18 ta' Diċembru 2012 ma setgħetx titqies li emendat il-metodu tal-2009. L-istess jgħodd, għall-istess raġunijiet u a fortiori sa fejn hija toriġina mill-Kumitat ta' Tmexxija u mhux mill-Bord tad-Diretturi, għad-deċiżjoni tad-29 ta' Jannar 2013.

Għalhekk, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li d-deċiżjonijiet tat-18 ta' Diċembru 2012 u tad-29 ta' Jannar 2013 kisru d-deċiżjoni tat-22 ta' Settembru 2009 u kienu, konsegwentement, illegali. Dan japplika wkoll għad-deċiżjonijiet inklużi fir-rendikonti tas-salarju tar-rikorrenti tax-xahar ta' Frar 2013 u tax-xhur sussegwenti adottati fuq il-bażi tal-imsemmija deċiżjonijiet.

Fis-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2017, ***Paraskevaidis vs Cedefop*** (T-601/16, EU:T:2017:757), il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni fuq ir-rikors intiż, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tad-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali (Cedefop), tal-4 ta' Novembru 2015, li r-rikorrent ma jiġix promoss għall-grad AD 12 skont il-proċedura ta' promozzjoni 2015 u, min-naħa l-oħra, għal kumpens għad-dannu li allegatament ġarrab ir-rikorrent minħabba din id-deċiżjoni. Ir-rikorrent sostna b'mod partikolari li d-deċiżjoni kkontestata kienet ivvizzjata minn nuqqas ta' motivazzjoni. F'dan is-sens, huwa sostna, minn naħa, li din id-deċiżjoni kienet sempliċi lista ta' ismijiet ta' uffiċjali promossi u, min-naħa l-oħra, li, peress li d-deċiżjoni li tiċħad l-ilment tiegħu kienet impliċita, hija ma kienet tinkludi ebda element ta' motivazzjoni.

Il-Qorti Ġenerali fakkret li, għalkemm l-Awtorità tal-Ħatra ma hijiex marbuta timmotiva deċiżjoni ta' promozzjoni la fir-rigward tad-destinatarju tagħha u lanqas fir-rigward tal-kandidati mhux promossi, hija għandha, min-naħa l-oħra, l-obbligu li timmotiva d-deċiżjoni tagħha ta' ċaħda ta' lment imressaq bis-saħħa tal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal minn kandidat mhux promoss, peress li l-motivazzjoni ta' din id-deċiżjoni ta' ċaħda titqies li taqbel mal-motivazzjoni tad-deċiżjoni li kontriha jiġi indirizzat l-ilment. B'hekk, il-motivazzjoni għandha tingħata mhux iktar tard miċ-ċaħda tal-ilment. Il-Qorti Ġenerali indikat, barra minn hekk, li deċiżjoni għandha titqies li hija suffiċjentement motivata meta hija tingħata f'kuntest magħruf mill-uffiċjal ikkonċernat, li jippermettilu jifhem il-portata tal-miżura meħuda fir-rigward tiegħu. Madankollu, b´mod partikolari minħabba l-importanza tal-obbligu ta' motivazzjoni fir-rigward tad-drittijiet tad-difiża, huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li l-kuntest li fih tittieħed deċiżjoni ta' nuqqas ta' promozzjoni kkonfermata impliċitament fuq ilment jista' jikkostitwixxi aċċenn għall-motivazzjoni tal-imsemmija deċiżjoni. B'hekk, aċċenn għall-motivazzjoni ma jistax jeżisti fl-assenza ta' indikazzjoni mill-Awtorità tal-Ħatra dwar is-sitwazzjoni speċifika tar-rikorrent u l-paragun tal-merti tiegħu mal-uffiċjali l-oħra eliġibbli għall-promozzjoni, fid-dawl tal-kriterji tal-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal.

F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali qieset li s-sempliċi preżenza ta' elementi ta' evalwazzjoni kritiċi fir-rapporti ta' evalwazzjoni tar-rikorrent u f'ċerti ittri u posta elettronika, kultant antiki ħafna, dwar ir-rikorrent, ma kinux jippermettu lil dan tal-aħħar jifhem il-mod kif il-kriterji stipulati fl-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal kienu ġew applikati għas-sitwazzjoni tiegħu, li jiġġustifikaw, fi tmiem paragun tal-merti tal-uffiċjali li setgħu jiġu promossi bil-proċedura ta' promozzjoni 2015, id-deċiżjoni li huwa ma jiġix promoss. Għall-kuntrarju, huwa biss bil-preżentata ta' rikors ġudizzjarju li r-rikorrent seta' jifhem, bil-qari tal-ispjegazzjonijiet mogħtija fir-risposta taċ-Cedefop, il-mod li bih il-kritika li għaliha huwa kien suġġett tqieset fil-kuntest tal-applikazzjoni għas-sitwazzjoni tiegħu tal-kriterji ta' evalwazzjoni tal-merti fil-qasam tal-promozzjoni previsti fl-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal. Minn dan isegwi li l-kuntest li fih ittieħdet id-deċiżjoni kkontestata ma setax jitqies li kien motivazzjoni, anki jekk insuffiċjenti, tal-imsemmija deċiżjoni. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kkontestata minħabba assenza totali ta' motivazzjoni, billi tali illegalità ma tistax tiġi rregolarizzata fl-istadju tal-proċedura ġudizzjarja.

Fir-rigward tat-talba għal kumpens għad-danni li r-rikorrent allega li sostna minħabba l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali qieset li, peress li din kienet ivvizzjata minn nuqqas ta' motivazzjoni u kellha tiġi annullata għal dan il-motiv, hija ma kinitx f'pożizzjoni li tevalwa l-fondatezza tagħha wara eżami tal-motivi li jirrigwardaw l-illegalità interna tal-imsemmija deċiżjoni u ma setatx tikkonstata l-eżistenza ta' dannu ċert li jirriżulta

mir-rifjut ta' promozzjoni tar-rikorrent. Fir-rigward tal-parti mid-dannu morali li tirriżulta min-nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali qieset li r-rikorrent tpoġġa f'sitwazzjoni ta' inċertezza fir-rigward tar-raġunijiet tal-assenza ta' promozzjoni tiegħu ferm lil hinn mit-terminu li fih kellha ssir tweġiba għall-ilment, b'mod li kellu jintroduċi proċedura ġudizzjarja sabiex jikseb spjegazzjonijiet f'dan ir-rigward. Is-sentimenti ta' inġustizzja, ta' konfużjoni jew ta' frustrazzjoni kkawżati lir-rikorrent ikkawżawlu dannu morali partikolari, li ma setax jiġi adegwatament ikkumpensat biss bl-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali, filwaqt li evalwat id-dannu mġarrab ex æquo et bono, qieset li l-ħlas ta' EUR 2000 kien jikkostitwixxi kumpens adegwat għall-parti mid-dannu morali li tirriżulta min-nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata allegat mir-rikorrent.

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2017, ***Tuerck vs Il-Kummissjoni*** (T-728/16, EU:T:2017:865), il-Qorti Ġenerali ntalbet tippronunzja ruħha fuq talba intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonferma t-trasferiment għall-iskema ta' pensjoni tal-Unjoni tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba mir-rikorrenti qabel id-dħul tagħha fis-servizz tal-Unjoni. Din il-kawża ppermettiet lill-Qorti Ġenerali tipprovdi preċiżazzjonijiet dwar il-modalitajiet ta' kalkolu tal-kapital li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tar-rikonoxximent, fl-iskema ta' pensjoni tal-Unjoni, tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba preċedentement minn uffiċjal taħt skema nazzjonali.

Ir-rikorrenti sostniet, prinċipalment, li l-Uffiċċju "Amministrazzjoni u Ħlas tal-Intitolamenti Individwali" (PMO) tal-Kummissjoni ma kellux bażi, kif għamel, li jnaqqas mill-kapital ittrasferit mid-Deutsche Rentenversicherung Bund (il-Korp Federali ta' Assigurazzjoni għall-Irtirar, il-Ġermanja) interess sempliċi ta' 3.1 % għal kull sena li għaddiet bejn id-data tal-applikazzjoni ta' trasferiment u dik tat-trasferiment effettiv. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti sostniet li, skont l-Artikolu 7(1) tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni tal-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal [81], it-tnaqqis tal-ammont li jirrappreżenta l-apprezzament tal-kapital bejn id-data tal-applikazzjoni għal trasferiment u dik tat-trasferiment effettiv jista' jsir b'mod "fiss" biss fil-każ fejn il-korp li miegħu jkunu nkisbu d-drittijiet għall-pensjoni preċedenti ma jkunx jista' jikkomunika l-valur tal-imsemmija drittijiet fid-data ta' reġistrazzjoni tal-applikazzjoni għal trasferiment. Issa, skont ir-rikorrenti, il-korp nazzjonali ċertament ikkomunika lill-PMO l-valur tad-drittijiet tagħha għall-pensjoni fid-data ta' reġistrazzjoni tal-applikazzjoni tagħha għal trasferiment.

Il-Qorti Ġenerali qieset li mill-formulazzjoni ċara u preċiża tad-dispożizzjonijiet applikabbli, jiġifieri l-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 7(1) tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni tal-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, jirriżulta li d-deċiżjonijiet dwar ir-rikonoxximent tal-akkreditazzjoni tas-snin ta' servizz huma bbażati fuq l-ammont tal-kapital trasferibbli fid-data ta' reġistrazzjoni tal-applikazzjoni, kif ikkomunikat mill-awtoritajiet nazzjonali jew internazzjonali kompetenti lill-Awtorità tal-Ħatra, wara li jitnaqqas, jekk ikun il-każ, l-ammont li jirrappreżenta l-apprezzament tal-kapital bejn id-data tar-reġistrazzjoni tat-talba u dik tat-trasferiment effettiv. Mill-imsemmija dispożizzjonijiet jirriżulta wkoll li huwa biss fil-każ li l-korp nazzjonali jew internazzjonali kompetenti ma jkunx jista' jikkomunika l-valur tad-drittijiet għall-pensjoni fid-data ta' reġistrazzjoni tal-applikazzjoni li interessi sempliċi bir-rata ta' 3.1 % għandhom jitnaqqsu mill-kapital aġġornat effettivament ittrasferit. B'hekk, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, fl-ipoteżi fejn l-awtoritajiet nazzjonali jew internazzjonali kompetenti jkunu kkomunikaw lill-Awtorità tal-Ħatra l-valur tad-drittijiet għall-pensjoni fid-data ta' reġistrazzjoni tal-applikazzjoni, hija ma tkun tista' twettaq ebda tnaqqis minn dan l-ammont u l-kalkolu tas-snin ta' servizz għal pensjoni skont ir-Regolamenti tal-Persunal ikollu għalhekk isir fuq il-bażi tat-totalità tal-imsemmi ammont. Skont il-Qorti Ġenerali, l-uniku tnaqqis impost mir-Regolamenti tal-Persunal huwa dak tal-ammont li jirrappreżenta l-apprezzament tal-kapital bejn id-data tal-applikazzjoni għal trasferiment u dik tat-trasferiment effettiv tal-kapital aġġornat sa dik id-data. Fi kwalunkwe każ, ma huwiex il-kompitu tal-Kummissjoni li tiddetermina

**81/** Dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni tal-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, adottati bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2011) 1278 tat-3 ta' Marzu 2011, ippubblikata fl-Informazzjoni Amministrattiva Nru 17-2011 tat-28 ta' Marzu 2011.

jew "taġġorna" l-ammont tal-kapital li jirrappreżenta materjalment id-drittijiet għall-pensjoni miksuba, sad-data ta' reġistrazzjoni tal-applikazzjoni għal trasferiment, fuq il-bażi tal-attivitajiet preċedenti tal-uffiċjal ikkonċernat. Konsegwentement, billi applikat għall-kapital aġġornat effettivament ittrasferit tnaqqis ta' interessi sempliċi ta' 3.1 % għal kull sena li għaddiet bejn id-data ta' preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal trasferiment u dik tat-trasferiment effettiv, minkejja li, fiċ-ċirkustanzi partikolari ta' din il-kawża, il-korp nazzjonali ta' assigurazzjoni kkonċernat ma kienx jinsab f'sitwazzjoni fejn ma setax jikkomunika l-valur tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba mir-rikorrenti sad-data ta' reġistrazzjoni tal-applikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi.

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2017, ***Arango Jaramillo et vs BEI*** (T-482/16 RENV, EU:T:2017:901), il-Qorti Ġenerali ntalbet teżamina t-talba tar-rikorrenti intiża b'mod partikolari għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-BEI, inklużi fir-rendikonti tar-remunerazzjoni tagħhom għax-xahar ta' Frar 2010, li jżidu l-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-iskema tal-pensjoni. Din il-kawża, li tinvolvi l-kunċett ta' "terminu raġonevoli" għall-preżentata ta' rikors applikabbli għat-tilwim bejn il-BEI u l-membri tal-persunal tiegħu, issegwi l-kawża li wasslet gas-sentenza ***Eżami mill-ġdid Arango Jaramillo et vs BEI*** [82], li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja kienet annullat is-sentenza ***Arango Jaramillo et* vs BEI** [83]. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din tal-aħħar kienet tippreġudika l-koerenza tad-dritt tal-Unjoni, sa fejn il-Qorti Ġenerali kienet interpretat il-kunċett ta' "terminu raġonevoli" bħala terminu ta' tliet xhur li d-dekorrenza tiegħu twassal awtomatikament għan-natura tardiva tar-rikors u, għaldaqstant, għall-inammissibbiltà tiegħu, mingħajr ma l-qorti tal-Unjoni hija marbuta tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi tal-każ ineżami.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali bdiet billi fakkret li, jekk l-ebda test tad-dritt tal-Unjoni ma jinkludi indikazzjonijiet dwar it-terminu għall-preżentata ta' rikors applikabbli għat-tilwim bejn il-BEI u l-membri tal-persunal tiegħu, il-konċiljazzjoni bejn, minn naħa, id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u, min-naħa l-oħra, ir-rekwiżit ta' ċertezza legali, teżiġi li dawn it-tilwimiet jitressqu quddiem il-qorti tal-Unjoni f'terminu raġonevoli. Fl-eżami, imbagħad, ta' jekk ir-rikors setax jitqies li ġie ppreżentat f'terminu raġonevoli, il-Qorti Ġenerali qieset li, fid-dawl, minn naħa, taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ u, min-naħa l-oħra, tal-ġurisprudenza li tistabbilixxi favur ir-rikorrenti preżunzjoni qawwijja tan-natura raġonevoli tat-terminu indikattiv għal preżentata ta' rikors ta' tliet xhur, miżjud b'terminu ta' distanza fiss ta' għaxart ijiem, ir-rikors tar-rikorrenti ppreżentat fi żmien tliet xhur u ħdax-il jum kellu jitqies li ġie ppreżentat f'terminu raġonevoli. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali speċifikat li t-terminu għall-preżentata ta' rikors ta' tliet xhur, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza, miżjud bit-terminu ta' distanza fiss ta' għaxart ijiem, ma setax jiġi applikat f'dan il-każ bħala terminu ta' dekadenza, iżda seta' jservi biss bħala punt ta' tqabbil rilevanti. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-BEI ma ressaq l-ebda argument intiż li juri li l-iskadenza tal-imsemmi terminu b'jum (saħansitra bi ftit sekondi fil-lejl bejn il-25 u s-26 ta' Mejju 2010) kien suffiċjenti sabiex iċaħħad lit-terminu inkwistjoni min-natura "raġonevoli" tiegħu, fis-sens li din id-differenza tista' effettivament tikkomprometti r-rekwiżit ta' ċertezza legali li jeżiġi li, wara d-dekorrenza ta' ċertu terminu, l-atti adottati mill-entitajiet tal-Unjoni jsiru definittivi.

**82/** Sentenza tat-28 ta' Frar 2013, C-334/12 RXII, EU:C:2013:134.

**83/** Sentenza tad-19 ta' Ġunju 2012, T-234/11 P, EU:T:2012:311.

# XVI. KAWŻI GĦAD-DANNI

Fil-kawżi li wasslu għas-sentenzi tal-10 ta' Jannar 2017, ***Gascogne Sack Deutschland u Gascogne vs L-Unjoni Ewropea*** (T-577/14, taħt appell [84], EU:T:2017:1), tal-1 ta' Frar 2017, ***Aalberts Industries vs L-Unjoni Ewropea*** (T-725/14, EU:T:2017:47), tal-1 ta' Frar 2017, ***Kendrion vs L-Unjoni Ewropea*** (T-479/14, taħt appell [85], EU:T:2017:48), u tas-17 ta' Frar 2017, ***ASPLA u Armando Álvarez vs L-Unjoni Ewropea*** (T-40/15, taħt appell [86], EU:T:2017:105), il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar talbiet ibbażati fuq l-Artikolu 268 TFUE intiżi li jinkiseb kumpens għad-dannu li r-rikorrenti allegatament sostnew minħabba tul eċċessiv tal-proċedura, quddiem il-Qorti Ġenerali, fil-kuntest ta' diversi kawżi relatati mal-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE.

Il-Qorti Ġenerali fakkret, qabelxejn, li r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni tista' tiġi invokata meta jkunu ssodisfatti tliet kundizzjonijiet kumulattivi, jiġifieri, l-illegalità tal-aġir allegat fil-konfront tal-istituzzjoni, ir-realtà tad-dannu u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn dan l-aġir u d-dannu invokat.

Fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni, il-Qorti Ġenerali qieset, fis-sentenza tal-10 ta' Jannar 2017, Gascogne Sack Deutschland u Gascogne vs L-Unjoni Ewropea (T-577/14, taħt appell [87], EU:T:2017:1), li d-dritt li wieħed jingħata sentenza f'terminu raġonevoli nkiser minħabba t-tul eċċessiv tal-proċedura fil-kawżi li wasslu għas-sentenzi Groupe Gascogne vs Il-Kummissjoni u Sachsa Verpackung vs Il-Kummissjoni [88]. Fil-fatt, f'dawn il-kawżi, it-tul tal-proċedura laħaq kważi ħames snin u disa' xhur u ma seta´ jiġi ġġustifikat minn ebda ċirkustanza partikolari marbuta mal-imsemmija kawżi. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, fil-qasam tal-kompetizzjoni, qasam li għandu grad ta' kumplessità ogħla minn tipi oħra ta' kawżi, tul ta' ħmistax-il xahar bejn, minn naħa, it-tmiem tal-fażi bil-miktub tal-proċedura u, min-naħa l-oħra, il-ftuħ tal-fażi orali tal-proċedura fil-prinċipju jikkostitwixxi tul xieraq. Issa, fil-kawżi kkonċernati, tul ta' madwar 3 snin u 10 xhur, jiġifieri 46 xahar, issepara ż-żewġ fażijiet. Madankollu, il-Qorti Ġenerali qieset li t-trattament parallel tal-kawżi konnessi jista' jiġġustifika titwil tal-proċedura, b'xahar għal kull kawża konnessa supplimentari. Għalhekk, f'dan il-każ, it-trattament parallel ta' tnax-il rikors ippreżentat kontra l-istess deċiżjoni tal-Kummissjoni ġġustifika titwil tal-proċedura bi 11-il xahar fil-każ inkwistjoni. Minn dan il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li tul ta' 26 xahar (15-il xahar flimkien ma' 11-il xahar) bejn it-tmiem tal-fażi bil-miktub tal-proċedura u l-ftuħ tal-fażi orali tal-proċedura kien xieraq sabiex il-kawżi kkonċernati jiġu ttrattati, ladarba l-grad ta' kumplessità fattwali, ġuridika u proċedurali ta' dawn il-kawżi ma kienx jiġġustifika żmien itwal. Skont il-Qorti Ġenerali, minn dan isegwi li t-tul ta' 46 xahar li għadda bejn it-tmiem tal-fażi bil-miktub tal-proċedura u l-ftuħ tal-fażi orali tal-proċedura juri perijodu ta' inattività mhux iġġustifikat ta' 20 xahar f'kull waħda mill-kawżi inkwistjoni. Konsegwentement, il-proċedura segwita fil-kawżi li wasslu għas-sentenzi Group Gascogne vs Il-Kummissjoni u Sachsa Verpackung vs Il-Kummissjoni [89] kisret it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet

**84/** Kawżi C-138/17 P, ***L-Unjoni Ewropea vs Gascogne Sack Deutschland u Gascogne***, u C-146/17 P, ***Gascogne Sack Deutschland u Gascogne vs L-Unjoni Ewropea***.

**85/** Kawża C-150/17 P, ***L-Unjoni Ewropea vs Kendrion.***

**86/** Kawża C-174/17 P, ***L-Unjoni Ewropea vs ASPLA u Armando Álvarez***, u C-222/17 P, ***ASPLA u Armando Álvarez vs L-Unjoni Ewropea.***

**87/** Kawżi C-138/17 P, ***L-Unjoni Ewropea vs Gascogne Sack Deutschland u Gascogne***, u C-146/17 P, ***Gascogne Sack Deutschland u Gascogne vs L-Unjoni Ewropea.***

**88/** Sentenzi tas-16 ta' Novembru 2011, T-72/06, mhux ippubblikata, EU:T:2011:671, u tas-16 ta' Novembru 2011, T-79/06, mhux ippubblikata, EU:T:2011:674.

**89/** Sentenzi tas-16 ta' Novembru 2011, T-72/06, mhux ippubblikata, EU:T:2011:671, u tas-16 ta' Novembru 2011, T-79/06, mhux ippubblikata, EU:T:2011:674.

Fundamentali billi qabżet b'20 xahar it-terminu raġonevoli għall-għoti ta' sentenza u dan jikkostitwixxi ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali tal-Unjoni li għandha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi.

Fit-tmiem ta' raġunament simili, fir-rigward inter alia tat-tul bejn it-tmiem tal-fażi bil-miktub tal-proċedura u l-ftuħ tal-fażi orali tagħha, il-Qorti Ġenerali waslet, fis-sentenzi tal-1 ta' Frar 2017, ***Kendrion vs L-Unjoni Ewropea*** (T-479/14, taħt appell [90], EU:T:2017:48), u tas-17 ta' Frar 2017, ***ASPLA u Armando Álvarez vs L-Unjoni Ewropea*** (T-40/15, taħt appell [91], EU:T:2017:105), għall-istess konstatazzjoni fir-rigward tal-proċedura segwita fil-kawżi li wasslu rispettivament għas-sentenza ***Kendrion vs Il-Kummissjoni*** [92], minn naħa, u għas-sentenzi ***ASPLA vs Il-Kummissjoni u Álvarez vs Il-Kummissjoni*** [93], min-naħa l-oħra.

Fil-kawża tal-1 ta' Frar 2017, ***Aalberts Industries* vs L-Unjoni Ewropea** (T-725/14, EU:T:2017:47), il-Qorti Ġenerali ċaħdet, min-naħa l-oħra, l-eżistenza ta' ksur tat-terminu raġonevoli għall-għoti ta' sentenza fil-kawża li wasslet għas-sentenza **Aalberts Industries et vs Il-Kummissjoni** [94]. Filwaqt li rrikonoxxiet li t-tul tal-proċedura f'din il-kawża, li kien ta' iktar minn 4 snin u 3 xhur, kien, prima facie, twil ħafna, il-Qorti Ġenerali enfasizzat madankollu li n-natura raġonevoli tat-terminu għall-għoti ta' sentenza għandha tiġi evalwata skont iċ-ċirkustanzi proprji ta' kull kawża u, b'mod partikolari, skont l-importanza tal-kawża għall-parti kkonċernata, il-kumplessità tal-kawża, l-aġir tal-partijiet u l-okkorrenza ta' inċidenti proċedurali kif ukoll l-aġir tal-awtoritajiet kompetenti. Hija qieset li t-tul totali tal-proċedura fil-kawża inkwistjoni kien iġġustifikat fid-dawl taċ-ċirkustanzi proprji tal-imsemmija kawża u, b'mod partikolari, tal-kumplessità fattwali u ġuridika tagħha, tal-aġir tal-partijiet u tal-assenza ta' perijodu ta' inattività mhux spjegata matul kull stadju tal-proċedura f'din il-kawża.

Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-Unjoni, il-Qorti Ġenerali qieset, fis-sentenzi tal-10 ta' Jannar 2017, ***Gascogne Sack Deutschland u Gascogne vs L-Unjoni Ewropea*** (T-577/14, taħt appell [95], EU:T:2017:1), u tal-1 ta' Frar 2017, ***Kendrion vs L-Unjoni Ewropea*** (T-479/14, taħt appell [96], EU:T:2017:48), li r-rikorrenti wrew li huma kienu sostnew dannu materjali reali u ċert minħabba l-ħlas ta' spejjeż ta' garanzija bankarja matul il-perijodu li jikkorrispondi mal-iskadenza tat-terminu raġonevoli għall-għoti ta' sentenza. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset li r-rikorrenti sostnew dannu immaterjali.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tat-tielet kundizzjoni, il-Qorti Ġenerali qieset li din kienet ukoll issodisfatta peress li kienet teżisti rabta kawżali suffiċjentement diretta bejn il-ksur tat-terminu raġonevoli għall-għoti ta' sentenza u l-ħlas tal-ispejjeż ta' garanzija bankarja mir-rikorrenti matul il-perijodu li jikkorrispondi mal-iskadenza tal-imsemmi terminu. Il-Qorti Ġenerali speċifikat wkoll li l-ksur tat-terminu raġonevoli għall-għoti ta' sentenza kien ta' natura li qiegħed lir-rikorrenti f'sitwazzjoni ta' inċertezza li qabżet l-inċertezza li normalment tiġi pprovokata minn proċedura ġudizzjarja. Dan l-istat ta' inċertezza mtawwal neċessarjament influwenza l-ippjanar tad-deċiżjonijiet li kellhom jittieħdu u l-ġestjoni ta' dawn il-kumpanniji u għalhekk ħoloq dannu immaterjali li kellu wkoll jiġi kkumpensat. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali tat lir-rikorrenti kumpens li jikkorrispondi għall-ammont tal-ispejjeż tal-

**90/** Kawża C-150/17 P, ***L-Unjoni Ewropea vs Kendrion.***

**91/** Kawżi C-174/17 P, ***L-Unjoni Ewropea vs ASPLA u Armando Álvarez, u C-222/17 P, ASPLA u Armando Álvarez vs L-Unjoni Ewropea***.

**92/** Sentenza tas-16 ta' Novembru 2011, T-54/06, mhux ippubblikata, EU:T:2011:667.

**93/** Sentenzi tas-16 ta' Novembru 2011, T-76/06, mhux ippubblikata, EU:T:2011:672, u tas-16 ta' Novembru 2011, T-78/06, mhux ippubblikata, EU:T:2011:673.

**94/** Sentenza tal-24 ta' Marzu 2011, T-385/06, EU:T:2011:114.

**95/** Kawżi C-138/17 P, ***L-Unjoni Ewropea vs Gascogne Sack Deutschland u Gascogne,*** u C-146/17 P, ***Gascogne Sack Deutschland u Gascogne vs L-Unjoni Ewropea***.

**96/** Kawża C-150/17 P, ***L-Unjoni Ewropea vs Kendrion***.

garanzija bankarja li huma kienu ħallsu u kumpens għad-dannu immaterjali sostnut minħabba l-istat ta' inċertezza li kienu jinsabu fih.

Il-kwistjoni tal-kumpens għad-dannu allegatament sostnut minħabba tul eċċessiv tal-proċedura kienet ukoll kwistjoni li wasslet għas-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2017, ***Guardian Europe vs L-Unjoni Ewropea*** (T-673/15, taħt appell [97], EU:T:2017:377). Il-kwistjoni kienet tirrigwarda t-tul tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali fil-kuntest tal-kawża relatata mal-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE li wasslet għas-sentenza tagħha ***Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni*** [98].

Filwaqt li adottat raġunament simili għal dak użat fis-sentenza tal-10 ta' Jannar 2017, ***Gascogne Sack Deutschland u Gascogne vs L-Unjoni Ewropea*** (T-577/14, taħt appell [99], EU:T:2017:1), il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-proċedura, li ġiet segwita fil-kawża Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni, kisret it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali billi qabżet b'26 xahar it-terminu raġonevoli għall-għoti ta' sentenza, u dan jikkostitwixxi ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali tad-dritt tal-Unjoni li għandha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi. Skont il-Qorti Ġenerali, kienet teżisti rabta kawżali suffiċjentement diretta bejn il-ksur tat-terminu raġonevoli għall-għoti ta' sentenza fil-kawża inkwistjoni u d-dannu li sostniet ir-rikorrenti qabel l-għoti tas-sentenza f'din il-kawża, li jikkonsisti fil-ħlas ta' spejjeż ta' garanzija bankarja waqt il-perijodu li jikkorrispondi mal-iskadenza ta' dan it-terminu raġonevoli. B'hekk, ingħata kumpens ta' EUR 654 523.43 lir-rikorrenti għad-dannu materjali kkawżat lilha mill-ksur tat-terminu raġonevoli għall-għoti ta' sentenza f'din il-kawża.

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2017, ***Guardian Europe vs L-Unjoni Ewropea*** (T-673/15, taħt appell [100], EU:T:2017:377), il-Qorti Ġenerali ntalbet ukoll tippronunzja ruħha dwar it-talba tar-rikorrenti intiża li tikseb kumpens għad-dannu allegatament sostnut minħabba l-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament imwettaq fid-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet imponiet fuqha multa għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni [101] u fis-sentenza ***Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni*** [102].

Fir-rigward, l-ewwel nett, tal-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament imwettaq fid-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet imponiet fuq ir-rikorrenti multa għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, il-Qorti Ġenerali qieset li r-rikorrenti ma setgħatx validament issostni li l-ispejjeż tal-garanzija bankarja li hija ħallset kienu jirriżultaw direttament mill-illegalità ta' din id-deċiżjoni. Fil-fatt, id-dannu li hija allegat kien jirriżulta direttament u b'mod determinanti mill-għażla tagħha stess, wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni, li ma teżegwixxix l-obbligu tagħha li tħallas il-multa fl-intier tagħha. Għalhekk, l-eżistenza ta' rabta kawżali suffiċjentement diretta bejn l-allegat ksur suffiċjentement serju tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament imwettaq fid-deċiżjoni u l-ħlas tal-ispejjeż tal-garanzija bankarja kellha tiġi miċħuda. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li mid-dokumenti ppreżentati mir-rikorrenti kien jirriżulta li hija ma sostnietx personalment il-piż marbut mal-ħlas tal-multa imposta mid-deċiżjoni inkwistjoni. Għalhekk, ir-rikorrenti ma setgħetx manifestament tallega li hija kienet sostniet dannu reali u ċert li jikkonsisti fid-differenza bejn, minn naħa, l-interessi rrimborsati mill-Kummissjoni

**97/** Kawżi C-447/17 P, ***L-Unjoni Ewropea vs Guardian Europe***, u C-479/17 P, ***Guardian Europe vs L-Unjoni Ewropea.***

**98/** Sentenza tas-27 ta' Settembru 2012, ***Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni,*** T-82/08, EU:T:2012:494.

**99/** Kawżi C-138/17 P, ***L-Unjoni Ewropea vs Gascogne Sack Deutschland u Gascogne***, u C-146/17 P, ***Gascogne Sack Deutschland u Gascogne vs L-Unjoni Ewropea***.

**100/** Kawżi C-447/17 P, ***L-Unjoni Ewropea vs Guardian Europe***, u C-479/17 P, ***Guardian Europe vs L-Unjoni Ewropea***.

**101/** Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 5791 finali tat-28 ta' Novembru 2007 dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu [101 TFUE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39165 – Verre plat).

**102/** Sentenza tas-27 ta' Settembru 2012, T-82/08, EU:T:2012:494.

fuq il-parti tal-ammont tal-multa li fl-aħħar nett ġiet iddikjarata mhux dovuta mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha ***Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni*** [103], u, min-naħa l-oħra, id-dħul li hija setgħet tiġġenera li kieku, minflok ma ħallset is-somma inkwistjoni lill-Kummissjoni, hija kienet investietha fl-attivitajiet tagħha. Fir-rigward tad-dannu immaterjali allegatament sostnut, il-Qorti Ġenerali qieset li, anki jekk jitqies li l-allegat ksur suffiċjentement serju tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament imwettaq fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni ppreġudika r-reputazzjoni tar-rikorrenti, li ma ġiex ipprovat, kien hemm lok li jiġi kkonstatat li, fid-dawl tan-natura u tal-gravità ta' dan il-ksur, id-dannu immaterjali sostnut minnha ġie suffiċjentement ikkumpensat bl-annullament tal-imsemmija deċiżjoni u bit-tnaqqis tal-ammont tal-multa stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza ***Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni*** [104].

Fir-rigward, it-tieni nett, tal-allegat ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fis-sentenza tas-27 ta' Settembru 2012, ***Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni*** (T-82/08, EU:T:2012:494), il-Qorti Ġenerali rrilevat li r-responsabbiltà tal-Unjoni ma tistax tiġi stabbilita mill-kontenut ta' deċiżjoni ġudizzjarja li ma ngħatatx minn qorti tal-Unjoni fl-aħħar istanza u li għalhekk setgħet tkun is-suġġett ta' appell. Barra minn hekk, hija enfasizzat li, f'dan il-każ, l-iżball imwettaq fis-sentenza tal-Qorti Ġenerali kien ġie rrettifikat mill-Qorti tal-Ġustizzja wara l-eżerċizzju tar-rimedji mir-rikorrenti. Madankollu, hija speċifikat li din l-evalwazzjoni kienet bla ħsara għall-possibbiltà, għal rikorrent, li jfittex, f'każijiet eċċezzjonali, ir-responsabbiltà tal-Unjoni minħabba funzjonament ħażin ġudizzjarju gravi, b'mod partikolari ta' natura proċedurali jew amministrattiva, li jaffettwa l-attività ta' qorti tal-Unjoni. Funzjonament ħażin bħal dan madankollu ma ġiex allegat mir-rikorrenti f'din il-kawża, li kienet tirrigwarda l-kontenut ta' deċiżjoni ġudizzjarja. Konsegwentement, it-talba għal kumpens għad-danni li allegatament ġew ikkawżati minn allegat ksur serju tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament ġiet miċħuda.

# XVII. APPELLI

Fost id-deċiżjonijiet mogħtija mill-Awla tal-Appelli tal-Qorti Ġenerali matul is-sena 2017, żewġ sentenzi jistħoqqilhom li jiġu partikolarment imsemmija.

Fl-ewwel lok, fis-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2017, ***Ruiz Molina vs EUIPO*** (T-233/16 P, EU:T:2017:435), il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li xejn ma kien jipprekludi li att amministrattiv illegali jew legali li jikkostitwixxi, fir-rigward tad-destinatarju tiegħu, att li prinċipalment jikkawżalu preġudizzju u li b'mod aċċessorju joħloq drittijiet favurih jista' jiġi rtirat, jekk ma jiġux ippreġudikati l-aspettattivi leġittimi tal-imsemmi destinatarju u ma jinkisirx il-prinċipju ta' ċertezza legali . F'dan il-każ, wara li kkonstatat li d-deċiżjoni ta' xoljiment tal-kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju tar-rikorrent kienet prinċipalment tikkostitwixxi att amministrattiv li jikkawża preġudizzju lil membru tal-persunal u li hija kienet inċidentalment toħloq drittijiet favur tiegħu, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet ukoll li bl-iffirmar ta' memorandum ta' reintegrazzjoni, il-membru tal-persunal kien ta l-approvazzjoni tiegħu dwar l-irtirar tad-deċiżjoni ta' xoljiment. Konsegwentement, l-irtirar inkwistjoni sar fl-osservanza tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi tal-imsemmi membru tal-persunal u tal-prinċipju ta' ċertezza legali. Għalhekk, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kien korrett meta qies li d-deċiżjoni ta' xoljiment kienet suġġetta għal irtirar. Barra minn hekk, fir-rigward tal-konsegwenzi legali tal-imsemmi rtirar, sa fejn id-deċiżjoni ta' xoljiment kienet meqjusa li qatt ma eżistiet, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kien korrett meta qies li r-reintegrazzjoni tal-membru tal-persunal kellha l-effett li tqiegħed mill-ġdid

**103/** Sentenza tat-12 ta' Novembru 2014, C-580/12 P, EU:C:2014:2363.

**104/** Sentenza tat-12 ta' Novembru 2014, C-580/12 P, EU:C:2014:2363.

retroattivament lil dan tal-aħħar fil-pożizzjoni tiegħu fid-data ta' meta l-kuntratt tiegħu ta' membru tal-persunal temporanju għal żmien determinat kien ġie xolt, u mhux li topera t-tieni tiġdid ta' dan il-kuntratt.

Fit-tieni lok, fis-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2017, ***Missir Mamachi di Lusignano et vs Il-Kummissjoni*** (T-401/11 P-RENV-RX, EU:T:2017:874), l-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali qieset li, fil-każ fejn istituzzjoni tkun responsabbli għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ta' protezzjoni li jkun ikkontribwixxa għat-twettiq tad-dannu speċifiku li l-imsemmi obbligu kien intiż li jipprekludi, hemm lok li jiġi kkunsidrat li dan in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, anki jekk ma jistax jitqies li huwa l-unika kawża tad-dannu, jista' jikkontribwixxi b'mod suffiċjentement dirett għat-twettiq tiegħu. B'hekk, fatt estern, prevedibbli jew imprevedibbli, jista' jitqies mill-qorti li la jista' jwassal għal ksur tar-rabta kawżali u lanqas li jikkostitwixxi ċirkustanza li teżenta totalment lill-istituzzjoni mir-responsabbiltà tagħha, peress li ż-żewġ kawżi, jiġifieri n-nuqqas żbaljat min-naħa tal-istituzzjoni u l-fatt estern, ikunu kkontribwixxew għat-twettiq tal-istess dannu. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, fil-funzjoni tagħha ta' qorti tal-appell, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, f'dan il-każ, minn naħa, li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, mingħajr ma wettaq żball ta' liġi, applika, essenzjalment, it-teorija ta' ekwivalenza tal-kundizzjonijiet u, min-naħa l-oħra, li r-rabta kawżali stabbilita mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fis-sentenza tal-ewwel istanza bejn in-nuqqas tal-Kummissjoni u d-dannu sostnut ma kinitx ġiet ikkontestata minn din tal-aħħar. B'hekk, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li kien mingħajr ma wettaq żball ta' liġi li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li, fil-każ ta' nuqqas li jikkonsisti f'nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ta' protezzjoni li kkontribwixxa għall-kawża tad-dannu speċifiku li l-imsemmi obbligu kien intiż li jipprekludi, anki jekk l-istituzzjoni ma setgħetx titqies li kienet prinċipalment responsabbli għad-dannu, din tal-aħħar kellha titqies li kienet koawtriċi tad-dannu. It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali qieset li mid-drittijiet tal-Istati Membri jirriżulta l-prinċipju ġenerali komuni li, f'ċirkustanzi simili għal dawk tal-kawża ineżami, il-qorti nazzjonali tirrikonoxxi r-responsabbiltà *in solidum* tal-koawturi għall-istess dannu, billi tqis ekwu l-fatt li l-persuna leża ma għandhiex, minn naħa, tiddetermina s-sehem mid-dannu li għalih kull wieħed mill-koawturi kien responsabbli u, min-naħa l-oħra, issostni r-riskju li xi wieħed minnhom li hija tkun qed tfittex ikun insolventi. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kien wettaq żball ta' liġi meta llimita għal 40 % is-sehem tal-Kummissjoni għall-kumpens għad-dannu materjali sostnut minn erbat itfal tal-membru tal-persunal li miet vittma ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ta' protezzjoni. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkundannat lill-Kummissjoni *in solidum* għall-ħlas tal-ammont ta' EUR 3 miljuni, bit-tnaqqis tal-benefiċċji skont ir-Regolamenti tal-Persunal meqjusa bħala li jagħmlu parti minn dan l-ammont imħallsa jew li għandhom jitħallsu lill-erbat itfal tal-membru tal-persunal li miet. It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali qieset li mid-drittijiet tal-Istati Membri ma kienx jirriżulta prinċipju ġenerali komuni li, f'ċirkustanzi simili għal dawk tal-kawża ineżami, il-qorti nazzjonali kienet tikkumpensa l-allegat dannu morali sostnut mill-membru tal-persunal li miet. Ir-raba' nett, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li mid-drittijiet tal-Istati Membri jirriżulta l-prinċipju ġenerali komuni li, f'ċirkustanzi simili għal dawk tal-kawża ineżami, il-preżenza ta' sistema li tiggarantixxi l-ħlas awtomatiku ta' benefiċċji lill-aventi kawża (dixxendenti) ta' membru tal-persunal li miet ma hijiex ostakolu sabiex l-imsemmija aventi kawża, jekk jidhrilhom li d-danni sostnuti ma jkunux koperti jew ma jkunux kompletament koperti minn din is-sistema, jirċievu wkoll kumpens għad-dannu morali tagħhom permezz ta' rikors quddiem qorti nazzjonali. F'dan ir-rigward, mid-drittijiet tal-Istati Membri jirriżulta wkoll prinċipju ġenerali komuni li d-dannu morali sostnut ma jistax ikun is-suġġett ta' kumpens doppju. Għaldaqstant, hija l-qorti li għandha tivverifika sa fejn sistema li tiggarantixxi l-ħlas awtomatiku ta' benefiċċju tkopri kompletament, parzjalment jew ma tkopri xejn id-dannu morali sostnut mill-aventi kawża qabel ma tiddetermina l-ammont tal-kumpens għall-imsemmi dannu. Fl-aħħar nett, mid-drittijiet tal-Istati Membri jirriżulta li l-prinċipju ta' responsabbiltà *in solidum* applikabbli għad-dannu materjali f'ċirkustanzi simili għal dawk tal-kawża ineżami japplika wkoll għad-dannu morali. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li dan ir-raġunament kien japplika wkoll għall-axxendenti tal-membru tal-persunal li miet.

# XVIII. TALBIET GĦAL MIŻURI PROVVIŻORJI

Il-Qorti Ġenerali ġiet adita fl-2017 b'47 talba għal miżuri provviżorji, numru li jirrappreżenta żieda sostanzjali meta mqabbel man-numru ta' talbiet imressqa fl-2016 (34). Bl-istess mod, in-numru ta' digrieti mogħtija u ta' kawżi magħluqa żdied b'mod sinjifikattiv. Fl-2017, ġew adottati 56 digriet [105], kontra 25 fl-2016 u ngħalqu 53 kawża kontra 20 fl-2016. Fi 8 kawżi, il-Qorti Ġenerali adottat digriet ta' sospensjoni skont l-Artikolu 157(2) tar-Regoli tal-Proċedura.

Id-digrieti mogħtija jkopru firxa wiesgħa ta' oqsma, fosthom jidhru prinċipalment id-dritt tal-kompetizzjoni u tal-għajnuna mill-Istat (erba' kawżi), il-miżuri restrittivi (tmien kawżi), il-kuntratti pubbliċi (sitt kawżi) u d-dritt istituzzjonali (ħdax-il kawża). Fir-rigward tal-kontenzjuż fil-qasam tad-dritt istituzzjonali, għandu jiġi rrilevat li numru relattivament kbir ta' kawżi kienu jirrigwardaw l-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew [106] u l-finanzjament ta' fondazzjonijiet jew partiti Ewropej [107].

Il-President tal-Qorti Ġenerali laqa' żewġ talbiet għal sospensjoni tal-eżekuzzjoni, b'digrieti tat-18 ta' Mejju 2017, ***RW vs IlKummissjoni*** (T-170/17 R, mhux ippubblikat, EU:T:2017:351) [108], u tal-25 ta' Awwissu 2017, ***Malta vs Il-Kummissjoni*** (T-653/16 R, mhux ippubblikat, EU:T:2017:583).

Bid-digriet tat-18 ta' Mejju 2017, ***RW vs Il-Kummissjoni*** (T-170/17 R, mhux ippubblikat, EU:T:2017:351) [109], il-President tal-Qorti Ġenerali ordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li permezz tagħha r-rikorrent, uffiċjal ta' 63 sena, tqiegħed fuq leave, skont l-Artikolu 42c tar-Regolamenti tal-Persunal, fl-interess tas-servizz u, fl-istess ħin, għall-irtirar *ex officio*.

L-Artikolu 42c ġie inkluż fir-Regolamenti tal-Persunal fl-aħħar riforma tagħhom bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 [110]. Wara l-eżami tal-kundizzjoni dwar il-"*fumus boni juris*", il-President tal-Qorti Ġenerali kkonkluda li r-rikorrent wera l-eżistenza ta' tilwima legali sinjifikattiva li s-soluzzjoni għaliha ma hijiex immedjatament evidenti u tistħoqqilha eżami fil-fond li għandu jkun is-suġġett tal-proċedura fil-mertu. Fil-fatt, prima facie, kemm il-kliem tal-Artikolu 42c tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll l-istruttura ġenerali tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-irtirar u t-terminazzjoni definittiva tal-funzjonijiet jiffavorixxu interpretazzjoni tal-Artikolu 42c tar-Regolamenti tal-Persunal

**105/** Din iċ-ċifra tikkorrispondi għad-digriet kollha adottati mill-Imħallef għal miżuri provviżorji, bl-esklużjoni tad-digrieti ta' nuqqas ta' lok li tingħata deċiżjoni / ta' tħassir, filwaqt li huma inklużi d-digrieti skont l-Artikolu 157(2) tar-Regoli tal-Proċedura kif ukoll id-digrieti adottati mill-Viċi President tal-Qorti Ġenerali, li ssostitwixxa lill-President tal-Qorti Ġenerali konformement mad-dispożizzjonijiet magħquda flimkien tal-Artikolu 157(4) u tal-Artikolu 11 tar-Regoli tal-Proċedura, jiġifieri d-digrieti tal-10 ta' April 2017, ***Exaa Abwicklungsstelle für Energieprodukte vs ACER*** (T-123/17 R, mhux ippubblikat, EU:T:2017:277), tal-21 ta' April 2017, ***Post Telecom vs BEI*** (T-158/17 R, mhux ippubblikat, EU:T:2017:281), u tas-26 ta' Settembru 2017, ***Wall Street Systems UK vs BĊE*** (T-579/17 R, mhux ippubblikat, EU:T:2017:668) – taħt appell, Kawża C-576/17 P(R), ***Wall Street Systems UK vs BĊE***.

**106/** Digrieti tas-16 ta' Frar 2017, ***Troszczynski vs Il-Parlament,*** T-626/16 R, mhux ippubblikat, EU:T:2017:92; tas-16 ta' Frar 2017, ***Le Pen vs Il-Parlament,*** T-140/16 R II, mhux ippubblikat, EU:T:2017:93; tas-16 ta' Frar 2017, ***Gollnisch vs Il-Parlament***, T-624/16 R, mhux ippubblikat, EU:T:2017:94; tas-6 ta' April 2017, ***Le Pen vs Il-Parlament,*** T-86/17 R, mhux ippubblikat, EU:T:2017:270; tas-26 ta' Ġunju 2017, ***Jalkh vs Il-Parlament***, T-27/17 R, mhux ippubblikat, EU:T:2017:431, u tas-26 ta' Ġunju 2017, ***Jalkh vs Il-Parlament*** T-26/17 R, mhux ippubblikat, EU:T:2017:432.

**107/** Digrieti tal-14 ta' Marzu 2017, ***ADDE vs Il-Parlament,*** T-48/17 R, mhux ippubblikat, EU:T:2017:170, u tal-4 ta' Lulju 2017, ***Institute for Direct Democracy in Europe vs Il-Parlament,*** T-118/17 R, mhux ippubblikat, EU:T:2017:465.

**108/** L-appell ġie miċħud bid-digriet tal-10 ta' Jannar 2018, ***Il-Kummissjoni vs RW***, (C442/17 P(R), mhux ippubblikat, EU:C:2018:6).

**109/** *Ibidem*.

**110/** Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2013, L 287, p. 15).

fis-sens li uffiċjal, li jkunu diġà laħaq l-età minima tal-irtirar, skont l-Artikolu 23 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, ma jistax jitqiegħed fuq leave fl-interess tas-servizz u, fl-istess ħin, għall-irtirar ex officio.

Bid-digriet tal-25 ta' Awwissu 2017, ***Malta vs Il-Kummissjoni*** (T-653/16 R, mhux ippubblikat, EU:T:2017:583), il-President tal-Qorti Ġenerali ordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li permezz tagħha din tal-aħħar kienet tat, fuq il-bażi tar-Regolament Nru 1049/2001 u wara t-talba konfermattiva ta' Greenpeace, l-aċċess għad-dokumenti li joriġinaw mir-Repubblika ta' Malta rigward is-sajd għat-tonn.

Wara l-eżami tal-kundizzjoni dwar il-"fumus boni juris", il-President tal-Qorti Ġenerali kkonkluda li r-Repubblika ta' Malta wriet l-eżistenza ta' tilwima legali u fattwali sinjifikattiva li s-soluzzjoni għaliha ma kinitx immedjatament evidenti u li kien jistħoqqilha eżami fil-fond li kellu jkun is-suġġett tal-proċedura fil-mertu.

Fl-eżami tiegħu, il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad, qabelxejn, l-argument tal-Kummissjoni li l-motivi tar-Repubblika ta' Malta kienu inammissibbli peress li dawn ma kinux jirreferu għall-eċċezzjonijiet materjali għall-aċċess għad-dokumenti stipulati fl-Artikolu 4(1) sa (3) tar-Regolament Nru 1049/2001. F'dan ir-rigward, il-President tal-Qorti Ġenerali osserva li t-teżi tal-Kummissjoni kienet twassal għall-konklużjoni li d-deċiżjonijiet tagħha dwar l-aċċess għal dokumenti jaħarbu, f'għadd kbir, l-istħarriġ ġudizzjarju u li tali riżultat jidher, prima facie, li huwa ftit li xejn konċiljabbli mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li l-Unjoni hija Unjoni tad-dritt li fiha kull att tal-istituzzjonijiet tagħha huwa suġġett għall-istħarriġ tal-konformità ma', b'mod partikolari, it-Trattati, il-prinċipji ġenerali tad-dritt u d-drittijiet fundamentali.

Fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 113 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 [111] dwar parti mid-dokumenti previsti mid-deċiżjoni kkontestata, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonstata li l-Artikolu 113 tar-Regolament Nru 1224/2009 ma jinkludi ebda riferiment għar-Regolament Nru 1049/2001 u jipprovdi, fil-paragrafi (2) u (3) tiegħu, li d-data skambjata bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni ma għandhiex tiġi trażmessa lil persuni minbarra dawk li l-funzjonijiet tagħhom, fl-Istati Membri jew fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni, jeħtieġu li jkollhom aċċess għaliha u ma tistax tintuża għal skopijiet oħra minbarra dawk stabbiliti f'dan ir-regolament. Minn dan, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonkluda li l-mod li bih ir-Regolamenti Nri 1224/2009 u 1049/2001 għandhom jiġu rrikonċiljati ma huwiex immedjatament evidenti, iktar u iktar peress li l-Artikolu 113 tar-Regolament Nru 1224/2009 jikkostitwixxi regola settorjali li kienet ġiet adottata diversi snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 1049/2001.

Fir-rigward tal-argument ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma eżaminatx bid-diliġenza meħtieġa l-portata tat-talba ta' aċċess għal dokumenti u li hija identifikat 121 dokument fil-fażi konfermattiva bħala li jaqgħu taħt din it-talba, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonkluda li ma jistax jiġi eskluż li t-trażmissjoni tad-dokumenti kollha li oriġinaw mir-Repubblika ta' Malta fir-rigward tat-tonn tmur lil hinn mill-portata tat-talba ta' aċċess għal dokumenti u jindika għalhekk li teżisti tilwima fattwali sinjifikattiva li s-soluzzjoni għaliha ma hijiex immedjatament evidenti u tistħoqqilha eżami fil-fond, li ma jistax jitwettaq mill-Imħallef għal miżuri provviżorji, iżda għandha tkun is-suġġett tal-proċedura fil-mertu.

Fost il-kawżi li fihom ġiet mitħuda t-talba għal miżuri provviżorji, hemm lok li tissemma' b'mod partikolari s-serje ta' kawżi dwar l-impjieg ta' assistenti tal-Membri tal-Parlament u l-kawżi relatati mal-irkant tal-kapaċità tat-trasport tal-pipeline OPAL.

**111/** Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU 2009, L 343, p. 1).

Fil-kawżi li wasslu għad-digrieti tas-16 ta' Frar 2017, ***Troszczynski vs Il-Parlament*** (T-626/16 R, mhux ippubblikat, EU:T:2017:92), tas-16 ta' Frar 2017, ***Le Pen vs Il-Parlament*** (T-140/16 R II, mhux ippubblikat, EU:T:2017:93), tas-16 ta' Frar 2017, ***Gollnisch vs Il-Parlament*** (T-624/16 R, mhux ippubblikat, EU:T:2017:94) [112], u tas-6 ta' April 2017, ***Le Pen vs IlParlament*** (T-86/17 R, mhux ippubblikat, EU:T:2017:270), Membri tal-Parlament talbu s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament li permezz tagħhom dan tal-aħħar kien ordna l-irkupru mingħandhom ta' somom indebitament imħallsa bħala spejjeż ta' assistenza Parlamentari permezz ta' tpaċija: imposta mensili ta' 50 % fuq l-allowance Parlamentari, imposta mensili ta' 100 % fuq l-allowance tal-ispejjeż ġenerali u imposta ta' 50 % fuq l-allowance tar-residenza.

Sabiex juru li l-kundizzjoni dwar l-urġenza kienet issodisfatta, ir-rikorrenti argumentaw inter alia li l-irkupru permezz ta' tpaċija ma kienx jippermettilhom jeżerċitaw b'mod effettiv u indipendenti l-mandat parlamentari tagħhom.

Il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad l-erba' talbiet għal miżuri provviżorji meta kkonstata li ma kienx ġie ppruvat li l-imposti kienu jippreġudikaw l-eżerċizzju effettiv tal-mandat ta' deputat Ewropew b'mod li jistabbilixxu l-urġenza. F'dan ir-rigward, huwa rrileva li jirriżulta kemm mir-regoli applikabbli għad-deputati kif ukoll mill-prassi tal-Parlament li l-irkupru permezz ta' tpaċija għandu jsir billi jiġu bbilanċjati, minn naħa, l-obbligu tal-istituzzjoni li tirkupra s-somom imħallsa indebitament u, min-naħa l-oħra, l-obbligu li titħares il-possibbiltà, għad-deputat ikkonċernat, li jeżerċita l-mandat tiegħu b'mod effettiv. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li l-Parlament ipproċeda għal irkupru permezz ta' tpaċija ma setax jitqies, fih innifsu, li kien att ta' natura li jippreġudika l-eżerċizzju effettiv u indipendenti, mir-rikorrenti, tal-mandat tagħhom ta' deputat.

Sussegwentement, il-President tal-Qorti Ġenerali rrileva li, fir-rigward tat-tnaqqis mensili ta' 50 % tal-allowance Parlamentari, ir-rikorrenti baqgħu ma spjegawx kif dan it-tnaqqis kellu l-effett li jwaqqafhom milli jeżerċitaw b'mod sħiħ il-funzjoni parlamentari tagħhom. Fir-rigward tal-imposta mensili ta' 100 % fuq l-allowance għall-ispejjeż ġenerali, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonstata li d-deputati kkonċernati (Jean-Marie Le Pen, Bruno Gollnisch u Marine Le Pen) ma kinux allegaw li l-ammont fiss huwa fir-realtà parzjalment remunerazzjoni moħbija. B'hekk, minħabba l-fatt li d-deputati jistgħu jitolbu r-rimbors tal-ispejjeż fil-fatt sostnuti, li jiggarantixxi l-assenza ta' ostakolu għall-eżerċizzju effettiv tal-mandat tagħhom, ma jistax jiġi konkluż li l-imposta mensili ta' 100 % fuq l-allowance tal-ispejjeż ġenerali tippreġudika l-eżerċizzju effettiv tal-mandat ta' deputat. Bl-istess mod, minħabba l-fatt li d-deputati jistgħu jitolbu r-rimbors tal-ispejjeż fil-fatt sostnuti, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonstata li lanqas l-imposta ta' 50 % fuq l-allowance tar-residenza ma kienet qed tippreġudika l-eżerċizzju effettiv tal-mandat ta' deputat Ewropew.

Fil-kawżi li wasslu għad-digrieti tal-21 ta' Lulju 2017, ***Polskie Górnictwo Naftowe i Gazownictwo vs Il-Kummissjoni*** (T-130/17 R, EU:T:2017:541), tal-21 ta' Lulju 2017, ***Il-Polonja vs Il-Kummissjoni*** (T-883/16 R, EU:T: 2017:542), u tal-21 ta' Lulju 2017, ***PGNiG Supply & Trading vs Il-Kummissjoni*** (T-849/16 R, EU:T:2017:544), il-President tal-Qorti Ġenerali eżamina t-talbiet għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tinfetaħ għall-kompetizzjoni 50 % tal-kapaċità mhux użata tal-pipeline OPAL, ikkostitwita mis-sezzjoni ta' fuq l-art, fil-Lvant, tal-pipeline tal-gass Nord Stream 1 li jittrasporta l-gass naturali mir-Russja lejn l-Ewropa tal-Punent billi jgħaddi mill-Baħar Baltiku.

Wara li kkonstata li żewġ kuntratti konklużi minn Gazprom, jiġifieri kuntratt ta' tranżitu għat-trasport ta' gass naturali permezz tas-sezzjoni Pollakka tal-pipeline Yamal-Europe għall-finijiet tal-provvista tas-swieq tal-Ewropa tal-Punent (inkluż is-suq Pollakk) u kuntratt konkluż ma' PGNiG Supply & Trading GmbH għal kunsinni ta' gass naturali, kienu japplikaw sal-2020 u sat-tmiem tas-sena 2022 rispettivament, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonkluda li l-isfruttament tal-kapaċità ta' trasport tas-sezzjoni Pollakka tal-pipeline Yamal-Europe u l-kunsinni

**112/** L-appell ġie miċħud bid-digriet tas-6 ta' Lulju 2017, ***Gollnisch vs Il-Parlament*** (C-189/17 P(R), mhux ippubblikat, EU:C:2017:528).

ta' Gazprom għas-suq Pollakk kienu, prima facie, żgurati sal-imsemmija snin. Għaldaqstant, anki fil-każ li n-natura ċerta tad-danni allegati mir-Repubblika tal-Polonja u ż-żewġ kumpanniji rikorrenti tiġi suffiċjentement ipprovata, dawn id-danni ma jkunux jistgħu jiġu rrealizzati qabel l-iskadenza tal-kuntratti msemmija hawn fuq. Issa, fid-dawl tat-tul medju tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali, is-sentenzi fil-mertu f'dawn il-kawżi probabbilment jingħataw matul is-sena 2019.

Fir-rigward tal-argument li d-deċiżjoni kkontestata kienet tippermetti l-konklużjoni ta' kuntratti ta' dritt privat li l-annullament tagħhom ma kienx iktar possibbli anki fil-każ ta' annullament sussegwenti tad-deċiżjoni, il-President tal-Qorti Ġenerali rrileva li, f'tali każ, kien hemm rimedji disponibbli fil-konfront tal-implimentazzjoni eventwali ta' dawn l-atti.

Konsegwentement, il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad it-talbiet għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni, peress li r-rikorrenti ma rnexxilhomx iġibu l-prova ġenwina li huma ma setgħux jistennew l-eżitu tal-proċeduri marbuta mar-rikorsi fil-kawżi prinċipali mingħajr ma jesponu ruħhom għal dannu gravi u irreparabbli.

# C/ ATTIVITÀ TAR-REĠISTRU TAL-QORTI ĠENERALI FL-2017

Minn M. Emmanuel COULON, Reġistratur tal-Qorti Ġenerali

Fiċ-ċentru tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, ir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali kien, għal darb'oħra din is-sena, għas-servizz ta' qorti li qiegħda tinbidel. Il-Qorti Ġenerali tikber u tittrasforma ruħha mar-ritmu tal-implimentazzjoni tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea intiża li tirdoppja, fi tliet stadji suċċessivi, in-numru ta' Mħallfin tal-qorti sal-2019 [1]. Il-kontenzjuż imressaq quddiem il-Qorti Ġenerali jiddiversifika ruħu u, f'ċerti aspetti, qiegħed isir dejjem iktar kumpless. Huwa f'dan il-kuntest li r-Reġistru wettaq it-trasformazzjonijiet ta' natura li jippermettulu jkompli jwettaq il-kompiti fdati lilu u jimplimenta l-ewwel żewġ stadji tar-riforma.

Il-bilanċ tas-sena 2017 huwa pożittiv għall-qorti. L-isfidi kkostitwiti mill-ewwel żewġ fażijiet tar-riforma ġew irrilevati. Għalkemm in-numru ta' kawżi ppreżentati (917) kompla jkun ogħla bi ftit unitajiet minn dak tal-kawżi magħluqa (895), li jispjega għaliex in-numru ta' kawżi pendenti żdied bi ftit (1 508), it-tul tal-proċeduri kompla jonqos u, kif il-perċentwali ta' annullament, totali jew parzjali, mill-Qorti tal-Ġustizzja juri, il-kwalità tad-deċiżjonijiet inżammet.

Bħala attur tal-ħajja ġudizzjarja intiż li juża bl-aħjar mod it-72 partita baġitarja li huwa ngħata sa mill-1 ta' Jannar 2016, ir-Reġistru kkontribwixxa għal dan is-suċċess u huwa b'sodisfazzjon li ġie kkonstatat, fi tmiem is-sena 2017, li l-kompiti fdati lilu mit-testi u mill-qorti twettqu bis-sħiħ, u dan fl-osservanza tar-rekwiżiti tas-smigħ xieraq.

Għal darb'oħra, ir-reġistru fil-fatt ipprovda assistenza ġudizzjarja u amministrattiva deċiżiva lill-Qorti Ġenerali:

- billi żgura l-iżvolġiment tajjeb tal-proċeduri u taż-żamma tajba tal-proċessi;
- billi żgura l-komunikazzjoni bejn ir-rappreżentanti tal-partijiet u l-Imħallfin;
- billi assista b'mod attiv lill-Imħallfin u lill-kollaboraturi tagħhom;
- billi amministra l-Qorti Ġenerali taħt l-awtorità tal-President tal-Qorti Ġenerali, flimkien mad-dipartimenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-riżultat huwa mingħajr dubju r-riżultat tal-impenn, li għandu jiġi rrikonoxxut, tan-nisa u l-irġiel li jikkostitwixxu r-Reġistru. Sod fl-involviment tiegħu ta' kuljum, il-persunal tar-Reġistru uża fil-fatt l-enerġija kollha tiegħu sabiex jaħdem b'mod effettiv mal-atturi kollha involuti.

L-attivitajiet tar-Reġistru twettqu b'eżiġenza, b'ċertu sens ta' interess ġenerali, bl-ambizzjoni li jiġi pprovdut servizz tal-ġustizzja eżemplari u bil-għan kontinwu li jittejjeb il-ħin ġudizzjarju. B'mod partikolari, ir-Reġistru dejjem fittex li jipproċessa l-atti proċedurali fi żmien xieraq u fittex li jistabbilixxi sistema li tippermetti li jiġu identifikati l-perijodi proċedurali eċċessivi u li l-persuni kkonċernati jiġu avżati sabiex jirrimedjaw is-sitwazzjoni.

1/ Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 341, p. 14), u Regolament (UE, Euratom) 2016/1192 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar it-trasferiment lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-ġurisdizzjoni fl-ewwel istanza f'tilwimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-persunal tagħha (ĠU 2016, L 200, p. 137).

# I. EFFETTI ORGANIZZATTIVI TAD-DĦUL FIS-SERVIZZ TA' ŻEWĠ IMĦALLFIN ĠODDA

Il-ħatra u d-dħul fis-servizz ta' żewġ Imħallfin ġodda saru fil-Qorti Ġenerali fl-2017 taħt it-tieni fażi tar-riforma. Din it-tieni fażi, li tinkludi l-ħatra ta' 7 Mħallfin addizzjonali tal-Qorti Ġenerali u t-trasferiment lill-Qorti Ġenerali tal-kompetenza sabiex taqta', fl-ewwel istanza, it-tilwimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-persunal tagħha, hija għalhekk magħluqa. Fir-rigward tal-ħatra tal-Imħallef li għad trid issir sabiex il-Kulleġġ ikun ikkostitwit minn 47 Imħallef, kif previst fl-Artikolu 48 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, din għandha ssir fiż-żmien opportun taħt l-ewwel fażi [2].

L-Imħallef Irlandiż u dak Belġjan inħatru fid-29 ta' Marzu u fis-6 ta' Settembru 2017, rispettivament, u ħadu l-ġurament tagħhom fit-8 ta' Ġunju u fl-4 ta' Ottubru 2017, rispettivament. Minn 44 Imħallef, in-numru ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali żdied, wara dawn il-ħatriet, għal 46.

Għalkemm id-dħul fis-servizz ta' dawn iż-żewġ Imħallfin ġodda ma kienx ekwivalenti fil-kobor tiegħu għal dak ta' 22 Imħallef ġdid li seħħ matul is-sena 2016, xorta waħda kellhom jittieħdu ċerti miżuri sabiex l-integrazzjoni tagħhom, kif ukoll dik tal-kollaboraturi tagħhom, tkun suċċess.

Wara d-dħul fis-servizz tagħhom, il-Qorti Ġenerali assenjat lil kull Imħallef ġdid lil awla u kkostitwixxiet il-portafolli ġodda tal-kawżi u assenjat mill-ġdid il-kawżi bejn l-Imħallfin. Konformement mar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, ir-Reġistru informa lill-partijiet fil-kawżi kkonċernati u ppubblika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea d-deċiżjonijiet ta' assenjazzjoni tal-imħallfin lill-awli meħuda mill-qorti [3]. Ir-Reġistru, konsegwentement, aġġorna d-databases interni kollha f'kull waħda mill-allokazzjonijiet mill-ġdid tal-kawżi.

Id-dħul fis-servizz u l-installazzjoni tal-Imħallfin il-ġodda, kif ukoll tal-persunal tal-kabinetti tagħhom, f'postijiet mgħammra għal dan il-għan ħtieġu wkoll assistenza amministrattiva min-naħa tar-Reġistru. Din ngħatat kemm permezz ta' xogħol ta' tħejjija mad-dipartimenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kemm permezz ta' akkoljenza u appoġġ iddedikati tal-persuni kkonċernati u kif ukoll permezz ta' segwitu strett tal-assenjazzjonijiet tal-persunal.

# II. KOMPITU TAL-ASSISTENZA ĠUDIZZJARJA

*Elementi tal-kuntest*

Fl-2017, it-twettiq mir-Reġistru tal-kompitu ta' assistenza ġudizzjarja tiegħu huwa rifless fl-ipproċessar ta' 917-il rikors promotur. Bi 98 kawża, li ħafna minnhom jifformaw parti minn serje ta' kawżi li fihom ġiet ikkontestata l-legalità ta' deċiżjonijiet dwar il-mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni adottat minn bank Spanjol, Banco Popular Español, SA, il-kontenzjuż fil-qasam bankarju u finanzjarju sar din is-sena t-tieni l-ikbar kontenzjuż wara dak tal-proprjetà intellettwali (298 kawża). B'86 kawża, in-numru ta' kawżi ġodda fil-qasam tas-servizz pubbliku naqas, min-naħa

**2/** Fil-31 ta' Diċembru 2017, Imħallef fost it-tnax-il Imħallef addizzjonali li l-ħatra tagħhom hija prevista fil-kuntest tal-ewwel fażi tar-riforma għad irid jinħatar.

**3/** Deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Ġunju 2017 (ĠU 2017, C 213, p. 2) u tal-4 ta' Ottubru 2017 (ĠU 2017, C 382, p. 2) dwar l-Assenjazzjoni tal-Imħallfin lill-Awli.

tiegħu, b'paragun ma' dak tas-snin preċedenti (167 kawża ġdida fl-2015 u 117-il kawża ġdida fl-2016 [4]). Kull wieħed minn dawn it-tliet oqsma tal-kontenzjuż (fost il-45 qasam li taħthom bħalissa jaqgħu l-kawżi pendenti) għandu partikolaritajiet li rrikjedew trattamenti speċifiċi min-naħa tar-Reġistru matul is-sena li għaddiet.

Barra minn hekk, ir-Reġistru rreġistra 55 070 att proċedurali fi 22 lingwa tal-kawża (mill-24 lingwa tal-kawża proċedurali li huma previsti fir-Regoli tal-Proċedura), ipproċessa 4 449 noti (minbarra rikorsi) prodotti fil-kuntest tal-kawżi pendenti, eżegwixxa d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kulleġġi Ġudikanti, fil-forma ta' miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura jew ta' miżuri istruttorji, u rrediġa 1 485 komunikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għalkemm, manifestament, ma huwiex possibbli li tiġi hawnhekk indikata d-data kollha sabiex tingħaraf il-portata tax-xogħol imwettaq mir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, l-identifikazzjoni ta' xi elementi tagħha, b'mod partikolari elementi ta' statistika, hija madankollu suffiċjenti sabiex jiġi enfasizzat il-kobor tal-piż tax-xogħol tiegħu:

- id-9 756 att proċedurali ppreżentati jinkludu 565 talba għal intervent (numru mingħajr preċedent fl-istorja tal-qorti) u 212-il talba għal trattament kunfidenzjali fil-konfront tal-partijiet jew fil-konfront tal-pubbliku;
- l-arkivji tal-kawżi fi stadju ta' istruzzjoni jirrappreżentaw 652 metru lineari ta' inkartament;
- ġew ippreżentati diversi rikorsi kollettivi, xi kultant b'1000 rikorrent jew iktar, u dan impona fuq ir-Reġistru xogħol ta' verifika konsegwenzjali;
- it-tmexxija tal-proċeduri ta' gruppi jew ta' serje ta' kawżi ħtieġet koordinazzjoni kemm fi ħdan ir-Reġistru nnifsu, minħabba l-pluralità tal-lingwi tal-kawża, kif ukoll mal-kulleġġi ġudikanti, għat-trattament ta' talbiet għall-proroga ta' termini, għat-tgħaqqid ta' kawżi, għal intervent u, eventwalment għal trattament kunfidenzjali f'kull waħda minn dawn il-kawżi;
- is-servizz tar-Reġistru ġie żgurat matul is-seduti għas-sottomissjonijiet orali fil-kuntest ta' 390 kawża, li wħud minnhom inżammew matul ġurnata sħiħa jew f'diversi ġranet;
- is-servizz tar-Reġistru ġie żgurat matul l-405 konferenzi tal-Awla;
- ġew deċiżi jew ordnati mijiet ta' miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura u għexieren ta' miżuri istruttorji, fir-rigward b'mod partikolari tal-produzzjoni ta' dokumenti li fir-rigward tagħhom ġiet invokata l-kunfidenzjalità.

Barra minn hekk, l-assistenza loġistika mogħtija mir-Reġistru f'diversi forom oħra (għajnuna għall-koordinazzjoni, dokumentazzjoni, rapporti ta' ġurisprudenza proċedurali, ġestjoni tas-sistemi ta' informazzjoni, il-produzzjoni ta' statistika) wasslet lill-qorti sabiex, għal darb' oħra, din is-sena, taħdem fl-aqwa kundizzjonijiet possibbli, b'mod partikolari billi kkontribwixxa għall-kwalità tad-deċiżjonijiet meħuda mill-President tal-Qorti Ġenerali u mill-Kulleġġi Ġudikanti jew billi assista lill-Viċi President fit-twettiq tal-kompitu ta' għajnuna għall-koerenza tal-ġurisprudenza li bih il-qorti inkarigatu f'Settembru 2016.

### *Diġitalizzazzjoni tal-istadji tal-proċedura ġudizzjarja*

Fit-twettiq tal-kompitu tiegħu ta' assistenza ġudizzjarja, ir-Reġistru seta' jkompli jibbenefika, matul is-sena li għaddiet, mid-diġitalizzazzjoni tal-kważi totalità tal-istadji tal-proċedura ġudizzjarja, inkluż, fuq livell intern, dak tal-iskambji mal-kabinetti tal-Imħallfin u, fuq livell estern, dak tal-iskambji mar-rappreżentanti tal-partijiet. Din

**4/** Fl-2015, ir-rikorsi fil-qasam tas-servizz pubbliku ġew ippreżentati quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. Fl-2016, dawn ir-rikorsi ġew ippreżentati quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku sakemm dan it-trubunal ġie xolt u, b'effett mill-1 ta' Settembru 2016, quddiem il-Qorti Ġenerali.

id-diġitalizzazzjoni ġiet estiża wkoll fl-2017 għat-trażmissjoni mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-proċess tal-proċedura quddiem il-Bord tal-Appell. Id-disponibbiltà tal-informazzjoni ġiet barra minn hekk imtejba matul is-sena li għaddiet bl-użu ta' verżjoni aġġornata tal-applikazzjoni informatika "Proċess elettroniku" tal-kawża.

Ċertament tali diġitalizzazzjoni ppermettiet lir-Reġistru jinħeles, fl-interess ta' kulħadd, minn kompiti repetittivi, billi tagħtu l-mezzi mhux biss sabiex jippersonalizza iktar ir-rispons mistenni minn dan is-servizz, iżda wkoll sabiex jimmobilizza r-riżorsi tiegħu fuq is-suġġetti li jistħoqqilhom attenzjoni partikolari.

Fir-rigward tal-iskambji bejn ir-Reġistru u l-kabinetti tal-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali, is-suċċess tad-dokumenti ta' trażmissjoni diġitali [5] għandu, fit-tmiem tat-tielet sena sħiħa ta' użu, jiġi għal darba oħra enfasizzat. Il-proċeduri interni ġew issemplifikati, il-metodi tax-xogħol ġew irrazzjonalizzati, xi riżorsi ġew iffrankati u nkiseb iktar ħin minħabba l-immedjatezza tal-iskambji bejn ir-Reġistru u l-kabinetti tal-Imħallfin. Il-mezz diġitali jippermetti, barra minn hekk, li tiġi żgurata traċċabbiltà sħiħa tal-iskambji u li l-attività tiġi kkwantifikata. Fl-2017, ir-Reġistru bagħat 12 930 dokument lill-kabinetti fil-kuntest tal-kawżi pendenti. Din l-informazzjoni turi, fiha nnifisha, żieda sostanzjali fl-iskambji bejn ir-Reġistru u l-kabinetti, żieda ta' madwar 19 % b'paragun mas-sena 2016.

L-iskambji mar-rappreżentanti tal-partijiet huma issa fil-parti kbira żgurati permezz tal-applikazzjoni informatika e-Curia [6], komuni għaż-żewġ qrati li jikkostitwixxu l-istituzzjoni. Il-perċentwali ta' preżentati li saru b'din l-applikazzjoni kompla jiżdied sa minn meta bdiet tintuża f'Novembru 2011, l-istess bħan-numru ta' avukati u ta' aġenti li għandhom kont ta' aċċess. Fl-2017, 83 % tal-preżentati quddiem il-Qorti Ġenerali saru b'dan il-mezz elettroniku (kontra 76 % fl-2016), jiġifieri 805 768 paġna [7].

L-Istati Membru kollha u 3 707 avukati u aġenti huma issa detenturi ta' kont e-Curia.

Minkejja li s-suċċess tal-applikazzjoni e-Curia huwa inkontestabbli, xorta jibqa' l-fatt li s-17 % tal-atti proċedurali li baqgħu jiġu ppreżentati fil-forma ta' inkartament ma jippermettux li jittieħdu l-benefiċċji prattiċi kollha ta' din l-applikazzjoni, b'mod partikolari billi jiġi evitat l-ipproċessar b'mod parallel ta' dokumenti fil-forma ta' inkartament u dokumenti elettroniċi. Għandu jiġi nnotat li, matul is-sena 2017, wara inizjattiva ta' taħriġ mir-Reġistru, il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (BUR) aċċetta li jitlob il-ftuħ ta' kont ta' aċċess e-Curia u b'hekk irrenda possibbli n-notifika elettronika ta' diversi mijiet ta' atti proċedurali.

L-iżvilupp tal-applikazzjoni e-Curia għadu għaddej, iżda l-progress għadu bil-mod. Barra minn hekk, fl-2018 il-Qorti Ġenerali ser tieħu passi determinati sabiex tilħaq il-mira ta' 100 % tal-preżentati tal-atti proċedurali mwettqa minn din l-applikazzjoni.

### *L-implimentazzjoni tal-qafas proċedurali tal-2015*

Is-sena 2017 kienet it-tieni sena sħiħa ta' implimentazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2015.

L-għanijiet ta' semplifikazzjoni u razzjonalizzazzjoni mfittxija jistgħu oġġettivament jitqiesu li ntlaħqu. L-istrumenti proċedurali li l-qorti adottat fl-2015 ġew użati bis-sħiħ u jirriżultaw li huma perfettament adatti għall-aspetti speċifiċi tal-kontenzjuż imressaq quddiem il-Qorti Ġenerali.

**5/** L-iskambji bejn ir-Reġistru u l-kabinetti tal-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali jsiru fil-forma ta' dokumenti ta' trażmissjoni intiżi sabiex jinformaw jew tingħata deċiżjoni mill-awtorità kompetenti dwar kwistjoni ta' proċedura. Dawn id-dokumenti huma ddiġitalizzati sa minn Novembru 2014.

**6/** Deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Settembru 2011 dwar il-preżentata u r-riċezzjoni ta' atti proċedurali permezz tal-applikazzjoni e-Curia (ĠU 2011, C 289, p. 9).

**7/** Permezz ta' estrapolazzjoni, in-numru ta' paġni ta' atti proċedurali ppreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali fl-2017 joqorbu lejn miljun.

It-tagħlimiet li jixraq li jissemmgħu huma:

- il-konferma tat-tnaqqis sinjifikattiv fin-numru ta' digrieti ppreparati mir-Reġistru (317 kontra 521 fl-2015) [8], u dan minkejja n-numru kbir ta' kawżi fi stadju ta' istruttorja;

- l-iżvilupp tar-riżoluzzjoni tar-rikorsi diretti b'sentenza mingħajr seduta għas-sottomissjonijiet orali [9], din il-possibbiltà ġiet implimentata 54 darba (u 152 darba fir-rigward tal-kawżi tal-proprjetà intellettwali);

- il-konferma li s-sistema lingwistika l-ġdida applikabbli għall-kawżi tal-proprjetà intellettwali ħelset lir-Reġistru minn numru kunsiderevoli ta' interventi u lill-Presidenti ta' Awla minn deċiżjonijiet, u wasslet għal għajbien kważi komplet tal-osservazzjonijiet fuq il-lingwa tal-kawża (22 kontra 279 fl-2015);

- il-konstatazzjoni li l-assenza tat-tieni skambju ta' noti fil-kawżi tal-proprjetà intellettwali ma wasslitx għal żieda fin-numru ta' talbiet sabiex tinżamm seduta għas-sottomissjonijiet orali u għenet sabiex tnaqqas it-tul medju ta' istanza ta' dawn il-kawżi deċiżi b'sentenza.

Barra minn hekk, ir-regola li tiddispensa minn deċiżjoni dwar talba għal intervent sakemm il-Qorti Ġenerali tkun għadha ma ħaditx pożizzjoni dwar eċċezzjoni ta' inammissibbiltà jew ta' nuqqas ta' kompetenza mressqa mill-konvenut iddispensat lill-qorti milli jkollha tieħu deċiżjoni dwar numru sinjifikattiv ta' talbiet ta' dan it-tip meta l-eċċezzjoni tkun ġiet milqugħa. Fl-aħħar nett, u fi kwalunkwe qasam ieħor, f'dan il-każ dak tas-servizz pubbliku, il-Qorti Ġenerali introduċiet diversi proċeduri ta' ftehim bonarju ta' tilwim, li wħud minnhom kienu suċċess.

Min-naħa l-oħra, għandu jiġi osservat li r-rata ta' regolarizzazzjoni tar-rikorsi li ma josservawx ir-rekwiżiti formali, li fl-2016 kienet tbaxxiet, reġgħet għoliet madwar il-kategoriji kollha tal-kawżi.

### *Assistenza kontinwa li hija impossibbli li tiġi kkwantifikata*

Ir-Reġistratur assista fix-xogħol tagħhom ta' kuljum lill-Kulleġġi Ġudikanti kollha u l-persunal tal-kabinetti tal-Imħallfin li jikkostitwixxihom. Huwa b'dan il-mod li dawn tal-aħħar setgħu jserrħu, għal darb' oħra din is-sena, fuq id-disponibbiltà kontinwa tal-persuni li jikkostitwixxu dan id-dipartiment u jibbenefikaw mill-għarfien espert tagħhom fil-qasam tat-teknika proċedurali. Huwa nnotat li ż-żieda fin-numru ta' Mħallfin u l-kollaboraturi tagħhom, li rriżultat mill-implimentazzjoni tar-riforma, kellha l-effett li żżid b'mod sinjifikattiv in-numru ta' talbiet interni lir-Reġistru. Fl-istess ħin, b'mod li juri l-flessibbiltà tiegħu, ir-Reġistru kompla jfittex is-sinerġiji u l-effettività billi kompla jadatta ruħu għaċ-ċirkustanzi u jipperfezzjona l-metodi ta' xogħol tiegħu.

Fl-aħħar nett, ir-Reġistru, permezz tar-rappreżentanti tiegħu, għadu jipprovdi assistenza lill-Kumitat tal-Qorti Ġenerali responsabbli għal kwistjonijiet ta' proċedura u lil kumitati u fora oħra skont il-ħtiġijiet jew in-natura tax-xogħlijiet.

**8/** Mill-1 ta' Lulju 2015, ċerti deċiżjonijiet li qabel kienu jittieħdu fil-forma ta' digrieti (sospensjoni u tkomplija, tgħaqqid ta' kawżi, intervent mingħajr kunfidenzjalità ta' Stat Membru jew ta' istituzzjoni) jittieħdu fil-forma ta' sempliċi deċiżjoni inkluża fil-proċess tal-kawża.

**9/** Qabel l-1 ta' Lulju 2015, il-possibbiltà li tingħata deċiżjoni b'sentenza mingħajr seduta għas-sottomissjonijiet orali kienet prevista biss għall-kawżi tal-proprjetà intellettwali u għall-appelli mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

# III. KOMPITU TA' ASSISTENZA AMMINISTRATTIVA

Bħala dipartiment amministrattiv, ir-Reġistru wieġeb, għal darb'oħra din is-sena, għad-diversi talbiet esterni li tagħhom huwa kien s-suġġett. Ittieħdu wkoll miżuri b'mod koordinat ma' diversi atturi amministrattivi oħra tal-istituzzjoni, sabiex:

- jikkonforma ruħu ma' rekwiżiti regolamentari ġodda intiżi għall-protezzjoni tal-ambjent (sistema "EMAS" – Eco-Management and Audit Scheme) permezz ta' azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni ta' diversi tipi u serje ta' azzjonijiet ferm konkreti, b'mod partikolari l-abbandun tad-distribuzzjoni fil-forma ta' inkartament ta' dokumenti prodotti mir-Reġistru (diversi settijiet ta' statistika u l-kalendarju ġudizzjarju) għall-benefiċċju ta' distribuzzjoni elettronika;

- jagħti effett utli sħiħ lill-mekkaniżmu implimentat sabiex jiżgura l-protezzjoni ta' data ta' sensittività estrema miġjuba fil-kuntest tal-kawżi mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali (data li l-komunikazzjoni tagħha tippreġudika s-sigurtà tal-Unjoni jew ta' wieħed jew iktar mill-Istati Membri tagħha jew it-tmexxija tar-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom);

- jiżgura li jikkonforma ruħu mal-leġiżlazzjoni relatata mal-protezzjoni tad-data personali.

Barra minn hekk, il-funzjonament tar-Reġistru u s-segwitu tal-kawżi li huwa żgura ġibdu l-attenzjoni tal-Qorti tal-Awdituri Ewropea fil-kuntest ta' proċedura ta' eżami tal-prestazzjoni fil-qasam tal-ġestjoni tal-kawżi fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. L-awdituri vverifikaw b'mod partikolari jekk il-proċeduri applikabbli kinux jippermettu pproċessar effiċjenti tal-kawżi u jekk iż-żmien għar-riżoluzzjoni tagħhom setax jitjieb iktar. Ir-Rapport Speċjali ġie adottat mill-Qorti tal-Awdituri f'Settembru 2017, u sussegwentement ġie spjegat u diskuss quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Fost il-possibbiltajiet ta' titjib previsti, il-Qorti tal-Awdituri ressqet il-possibbiltà li tiġi implimentata sistema informatika integrata għas-sostenn tal-ġestjoni tal-kawżi. F'dan ir-rigward, kif il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea indikat fl-osservazzjonijiet tagħha, din l-istedina għall-istudju, jew għall-implimentazzjoni, fid-dawl tal-aspetti speċifiċi tax-xogħol ġudizzjarju u tal-karatteristiċi ta' kull waħda mill-qrati, ta' sistema informatika integrata ntlaqgħet favorevolment. Min-naħa tiegħu, ir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali huwa dipartiment ta' sostenn li jixtieq ilesti d-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji sabiex ikun jista' jikseb il-benefiċċji kollha mistennija. Għalhekk, fl-2018, huwa se jkompli jikkollabora f'din id-direzzjoni mad-dipartimenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u ser ikompli bl-isforzi tiegħu ta' integrazzjoni fil-ġestjoni tal-kawżi u tal-modernizzazzjoni tas-sistema ta' skambju mal-partijiet.

Barra minn hekk, ir-Reġistru wettaq diversi azzjonijiet ta' kooperazzjoni fi spirtu ta' djalogu u ta' smigħ. B'hekk, f'Ottubru 2017, bit-tkomplija tal-iskambji mibdija f'Ġunju 2014 mar-Reġistru tal-Bordijiet tal-Appell tal-EUIPO, ġiet organizzata laqgħa bejn rappreżentanti taż-żewġ reġistri kif ukoll bejn rappreżentanti tad-dipartimenti responsabbli għal teknoloġiji ġodda. Din il-laqgħa ppermettiet lid-dipartimenti kkonċernati mhux biss li jkollhom skambji ta' sustanza u ta' benefiċċju, iżda wkoll li jiġu ffinalizzati proġetti miftiehma f'laqgħat preċedenti u li jinstabu oqsma ta' riflessjoni għall-futur.

Fl-istess spirtu, ir-Reġistru kiseb ispirazzjoni wkoll minn atturi ta' qrati oħra. F'dan ir-rigward, iż-żjara ta' delegazzjoni tar-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fir-Reġistru tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ippermettiet li jinftiehem aħjar kif dan tal-aħħar jiffunzjona, b'mod partikolari fir-rigward tal-għodod informatiċi li huwa juża.

Fl-aħħar nett, ir-reġistru huwa naturalment dipartiment li jisma' lir-rappreżentanti tal-partijiet, lill-avukati u lill-aġenti tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet, li magħhom huwa jżomm djalogu dirett u ta' kuljum.

Żieda fil-piż tax-xogħol tar-Reġistru bħala riżultat taż-żieda fin-numru ta' Mħallfin li seħħet fl-2016 u fl-2017, u tat-tkabbir tal-kontenzjuż u tan-numru ta' kawżi fi stadju ta' istruttorja tista' tiġi antiċipata, mingħajr preġudizzju għall-effetti tat-trasferiment ta' kompetenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja lejn il-Qorti Ġenerali, li jidher li r-rapport ikkomunikat fl-14 ta' Diċembru 2017 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni [10] ma jeskludix. Ir-Reġistru se jkompli konsegwentement jorganizza lilu nnifsu u jadatta ruħu sabiex jaffaċċja l-eżiġenzi futuri b'serenità.

**10/** Rapport dwar it-tibdil li jista' jkun hemm fit-tqassim tal-kompetenzi fil-qasam tad-domandi preliminari skont l-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, prodott konformement mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament 2015/2422.



# D/ STATISTIKA ĠUDIZZJARJA TAL-QORTI ĠENERALI

**I.** Attività ġenerali tal-Qorti Ġenerali – Kawżi ġodda, magħluqa, pendenti (2013-2017) **213**

**II.** Kawżi ġodda – Natura tal-proċeduri (2013-2017) **214**

**III.** Kawżi ġodda – Natura tar-rikors (2013-2017) **215**

**IV.** Kawżi ġodda – Suġġett tar-rikors (2013-2017) **216**

**V.** Kawżi magħluqa – Natura tal-proċeduri (2013-2017) **217**

**VI.** Kawżi magħluqa – Suġġett tar-rikors (2017) **218**

**VII.** Kawżi magħluqa – Suġġett tar-rikors (2013-2017) **219**

**VIII.** Kawżi magħluqa – Kulleġġ ġudikanti (2013-2017) **220**

**IX.** Kawżi magħluqa – Tul tal-proċeduri f'xhur (2013-2017) **221**

**X.** Tul tal-proċeduri f'xhur (2013-2017) **222**

**XI.** Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru – Natura tal-proċeduri (2013-2017) **223**

**XII.** Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru – Suġġett tar-rikors (2013-2017) **224**

**XIII.** Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru – Kulleġġ ġudikanti (2013-2017) **225**

**XIV.** Varji – Proċeduri għal miżuri provviżorji (2013-2017) **226**

**XV.** Varji – Proċeduri għal miżuri provviżorji (2013-2017) **227**

**XVI.** Varji – Deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali li minnhom sar appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (1990-2017) **228**

**XVII.** Varji – Tqassim tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont in-natura tal-proċeduri (2013-2017) **229**

**XVIII.** Varji – Eżitu tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (2017) **230**

**XIX.** Varji – Eżitu tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (2013-2017) **231**

**XX.** Varji – Żvilupp Ġenerali (1989-2017) **232**

**XXI.** Attività tar-Reġistru tal-Qorti Ġenerali (2015-2017) **233**

**XXII.** Metodi ta' preżentata ta' atti proċedurali quddiem il-Qorti Ġenerali **234**

**XXIII.** Numru ta' preżentati permezz tal-e-Curia (2013-2017) **235**

***XXIV.*** Komunikazzjonijiet lill-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (2013-2017) **236**

**XXV.** Numru ta' kawżi li fihom saru s-sottomissjonijiet orali (2013-2017) **237**

# I. ATTIVITÀ ĠENERALI TAL-QORTI ĠENERALI – KAWŻI ĠODDA, MAGĦLUQA, PENDENTI (2013-2017)[1 2]




| | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 |
|---|---|---|---|---|---|
| Kawżi ġodda | 790 | 912 | 831 | 974 | 917 |
| Kawżi magħluqa | 702 | 814 | 987 | 755 | 895 |
| Kawżi pendenti | 1 325 | 1 423 | 1 267 | 1 486 | 1 508 |

1/ Sakemm ma huwiex indikat mod ieħor, din it-tabella u t-tabelli fil-paġni li ġejjin jieħdu inkunsiderazzjoni l-proċeduri partikolari.

Huma meqjusa li huma "proċeduri partikolari" l-oppożizzjoni għal sentenza fil-kontumaċja (Artikolu 41 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja; Artikolu 166 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); l-oppożizzjoni minn terzi (Artikolu 42 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja; Artikolu 167 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); l-interpretazzjoni (Artikolu 43 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja; Artikolu 168 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); ir-reviżjoni (Artikolu 44 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja; Artikolu 169 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); l-għajnuna legali (Artikolu 148 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); ir-rettifika (Artikolu 164 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); in-nuqqas li tingħata deċiżjoni (Artikolu 165 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali) u l-kontestazzjoni dwar l-ispejjeż li jistgħu jinġabru (Artikolu 170 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali).

2/ Sakemm ma huwiex indikat mod ieħor, din it-tabella u t-tabelli fil-paġni li ġejjin ma jiħdux inkunsiderazzjoni l-proċeduri għal miżuri provviżorji.

## II. KAWŻI ĠODDA – NATURA TAL-PROĊEDURI (2013-2017)




| | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 [1] | 2017 |
|---|---|---|---|---|---|
| Appelli | 57 | 36 | 36 | 39 | |
| Għajnuna mill-Istat | 54 | 148 | 73 | 76 | 39 |
| Kompetizzjoni | 23 | 41 | 17 | 18 | 38 |
| Proċeduri partikolari | 88 | 93 | 93 | 103 | 110 |
| Proprjetà intellettwali | 293 | 295 | 302 | 336 | 298 |
| Rikorsi diretti oħra | 275 | 299 | 292 | 239 | 346 |
| Servizz pubbliku | | | | 163 | 86 |
| **Total** | **790** | **912** | **831** | **974** | **917** |

1/ Fl-1 ta' Settembru 2016, 123 kawża tas-servizz pubbliku u 16-il proċedura partikolari f'dan il-qasam ġew ittrasferiti lill-Qorti Ġenerali.

## III. KAWŻI ĠODDA – NATURA TAR-RIKORS (2013-2017)




| | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rikorsi għal annullament | 319 | 423 | 332 | 297 | 371 |
| Rikorsi għal nuqqas li tittieħed azzjoni | 12 | 12 | 5 | 7 | 8 |
| Rikorsi għad-danni | 15 | 39 | 30 | 19 | 23 |
| Rikorsi fil-każ ta’ klawżoli ta’ arbitraġġ | 6 | 14 | 15 | 10 | 21 |
| Proprjetà intellettwali | 293 | 295 | 302 | 336 | 298 |
| Servizz pubbliku | | | | 163 | 86 |
| Appelli | 57 | 36 | 36 | 39 | |
| Proċeduri partikolari | 88 | 93 | 111 | 103 | 110 |
| **Total** | **790** | **912** | **831** | **974** | **917** |

## IV. KAWŻI ĠODDA – SUĠĠETT TAR-RIKORS (2013-2017)

| | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 |
|---|---|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | 20 | 17 | 48 | 19 | 25 |
| Adeżjoni ta' Stati ġodda | 1 | | | | |
| Agrikoltura | 27 | 15 | 37 | 20 | 22 |
| Ambjent | 11 | 10 | 5 | 6 | 8 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | 13 | | 1 | 1 | 5 |
| Assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej | 1 | | | | |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | | 2 | 1 | 2 | 2 |
| Ċittadinanza tal-Unjoni | | 1 | | | |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi) | | 4 | 7 | 4 | 5 |
| Dritt Istituzzjonali | 44 | 67 | 53 | 52 | 65 |
| Dritt tal-kumpanniji | | 1 | 1 | | |
| Edukazzjoni, taħriġ professjonali, żgħażagħ u sport | 2 | | 3 | 1 | |
| Enerġija | 1 | 3 | 3 | 4 | 8 |
| Għajnuna mill-Istat | 54 | 148 | 73 | 76 | 39 |
| Impjieg | 2 | | | | |
| Klawżola ta' arbitraġġ | 6 | 14 | 15 | 10 | 21 |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 3 | 3 | 5 | 2 | 3 |
| Kompetizzjoni | 23 | 41 | 17 | 18 | 38 |
| Kultura | 1 | | | 1 | |
| Kuntratti pubbliċi | 15 | 16 | 23 | 9 | 19 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | | 1 | | 1 | |
| Libertà ta' stabbiliment | | 1 | | | |
| Miżuri restrittivi (Azzjoni esterna) | 41 | 69 | 55 | 28 | 27 |
| Moviment liberu tal-kapital | | | 2 | 1 | |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 1 | | 2 | 1 | |
| Moviment liberu tal-persuni | | | 1 | 1 | 1 |
| Netwerks trans-Ewropej | 3 | | | | 2 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 2 | | | 1 | |
| Politika ekonomika u monetarja | 15 | 4 | 3 | 23 | 98 |
| Politika industrijali | | 2 | | | |
| Politika komuni tas-sajd | 3 | 3 | | 1 | 2 |
| Politika kummerċjali | 23 | 31 | 6 | 17 | 14 |
| Politika soċjali | | 1 | | 1 | |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 294 | 295 | 303 | 336 | 298 |
| Protezzjoni tal-konsumaturi | 1 | 1 | 2 | 1 | |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | 12 | 3 | 5 | 6 | 10 |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | 5 | 2 | 10 | 8 | 2 |
| Saħħa pubblika | 5 | 11 | 2 | 6 | 5 |
| Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti | 1 | | | | |
| Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja | 6 | 1 | | 7 | |
| Tassazzjoni | 1 | 1 | 1 | 2 | 1 |
| Trasport | 5 | 1 | | | |
| Turiżmu | 2 | | | | |
| Unjoni doganali u Tariffa doganali komuni | 1 | 8 | | 3 | 1 |
| **Total Trattat KE/TFUE** | **645** | **777** | **684** | **669** | **721** |
| Proċeduri partikolari | 88 | 93 | 111 | 103 | 110 |
| Regolamenti tal-Persunal | 57 | 42 | 36 | 202 | 86 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **790** | **912** | **831** | **974** | **917** |

## V. KAWŻI MAGĦLUQA – NATURA TAL-PROĊEDURI (2013-2017)




| | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 |
|---|---|---|---|---|---|
| Appelli | 39 | 42 | 37 | 26 | 40 |
| Għajnuna mill-Istat | 60 | 51 | 101 | 50 | 24 |
| Kompetizzjoni | 75 | 72 | 52 | 36 | 18 |
| Proċeduri partikolari | 85 | 95 | 99 | 84 | 134 |
| Proprjetà intellettwali | 217 | 275 | 387 | 288 | 376 |
| Rikorsi diretti oħra | 226 | 279 | 311 | 266 | 237 |
| Servizz pubbliku | | | | 5 | 66 |
| **Total** | **702** | **814** | **987** | **755** | **895** |

## VI. KAWŻI MAGĦLUQA – SUĠĠETT TAR-RIKORS (2017)

| | Sentenzi | Digrieti | Total |
|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | 7 | 7 | 14 |
| Agrikoltura | 14 | 7 | 21 |
| Ambjent | | 3 | 3 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | | 2 | 2 |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | 1 | 3 | 4 |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi) | 2 | 3 | 5 |
| Dritt Istituzzjonali | 25 | 29 | 54 |
| Enerġija | 1 | 2 | 3 |
| Għajnuna mill-Istat | 13 | 11 | 24 |
| Klawżola ta' arbitraġġ | 11 | 6 | 17 |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 2 | 10 | 12 |
| Kompetizzjoni | 11 | 7 | 18 |
| Kultura | | 1 | 1 |
| Kuntratti pubbliċi | 12 | 4 | 16 |
| Miżuri restrittivi (Azzjoni esterna) | 22 | 4 | 26 |
| Moviment liberu tal-persuni | | 2 | 2 |
| Politika ekonomika u monetarja | 3 | 3 | 6 |
| Politika komuni tas-sajd | | 2 | 2 |
| Politika kummerċjali | 13 | 2 | 15 |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 272 | 104 | 376 |
| Protezzjoni tal-konsumaturi | 1 | | 1 |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | 3 | 1 | 4 |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | 5 | 7 | 12 |
| Saħħa pubblika | | 3 | 3 |
| Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja | | 5 | 5 |
| Tassazzjoni | | 3 | 3 |
| Unjoni doganali u Tariffa doganali komuni | 3 | 2 | 5 |
| **Total Trattat KE/TFUE** | **421** | **233** | **654** |
| Proċeduri partikolari | 1 | 133 | 134 |
| Regolamenti tal-Persunal | 70 | 37 | 107 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **492** | **403** | **895** |

## VII. KAWŻI MAGĦLUQA – SUĠĠETT TAR-RIKORS (2013-2017)
### (SENTENZI U DIGRIETI)

| | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 |
|---|---|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | 19 | 23 | 21 | 13 | 14 |
| Adeżjoni ta' Stati ġodda | | | 1 | | |
| Agrikoltura | 16 | 15 | 32 | 34 | 21 |
| Ambjent | 6 | 10 | 18 | 4 | 3 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | | 13 | | 1 | 2 |
| Assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej | | 1 | | | |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | 2 | | 2 | | 4 |
| Ċittadinanza tal-Unjoni | | 1 | | | |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi) | | | 5 | 1 | 5 |
| Dritt Istituzzjonali | 35 | 33 | 58 | 46 | 54 |
| Dritt tal-kumpanniji | | | 1 | | |
| Edukazzjoni, taħriġ professjonali, żgħażagħ u sport | 1 | 2 | | 1 | |
| Enerġija | 1 | 3 | 1 | 3 | 3 |
| Għajnuna mill-Istat | 59 | 51 | 101 | 50 | 24 |
| Impjieg | 2 | | | | |
| Klawżola ta' arbitraġġ | 8 | 10 | 2 | 17 | 17 |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 14 | 1 | 6 | 1 | 12 |
| Kompetizzjoni | 75 | 72 | 52 | 36 | 18 |
| Kultura | | | | 1 | 1 |
| Kuntratti pubbliċi | 21 | 18 | 22 | 20 | 16 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | | 1 | | 1 | |
| Libertà ta' stabbiliment | | | 1 | | |
| Miżuri restrittivi (Azzjoni esterna) | 40 | 68 | 60 | 70 | 26 |
| Moviment liberu tal-kapital | | | 2 | 1 | |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 1 | | 2 | 1 | |
| Moviment liberu tal-persuni | | | 1 | | 2 |
| Netwerks trans-Ewropej | | 1 | | 2 | |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | | 2 | 1 | | |
| Politika ekonomika u monetarja | 1 | 13 | 9 | 2 | 6 |
| Politika industrijali | | | 2 | | |
| Politika komuni tas-sajd | 2 | 15 | 3 | 2 | 2 |
| Politika kummerċjali | 19 | 18 | 24 | 21 | 15 |
| Politika soċjali | 4 | | | 1 | |
